# Festa Santa Marija - Mqabba 2010

## 100 Sena

Soċjetà Santa Marija u
Banda Re Ġorġ V



SUPPLY
& INSTALLATION
OF ALL KINDS OF
SOFFITS
& GYPSUM BOARDS



Mineral
Fibre Soffits



Demountable
Partitions



Bulkheads
and all kind of ceilings

Gypsum
Partitions



Xuereb Installations Ltd.
Tal-Hlas Road, Qormi
T: 21 495 799 - 21 495 972 - 21 495 836 - 21 495 792 - F: 21 495 834
E-mail: xil@xuerebinstall.com Website: www.xuerebinstall.com

Kumitat Eżekuttiv 2010 ........ Paġna 3
Mitt sena ghall-Imqabbin ...
Mużika, Kultura, Suċċess – Messaġġ tal-President tas-Soċjetà ........ Paġna 5
Is-sabih tal-esperjenzi huwa li jghinuna naghżlu l-futur – L-awgurju tas-Sindku ........ Paġna 7
Festa Speċjali – Riflessjoni mill-Kappillan tal-Parroċċa ........ Paġna 9
Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li jaħdmu b'risq is-Soċjetà taghna
– Messaġġ mis-Segretarju tas-Soċjetà ........ Paġna 11
Il-Każin u l-Festa jirrikjedu spejjeż kbar – Appell tal-Kaxxier ........ Paġna 13
1950 sena ta' fidi f'Malta - 100 sena tas-Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V – Messaġġ mid-Direttur Spiritwali ........ Paġna 15
Il-qofol u l-milja ta' kull festa – Messaġġ mill-Ghaqda Każini tal-Banda ........ Paġna 17
Armar li jibqa' jitgawda tul is-snin – Appell mill-Ghaqda tal-Armar ........ Paġna 19
Sehem il-mara fi hdan is-Soċjetà – Messaġġ mill-Fergha tan-Nisa ........ Paġna 23
Sena hidma bla waqfien ... L-estensjoni tal-Każin
– Messaġġ mid-Direttur tal-Każin ........ Paġna 25
Responsabbiltà biex inkomplu nkabbru l-Kultura Mużikali
– Messaġġ mis-Surmast Direttur tal-Banda ........ Paġna 27
Is-Sena taċ-Ċentinarju ........ Paġna 29
Bukkett ta' Mitt Warda f'Ġieh Santa Marija – Poeżija
– F'gheluq il-100 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Santa Marija
fl-Imqabba (1910-2010) ........ Paġna 37
9 t'April 1942 ... Ġrajjiet l-Imqabba ........ Paġna 39
Ċentinarju Taghna Lkoll
– Kanzunetta maħruġa mis-Soċjetà fl-okkażjoni tas-Sena taċ-Ċentinarju ........ Paġna 45
Trofew Chev. George Martin A. Mus. L.C.M.,O.S.T.J.
– L-attivist tas-Sena 2009 ........ Paġna 47
Programm Vokali u Strumentali nhar l-10 ta' Awwissu ........ Paġna 49
Programm Festi Esterni f'ġieh Santa Marija 2010 ........ Paġna 50
Funzjonijiet tal-Knisja ........ Paġna 53
Il-Banda Re Ġorġ V – Impenn fis-sena taċ-Ċentinarju ........ Paġna 55
Innu lil Santa Marija, Imtellgha s-Sema ........ Paġna 59
Profili – Diretturi u Surmastrijiet ........ Paġna 61
Tifkiriet – Ġużepp Żammit ........ Paġna 69
F'ġieh l-istorja ........ Paġna 71
Inkomplu nibnu fuq is-Suċċessi – Messaġġ mis-Sezzjoni Żghażagh Santa Marija ........ Paġna 75
Bukkett b'Mitt Warda lil Santa Marija – Poeżija ........ Paġna 83
Ċentinarju ta' Suċċessi Ghall-Każin Santa Marija – Poeżija ........ Paġna 83
Tifkiriet ........ Paġna 85
Il-Maġġur Anthony Aquilina, Is-Surmast tal-Marċi Maltin –
Poeżija - Gheluq il-25 sena mill-mewt
tal-Maġġur Anthony Aquilina (1985 – 2010) ........ Paġna 90
Statwa ġdida ta' Santa Marija f'Misrah il-Missjoni ż-Żghira ........ Paġna 91
Tempora Muntantur ........ Paġna 93
Suċċess kontinwu – Messaġġ mill-Ghaqda tan-Nar Santa Marija ........ Paġna 97
Programm tal-loghob tan-nar ........ Paġna 101
Poster Uffiċjali Marċ tal-Aħhar Tridu ........ Paġna 103
Ċelebrazzjonijiet denji ta' Champions ........ Paġna 105
L-Ghaqda tan-Nar Santa Marija – Ritratti ........ Paġna 106
Relazzjonijiet Internazzjonali ........ Paġna 109
Mitt Sena ghall-Imqabbin ... Mużika, Kultura, Suċċess
– Lenti fuq is-Soċjetà (1910-2010) ........ Paġna 113
60 Sena ilu… Il-mixja lejn id-Domma tal-Assunzjoni ........ Paġna 137
Leħen il-Fratellanza ........ Paġna 139
Xhieda ta' 300 sena devozzjoni lejn San Pawl fl-Imqabba ........ Paġna 141
Presidenti li mexxew is-Soċjetà ........ Paġna 147
50 Sena ilu… Il-Universal Joint ........ Paġna 163
Xbihat tal-Assunta fil-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ Ghawdex ........ Paġna 165
Mqabba F.C Youth Nursery ........ Paġna 167
Ir-Re Ġorġ V tal-Ingilterra
100 sena minn mindu George Saxe-Coburg und Gotha
inhatar Re tal-Imperu Britanniku ........ Paġna 171
Il-Pustier ta' Santa Marija – Leġġenda ........ Paġna 178
Bhalma l-Madonna telghet is-Sema bir-ruħ u l-ġisem, hekk aħna li nsalvaw,
ghad immorru s-Sema bir-ruħ u l-ġisem ........ Paġna 179
Innu lil Marija Assunta ........ Paġna 183
Minn fejn ser jghaddi l-marċ? ........ Paġna 184
Rendikont Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja – Festa Santa Marija 2009 ........ Paġna 186
Il-Pjazza tal-Imqabba – Tidher l-Istatwa ta' Santa Marija
qabel ġiet imġarrfa fit-Tieni Gwerra Dinjija – Ritratt tal-imghoddi ........ Paġna 186

**Artikolisti**
ABDILLA Antoine
AGIUS Mro. David
AGIUS FARRUGIA Pauline
BIANCHI Chev. Carmel
BRIFFA Carmel
CAMILLERI Gilbert
CAMILLERI Joseph
CARUANA Rev. Dun Nazzaren
CHETCUTI Joe
ELLUL Carmel
FARRUGIA Anthony
FARRUGIA Antoine
FARRUGIA Giovanni Battista
FARRUGIA Rev. Fr. Jonathan
FARRUGIA Joseph
FARRUGIA Stefano
FENECH Mario
GALEA Emanuel
GALEA Victor
GAUCI Paul
GHIGO Franġiska
SCIBERRAS Antoine
ZAHRA Carmel
ZAHRA Rev. Fr. Joseph O.P.
ZAMMIT David

**Bord Editorjali**
BRIFFA Carmel
ELLUL Carmel
SCIBERRAS Antoine
SPITERI Christopher

**Qari tal-Provi**
SCIBERRAS Elvin

**Riklami**
BRIFFA Carmel

**Ritratti tal-Faċċata**
L-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija meqjuma ġewwa l-Imqabba. Fl-isfond jidher il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u l-arma tas-Soċjetà li din is-sena qed tiċċelebra gheluq l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif taghha.

*Il-kontenut f'din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Bord Editorjali. L-Artikolisti kollha huma responsabbli ghal kitbiethom.*
© Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V – Mqabba, Malta Est. 1910
L-ebda parti minn dan il-ktieb ma tista' tiġi kkupjata minghajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.

**Design, Prepress & Printing**
BEST Print CO. LTD
**Żurrieq Road, Qrendi**
**Tel: 21 680789, 21 649012**
**E-mail: bestprint@maltanet.net**

TAR-ROBBA LIMITED

- Ġarr tal-Konkos
- Blokki tal-Franka
- Blokki tal-Konkos
- Blokki tas-Sejjieħ
- Garaxxijiet u Mħażen għall-Kiri
- Torba
- Ħitan tat-toroq

Tar-Robba l/o Kirkop ZRQ 10, Malta
Tel: (+356) 21 683558, 21 685332
Mob: 9949 3311
Fax: (+356) 21 642834
E-mail: johnghig@maltanet.net
















# Kumitat Eżekuttiv 2010

**Presidenti Onorarji**
Onor. Dr. Louis Galea B.A., LL.D., M.P., Sur Joseph Farrugia

**President**
Carmel Zahra

**Viċi-President**
Carlo Sciberras

**Segretarju**
Carmel Ellul

**Viċi-Segretarju**
Michael Ghigo

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Assistent Kaxxier/Delegat Banda**
Christopher Spiteri

**Uffiċjali Relazzjonijiet Pubbliċi**
Antoine Farrugia, Mario Zammit

**Direttur tal-Każin**
Anthony Farrugia

**Delegat tan-Nar**
Michael Ghigo

**Assistent Direttur tal-Każin/Delegat Attivitajiet**
Felix Galea

**Delegati għall-Armar**
Felix Galea, Patrick Ghigo

**Delegat tal-Planċier**
Benny Camilleri

**Direttur Spiritwali**
Fr. Joseph Zahra 0.P.

**Rappreżentanti fl-Għaqda Każini tal-Baned Maltin**
Carmel Briffa, Carlo Sciberras

**Reviżuri**
Antoine Abdilla, FransVella

**Konsulenti Legali**
Dr. Marse Ann Farrugia Dip. CAN.L.,LL.D., Dr. Mark Portelli B.A.,LL.D.

**Surmast Direttur tal-Banda**
Mro. David Agius A.Mus. L.C.M., A.Mus. V.C.M.(Hons.), A.L.C.M.

**Kummissjoni għall-Banda**
Nicholas Baldacchino, Antoine Farrugia, Alfred Galea, Christopher Spiteri, Adrian Zahra

**Kummissjoni Festi Ċentinarji**
Antoine Abdilla, Antoine Farrugia, Antoine Sciberras, Carlo Sciberras,
Dr. Charles Sciberras, Frans Vella, John Zammit, Mario Zammit

Maypole
since 1900



We bake the traditional way

tel: 2258 1581   web: www.maypole.com.mt   email: info@maypole.com.mt

Qormi - Żabbar - Fgura - Buġibba - Iklin - Ħamrun - Swatar - Attard

## Il-messaġġ tal-President tas-Soċjetà

# Mitt sena għall-Imqabbin ... Mużika, Kultura, Suċċess

**Is-Sur Carmel Zahra**

Huwa ta' unur għalija li qed inwassal dan il-messaġġ tiegħi bħala President ta' din is-Soċjetà f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tagħha. Tul dawn il-mitt sena ma kienx kollox faċli. Kien hemm żmien ta' tlugħ u nżul bħal ma kulħadd jew kull familja jkollha fil-ħajja tagħha. Però meta wieħed jiffaċċja l-isfidi b'impenn veru jasal biex jimxi kontra l-kurrenti u hawn ikun sar is-suċċess.

Minn żmien għal żmien l-antenati tagħna dejjem ħadmu u aħna komplejna warajhom, sabiex għollejna u kabbarna l-Festa tant għażiża għalina l-Imqabbin u għall-Maltin kollha, il-Festa ta' Santa Marija. Bil-kollaborazzjoni tas-sotto kumitati, stajna niksbu suċċessi kbar kemm nazzjonali kif ukoll fuq bażi internazzjonali bħalma huma l-Ġemellaġġ bejn iż-żewġ baned, dik tas-Soċjetà tagħna l-Banda Re Ġorġ V u dik ta' Santa Vittoria in Matenano mill-provinċja ta' Fermo fl-Italja, inkurunat bil-kisba tal-unur *Les Etoiles d'Or du Jumelage* – Stilel tad-Deheb għall-Ġemellaġġi. Barra minn hekk kellna suċċessi f'pajjiżna meta l-Banda Re Ġorġ V daqqet ġewwa t-Teatru Manoel kif ukoll internazzjonalment meta l-Banda daqqet waqt udjenza mal-Papa Benedittu XVI ġewwa s-Sala Nervi fil-Vatikan. Kellna wkoll is-suċċess meta l-Għaqda tan-Nar rebħet l-ewwel premju fl-Ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta li sar fil-Port il-Kbir fis-sena 2006 li segwa bis-suċċess l-ieħor dak tar-rebħ tal-ewwel premju fil-Kampjonat Mondjali tan-Nar Caput Lucis 2007 li sar ġewwa Ruma. Din is-sena wkoll iċċelebrajna ir-rebħ tal-ewwel premju fir-IV Edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art 2010 li sar fil-Furjana.

Ta' min jgħid li s-suċċessi ma jsirux biss bil-kisba ta' unuri minn Malta jew minn barra minn xtutna. Jien inħoss li s-Soċjetà għamlet suċċess ukoll meta nxtrat il-propjetà li għandha bħalma huma l-Każin, l-imħażen u l-post tan-nar kif ukoll dan l-aħħar bit-tkabbir tal-istess Każin. Ta' min ifakkar ukoll li dan l-aħħar snin sar ħafna xogħol ta' dekorazzjoni fis-sala prinċipali bil-pittura tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi u barra minn hekk ingħatat spinta kbira lill-armar.


Is-Sur Carmel Zahra, President tas-Soċjetà waqt żjara ta' korteżija li delegazzjoni mis-Soċjetà għamlet lill-E.T. President ta' Malta Dr. George Abela nhar it-12 ta' Jannar, 2010.

Dan ix-xogħol kollu ma jsirx mill-Kumitat biss, iżda bil-koperazzjoni tas-soċji u l-partitarji kollha. Għalhekk nixtieq nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lil kulħadd b'mod speċjali l-ewwel nett lil missirijietna li mexxew din is-Soċjetà b'għaqal u impenn kbir, lill-Eks Presidenti li mexxew din is-Soċjetà, lis-sotto kumitati kollha kif ukoll, lis-Surmast u l-bandisti, lill-benefatturi kollha u lis-soċji kollha li żgur li mingħajr il-kontribut tagħhom ma konniex naslu fejn wasalna.

Qabel nagħalaq dan il-messaġġ nixtieq nieħu spunt mil-logo Ċentinarju - Mitt sena għall-Imqabbin ... Mużika, Kultura, Suċċess. Għalhekk nixtieq inħeġġeġ b'mod speċjali liż-żgħażagħ sabiex jipprattikaw dak li hemm miktub fuq il-logo biex ikollna s-suċċess. Din is-sena b'mod speċjali nixtieq li niftakru fil-benefatturi li ħallew din id-dinja u li aħna qed ingawdu dak li ħallewlna.

Nagħlaq bis-soltu appell tiegħi biex kulħadd iġib ruħu sewwa matul il-ġranet tal-Festa. Nifirħu mingħajr ma nweġġgħu lil ħadd u nersqu lejn is-sagramenti u l-funzjonijiet tal-knisja u hekk ikollna Festa sabiħa u ta' suċċess kif tixtieq Ommna Marija mtellgħa s-sema. Il-Festa t-tajba lill-Imqabbin kollha. Grazzi.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tifraħ lis-
**Sur Carmel Zahra**, President tas-Soċjetà
fl-okkażjoni tal-għoxrin anniversarju bħala President tal-istess Soċjetà.
Nawgurawlu aktar ħidma b'risq is-Soċjetà tagħna.

# For all your Electrical & Plumbing Needs

# Farell Ironmongery

Blue Grotto Avenue, Żurrieq • Tel: 21647 960

Opening Hours:
Monday to Friday from 7.30am to 7.00pm & Saturdays from 7.00am to 1.00pm





## Messaġġ mis-Sindku tar-Raħal

# Is-sabiħ tal-esperjenzi huwa li jgħinuna nagħżlu l-futur

Is-Sur Emanuel Galea

Il-ħajja tagħna hija mibnija fuq ħafna affarijiet li bosta minnhom huma tajbin ħafna u oħrajn ftit inqas. Però kollha jibqgħu esperjenzi li jgħallmuna, anke l-iċken ħaġa. Qatt ma għandna nħallu taħrabilna l-okkażjoni li b'dak li seħħ fil-passat tagħna jew ta' oħrajn nitgħallmu minnha.

Din is-sena taħbat il-mitt sena tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Mhux ser nidħol fl-istorja kollha iżda ppermettuli nagħmel aċċenn għaliha. Meta ġie ppreżentat il-logo xhur ilu, kont preżenti u niftakar li laqatni ħafna. Tliet kelmiet li ġabru l-istorja tas-Soċjetà fil-qosor u nimmaġina l-iskop li bih kienet twaqqfet. Ma nimmaġinax li kien faċli dejjem iż-żmien li għaddiet minnu. Min jaf kemm il-partitarji tul is-snin kellhom jagħtu l-massimu tagħhom biex dak li bdew ta' qabilhom ikomplu jibnu fuqu u jippreparaw pedamenti ġodda għall-futur. Ma nimmaġinax anqas li naqsu ż-żminijiet jew esperjenzi diffiċli fuq is-Soċjetà iżda kieku ma għelbuhomx persważ li mhux qed jiġi ċċelebrat il-mitt sena.

Illum hemm sfidi ġodda li qed jersqu lejn is-Soċjetajiet u każini tal-banda li jiċċelebraw il-festi. Wieħed jifhem li mhux faċli taċċetta mill-ewwel realtajiet ġodda li minħabba ċirkustanzi ta' żmienna jeħtieġ li nidrawhom u nirkbu fuqhom biex b'hekk nibdluhom f'opportunitajiet. Mhux lok li minħabba fihom naqtgħu qalbna bħala Maltin li f'demmna hemm magħġuna l-heġġa li niċċelebraw fuq kollox. Żgur li mhux ser ikunu dawn iċ-ċirkostanzi ġodda li ser iżżommuna bħala Maltin milli nkomplu noffru Sjuf shah ta' spettakli u kultura lil ħafna Maltin u Għawdxin flimkien mal-mijiet ta' turisti li jżuru pajjiżna apposta. L-importanti biex dan iseħħ però, jeħtieġ li toktor is-solidarjetà bejn dawk kollha involuti. Irrilevanti x'festa jiċċelebraw. Id-diskussjoni ma tridx tieqaf mal-ewwel diffikulta' anzi trid tippersisti dejjem aktar. Għar-raġuni m'hemmx forza basta jitwarrab l-element personali u jitkattar dak soċjali. Jiena nemmen li dejjem teżisti soluzzjoni u għalkemm jiġu mumenti li fejn taqta' joħroġ id-demm, l-esperjenza tgħallem li jinqata' fejn joħroġ l-inqas.



Is-Sur Emanuel Galea, Sindku tal-Imqabba flimkien mal-President tas-Soċjetà, is-Sur Carmel Zahra u l-Kummissarju Għoli tal-Ingilterra, is-Sinjura Louise Stanton, josservaw il-wirja unika 'La Samana Santa' waqt il-'Lejla ta' Tifkira' organizzata fl-Imqabba nhar il-Ġimgħa 9 ta' April 2010.

Diffikultajiet niltaqgħu magħhom kuljum anke bħala Kunsill Lokali u nserħilkom raskom li jkun hemm minnhom li jiddependi ħafna x'niddeċiedu. Permezz tal-vot tagħkom aħna dħalna għal din ir-responsabbiltà wkoll li taf tinħass meta tkun tqila. Għall-grazzja t'Alla u tal-esperjenza li ksibna tul is-snin s'issa dejjem irnexxielna negħlbuhom u nħarsu 'l quddiem. Kull tant veru, trid tkun persistenti aktar min-normal biex twassal fejn tixtieq dak kollu li jkun hemm ippreparat, iżda dan kollu jkun fil-pakkett li tiftħu meta tiġi elett mill-poplu. Nifhem ukoll, għax jiġu mumenti li tkun ser iċċedi, tant tibda tara l-ħażin jew dak li ma tixtieqx ġej kontra biss u taħsbek ser tinfaqa' bil-piż tar-responsabbiltà li għandek. Alla ħares ma jkunux hemm dawk ta' madwarek l-aktar għeżież u jidħlu jerfgħulek biċċa fil-pront.

Biss għalkemm ngħaddi minnhom dawk il-ġranet, f'ħin minnhom inġib quddiem għajnejja l-esperjenzi sbieħ speċjalment meta tgħin jew neħħejt diffikulta' lil xi ħadd u dlonk nerġa' niċċarġja. Nemmen li hekk għandu jkun biex dawk li huma bħalna inkluż il-każini li jaħdmu fil-qasam tal-volontarjat jibqgħu jirnexxu għal aktar u aktar snin.

Filwaqt li nifraħ lill-President u Kumitat Ċentrali, Sezzjonijiet kollha fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V għal dak kollu pożittiv li sar matul l-aħħar mitt sena, f'isem il-Kunsill li jiena mmexxi nawguralkom kull suċċess f'dak kollu ppreparat. Tajjeb, li flimkien nirringrazzjaw lil Omma tas-sema talli żżomm idejha fuqna lkoll speċjalment fuq dawk kollha li b'ħafna sogru għalihom u sagrifiċċju għal familthom jaħdmu n-nar sabiex isebbħu u janimaw aktar il-festi sbieħ tagħna.

Email - noel.galea@global.net.mt

# TAX-XIHA RESTAURANT

Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq




*specialising in:*

**FRESH FISH AND MEAT**

***(A la Carte and Maltese Rabbit also available)***

**AND MANY SPECIAL DISHES**

*For reservations phone 21680684*

**Opening Hours (from 1st June onwards)**
**from 9.00am till 11.00pm**



## Il-messaġġ tal-Kappillan tal-parroċċa

# Festa speċjali

Dun Nazzaren Caruana

Nifhem li l-Festa ta' din is-sena għandha tkun waħda speċjali għas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u konsegwentement anke għar-Raħal tal-Imqabba. Dan minħabba l-fatt li din is-Soċjetà qed tiċċelebra l-Ewwel Ċentinarju tagħha.

Mill-wirja li saret dan l-aħħar fis-Sede tas-Soċjetà, fl-okkażjoni taċ-ċentinarju, stajt nifhem ftit minn kemm Soċjetà tgħaddi minn affarijiet. Kemm qtigħ il-qalb, kemm diżappunti imma wkoll ħafna sodisfazzjon u suċċessi. Iżda s-sigriet ta' kollox hi l-għaqda ta' bejnietna. Fl-għaqda t-tbatija tinqasam bin-nofs u l-ferħ jirdoppja.

Il-ħsieb meta twaqqfet din is-Soċjetà kien li trawwem ambjent kulturali bejn il-membri tagħha u anke fir-raħal tal-Imqabba, kif ukoll tkun ta' servizz għall-parroċċa tagħna speċjalment matul il-ġranet tal-Festa. Ta' dan kollu jiena nieħu l-okkażjoni nirringrazzja lis-Soċjetà tas-servizz li tat matul is-snin f'dan ir-rigward.

Li nħarsu lejn il-passat mhux biżżejjed…tajjeb li nkunu ftit saqajna fl-art u nħarsu dejjem 'il quddiem. Ngħixu maż-żminijiet tal-lum filwaqt li nirrispettaw il-valuri li tħaddan kull Soċjetà serja. U l-valuri tagħna huma msejsa fuq dawk tal-Vanġelu kif wassalhomlna Kristu stess. Għalhekk nawgura lis-Soċjetà Santa Marija li tkompli timxi 'l quddiem billi twassal dawn il-valuri speċjalment dawk tal-għaqda u mħabba lejn kulħadd.

Nieħu gost ngħid li dan l-aħħar qed naraw aktar maturità. Dan deher ċar fil-Quddiesa prinċipali taż-żewġ festi, meta kien hemm preżenza tas-Soċjetà l-oħra. Deher ukoll meta f'Ottubru li għadda ż-żewġ soċjetajiet daqqew flimkien, bl-istendardi tat-tnejn flimkien, flimkien ma' dak tal-Imqabba, f'okkażjoni organizzata mill-Kunsill Lokali. Illum qed nifhmu iżjed li għalkemm ikun hemm opinjonijiet differenti dan ma jfissirx li ma nistgħux nifirħu flimkien u nirrispettaw l-opinjoni ta' xulxin. Fl-aħħar mill-aħħar dan huwa wieħed mill-valuri fundamentali li l-Vanġelu jwasslilna.



Il-Kappillan Dun Nazzaren Caruana waqt il-ftuħ tal-wirja 'Lenti fuq is-Soċjetà (1910-2010)' li ġiet imtellgħa fis-swali tal-Każin bejn is-6 u l-20 ta' Ġunju 2010.

Ftit mumenti qabel Kristu miet fuq is-salib xtaq li jħallilna rigal mill-isbaħ…lil Ommu ("Hawn hi ommok" Ġw. 19,27). Ħallielna lil din il-mara biex fiha naraw mudell ċar ta' kif għandna ngħixu. Tispikka l-ħlewwa li kellha speċjalment lejn dawk batuti. Jispikka wkoll is-silenzju tagħha. Kienet tagħżel il-kliem li kienet tgħid..qatt ma tweġġa' bi kliemha iżda dejjem tinkoraġġixxi lil dak li jkun. Anke fin-niket tagħha qatt ma qatgħet qalbha għaliex kienet taf li Alla hu dejjem magħha. Is-sigriet ta' ħajjitha kienet l-għaqda sħiħa li kellha m'Alla. U dan kien jidher fil-mumenti li kienet issib matul il-ġurnata biex tingħaqad ma' Alla waqt it-talb tagħha. U għax dejjem ħabbet lil Alla dejjem stmerret id-dnub, għaliex dan juri s-suppervja tagħna meta naħsbu li weħidna nistgħu nimxu 'l quddiem. Meta nagħmlu hekk dejjem niżbaljaw u darba jew oħra jiddispjaċina.

Mhux ta' b'xejn li missirijietna għażlu lil Marija bħala l-Patruna tal-parroċċa tagħna. Dan sabiex aħna nitgħallmu mill-virtujiet sbieħ li kienet tħaddan u nippruvaw aħna wkoll nagħmlu bħalha.

Jiena għalhekk minn hawnhekk nixtieq lil kulħadd il-Festa t-Tajba. Li jkunu ġranet fejn tirrenja ċerta armonija bejnietna. Ġranet li fihom nieħdu l-okkażjoni sabiex nisimgħu l-Kelma t'Alla matul il-Kwindiċina. U li nersqu għas-sagramenti tal-qrar u tat-tqarbin.

Nirringrazzja lil dawk li qed jaħdmu għas-suċċess tal-festa ta' din is-sena. Ringrazzjament speċjali jmur għal tant nies li b'mod volontarju jarmaw il-knisja għall-okkażjoni u jaraw li din tkun nadifa. Grazzi wkoll għal tant oħrajn li jarmaw it-toroq tagħna u attivitajiet oħra li jsiru fuq barra bħalma huma l-baned u n-nar.

J'Alla Marija Mtellgħa s-Sema tkompli tħarisna kif dejjem għamlet.


ST. PAUL'S DENTAL CLINIC
L-istaff ta'
**St. Paul's Dental Clinic**
jixtieq jawgura l-festa
t-tajba lill-Imqabbin kollha.
Triq id-Dolmen, Ħal Safi
Tel: 27560272
Mob: 79092400


Sherwood Motoring School
Learn to Drive
We offer lessons for both manual and automatic cars and have both male and female qualified full time instructors.
For more information contact instructor Chris Micallef on 7972 8577.
STOP
SHERWOOD

## Messaġġ mis-Segretarju

# Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li jaħdmu b'risq is-Soċjetà tagħna

Is-Sur Carmel Ellul

Għaddiet sena oħra mill-aħħar messaġġ tiegħi fil-ktejjeb annwali tal-festa. Din kienet sena ferm impenjattiva fejn il-Kumitat kellu jħabbat wiċċu ma' ħafna problemi fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-Każin. Għall-grazzja t'Alla u ta' Ommna Marija dan il-proġett wasal fl-istadju finali tiegħu biex fl-okkażjoni tal-għeluq tal-mitt sena Soċjetà nkunu tajna rigal sabiħ u xieraq lis-Soċjetà tagħna. B'hekk, l-antenati li waqqfu s-Soċjetà tagħna u dawk ta' warajhom li komplew u aħna li qed immexxu llum, inkomplu nkabbru s-Soċjetà fiż-żmien li ġej fejn nispera li s-Soċjetà tibqa' ssib nies li jkomplu jindokraw u jkabbru l-kult Marjan fis-Soċjetà u r-raħal tagħna.

Din is-sena ma nistax ma nsemmix li fost is-soċi u l-partitarji li ħallewna kellna żewġ persuni li għal snin twal taw il-ħin liberu tagħhom b'risq is-Soċjetà. Hawn insemmi lil Joe Sciberras fil-qasam tan-nar u lil Joseph Zammit fil-qasam tal-banda. Minn hawn insellmilhom u nagħti l-kondoljanzi lill-familji tagħhom.

Nista' ngħid li wara l-festa li għaddiet flimkien mas-sotto kumitati tas-soċjetà u flimkien mal-kummissjoni mwaqqfa apposta biex tieħu ħsieb iċ-ċelebrazzjonijiet tal-mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjetà ma waqafniex mill-organizzazzjoni ta' attivitajiet diversi. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-kummissjoni tax-xogħol kollu li għamlet ta' kull xahar. Fost l-attivitajiet nixtieq insemmi l-attività tad-9 t'April, il-wirja fil-Każin dwar l-istorja tas-Soċjetà tul dawn il-mitt sena u attivitajiet varji oħrajn.

Is-Sezzjoni Nisa kienet strumentali biex kważi kull ġimgħa tellgħet attività kemm ġewwa s-sede tas-Soċjetà kif ukoll attivitajiet oħra sabiex ikomplu jinġabru fondi b'risq il-Każin.

Ta' sodisfazzjon kbir għal kulħadd din is-sena kien ir-rebħ tal-Festival tan-Nar tal-Art ġewwa l-Furjana, fejn is-Soċjetà tagħna permezz tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija rebħet tliet kategoriji biex spiċċat ir-rebbieħa assoluta ta' din ir-raba' edizzjoni. B'hekk żidna unur ieħor fis-Soċjetà tagħna flimkien ma' oħrajn li rbaħna mal-medda taż-żmien. Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li ħadmu biex inkiseb dan l-unur.

Fejn jirrigwarda n-nar tal-ajru, komplejna npaxxu lill-Maltin u lill-barranin bl-ispettakli li tellajna fil-Port il-Kbir u ġewwa n-Nadur Għawdex. Ma' dan kollu li semmejt, għall-Festa li ġejja l-Għaqda tan-Nar Santa Marija hejjiet programmi varji kemm f'dak li hu nar tal-ajru kif ukoll nar tal-art.



Is-Sur Carmel Ellul, Segretarju tas-Soċjetà jidher jispjega lill-E.T. President ta' Malta Dr. George Abela, id-dettall tal-pittura 'Il-Konvoj ta' Santa Marija' li tinsab fis-sala ewlenija tal-Każin, waqt iż-żjara li l-President ta' Malta għamel nhar l-24 ta' Jannar 2010, fil-Każin.

Fil-qasam taż-Żgħażagħ u f'dak tal-Armar, dawn komplew bil-ħidma tagħhom biex fil-ġranet tal-festa r-raħal tagħna jilbes il-libsa tal-festa u ż-żgħażagħ ikomplu jkabbru l-briju waqt il-marċi li s-Soċjetà tagħna torganizza.

Fil-qasam bandistiku, is-Soċjetà tagħna kompliet ittella' programmi ta' livell għoli u kompliet bit-taħriġ tal-alljievi. Ta' min isemmi li għall-ewwel darba fl-istorja tar-raħal tagħna bis-saħħa tal-Kunsill Lokali, iż-żewġ baned tal-Imqabba daqqew flimkien fl-attività mtellgħa mill-istess Kunsill Lokali. Dawn huma affarijiet li jagħmlu unur liż-żewġ soċjetajiet u lir-raħal tagħna u għandu jkun hemm iżjed attivitajiet li fihom iż-żewġ Soċjetajiet ikunu flimkien biex inkabbru r-relazzjoni ta' bejnietna. Nixtieq nirringrazzja lis-Surmast, il-bandisti u l-Kummissjoni Banda tax-xogħol tagħhom kemm matul il-ġranet tal-Festa kif ukoll matul is-sena kollha.

Niġi biex nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nirringrazzja lil eks-membri li kienu jiffurmaw parti mill-kumitati preċedenti; lil ħafna benefatturi tal-għajnuna li taw fl-estensjoni tal-Każin; lis-sotto kumitati fi ħdan is-Soċjetà tagħna tax-xogħol imwettaq minnhom matul is-sena; lill-pulizija tax-xogħol tagħhom fi żmien il-Festa; lill-Kunsill Lokali; lis-soċi u partitarji li jieħdu ħsieb jarmaw u jżarmaw l-armar tat-toroq fi żmien il-Festa; lill-Kappillan u l-kleru kif ukoll lil dawk kollha li jgħinu fil-Knisja matul il-ġranet tal-Festa.

Grazzi lil kulħadd.

Appell imur biex kulħadd jattendi għall-funzjonijiet tal-Knisja u biex waqt il-marċi nġibu ruħna sewwa biex inkomplu nagħtu ġieħ lil Ommna Marija kif ukoll ngħollu isem is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-twaqqif tagħha. Viva Santa Marija.





The following are three set menus which one can choose from, as well as one for children's party:

**Kids Menu**
- Ham Sandwiches
- Cheese Sandwiches
- Tuna Rolls
- Cheese Cakes
- Meat Pies
- Sausage Rolls
- Pizza
- Fancy Assorted Cakes

€1.35 p/p

**Menu 01**
- Ham Sandwiches
- Cheese Sandwiches
- Tuna Rolls
- Cheese Cakes
- Meat Pies
- Sausage Rolls
- Pizza
- Timpana
- Quiche Lorraine
- Canapés
- Shrimp Barquettes
- Stuffed Olives
- Fancy Assorted Cakes

€3.14 p/p

**Menu 02**
- Ham & Cheese Sandwiches
- Tuna Rolls
- Cheese Cakes
- Meat Pies
- Sausage Rolls
- Pizza
- Oriental Chicken Twirls
- Canapés
- Chicken Vol Au Vents
- Stuffed Eggs
- Ham with Asparagus
- Stuffed Olives
- Meat Balls
- Dips Platter
- Fancy Assorted Cakes

€4.00 p/p

**Menu 03**
- Ham & Cheese Sandwiches
- Tuna Rolls
- Cheese Cakes
- Meat Pies
- Spinach Qassatat
- Pizza
- Quiche Lorraine
- Canapés
- Shrimp Barquettes
- Stuffed Olives
- Piped Bigilla on a Tomato Bruschetta
- Oriental Chicken Twirls
- Gammon Slices
- Angels on Horseback
- Fish Balls
- Meat Balls
- Arancini
- Spring Rolls
- Dips Platter
- Fancy Assorted Cakes

€5.50 p/p

Neriku CONFECTIONERY EST. 1969

Neriku Confectionery Ltd. has now been established in the outside catering for more than 35 years. Specializing both in finger food parties, as well as tailor-made meals and different buffet tables, we have a wide range of satisfied clients all throughout the islands.

Prices include VAT. We also supply a vast variety of Cheese Cakes, Souffles, Gateaux and other cakes for all occasions. We hope you find this of interest and for any queries and further details please do not hesitate to contact us.

KW 27A, Corradino Industrial Estate, Paola PLA08, Malta **Tel:** 21 660 505/6/7 **Fax:** 21 660 508 **E-mail:** sales@nerikuconfectionery.com **Web:** www.nerikuconfectionery.com



# Victoria's Beauty Parlour

VICTORIA CUTAJAR - Beauty & Body Therapist & Electrologist C.I.B.T.A.C., DIP - CIDESCO
8, Triq Is-Suq, Qrendi Tel: 2164 2676 Mob: 7920 7158

Professional Services Include:
Facials (Specialized Face Treatments)
Non Surgical Face Lifting
Hydradermie Lift eyes
Body Treatments
Ultratone Slimming Treatments
Body Massage
Authentic indian head massage
Spa Treatments
Hydrotherapy Bath
Waxing
Electrolysis
Manicures & Pedicures
Eyebrow/Eyelash Tinting
Make-Up for all occasions

Aromatic Body

Beaute Neuve




GUINOT INSTITUT • PARIS · MARY COHR PARIS · dermalogica · ULTRATONE · EVA GARDEN by Paolo Gastelli



Appell mill-Kaxxier

# Il-Każin u l-Festa jirrikjedu ħafna spejjeż

Is-Sur Carmel Briffa

Wara sena sħiħa ta' ħidma kontinwa, ix-xhur gerrbu u magħna reġa' wasal ix-xahar t'Awwissu, ix-xahar li fih niċċelebraw bl-aktar mod solenni l-Festa tal-Patruna tagħna l-Imqabbin Santa Marija. Din is-sena l-Festa għandha sinifikat speċjali għaliex qegħdin niċċelebraw għeluq il-mitt sena tas-Soċjetà tagħna, Soċjetà bi storja glorjuża u mogħnija b'ħafna unuri.

Matul din is-sena x-xogħol kien iffukat fuq l-estensjoni tal-Każin. Ix-xogħol mexa b'ritmu mgħaġġel u nisperaw li sal-festa nkunu qrobna. Min qatt kien jobsor li f'għeluq il-mitt sena s-sede tas-Soċjetà kienet ser tirdoppja u hawn minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw l-għajnuna tagħhom.

Din is-sena wkoll f'għeluq il-mitt sena l-Għaqda tan-Nar tal-Art irnexxielhom iġibu unur ieħor lis-Soċjetà u ta' dan ħaqqhom kull tifħir. Kienet wirja kbira fuq il-Fosos tal-Furjana li paxxiet lid-dilettanti ta' Malta kollha. Dan l-unur żdied mat-tliet unuri l-oħra, dak permezz tal-Banda *Les Etoiles d'Or du Jumelage*, dak tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija fl-Ewwel Kampjonat tal-Logħob tan-Nar fil-Festival Internazzjonali ta' Malta 2006 u dak tal-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-Nar bl-isem ta' Caput Lucis fis-sena 2007 ġewwa Ruma.

Dawn l-unuri ma kienux jiġu li kieku ma kinetx il-ħidma fejjieda tas-sezzjonijiet kollha fi ħdan is-Soċjetà li ta' kull sena jippreparaw għal kull attività li ssir.

Is-Surmast flimkien mal-Kummissjoni Banda u l-bandisti li jippreparaw għal diversi kunċerti ta' matul is-sena speċjalment għall-programm speċjali tal-10 t'Awwissu li ta' kull sena jkun varjat. Il-Fergħa tan-Nisa li barra t-tindif tal-Każin u manutenzjoni fejn jidħol drapp, jieħdu ħsieb jorganizzaw attivitajiet matul is-sena kollha sabiex jgħinu finanzjarjament lis-Soċjetà speċjalment għall-estensjoni tal-Każin. Is-Sezzjoni Żgħażagħ li huma impenjati s-sena kollha sabiex iżommu l-każin ħaj bl-attivitajiet li jagħmlu u sabiex ikabbru l-briju matul il-ġranet tal-festa. L-Għaqda tan-Nar li għal dawn l-aħħar snin offriet spettakli kbar u għal din is-sena tinsab lesta sabiex tippreżenta dak l-ispettaklu uniku li d-dilettanti kollha ta' Malta u Għawdex ikunu qed jistennew.

Ħajr ukoll lis-soċi u l-partitarji li jieħdu ħsieb l-armar ta' barra u mhux inqas lill-benefatturi tal-għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem sibna mingħandhom matul is-sena. Tifhem għalhekk li kulħadd għandu jagħti s-sehem tiegħu kemm finanzjarjament kif ukoll manwalment fil-ġranet tal-festa. Inħeġġiġkom sabiex tkunu ġenerużi fl-għotjiet tagħkom. Bħalissa kemm il-kazin kif ukoll il-festa jirrikjedu ħafna spejjeż. Għalhekk nappella sabiex dawk li għadhom ma tawx sehemhom jagħmlu dan billi javviċinaw lil xi ħadd tal-Kumitat. Bis-sehem tagħkom tkunu qed tagħmlulna kuraġġ għall-ġejjieni.

Nagħlaq dan l-appell tiegħi billi nawgura festa mill-isbaħ lill-Imqabbin kollha u nħeġġiġkom sabiex tieħdu sehem fil-funzjonijiet tal-knisja kif ukoll tattendu bi ħġarkom għall-programm ta' attivitajiet li ħejjejna. Nieħdu pjaċir flimkien mingħajr ma noffendu lil ħadd. J'Alla Santa Marija żżommna magħqudin flimkien.

Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabbin.



Is-Sur Carmel Briffa, Kaxxier tas-Soċjetà flimkien ma' uffiċjali u membri tal-Kumitat Eżekuttiv waqt iż-żjara li l-E.T. President ta' Malta Dr. George Abela għamel fil-Każin nhar l-24 ta' Jannar 2010.

# Kristianne Stationery

MATTIA PRETI SQUARE, ZURRIEQ

Tel: 21649150/21647391 email: kristsouth@onvol.net





SMART CARD ACCEPTED

For all your stationery needs, books, gifts, greeting cards, .....

Photocopying - Binding - Lamination - Book Covering

## Messaġġ mid-Direttur Spiritwali

# 1950 sena ta' fidi f'Malta - 100 sena tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V

Patri Joseph Zahra O.P.

Reġa' wasal l-Għid tal-Assunta, u reġa' mess lili wkoll sabiex nikteb il-messaġġ tiegħi f'dan il-ktieb tal-festa tagħna. Festa li din is-sena hija mmarkata b'żewġ anniversarji importantissimi għalina. Festa li għaliha kien imiss lili wkoll biex nipprietka t-Tridu tal-Festa Titulari tagħna, il-Festa tal-Assunta. Nitlobkom titolbu għalija ħalli joħroġ il-ġid minn dan it-Tridu.

Bħala Maltin, din is-sena qegħdin niċċelebraw l-1950 sena mill-miġja ta' San Pawl f'Malta u allura dawn huma s-snin tal-patrimonju nisrani mimli b'fidi u qlubija. Bħala Mqabbin, qegħdin niċċelebraw il-100 sena, l-ewwel ċentinarju, tas-Soċjetà tagħna li ġġib l-isem ta' Santa Marija.

Quddiem dawn l-anniversarji, jiena kont ħejjejt talb u ħsibijiet speċjali għall-Adorazzjoni Ewkaristika li aħna bħala membri ta' din is-Soċjetà suppost li nagħmlu flimkien fil-parroċċa tal-Imqabba fil-ftuħ tal-Kwaranturi tal-Għid il-Kbir, parroċċa li ġġib l-isem ta' Santa Marija u li allura għandha tkun wisq għal qalbna. Minħabba li għal dik l-adorazzjoni, kienu ftit ħafna dawk li attendew, f'dan il-messaġġ tiegħi, filwaqt li nagħmel appell biex nieħdu aktar bis-serjetà l-appuntamenti li jkollna fil-parroċċa tagħna, nixtieq naqsam magħkom hawn dawn il-ħsibijiet li konna għamilna:

**L-Ewwel nett, ladarba qegħdin niċċelebraw l-1950 sena mill-miġja tal-Appostlu San Pawl fostna, tajjeb li nagħmlu riferiment lejn it-tagħlim fl-Ewkaristija li hu ħallielna. Dan nagħmluh għax ħafna huma dawk illum fostna li jiċħdu din il-verità, u jinterpretawha kif jaqbel lilhom. Hemm bżonn urġenti li neqfulhom permezz tal-fidi qawwija tagħna.**

Fl-ewwel Ittra lill-Korintin (1 Kor 11, 23-25), insibu dawn il-preċiżi kelmiet:

*"Jien irċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu u qal: 'Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi.' Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: 'Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi; agħmlu dan kull meta tixorbu, b'tifkira tiegħi."*

Tajjeb inkunu nafu li Pawlu kiteb dan meta l-Evanġelji kienu għadhom ma nkitbux. Dan ifisser li hawn għandna l-ewwel rakkont tat-twaqqif tal-Ewkaristija fit-Testment il-Ġdid, u iva dan huwa kliem li għandna noqogħdu fuqu.... fl-aħħar mill-aħħar, **dan hu kliem ispirat mill-Ispirtu s-Santu u allura din hija Kelma ta' Alla**, iktar milli hija kelma ta' San Pawl. Tajjeb ninnutaw li fis-silta ta' qabel din, San Pawl jgħid hekk:

*"Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda"*
(1 Kor 10, 16-17).



Patri Joe Zahra O.P., Direttur Spiritwali tas-Soċjetà, waqt quddiesa li ġiet organizzata bħala l-bidu tal-festi reliġjużi għas-Sena taċ-Ċentinarju nhar il-21 ta' Frar 2010.

**U għalhekk aħna u niċċelebraw dawn il-100 sena tas-Soċjetà, għandna naħdmu ħafna għall-għaqda bejnietna.. Il-ħobż u l-kalċi (l-Inbid) jsiru espressjoni tal-għaqda flimkien ta' dawk li jemmnu u jieħdu sehem mill-Ewkaristija... għalhekk il-festi tagħna niċċelebrawhom dejjem biċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija – il-Festi tagħna jridu jkunu sinjal ta' għaqda u mhux ta' firda. Għalhekk ukoll jagħmel ħażin ħafna min ma jersaqx għal din l-għaqda, għal din l-Ewkaristija ta' lanqas kull nhar ta' Ħadd – il-Jum li fih niċċelebraw il-Qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu mill-Imwiet. Kull nhar ta Ħadd huwa l-Għid il-Kbir tal-Mulej. Kull nhar ta Ħadd hija l-Festa l-Kbira tagħna!!**

Iżda kif għandna nersqu? Araw x'jgħid San Pawl:

*"Mela kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej. Ħa jagħrbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi" (1 Kor 11, 27-28).*

Pawlu jishaq hawnhekk li hemm bżonn li tassew nemmnu fil-preżenza reali ta' Ġesù fl-Ewkaristija, tant li ma nistgħux nersqu għat-tqarbin bla ma nkunu għarbilna sew lilna nfusna, bla ma nkunu ersaqna lejn ir-rikonċiljazzjoni ma' Alla (is-sagrament tal-Qrar)... Kemm-il darba qed nersqu għall-qrar? Kif nersqu? Kemm nersqu għat-tqarbin?

Mulej Ġesù, għallimna nifhmu l-importanza ta' dawn is-sagramenti li inti ħallejtilna. Għallimna nifhmu li dawn huma s-sinjali li jidhru li permezz tagħhom aħna nirċievu l-grazzja tiegħek – grazzja li twassalna ma' Ommna Marija fi ħdanek fis-Saltna tas-Smewwiet. Amen. **NAPPELLA BIEX NERSQU GĦALL-QRAR U T-TQARBIN. IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD**


Manuel Bezzina Co Ltd
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGħA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
DERBY
Patata safra l-iżjed bikrija f'Malta reżistenti
għall-mard u għammiela ħafna li ser tiġi esportata.
LISETA
Bikrija
ALPHA
Safra
SLANEY
Bajda
DRUID
Ħamra
AVONDALE
Bajda
CARA
Ta' Għajnha
Ħamra
ARRAN BANNER
Aktar Tagħrif
Manuel Bezzina Co Ltd
'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur NXR 08
Tel: (Res) 21410204, (Ta' Qali) 21418192
Mob: 99497346 • Fax: 21412587



## Messaġġ mill-Għaqda Każini tal-Banda

# Il-qofol u l-milja ta' kull festa

Huma ħafna dawk li minn sena għal oħra jistennew b'ħerqa kbira l-festa tal-Belt jew Raħal tagħhom. Ewlenin fost dawn insibu l-għexieren ta' dawk impenjati fil-Kumitati, Kummissjonijiet u Sezzjonijiet li fil-biċċa l-kbira minnhom huma fi ħdan il-Każini tal-Banda u li jaħdmu s-sena kollha b'sagrifiċċju personali biex jorganizzaw il-Festa. Dawn l-inizjattivi huma ta' min ifaħħarhom u jinkoraġġihom.

L-Għaqda Każini tal-Banda li tirrappreżenta lill-Baned kollha ta' Malta u Għawdex minbarra t-tnejn tal-Belt, matul din is-sena, minbarra l-ħafna xogħol li tagħmel għall-ġid tal-baned Maltin u Għawdxin, tat ukoll kontribut kbir dwar id-Dokument Konsultattiv li ħarġet id-Djoċesi tal-Knisja Maltija.

Liema dokument ingħata pubbliċità kbira u ngħidu li anke ġie manipulat mill-media kif ukoll minn uħud li ftit li xejn jifhmu fil-festi.

Quddiem din is-sitwazzjoni, ir-rappreżentanti tal-Baned urew maturità u għaqal kbir u flok tkaxkru mal-kurrent, flimkien studjaw id-dokument u qablu dwar proposti konkreti biex jirranġaw dak li mhux sejjer tajjeb fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festi. Proposti li għamlu ġieħ lill-Każini tal-Banda.

Il-festi fil-bidu tagħhom kellhom aktar rabta reliġjuża milli soċjali kif nafuhom illum, fejn iċ-ċirkustanzi tal-ħajja kienu ħafna differenti. Imma l-ħsieb prinċipali kien u hekk għandu jibqa' li fil-ġranet tal-festa rridu naħsbu fuq il-ħwejjeġ kbar u tal-għaġeb li Alla għamel fil-qaddejja tiegħu, u bħala nsara għandna nippruvaw nimxu fuq l-għemejjel tagħhom. Dan huwa l-qofol u l-milja ta' kull festa.

Hawn qbil li kif qegħdin jiġu ċċelebrati l-festi hemm x'wieħed jirranġa. Hija ħaġa tajba li jkun hemm gwida maqbula minn dawk kollha involuti fl-organizzazzjoni tal-festi biex nilħqu l-għanijiet tagħna.

Nafu li s-sitwazzjoni hija differenti f'kull raħal u belt, bejn festa u oħra. Għalhekk l-għaqda mill-bidu ta' dan l-eżerċizzju għarfet il-bżonn li jkun hemm aktar koordinament u involviment fuq bażi parrokkjali fejn dawk kollha involuti fl-organizzazzjoni tal-festa jkunu jistgħu jagħmlu awto-kritika tas-sehem tagħhom u flimkien jaraw li mixjin fuq gwidi maqbula. Barra minn dan nifhmu wkoll li hemm ħtieġa ta' edukazzjoni kontinwa dwar l-imġiba waqt il-ġranet tal-festa, li għalkemm din hija xi ħaġa li ilna nitkellmu dwarha, ftit li xejn sar progress fuqha.

Ninsabu sodisfatti bil-mod kif tmexxew id-diskussjonijiet bejn l-Għaqda u l-Awtoritajiet tal-Knisja. Nawguraw li dawk kollha impenjati fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa jaħdmu biex flimkien issir iż-żabra li hemm bżonn. Biex dan iseħħ hemm bżonn li nwaqqgħu l-ħitan li tul is-snin inbnew bejn każin u ieħor, festa u oħra. Nifhmu li mhux faċli u jinħtieġu sagrifiċċji u dixxiplina.

Imma jekk aħna konvinti mill-għanijiet tagħna, jirnexxielna naslu biex ikollna festi li jagħtu ġieħ lil Alla qabel kollox, lill-Qaddisin li tant inħobbu u lis-Soċjetajiet tagħna.

L-Eżekuttiv tal-Għaqda Każini tal-Banda jawgura l-Festa t-Tajba lis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V kif ukoll lill-Imqabbin kollha fl-okkażjoni tal-Festa f'ġieħ Santa Marija.

Websajt Uffiċjali tas-Soċjetà

www.santamarija.com

30 Years of Service

ATTARD BROS

GROUP OF COMPANIES

Mikesand, Industrial Zone ta' Qali RBT 13
Tel: 2141 5332Fax:2143 0967 Email:info@attardbros.com



**Attard Bros. Co. Ltd.**

Building, Civil Engineering and Hard Landscaping Contractors



**A.C.S. Ltd.**

Producers of Precast Prestressed Concrete Panels, Beams and Predalles Slabs.



**Cementstone Mfg. Ltd.**

Producers of Hollow concrete Blocks, Roofing Blocks, Coping Stones, Curbs and Paving Blocks.



**Attard Blue Mix Ltd.**

Producers of Ready Mixed and Pump Mix Concrete, Concrete Additives, Steel Bars, Stirrups, Steel Mesh and all type of Steel Reinforcement.



**Eurocraft Ltd.**

Manufacturers and Suppliers of High Quality Contract Furniture.



**Attard Developments Ltd.**

Developers of Residential and Commercial Buildings.

*Your Construction Partner*

www.attardbros.com



Messaġġ mill-Għaqda tal-Armar Santa Marija

# Armar li jibqa' jitgawda tul is-snin

Is-Sur Antoine Abdilla

Reġa' wasal ix-xahar t'Awwissu li miegħu jġib il-festa tant għażiża għalina l-Imqabbin, il-festa ad unur il-Patruna tal-Imqabba Santa Marija.

Għal din is-sena l-Għaqda tal-armar bħall-għaqdiet l-oħra fi ħdan is-Soċjetà tagħna ma bqajniex lura milli nkomplu naħdmu biex insebbħu r-raħal u l-Każin tagħna fiż-żmien il-festa, l-aktar din is-sena li qed niċċelebraw l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tal-ewwel Soċjetà fl-Imqabba. Fuq inizjattiva tas-Sur Mario Camilleri u bil-għajnuna tas-Sinjuri Emmanuel Pace, Matthew Ellul, Karmnu Ellul u Michael Ghigo tkompla x-xogħol fuq il-pedestalli u l-armi tat-trofej fit-Triq Karmenu Ciantar. Għalkemm għal din is-sena mhux ser noħorġu xejn ġdid, xorta sar ħafna mix-xogħol biex inkunu nistgħu noħorġuhom finalizzati. Kif qed nitkellem fuq Triq Karmenu Ciantar, ta' min isemmi li għal din is-sena l-istatwarju Aaron Camilleri Cauchi għandu jlesti żewġ statwi oħra biex jikkumplimentaw mat-tnejn li diġà saru.



Is-Sinjuri Emanuel u Roderick Pace waqt xogħol fuq l-arblu l-ġdid li ġie mtella' fuq il-bejt tal-estensjoni tal-Każin.









# Kargo

## Aluminium & Timber

Kargo House, San Ġwakkin Road, Imrieħel,
Malta QRM 09
Tel: +356 2144 9303
Fax: +356 2149 3002

*To Save Time & Money Use Our Cleaning Products & Services*

*We Offer:*

- Cleaning Service
- Maid Service
- Window Cleaning
- Carpet/Sofa Cleaning
- 1st Time Cleaning
- Office Cleaning
- ... & all other Cleaning

# Omajco Cleaners Ltd.

11, Rokku Buhagiar Str., Qrendi



Call for a Free Quote

Tel: 21 642 343
Fax: 21 641 168
Mob: 99 498 464
www.omajco.net
sales@omajco.net

## Our Cleaning Shops

**13, Rokku Buhagiar Str., Qrendi (Near Church)**

**Naxxar Road, San Ġwann (Near Church)**



Dawn ser ikunu żewġ personaġġi, Sant'Eliżabetta mit-Testment il-Ġdid u Rebekka mit-Testment il-Qadim ġentilment imħallsin mill-Fergħa tan-Nisa.

L-Għaqda tagħna għal din is-sena ħadet ħsieb ukoll li tagħmel liedna ġdida għal Triq San Bażilju u Triq Santa Katerina.

Għax-xogħol tal-liedna ħallejna f'idejn is-Sinjuri Roderick Tonna u Matthew Borg. Għall-estensjoni tal-Każin kien bix-xieraq li jsir arblu ġdid u wara li l-Kumitat Ċentrali xtara l-arblu, is-Sur Emmanuel Pace flimkien mas-Sinjuri Roderick Pace, Roderick Tonna, Glenn Zammit, Ryan Cassar, Felix Galea u Frans Sciberras, ħadu ħsieb li jiżbgħuh kif ukoll għamlu manutenzjoni fuq l-arblu prinċipali tal-Każin.

Għal din is-sena ċentinarja, is-Sezzjoni Żgħażagħ flimkien mal-Għaqda Armar ħdimna fuq sorpriża li ser tibqa' titgawda matul is-snin. Fuq din il-biċċa xogħol ħdimna flimkien jiena, Patrick Ghigo, Alvin Livori u Rose Briffa. Nixtieq nirringrazzja lis-Sezzjoni Żgħażagħ talli għoġobhom iħallsu l-ispejjeż ta' din is-sorpriża.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil kull min għen matul din is-sena u aħna bħala Għaqda Armar Santa Marija nixtiequ l-Festa t-tajba lil kulħadd.

**VIVA SANTA MARIJA**.

**L-Għaqda tal-Armar Santa Marija tixtieq tirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenu fl-armar tal-Festa.**

BRAND IT MERCHANDISING

www.branditmalta.com

For all your feast fund raising requirements .

Flags, T-Shirts, Keychains and more ...

Small quantities accepted

A Mompalao Trading Ltd
Carmel Street
Luqa LQA1312 - Malta

T (356) 21 257 411
M (356) 99 499 043
E info@branditmalta.com


• Żebgħa lixxa għal barra
• Ma żżommx ħmieġ
• Reżistenti għax-xemx u x-xita
• Għażla kbira ta' kuluri
• Tipproteġi fit-tul
• Tagħlaq ħafna u tinxef malajr
Għal aktar tagħrif:
MacMed Limited
P.O. Box 29, Cospicua CSP 01
Tel 2182 4101/4 Fax 2180 2791
Email info@macmed.com.mt
Website www.macmed.com.mt
Macpherson
DURAKOTE
SMOOTH EXTERIOR PAINT
WHITE


Smart Beauty
Marcelle Camilleri
CIBTEC Cert. Int-Dip. in Beauty Therapy & Holistic Therapy
38 Triq tal-Warda, Qrendi
Tel: 27685175 – 99252030
Professional Services:
Facials for men and women, Specialised Facial Treatments, Anti-Stress facials with Aroma Therapy, Pedicures and Manicures, Eyebrow shaping and tinting, Waxing.
Body Treatments:
Cellulite and Inch loss, Arthritis and Muscular Pain Treatments
Massages:
Swedish, Ayurreda & Tibet Potalis (Salt and Stone)
Make-up for all occasions
with presentation of this advert you will be discounted €10 from any facial treatment
Friendly and personal service because you matter and deserve some time for yourself
Products: Germaine de Cappucini – Dr. Laurent – Matis – Yonka – Gerards – Medik 8 – Pikenz – Flormar Make-up – Stage Line Make-up



## Messaġġ mill-Fergħa Nisa

# Sehem il-mara fi ħdan is-Soċjetà

**Is-Sinj. Franġiska Ghigo**
Presidenta

Ninsabu ftit ġranet biss qabel niċċelebraw il-Festa tant għażiża għalina l-Imqabbin, il-Festa ta' Santa Marija, Patruna tar-Raħal tagħna. Nixtieq nibda billi nsellem lill-qarrejja kollha ta' dan il-ktieb li ta' kull sena żżommu l-appuntament tagħkom sabiex taraw x'hemm imħejji għal din il-Festa tant kbira ta' Santa Marija.

Din is-sena bħal kull sena oħra, aħna n-nisa kellna sena ta' xogħol u sagrifiċċju fejn l-għan primarju tagħna kien li niġbru fondi b'risq il-proġett tal-estensjoni tal-Każin li issa wasal fl-aħħar stadji tiegħu. B'dan l-għan f'moħħna bħala kumitat ġie deċiż li norganizzaw aktar attivitajiet immirati lejn il-familji kollha sabiex inkunu nistgħu nilħqu l-għanijiet imfassala. Filfatt nistgħu ngħidu li kellna attivitajiet kważi kull ġimgħa li jvarjaw minn *coffee mornings*, *get-togethers* u *high-teas* għal ħarġiet kulturali. Il-Fergħa Nisa ħadet ħsieb ukoll li tiġbor fondi sabiex din is-sena ser jiżżanżnu żewġ statwi ġodda għal Triq Karmenu Ciantar maħduma mis-Sur Aaron Camilleri Cauchi.

Ringrazzjament lil min jisponsorjana b'rigali biex nagħmlu lotterija fil-*coffee morning*, u *afternoon teas*. Dawn huma 'La Piccola Mini Market' taż-Żurrieq, 'Ta' Frida Pet Shop' u lil Iris tal-Grocer.

Lill-partitarji tal-koperazzjoni sħiħa li nsibu mingħandhom meta tavviċinahom is-Sinjura Doris Camilleri għal kull ħaġa li jkollna bżonn, bħal lotteriji, ġbir ta' nies għall-*coffee morning* u *afternoon teas* u ġbir ieħor ta' flus għall-ispejjeż tal-marċ ta' nofsinhar, fjuri għal quddiem l-istatwa tal-Madonna u kull ġbir ieħor, fejn il-partitarji dejjem ikunu ġenerużi bil-kbir u ta' dan nerġgħu nirringrazzjawhom.

Din is-sena kienet sena ta' ħidma kbira min-naħa tagħna n-nisa u r-riżultat kien li baqgħalna l-akbar



Il-Kumitat Fergħa Nisa fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.



Is-Sinjura Doris Camilleri tidher tirċievi rikonoxximent għall-ħidma tagħha b'risq is-Soċjetà, waqt il-programm annwali tal-Banda Re Ġorġ V li sar nhar l-10 t'Awwissu 2009.



Waħda mill-attivitajiet li ġew organizzati mill-Fergħa Nisa immirata lejn il-familja kollha, ġewwa San Martin limiti tar-Rabat nhar il-31 t'Ottubru 2009.



Ħarġa għat-tfal tal-partitarji tas-Soċjetà ġewwa r-Rabat u l-Baħrija.



Il-Fergħa Nisa hija wkol strumentali fl-organizzazzjoni tal-party tal-Milied għat-tfal tas-Soċjetà

ammont ta' flus li qatt kien baqa' s'issa li ser imorru kollha għall-estensjoni tal-Każin.

Nixtieq fl-aħħarnett nirringrazzja lil sħabi kollha fil-kumitat b'mod speċjali lis-Sinjura Doris Camilleri, li fost nisa oħra tagħmel sagrifiċċji kbar sabiex tbiegħ il-biljetti tal-lotteriji u tiġbor in-nies għal *coffee mornings* u għal attivitajiet oħra kemm dawk organizzati mill-Fergħa tan-Nisa kif ukoll minn kull sezzjoni oħra fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Nirringrazzja lil dawk kollha li jieħdu ħsieb fit-tindif tal-Każin tagħna u tal-għajnuna kollha tagħhom. Hawn nixtieq nagħmel appell sinċier biex aktar żgħażagħ, speċjalment tfajliet jersqu u jieħdu sehem fl-attivitajiet kemm ta' barra kif ukoll fit-tindif tal-Każin.

Nirringrazzja lis-Soċi u l-Partitarji kollha kif ukoll ħbieb oħra tal-attendenza fl-attivitajiet li jsiru matul is-sena bħal ma huma *coffee mornings*, lotteriji u anke ħarġiet li jiġu organizzati.

L-aħħar appell tiegħi huwa biex kemm jista' jkun nattendu għall-funzjonijiet sbieħ li jsiru fil-Knisja kif ukoll nattendu fil-marċi mingħajr ma noffendu u nweġġgħu lil ħadd. Grazzi mill-qalb u l-Festa t-Tajba lil kulħadd.

Viva Santa Marija
Patruna tal-Imqabba







Matul is-sena ġew organizzati diversi 'Coffee Mornings' u 'High Teas' fil-Każin.

*Is-Soċjetà Santa Marija*
*u Banda Re Ġorġ V*
*tixtieq tirringrazzja*
*lill-Fergħa Nisa li kienu strumentali*
*fil-ġbir ta' fondi*
*b'risq il-proġett tal-estensjoni tal-Każin.*

### Messaġġ mid-Direttur tal-Każin

# Sena ħidma bla waqfien ... L-estensjoni tal-Każin

Is-Sur Anthony Farrugia

Bħala Direttur tal-każin, nixtieq nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat u lis-soċji u partitarji kollha għall-koperazzjoni li dejjem sibt. Insellem ukoll lill-Imqabbin kollha u flimkien magħhom, dawk il-familji li għoġobhom jiġu joqogħdu ġewwa l-Imqabba. Stedina lil dawn kollha sabiex iżuru l-każin b'mod speċjali fil-jiem tal-festa.

Permezz ta' dan l-artiklu ser nagħti rendikont tax-xogħol li sar u li qed isir mill-Kumitat. Bla dubju ta' xejn l-attenzjoni u l-prijorità ta' kulħadd baqgħet dik tal-estensjoni tal-każin. Ix-xogħol kien għaddej b'ritmu mgħaġġel ħafna imma ż-żmien kien qed igerbeb ukoll. L-għan tagħna kien li dan il-proġett ikun lest sa din is-sena biex b'hekk din il-ħolma tkun ir-rigal ta' kull wieħed u waħda minna lejn is-Soċjetà tagħna f'għeluq l-ewwel ċentinarju tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba. Ilum nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem li wasalna fl-aħħar fażijiet ta' dan il-proġett li għalkemm forsi wieħed kien daqsxejn xettiku qabel ma bdejna, illum qed naraw il-frott ta' diversi xhur ta' ħidma bla heda. Ma nistax ma nirringrazzjax l-ewwel nett lis-Sur Carmel Zahra, President tas-Soċjetà li kien strumentali fit-twettieq ta' din il-ħolma kif ukoll lill-uffiċjali s-Sur Carmel Ellul u s-Sur Carmel Briffa flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv kollu kemm dak preżenti kif ukoll dak preċedenti. Flimkien ġbidna ħabel wieħed u llum qed naraw ir-riżultat aħħari. Nixtieq nirringrazzja lil diversi soċji li offrew l-għajnuna tagħhom b'mod volontarju. Hawn insemmi lis-Sur Paul Mifsud għal xogħol ta' tikħil u kisi, lis-Sur Peter Psaila flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ fosthom is-Sur Felix Galea, Glenn Zammit u Roderick Pace li kont tarahom kuljum jgħinu sabiex tiġi mgħoddija s-sistema ta' dawl kemm fil-propjetà l-ġdida kif ukoll bdil tas-sistema tad-













dawl anke f'partijiet mill-Każin attwali. Barra mis-sistema tad-dawl, is-Sur Psaila ħa ħsieb is-sistema tal-ilma u drenaġġ ukoll. Hawn nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għoġobhom joffru dik id-daqsxejn ta' għajnuna speċjalment fil-fażijiet ta' kostruzzjoni. Nirringrazzja lis-Sur Andrew Zammit li ħa ħsieb ipoġġi l-madum tal-kċina tal-bar il-ġdid kif ukoll tat-*toilets* il-ġodda t'isfel. Nirringrazzja wkoll lis-Sur Alfred Zammit li wkoll ħa ħsieb it-tqegħid tal-madum tat-*toilets* tas-sulari t'isfel. Ta' min jgħid li s-sede tas-Soċjetà ingħatat dehra aktar moderna kif jirrikjedu ż-żminijiet tal-lum. Il-bar ħa post bitħa żgħira li kien hemm fuq wara tal-Każin u ġie mibni fuq stil modern u attrezzat bl-aħjar mod possibbli.

Sa dan it-tant inxtara arblu ieħor għal fuq il-bejt ta' din il-parti l-ġdida li llum wara xogħol ta' manutenzjoni mis-Sur Emmanuel u ibnu Roderick Pace, jinsab fil-post. Dan wara li matul ix-xahar ta' April sar xogħol estensiv ta' manutenzjoni fuq l-arblu prinċipali, grazzi għall-għajnuna mill-istess Roderick u Emanuel Pace flimkien mas-Sinjuri Roderick Tonna, Glenn Zammit, Ryan Cassar, Felix Galea u Frans Sciberras.

Fuq il-bar, il-ħsieb hu li jkollna terazzin żgħir. Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-Sur Martin Gaffarena għall-għajnuna kbira tiegħu għat-tikħil tal-post kollu u invjar tal-faċċata. Is-Sur Gaffarena daħal għall-ispejjeż kollha relatati ma' dan ix-xogħol. Nirringrazzja wkoll lil dawk il-benefatturi li offrew l-għajnuna tagħhom għal dan il-proġett b'mod partikulari lil Ballut Blocks Ltd, Elbros Constructions Ltd., Tar-Robba Ltd, Polidano Brothers Ltd kif ukoll individwu ieħor li xtaq jibqa' anonimu, li kollha offrew konkos b'xejn. Niftakru li s-Soċjetà hija għaqda volontarja mingħajr dħul ta' xejn għajr donazzjonijiet u għajnuna ta' diversi li għandhom għal qalbhom is-Soċjetà tagħna u l-Festa tant għażiża ta' Santa Marija. Bis-saħħa ta' dawn kollha, nimtlew b'kuraġġ kbir u determinazzjoni sabiex jekk il-Bambin irid ma ndumux ma naraw dan il-proġett ambizzjuż inawgurat. Hawn nappella sabiex kull soċju u partitarju li għandu għal qalbu s-Soċjetà jgħin mill-aħjar li jista' sabiex intaffu ftit mill-ispejjeż kbar li jirrikjedi xogħol bħal dan.

Sakemm qed nikteb dan il-messaġġ qed isir xogħol fuq is-suffett, tista' tgħid twaħħal il-madum tal-art kollu, sar bdil fis-sistema ta' dawl fil-parti l-qadima, xogħol ta' żebgħa, twaħħlu l-aperturi ta' ġewwa kollha u l-irħam tat-turġin biex bħalissa ninsabu fl-istadju li jeħlu l-aperturi esterni tal-injam.

Biss din ma kinetx l-unika attività. Ta' kull sena jkollna diversi xogħolijiet ta' manutenzjoni. Din is-sena ħsibna sabiex jinbena lift ġewwa l-imħażen tas-Soċjetà sabiex inkunu nistgħu nutilizzaw aħjar is-sala ta' fuq dawn l-imħażen b'mod partikulari għall-armar tal-festa. Hawn nirringrazzja lis-Sur Ċensu Farrugia għall-għajnuna tiegħu u lis-Sur Joseph Zammit li ħa ħsieb jaħdem il-lift. Hawn nieħu l-opportunità biex nirringrazzjah għax-xogħol tal-imwejjed li ħadem għall-kċina tal-bar il-ġdid. Proġett ieħor li llum nistgħu ngħidu li wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu ukoll. Matul ix-xahar ta' Marzu tkompla xogħol ta' tindif tax-xelter li jinsab taħt il-Każin. Dan ix-xelter infetaħ għall-ewwel darba għall-pubbliku nhar id-9 t'April 2010 meta ġiet imtellgħa 'Lejla ta' Tifkira' sabiex fakkarna il-50 anniversarju mill-ftuħ mill-ġdid tal-koppla tal-Knisja u tal-istatwa ta' Santa Marija li hemm fil-pjazza wara li dawn ġew imġarrfa fit-Tieni Gwerra Dinjija nhar id-9 t'April 1942. Ix-xogħol fuq dan ix-xelter għadu għaddej u l-iskop hu li dan jiġi attrezzat b'sistema ta' dawl u aċċessibilità aħjar.

Qabel ma nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi nappella sabiex nibżgħu għall-propjetà tal-każin. Niftakru li l-każin huwa għal bosta t-tieni dar u bħalma nibżgħu għal darna hekk għandna nieħdu ħsieb din is-sede tagħna. L-ispejjeż sabiex stajna nwettqu din il-ħolma kienu kbar u għaldastant napprezza l-koperazzjoni ta' kulħadd. Appell ieħor lil dawk li matul is-sena jkunu jixtiequ jagħtu daqqa t'id fil-manutenzjoni sabiex javviċinaw lili jew lill-kumitat. Flimkien u bil-għajnuna ta' ħafna, ix-xogħol ikun jista' jinqasam aħjar mingħajr tbatija.



**Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.**

Messaġġ mis-Surmast

# Responsabbiltà biex inkomplu nkabbru l-Kultura Mużikali

David Agius,
A. Mus. L.C.M., A.Mus. V.C.M. ( Hons) A.L.C.M.

Din is-sena hija waħda speċjali għal din is-Soċjetà fejn qed niċċelebraw il-mitt sena mit-twaqqif tal-ewwel Soċjetà Mużikali ġewwa l-Imqabba. Jien bħala s-Surmast attwali nħoss responsabbilta' kbira li għandi nkompli mmexxi l-kultura mużikali 'l quddiem biex din is-Soċjetà tibqa' tavvanza u titjieb.

Dan kollu jseħħ b'impenn li wieħed irid dejjem jagħti permezz tat-taħriġ mużikali li jibqa' jingħata fis-sede tal-Każin, kif ukoll bil-provi li jsiru matul is-sena biex nippreparaw lill-Banda għal kull okkażjoni li tieħu sehem fiha. Kif dejjem ngħid dan ma jkunx jista' jsir jekk ma jkollhiex għajnuna mill-mużiċisti tal-lokal u l-kumitati li mexxew din l-Għaqda tul dawn l-aħħar snin. Hawnhekk nixtieq nieħu spunt biex nirringrazzja lill-mużiċisti tal-lokal għall-appoġġ li dejjem urew miegħi. Hawnhekk, mill-qalb nirringrazzja, għax żgur ikun qed jilqa' l-messaġġ minn fejn qiegħed, lill-mużiċista Ġużepp Zammit li ħalliena iktar kmieni din is-sena. Il-memorji tiegħu żgur jibqgħu ittimbrati f'moħħi meta konna niddiskutu l-mużika waqt il-provi ta' matul is-sena u li xemx jew xita ma kienx ifallihom. Ġużepp huwa eżempju ta' kif għandu jkun mużiċista, li taf kemm taf, dejjem tibqa' umli għax il-mużika tant hija vasta u titlob studju, li ħadd ma jista' jgħid li jaf kollox.

In–numru tal-alljievi mis-sena l-oħra 'l hawn baqa' konsistenti u hemm numru sabiħ jattendu għal-lezzjonijiet. Fil-fatt din is-sena ser ikollna lil Charlene Bondin li ser tifforma parti mill-Banda fi żmien il-Festa. Kemm ilni Surmast f'din is-Soċjetà rajt diversi mużiċisti li żdiedu bħala membri fil-Banda tagħna kif ukoll żjieda fin-numru ta' alljievi li jiffrekwentaw il-lezzjonijiet li jsiru ta' kull ġimgħa.

Dan jawgura tajjeb għall-ġejjieni ta' din il-Banda biex tkompli tissaħħaħ u tiffjorixxi tul iż-żminijiet li ġejjin biex inkomplu nħaddnu is-sisien sodi li missirijietna bnew fuqhom din is-Soċjetà mimlija suċċessi.

Ta' sodisfazzjon kbir għalija huwa ta' kif il-pubbliku b'mod in ġenerali qed jilqa' l-kunċerti sinfoniċi li ttella' l-Banda tagħna. Is-sena l-oħra wara s-suċċess fil-Festa kellna kliem ta' tifħir ta' kif ġie organizzat il-kunċert imtella' fis-sala tal-iskola primarja f'Jum l-Imqabba, fejn il-mużika u l-eżekuzzjoni tagħha ntlaqgħu ferm tajjeb mill- pubbliku preżenti. Kellna wkoll il-ftuħ tal-wirja fiż-żminijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fejn tellajna kunċert qasir bil-mużiċisti kważi kollha tas-Soċjetà tagħna. Dan jawgura tajjeb għall-futur minkejja li qegħdin fi żminijiet diffiċli biex wieħed ikun jista' jkompli jistudja. Kulħadd huwa impenjat f'diversi oqsma oħra ta' xogħol u l-passatempi saru diffiċli biex wieħed jipprattikahom minħabba n-nuqqas ta' ħin li wieħed ikollu.

Bħal kull sena nistieden il-pubbliku in ġenerali għall-kunċert sinfoniku u vokali, annwali mtella' fl-10 t'Awwissu, fejn bħal kull sena oħra ser tindaqq mużika għall-gosti ta' kulħadd.

Nieħu spunt minn dan l-artiklu biex b'mod pubbliku ngħid prosit lill-Għaqda tan-Nar tal-art li din is-sena b'impenn kbir ipparteċipat fil-kompetizzjoni nazzjonali f'April li għadda fejn rebħet l-ewwel post wara li rebħet tliet kategoriji. Nawgura wkoll lill-Għaqda tan-nar tal-ajru għall-ispettaklu annwali ta' Lejliet il-Festa u ta' matul il- ġimgħa biex bħas-snin l-oħra jibqa' jintwera biċ-ċar u bil-fatti min hu verament il-*leader* u l-oriġinali fil-qasam piroteknika f'Malta.

Nirringrazzja lill-membri tal-kummissjonijiet kollha u fuq kollox lill-Kumitat tal-appoġġ li dejjem sibt. Għandna nibqgħu magħqudin kif aħna, biex negħlbu kull sfida li jista' jkollna biex b'hekk insaħħu l-Għaqda tagħna u taħt il-ħarsien tal-Patruna fil-parroċċa tagħna Santa Marija nuru li fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd. **Viva Santa Marija.**



Is-Surmast attwali tal-Banda Re Ġorġ V, Mro. David Agius waqt parti mill-Programm Annwali tal-Banda nhar l-10 ta' Awwissu 2009. Tidher ukoll is-sopran Imqabbija, is-Sinjorina Francesca Farrugia.

# SKIP HIRE



*Mini Skip Service also available*

***Leli Camilleri***

Leli,
Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba
Tel: 9947 4468



**VENMAR** Limited

TOTAL • **PEST** • CONTROL

P.O. Box 6, Żurrieq.
Tel: (+356) 21 642660
Mobile: (+356) 99 455015
e-mail: jsphgauci@yahoo.co.uk

**Services we offer:**

- Fumigation
- Flying & Crawling Vermin
- Rodent Control
- Woodworm treatment
- Termite & Mite Control
- Pest Control Products

**Call or e-mail us for further information.**

**Nofru servizzi bhal:**

- Fumigazzjoni
- Kontrol ta l-insetti li jtijru,'cockroach', u 'wirdien'
- Kontrol ta' grieden
- Kontrol ta' 'termites' u 'mites'
- Trattament tas-susa ta' l-injam
- Prodotti ghal-'pest control'

**Cempel jew ibghat e-mail ghal aktar informazzjoni.**

We also provide emergency weekend services.

**PEST CONTROL SERVICE**



## Mill-Kummissjoni Festi Ċentinarji

# Is-Sena taċ-Ċentinarju

**Is-Sur Antoine Sciberras**

Matul din is-sena, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V qiegħda tiċċelebra l-ewwel ċentinarju tagħha sa mit-twaqqif tagħha. Qegħdin ngħidu hekk għaliex ta' min wieħed ifakkar li s-Soċjetà Santa Marija ġiet imwaqqfa uffiċjalment fis-sena 1910 għalkemm qabel din id-data sewwasew fl-1905 kien diġà fforma grupp ta' nies li kien jiltaqa' fit-Torri Vincenti u li kien waqqaf il-Każin Soċjali Santa Maria.

Biex dan l-anniversarju jkun imfakkar bl-aħjar mod possibbli, f'Ottubru 2009, il-Kumitat ħatar kummissjoni apposta biex il-festi ċentinarji jkunu fdati f'idejn din il-kummissjoni. Il-kummissjoni hija komposta minn 8 persuni; Dr Charles Sciberras, is-Sur John Zammit, is-Sur Frans Vella, is-Sur Antoine Sciberras, is-Sur Antoine Abdilla, is-Sur Antoine Farrugia, is-Sur Carlo Sciberras u s-Sur Mario Zammit.

L-ewwel biċċa xogħol li l-kummissjoni kellha quddiemha kienet l-għażla tal-logo uffiċjali u l-ftuħ tas-sena ċentinarja. Id-disinn li ntgħażel għal din is-sena jikkonsisti fin-numru 100 u li fiċ-ċrieki tiegħu hemm l-arma tas-Soċjetà u wiċċ l-istatwa devota ta' Santa Marija.

Ta' min jinnota li dawn iċ-ċrieki huma amalgamati flimkien sabiex jirrifletti li fiergħa jkunu l-festi tagħna bħala Soċjetà jekk mhux bl-għan ewlieni li nagħtu tifħir u qima lil Ommna Marija tas-Sema taħt it-titolu tal-Assunzjoni. Dan kollu jwassalna sabiex finalment naslu lejn dak li huwa Waħdieni jiġifieri li jwassalna lejn Alla l-Missier li wara kollox huwa l-iskop għall-ħajja tagħna.

Imdawra man-numru 100, hemm vleġġa li turi l-bidu tas-Soċjetà, fejn ninsabu llum u fejn irridu naslu bl-emfasi tkun li s-Soċjetà hija ħajja u trid tibqa' għaddejja bil-ħidma tagħha.

Bħala motto, il-kummissjoni għażlet kliem meqjus li hu 'Mitt sena għall-Imqabbin…Mużika, Kultura, Suċċess'. Dan il-motto juri li s-Soċjetà tagħna mhux magħluqa biss għas-soċji u partitarji anzi din is-sena u fi snin li ġejjin qiegħda tinkludi lill-poplu Mqabbi kollu.

Ġew magħżula l-kliem Mużika u Kultura, għax l-għan tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V sa mill-bidu nett kien, għadu u jibqa' t-tixrid tal-kultura mużikali fir-raħal tagħna bl-iskop li norganizzaw il-festi ad unur Santa Marija.

Għażilna wkoll il-kelma Suċċess għall-fatt li s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V matul is-snin kisbet diversi suċċessi uniċi għall-gżejjer tagħna fosthom *Les Etoiles d'or du Jumelage* mogħti mill-UE wara l-ġemellaġġ storiku li s-Soċjetà tagħna għamlet permezz tal-Banda Re Ġorġ V mal-Banda minn Santa Vittoria ta' Ascoli, l-Italja; l-Għaqda tan-Nar rebħet l-Ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta kif ukoll ir-rebħ tal-Kampjonat Mondjali tan-Nar Caput Lucis 2007 fejn l-Għaqda tan-Nar ikkompetiet ma' diversi



Żjara ta' korteżija lill-E.T. President ta' Malta Dr. George Abela fil-Palazz tal-Belt li saret nhar it-12 ta' Jannar 2010.



Delegazzjoni ffurmata minn membri tal-Kumitat u mill-Kummissjoni Festi Ċentinarji waqt żjara ta' korteżija lill-E.T. President ta' Malta Dr George Abela

# SILVIO'S

*For all types of chairs, stools, armchairs and tables*



Chairs and tables

***FOR HIRE***

**Telephones:**
**2146 8982, 2146 1683**
**Mob: 9945 4333**

11, Triq il-Kataniż, Żebbuġ - Malta







# TAL-BAZZI

*Joseph & Julian Farrugia*

*Ġarr ta'*
*ġebel, ramel u torba,*
*żrar u xogħol bil-gafef u tractor,*
*ħsad u ħart*

12, Warda tal-Ġilju,
Triq in-Nazzarenu, Mqabba
**mob: 9988 7021**
**mob: 9987 7175**
**tel: 2168 3409**



Quddiesa organizzata mill-Kummissjoni Festi Ċentinarji nhar il-21 ta' Frar 2010 bħala bidu tal-festi reliġjużi għal din is-sena.



Parti mill-ġemgħa li attendiet għall-quddiesa u li ġiet segwita b'kafè u ikel tradizzjonali quddiem il-każin. Wara sar riċeviment għas-soċi u partitarji fis-swali tal-każin.

pajjiżi oħra; Proprju din is-sena wkoll l-Għaqda tan-Nar rebħet tliet kategoriji minn erbgħa fir-IV Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art fejn ġiet ikklassifikata bħala rebbieħa assoluta ta' dan il-festival; Iż-żgħażagħ rebħu l-unur mogħti għall-preżentazzjoni oriġinali tal-Presepju Ħaj matul il-festi tal-Milied.

Ma nistgħux ma nsemmux ukoll ir-rebħ għal erba' darbiet tal-isbaħ faċċata mżejna għaż-żminijiet tal-Milied kif ukoll is-suċċessi miksuba mill-Banda Re Ġorġ V meta daqqet ġewwa t-Teatru Manoel kif ukoll ġewwa s-sala Nervi waqt udjenza mal-Papa Benedittu XVI. Dawn jingħaqdu wkoll mal-ewwel skambju kulturali minn żgħażagħ Imqabbin, organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ma' grupp ta' żgħażagħ minn Ciro ġewwa l-Italja.

Il-Logo uffiċjali ġie ppreżentat lis-soċji u partitarji waqt l-ikla ta' lejliet l-ewwel tas-sena organizzata fis-sede tas-Soċjetà.

Nhar l-ewwel tas-sena, il-logo ġie ppreżentat lill-għaqdiet soċjali u reliġjużi kollha tal-parroċċa waqt bibita fis-sala prinċipali tal-Każin.

L-atmosfera ta' għaqda li rajna dak inhar kienet xi ħaġa sabiħa u li nawguraw li tibqa' fil-ġejjieni. Fit-12 ta' Jannar 2010, delegazzjoni mill-Kumitat Ċentrali u l-Kummissjoni tal-Festi Ċentinarji għamlu żjara ta' korteżija lill-President ta' Malta Dr George Abela fejn ġie ppreżentat bil-logo uffiċjali, pittura tal-Konvoj ta' Santa Marija li nsibu fis-sala tal-Każin kif ukoll b'donazzjoni lill-Community Chest Fund.

Wara din l-attività, il-Kummissjoni bdiet taħseb għall-attività ta' Frar u li ġiet organizzata nhar il-21 ta' Frar 2010. Din id-darba, il-Kummissjoni ħasbet li torganizza quddiesa fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba bis-sehem tal-frieghi kollha tas-Soċjetà bħala l-ftuħ tal-attivitajiet reliġjużi fl-okkażjoni tas-Sena taċ-Ċentinarju. Għal din l-okkażjoni ġew mistiedna wkoll il-qassisin kollha Mqabbin biex jieħdu sehem magħna waqt iċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentinarju. Minn hawn ukoll nixtieq nirringrazzja lil W.R. Kappillan Dun Nazzaren Caruana tal-għajnuna li sibna mingħandu.

Wara l-quddiesa, il-kongregazzjoni kienet mistiedna għall-kafè kif ukoll xi ħaġa tal-ikel tradizzjonali li jikkumplimenta l-kafè quddiem is-sede tas-Soċjetà. Wara, sar riċeviment għas-soċji u partitarji fis-swali tal-Każin.

Il-Kummissjoni kompliet taħdem fuq diversi attivitajiet ta' interess għall-Poplu Mqabbi kollu. Bejn



Grupp ta' għannejja li allegrawna bil-preżenza tagħhom waqt il-'Lejla ta' Tifkira' organizzata nhar il-Ġimgħa 9 ta' April 2010.



In-numru kbir ta' nies li attendew bi ħġarhom għall-attività organizzata nhar id-9 ta' April 2010 intitolata 'Id-9 ta' April 1942... Ġrajjiet l-Imqabba'



D.E.S
Mons. Mikiel Azzopardi Str., Siggiewi
& also at...... Skola Str., Safi
Tel: 21 / 27 463403
Tel: 21 / 27 641149
die ECKE
GIFTS - STATIONERY - TOYS
DIGIT
ALL ABOUT ELECTRONICS
INTEX POOLS
Stay fresh this summer
FREE delivery
Easy to assemble!!!
*Different shapes & sizes available
Special price
Charcoal & Gas BBQs
In order to provide a better quality of service to our esteemed clients we have now joined die ECKE Stationary & Digit Electronic Solutions under 1 roof.
In our electronics section one can find Mobile phones & accessories at best prices, LCDs, Dvd players, Hi-Fi systems,PC accessories, printers & ink cartridges, MP4s, Sony PS3 & PSP, Nintendo Wii, Xbox, and more other items...
As always our shop is also well known for a vast selection of stationary items, all kinds of toys, homewares, gifts and cards for all occasions etc...
We provide various services such as PC & mobile phone repairs, digital colour photocopies directly printed from disc or pendrive, passport size photos, laminations, bindings & more.
All year round you can find a vast range of costumes & accessories for all occasions such as costume & birthday parties available for rent or purchase.
Wii
PSP
FUJIFILM
Industrial & Domestical
Fans: 16" - 20" - 24" - 30"
ESPRIT collection
SISLEY
CONVERSE
NIKE
BEN 10
S3500
C3212
S3650
B3410
S5560
S8000 JET
S5230
B3310
F480
M5650
E2210
B2100
5130
E72
N900
7230
2210
N85
X6
X3
5800
E63
E75
5530
N97
New collection
Over 100 mobiles in stock to choose from



Nhar is-Sibt 13 u l-Hadd 14 ta' Marzu 2010, ġiet organizzata 'Open Weekend' fil-Każin b'mod partikulari fil-parti l-ġdida, ikkumplimentata minn features interessanti dwar il-Każin tas-Soċjetà.



Parti mill-Wirja 'Lenti fuq is-Soċjetà (1910-2010)' li ġiet imtellgħa ġewwa s-swali tal-Każin bejn is-6 u l-20 ta' Ġunju 2010.

it-13 u l-14 ta' Marzu 2010 saret *Open Weekend* fis-sede tas-Soċjetà u fil-bini l-ġdid ikkumplimentat b'*features* interessanti ferm ta' kif evolviet is-Soċjetà tagħna matul dawn il-mitt sena. L-għan ewlieni tal-Kummissjoni huwa li kull xahar ikollna attività differenti immirati lejn is-setturi kollha tas-Soċjetà. Attivitajiet varji u oriġinali denji għal ċelebrazzjonijiet ta' Soċjetà li qed tfakkar il-mitt sena mit-twaqqif tagħha.

Fil-fatt fix-xahar t'April sewwa sew nhar il-Ġimgħa 9 t'April ġiet organizzata 'Lejla ta' Tifkira' fil-pjazza tar-raħal. Kienet attività kbira u ambizzjuża li r-riżultat finali kien wieħed ta' suċċess. F'din l-attività fakkarna dak l-istess jum meta fid-9 t'April 1942 l-Imqabba tilfet teżori kbar meta sfat imġarrfa l-koppla tal-Knisja kif ukoll l-istatwa ta' Santa Marija li tinsab fil-Pjazza.

Flimkien fakkarna l-50 sena minn meta dawn it-teżori reġgħu ġew irrestawrati u mibnija mill-ġdid fis-sena 1960. Attività li ntlaqgħet tajjeb ħafna ma dawk kollha li attendew b'mod partikulari l-aċċess għal xelter li nsibu taħt il-Każin u li sa issa huwa l-uniku xelter tal-gwerra aċċessibbli għall-pubbliku fl-Imqabba. F'Mejju ġiet organizzata serata artistika madwar ir-raħal fejn artisti pinġew xeni tipiċi tal-Imqabba.

Nhar il-Hadd 9 ta' Mejju 2010 ġiet organizzata żjara ta' korteżija fil-Bini Muniċipali tal-Kunsill Lokali, fejn ġie ppreżentat l-imsemmi logo uffiċjali lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Imbagħad bejn is-6 u l-20 ta' Ġunju ġiet imtellgħa wirja dettaljata dwar iċ-Ċentinarju tas-Soċjetà fis-swali tal-Każin intitolata 'Lenti fuq is-Soċjetà 1910-2010'. Il-wirja nfetħet mill-President tas-Soċjetà s-Sur Carmel Zahra u ġiet imbierka mill-W.R. Kappillan Dun Nazzaren Caruana. Għal din l-attività ġew mistiedna rappreżentanti tal-għaqdiet kollha tar-raħal. F'din il-wirja ġew esebiti diversi dokumenti u ritratti, strumenti mużikali antiki u informazzjoni dwar il-Presidenti kollha li mexxew is-Soċjetà, Surmastrijiet tal-Orkestra Santa Marija u tal-Banda Re Ġorġ V kif ukoll informazzjoni sena b'sena dwar l-istorja kollha tas-Soċjetà.

Ma setax jonqos li jkunu esebiti diversi għodod relatati max-xogħol tal-logħob tan-nar, armar tal-festa, abiti u fuq kollox l-unuri kollha li s-Soċjetà tagħna tippossiedi.

Bħalissa l-Kummissjoni qiegħda taħdem fuq aktar attivitajiet li dettalji tagħhom jitħabbru iżjed tard li uħud minnhom jilħqu l-qofol tagħhom fil-ġranet tal-Festa. Għalhekk għeżież soċji u partitarji, kif qegħdin taraw il-ħidma fi ħdan



Diversi trofej li ġew esebiti waqt il-wirja 'Lenti fuq is-Soċjetà (1910-2010)




Il-logo uffiċjali li jfakkar l-Ewwel ċentinarju mit-Twaqqif tas-Soċjetà Santa Marja u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba.

# ĦAĠAR QIM

*Bar & Restaurant*

Prop. J. Cini

Agħmlu l-ħarġa tagħkom bil-familja jew ħbieb
għall-arja tal-kampanja, f'ambjent kwiet u sabiħ.

Tel: 2142 4116, 7949 7329 (Jane)



# TA' BALAL

## PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

*Prop. Emanuel Gatt*

**New Street, Luqa • Tel: 2180 9351**



# C.D.S.

Aluminium Works

Sejba Road Mqabba
For a Free Estimate Contact:
Carmel D. Spiteri
Mob: 9949 4304, 7999 3816





Is-sala tal-Banda ġiet armata b'diversi ritratti, dokumenti u informazzjoni fil-Wirja li ġiet organizzata dwar il-100 sena tas-Soċjetà, bejn is-6 u l-20 ta' Ġunju 2010.



L-unuri kollha li rebħet is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba tul is-snin.

is-Soċjetà ma taqta' qatt u grazzi għalikom dan jimliena bil-kuraġġ. Għaldaqstant aħna nappellaw biex il-kontribut tagħkom kemm fl-attendenza għall-attivitajiet kollha li hemm ippjanati, kif ukoll għall-kontribut finanzjarju, sabiex din is-sena wkoll jerġa' jkollna festi kbar u ta' suċċess.

Briffa Landscaping
Kirsten Briffa
***Automatic Drip Irrigation Systems***
***Turf Maintenance & All Your Gardening Needs***
*Mob: 9946 9580 • Tel: 2168 3834*
*E-mail: kirstenbriffa@hotmail.co.uk*

*Pizza is also available*
3M Take Away
Southern Style Chicken
*We do delicious Pizza*
**9, Blue Grotto Avenue, Żurrieq**
**Tel: 2164 2986 • Mob: 7947 6573**

# CORNER CONFECTIONERY

*Supplied by Maypole*

**St Catherine Street, Mqabba**

***One can find***

***• Confectionery Items • Wines and Spirits***

***• Frozen pastries for parties • Groceries downstairs***

***• Fresh Bread daily***

***We take orders for parties***

***Opening Hours:***

**Monday: 3.00pm / 7.00pm**

**Tuesday - Saturday: 7.00am / 12.00pm - 3.00pm / 7.00pm**

**Sunday: 5.00am / 12.00pm**

***Take-Away***

Meat Pies, Timpana,
Chicken Pies, Lasagna,
Pastizzi, Qassatat,
Sausage Rolls





# GREEN GARDEN

**Joe Borg**

*Joe ta' Lukardu tal-Fjuri*

## All Year round Growers of All Types of Flowers

***Specialising in*** **Carnations, Gebra, Gladioli.**

Residence: 12, St Bartolomew Street, Qormi   Tel: **2144 3723**
Ta' Kandja Nursery, l/o Siggiewi   Tel: **2164 0467**
Fax: **2147 0335**   Mob: **9945 8234**



## F'għeluq il-100 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Santa Marija fl-Imqabba (1910-2010)

# Bukkett ta' Mitt Warda f'Ġieħ Santa Marija

**Is-Sur Stefano Farrugia**

Bukkett ta' mitt warda ninsġulek Marija,
kull waħda tisseddaq bis-sebħ tas-smewwiet,
f'għeluq il-mitt sena li nżerghet f'raħalna,
il-qamħa li kibret fi spirtu fejjied.

Bħal aħwa miġbura fil-fwieħa ta' darek
għall-kenn tal-mant tiegħek u t'Ibnek Ġesù,
uliedek fl-Imqabba taw bidu għall-ħidma
li kellha tinħasad f'tant frott ta' virtù.

Fi snin ta' tbatija w taqbid liema bħalu
max-xewk u s-sikrana li nfirxu bl-eluf,
ixxettlet ix-xewqa li jxerrdu madwarhom
il-mergħa ta' mħabbtek li tnisslet fil-ġuf.

Bid-daqq tal-orkestra u l-kordi tal-banda
li jiżfnu mal-għana tal-anġli ħenjin
fis riedu li jferrħu ħa jdawlu lil arthom
li kienet iddallmet bil-bombi kefrin.

Fik sabu bħal tarka fil-ġuħ li ħakimhom
bil-barka tal-Konvoj li daħal rebbieħ
minkejja l-assedji li ra fil-vjaġġ tiegħu
għax talbhom instema' u ġab it-tishiħ.

Kif tista', immela, le tifraħ din qalbna
bħal meta timtela bil-frak tal-altar,
x'ħin tagħrfek b'kuruna ta' grazzji dejjiema
li tisboq kull setgħa li tnin qalb l-inwar?

Sirt l-arka li twieżen lit-tfal u liż-żgħażagħ
biex b'ħilthom ikattru kull don jew talent,
jekk bħala allievi jew membri ta' għaqda,
jew bħala fratelli tal-kbir Sagrament.

Minn sena għal oħra, kull fergħa ħabrieka
lil ismek issebbaħ bix-xogħol u l-pjaċir
biex festa mill-oħla tagħmillek f'Awwissu
li troddlok kull qima bil-kant u t-tifħir.

Surmast wara l-ieħor ta' dehen u qlubija
dlonk għaraf jindokra t-teżor fdat f'idejh
li Galea kien saqqa minn qabel il-gwerra
u sar bħal mustarda li tpaxxi 'l għajnejh.

Mat-tokki tan-noti mill-qniepen ħabbara
jitilgħu fis-sema qawsalli ta' lwien
min-nar tal-murtali li jiftaħ bħall-fjuri
kif fetaħ l-għid t'Alla fil-jum tal-ħelsien.

U libsa mill-isbaħ ta' deheb jilma d-dija,
inxeddu lill-maqdes imsemmi għalik,
u d-dar tal-imsieħba fil-qalba tal-misraħ
tixxiegħel ħa tilmaħ il-ġmiel li hemm fik.

Mix-xbieha-salmura ta' tlugħek fis-sema
li tfakkar fir-rebħa li qsamt mal-Feddej,
bil-qawma li welldet il-ħajja tal-glorja,
tqanqalna għall-għamara li ħejja l-Mulej.

Fit-toroq mnejn tgħaddi nilqgħuk kollna ħeġġa,
imnebbħa mill-ġrajja ta' ħajtek fuq l-art
bi kwadri li jidwu d-dulur fil-qalb tiegħek
daqskemm is-sigrieti li jnessu kull mard.

Kull sena mgħoddija fid-djarju ta' ħutna
tgħajjatlek mal-mixja tal-pendlu għaġġiel
li jnaqqax fl-Istorja r-rakkonti ta' ġensna
u jħalli lill-poplu għatxan għal kull ħjiel.

Ħa tiskot il-kotra biex tisma' l-għerf safi
li joħroġ minn fommok fir-rit tal-quddies,
imleħħen mill-qari ta' bosta kittieba
li jpinġu bi kliemhom dal-kobor bla qies.

Imħarsa mill-balzmu li ġġib fir-ruħ tagħna
b'kull kelma ta' faraġ u ġid għal quddiem,
fik tiftaħ bla tagħlaq kull farka ta' tama
għax Inti l-Omm twajba li twarrad bis-sliem.

L-Imqabba
15 ta' Marzu 2010

***Mitt sena għall-Imqabbin… Mużika, Kultura u Suċċess***


Ta' Victor
Restaurant
Victor Aquilina
Misrah Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk • Tel: 00356 2164 1033 • Mob: 00356 9947 4249
(Situated in the Church Square)
Tuesday to Sunday from 10.00 hrs till late
E-mail: info@tavictorrestaurant.com
Website: www.tavictorrestaurant.com


Cini Marble & Granite Works
We do: Monuments, Memories, Fire Places, Kitchen Tops,
Stair Cases, Skirting, Window Seals and Vanity Units.
We do home visits and can show you catalogued items
to help you decide with professional advice.
Tel: 2147 2714 Mob: 9928 3131



Mill-Kummissjoni Festi Ċentinarji

# 9 t'April 1942 ... Ġrajjiet l-Imqabba

## 50 Sena mill-ftuħ Uffiċjali tal-koppla tal-Knisja u l-istatwa tal-Pjazza

Is-Sur Antoine Farrugia

Ir-raħal tal-Imqabba, li jinsab fin-naħa t'isfel tal-gżira, sar parroċċa awtonoma taħt it-titlu tal-Assunzjoni ta' Ommna Marija fl-1598. Matul iż-żmien, ir-raħal tal-Imqabba għex ħajja serena qrib l-ajruport ta' Malta sakemm fl-ewwel ta' Settembru 1939, il-Ġermanja mmexxija minn Hitler invadiet il-Polonja. Kien jumejn wara sewwa sew fit-3 ta' Settembru 1939 meta l-Gran Brittanja ddikjarat gwerra kontra l-Ġermanja. Iżjed tard, l-Italja faxxista mmexxijja minn Mussolini daħlet fil-gwerra alleata mal-Ġermaniżi.

Għall-Ewropa, dawn kienu żminijiet imqanqla u mhux inqas għal Malta u l-Imqabbin. Peress li l-Imqabba huwa qrib l-ajruport, spiċċat vittma wkoll tat-Tieni Gwerra Dinjija. Nhar id-9 t'April 1942, għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar, Bomber Ġermaniż waddab xi bombi fuq l-Imqabba. F'dan il-jum imdemmi tad-9 t'April, il-poplu Mqabbi tilef teżori kbar li għadna nħossu t-telfa tagħhom sal-ġurnata tal-lum...tilef il-koppla kollha pittura ta' Filippo Venuti; il-Kor u l-artal Maġġur; il-kappellun tal-Agunija; il-bradella tal-Madonna tal-Ġilju kif ukoll teżori li kienu jintramaw fil-festa Titulari ta' Santa Marija, Patruna tal-Parroċċa. F'dak l-attakk ukoll, l-Imqabbin tilfu l-istatwa tal-ġebel



Fdalijiet li nstabu waqt it-tindif tax-xelter li jinsab taħt is-sede tas-Soċjetà.



Nhar id-9 ta' April 1942, l-Imqabba tilfet diversi teżori li kienu jinsabu fil-Knisja Parrokkjali iddedikata lill-Assunzjoni ta' Marija.






Dehra tal-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba li tidher imġarrfa nhar id-9 ta' April 1942.



Ix-xelter taħt is-sede tas-Soċjetà li ġie mnaddaf u miftuħ għall-pubbliku. Sallum dan huwa l-uniku xelter aċċessibbli għall-pubbliku.


Coca-Cola
Coca-Cola
open happiness
www.mycoke.com.mt



Dehra tal-knisja tal-Imqabba qabel ma ġiet imġarrfa nhar id-9 ta' April 1942.



Il-bini mill-ġdid tal-koppla tal-knisja li ġiet miftuħa uffiċjalment fis-sena 1960.

ta' Santa Marija li tinsab biswit il-Knisja Parrokkjali. Ir-Ras ta' din l-istatwa qiegħda tinżamm b'għożża kbira fil-każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. F'dan l-attakk ħallew ukoll ħajjithom tlett Imqabbin mill-familja Busuttil. Ma' din il-familja, matul żmien il-gwerra tilfu ħajjithom 14-il Imqabbi ieħor. Ta' min isemmi li l-każin tas-Soċjetà Santa Marija kien qiegħed jintuża mis-servizzi Ingliżi bħala uffiċċju governattiv. Peress illi l-knisja ma setgħetx tintuża, sakemm ġiet irranġata l-ħsara, ġiet utilizzata l-kappella ta' San Bażilju, kappella ta' żmien medjevali.

Matul il-gwerra, il-Maltin kif ukoll l-Imqabbin, fil-hemm u t-tbatija li kienu qegħdin jifnuhom, talbu bil-ħerqa lil Marija bħala Omm u Patruna tal-Maltin biex tinterċiedi għalihom. Kien proprju nhar il-15 t'Awissu 1942, li bl-interċessjoni ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema, daħal fil-Port il-Kbir il-Konvoj magħruf aħjar bħala Operation Pedestall li kien jinvolvi ħafna vapuri. B'xorti tajba daħlu fil-port 5 vapuri li kienu l-Port Chalmers; Brisbane Star; il-Melbourne Star; Rochester Castle u l-famuż vapur Ohio. Kif il-Maltin semgħu li daħlu fil-port il-vapuri, ġrew b'ġirja waħda fil-port u l-qniepen mill-knejjes infexxew idoqqu moti ta' ferħ.

Fl-1942, ir-Re tal-Ingilterra, ir-Re Ġorġ VI, ta lil Malta l-George Cross, bħala turija għall-qlubija li wrew f'dawk iż-żminijiet diffiċli u li għadu sal-lum jittajjar fuq il-bandiera nazzjonali ta' pajjiżna.

Appena għaddiet il-gwerra, u sar rendikont tal-ħsarat, l-Imqabbin ingħaqdu biex taħt it-tmexxija tal-kappillan jibdew jirranġaw il-ħsarat. L-Imqabbin utilizzaw il-motto tal-Imqabba, Non nisi per Ardua, li jfisser, Biss bil-ħila, għax fi ftit żmien sewwew il-ħsarat li ġarrbet il-knisja u bnew koppla ġdida taħt it-treġija ta' mastru Baskal Xuereb.

Ix-xogħol fuq il-koppla sar fi żmien Dun Ġeraldu Mangion u l-koppla ġiet miftuħa uffiċjalment fis-sena 1960. Mal-frizz tal-koppla hemm miktuba dawn il-proprju kelmiet: Beata Vergine Marija in cielo ad anima et corpora 1960. Matul is-snin, il-koppla l-ġdida ġiet dekorata minn ġewwa bid-deheb u illuminazzjoni. F'kull rokna fil-parti t'isfel hemm impittra l-erba' evanġelisti li tlieta huma xogħol Aldo Micallef Grimaud u San Luqa huwa l-oriġinali ta' Filippo Venuti…l-istess pittur li pitter il-Kwadru Titulari ta' Santa Marija fl-1896.

Fl-istess żmien, is-soċji u partitarji tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, kienu qegħdin jaħsbu biex jerġgħu jagħmlu l-istatwa tal-ġebel biswit il-knisja u li kienet inqerdet fl-attakk tal-għadu nhar id-9 t'April 1942. Il-Benefattur ħabrieki, Spiridione Schembri (ta' Barbra), avviċina lill-iskultur Marco Montebello ta' Ħal Tarxien biex jieħu ħsieb jiskolpixxi din l-istatwa fil-ġebel. Ta' min isemmi li l-iskultur Marco Montebello, skolpixxa wkoll l-istatwa ta' Santa Marija li tinsab fuq il-każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V imħallsa minn Lorenzo Ellul (ta' Katrinu).



Ix-xogħol fuq il-bini mill-ġdid tal-koppla li ġiet miftuħa uffiċjalment fi żmien il-kappillan Dun Ġeraldu Mangion.

L-istatwa tal-Assunta skolpita fil-ġebla Maltija, tbierket u



Msida multi-level intersection



Msida multi-level intersection



Piling works for Enemalta, gas turbine foundations



Plaza Commercial Centre, Sliema



St.James Art Centre, Valletta

**BALLUT BLOCKS LTD.**

**Civil Engineering Contractors, Manufacturers of precast concrete products and suppliers of building materials.**

**Ballut Blocks Limited, Wied Filep, L/O Naxxar**
**Tel: 2157 3093, 2157 2666 • Fax: 2157 5562**



ART AND BEAUTY
• Nails
• Make up for all occasions
• Waxing
• Manicures and pedicures
• Slimming Treatments
• Massages
• Eyelash and Eyebrow tinting
• Facials
• Face painting for birthday parties or other occasions
• Body glitter art painting
Free consultations
Tel: 27809937 • Mob: 99206919
Web: www.artandbeautymalta.com • Email: artandbeauty@live.com
Address: Valletta road Mqabba




OLIVE GARDENS
ATTENTION TO DETAIL
OLIVE GARDENS ONLY €750 FOR THE REMAINING DATES IN 2010
CATERERS
VENUE: Olive Gardens, Tal-Mahruq, Triq l-Gharreqin, Mdina. TEL: 2145 1143
HEADOFFICE: 13-20, M.Borg Gauci Street, Tal-Handaq, Qormi. TEL: 2147 2255, 2124 1550
info@camillerigroup.com www.camillerigroup.com

tqiegħdet f'postha nhar it-2 ta' Ġunju 1960 mill-Kappillan Dun Ġeraldu Mangion fil-preżenza tal-poplu Mqabbi. L-awtoritajiet Ekkleżjastiċi taw Indulġenza parzjali lil kull min jgħid Salve Regina quddiem din ix-xbieha.

## Attività 9 t'April 2010

Nhar id-9 t'April 2010, il-Kummissjoni Festi Ċentinarji, flimkien mal-Frieghi tas-Soċjetà, ħasbu sabiex jorganizzaw 'Lejla ta' tifkira' biex jitfakkar dan l-imsemmi attakk li kien sar fuq ir-raħal tal-Imqabba nhar id-9 t'April 1942. F'din il-Lejla wkoll tfakkar il-ftuħ uffiċjali tal-Koppla kif ukoll il-50 sena mill-istatwa tal-ġebel ta' Santa Marija li tinsab fil-pjazza li wkoll kienet sfat imġarrfa fl-attakki tal-għadu.

Għal din l-attività kulturali kellna diversi stands fosthom il-*Victory Kitchen* li kienet tinkludi ħobż u stuffat tal-laħam; il-Ħanut ta' Kurun imżewwaq bid-daqq tal-għana u l-Mejda Tradizzjonali Maltija; Mejda tal-kafè Malti u xi ikel kumplimentari tradizzjonial mal-kafè. Kellna wkoll il-karru tal-ħobż li kien jintuża dak iż-żmien kif ukoll esebizzjoni ta' vetturi militari mill-Għaqda tal-vetturi Militari u vetturi oħra antiki. Ġie ppreparat *feature* fuq il-gwerra u r-raħal tal-Imqabba filwaqt li ndaqqet is-sirena flimkien ma' *re-enachtment* tal-isparar tal-bombi mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija Mqabba. Il-Banda Re Ġorġ V, fi hdan l-istess Soċjetà tat is-sehem tagħha billi daqqet marċi militari għal din l-okkażjoni.

Għal din l-attività nfethet ukoll il-wirja popolari *La Semana Santa* esebita fis-swali prinċipali tas-Soċjetà Santa Marija kif ukoll infetaħ għall-ewwel darba għall-pubbliku xelter ta' żmien il-gwerra. Xelter li attira numru kbir ta' nies speċjalment anzjani li niżlu f'dan ix-xelter sabiex jerġgħu jesperjenzaw dak li għaddew minnu matul il-Gwerra Dinjija. Kellna wkoll *re-enachtments* tal-ħajja ta' dawk iż-żminijiet. Esebizzjoni oħra interessanti kienet dik ta' Abiti Sagri li kienet tinkludi fost l-oħrajn diversi kapep u kallotti ta' isqfijiet u monsinjuri.

F'din il-lejla, l-għaqdiet volontarji bħala Mużew tal-Avjazzjoni, l-i*Scale Models* t'Għawdex, taw is-sehem taghhom ukoll. Ma setax jonqos il-loghob tradizzjonali Malti għat-tfal u esebizzjoni ta' ritratti mill-imgħoddi relatati ma' din il-ġrajja. Għal din l-attività kellna fostna l-ambaxxatriċi tal-Ingilterra li kellha kliem ta' tifħir għal din l-inizjattiva.

Din l-attività nistgħu ngħidu li kienet suċċess totali u ntlaqgħet tajjeb ħafna minn dawk kollha li għoġobhom jingħaqdu magħna, tant li diversi kienu l-kummenti li għamlulna kuraġġ sabiex din l-attività ssir parti integrali fil-kalendarju tas-Soċjetà. Permezz ta' din l-attività rnexxielna nfakkru ġrajja li għalkemm mhux daqshekk sabiħa għar-raħal tagħna hija parti integrali u importanti wkoll fl-istorja tal-Imqabba. Kienet ħasra li dan l-avveniment qatt qabel ma kien qed jiġi mfakkar.



Il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V mixgħul għall-okkażjoni.



Il-President jidher ipoġġi bukkett fjuri quddiem l-istatwa ta' Santa Marija li tinsab fl-Pjazza.



Vetturi militari li kienu esebiti fl-attività organizzata 'Id-9 ta' April 1942... Ġrajjiet l-Imqabba'



Dehra ġenerali tal-folla kbira ta' nies li attendew bi ħġarhom għal din l-ewwel 'Lejla ta' Tifkira' li ġiet organizzata fl-Imqabba.



Kanzunetta maħruġa mis-Soċjetà fl-okkażjoni tas-Sena taċ-Ċentinarju

# Ċentinarju Tagħna Lkoll

Tkanta: Alison Ellul
Mużika: Mro. David Agius - Versi: Nicholas Baldacchino

1. Fit-twemmin li ssawwarna
Mill-eqdem żminijiet
L-imħabba lejn din Ommna
Sultana tas-Smewwiet
U b’hekk fil-ħajja tagħna
Fit-tajjeb u l-ħażin
Nafu l’qed tħares fuqna
F’kull mument u f’kull ħin.

2. Ħadmu missirijietna
B’viżjoni, impenn, kuraġġ
Biex Soċjetà iwelldu
Li l-Ommna tagħmel ġieħ
U b’hekk fir-raħal tagħna
Din l-għaqda għamlet il-ġid
B’imgħoddi w storja kbira
Li tnaqqxet tul is-snin.

**Ritornell:**
Mitt sena għall-Imqabbin
B’ħilitna lkoll
Din storja ta’ suċċess
Fil-kultura u l-mużika
Mżejna bl-aqwa talent
Fil-passat u l-futur
l-għan jibqa’ jkun
li l-Ommna nagħmlu ġieħ
bla mistrieħ, int u jien
Nibnu l-istorja flimkien
Ejjew niċċelebraw
Niffesteġjaw u ngħożżu dal-mument
Dan iċ-Ċentinarju tagħna lkoll.

3. B’ħidmet il-membri tagħha
Għamilna passi kbar
U fis-setturi kollha
Xogħol ta’ kapaċità.
U tkattru s-suċċessi
Fi xtutna u lil hinn
Unuri għal pajjiżna
Biss ħila u impenn.

**Ritornell:**
Mitt sena għall-Imqabbin
B’ħilitna lkoll
Din storja ta’ suċċess
Fil-kultura u l-mużika
Mżejna bl-aqwa talent
Fil-passat u l-futur
l-għan jibqa’ jkun
li l-Ommna nagħmlu ġieħ
bla mistrieħ, int u jien
Nibnu l-istorja flimkien
Ejjew niċċelebraw
Niffesteġjaw u ngħożżu dal-mument
Dan iċ-Ċentinarju tagħna lkoll

Mela ejjew b’qalb waħda inkantaw
Kull ostaklu ser nissuperaw
B’ħeġġa kbira inħarsu ’l quddiem
Destinati li nissemmgħu mal-Kbar.

**Ritornell:**
Mitt sena għall-Imqabbin
B’ħilitna lkoll
Din storja ta’ suċċess
Fil-kultura u l-mużika
Mżejna bl-aqwa talent
Fil-passat u l-futur
l-għan jibqa’ jkun
li l-Ommna nagħmlu ġieħ
bla mistrieħ, int u jien
Nibnu l-istorja flimkien
Ejjew niċċelebraw
Niffesteġjaw u ngħożżu dal-mument
Dan iċ-Ċentinarju tagħna lkoll.

Ejjew niċċelebraw
Niffesteġjaw u ngħożżu dal-mument
Dan iċ-Ċentinarju tagħna lkoll.

*Sena Ċentinarja 1910-2010*

# JMA Aluminium works

**Joseph Mizzi Aluminium works & soffit ceilings**
40A, Industrial Estate, Luqa
Tel/Fax: 2180 7851 Mob: 9944 5686
E-mail: mizalum@maltanet.net

*For aluminium products with competitive prices and professionally done with years of experience in aluminium works*

**We fabricate aluminium apertures, like doors & windows with new profiles and a large range of colours.**
**We cater for customer made structures, as greenhouses, verandas, skylights, facades and more.**





*Call for free quotation for:*
Louvers fixed & adjustable
Double glazed apertures (with Argon Gas)
Showers & partitions
Insect screens & roller nets
Hinged, sliding & revolving apertures
Maltese balconies, stairs & handrails
Security main doors
Arched apertures & folding doors

***We do also soffitt ceilings in mineral fibre & gypsum in various models***






Di Rocco Ltd, Prince Albert Street, Albert Town, Marsa HMR 17 • Tel: 21 227344 • Fax: 21 227345 • E-mail: dirocco@digigate.net




L-Attivist tas-Sena 2009

# Trofew Chev. George Martin A. Mus. L.C.M., O.S.T.J.

Bħal kull sena s-Soċjetà tagħna tieħu ħsieb li tippreżenta l-unur tal-attivist tas-sena lil dak jew dawk il-persuni li fl-opinjoni tagħha jkunu iddistingwew ruħhom b'xi mod aktar minn oħrajn għall-impenn u ħidma matul is-sena. Din kienet inizjattiva oħra tal-familja Martin li bla dubju għandhom għal qalbhom ferm is-Soċjetà tagħna.

L-attivist għal din is-sena kien fil-fatt is-Sur Carmel Briffa. Dan l-unur ġie ppreżentat nhar l-10 t'Awwissu 2009 mill-familja Martin innifisha waqt il-Programm Annwali u Strumentali li l-Banda Re Ġorġ V esebixxiet fil-pjazza quddiem il-Każin.

Karmenu, kif inhu aktar magħruf magħna, sa minn ċkunitu kellu għal qalbu s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u l-Festa ta' Santa Marija kif ukoll l-Imqabba. Minn dejjem kien attiv fi ħdan is-Soċjetà. Għal diversi snin, sewwa sew għal dawn l-aħħar 41 sena, Karmenu kien ukoll membru fil-Kumitat Eżekuttiv bil-maġġor numru ta' snin fil-kariga importanti ta' Kaxxier tas-Soċjetà. Kariga li Karmenu irnexxielu jonora bil-kbir u li bl-għaqal tiegħu mexxa lis-Soċjetà fit-triq il-quddiem. Tul is-snin kienu diversi proġetti li s-Soċjetà tagħna imbarkat fuqhom imma grazzi għal din il-ħidma għaqlija s-Soċjetà dejjem irnexxielha twassal fi tmiemhom dawn il-proġetti mingħajr piż żejjed fuq is-Soċjetà tagħna. Karmenu kien strumentali f'diversi proġetti bl-aktar proġett importanti u ambizzjuż ikun dak tal-estensjoni tal-Każin fejn Karmenu mhux biss jieħu ħsieb mil-lat finanzjarju imma wkoll ma jiddejjaqx imidd idu fejn meħtieġ. J'alla Karmenu jkun ta' eżempju għalina lkoll sabiex bħalu s-Soċjetà tkun it-tieni familja tagħna.

Kienet proprju din id-dedikazzjoni lejn is-Soċjetà f'għeluq l-40 sena ta' ħidma fil-Kumitat Eżekuttiv li wassal biex is-Soċjetà tirrikonoxxi u tonora l-ħidma kbira ta' Karmenu Briffa. Mill-ġdid prosit Karmenu u nawgurawlek aktar ħidma b'risq is-Soċjetà tagħna li tant għandek għal qalbek u tant tħobb.


Is-Sur Carmel Briffa, Kaxxier attwali tas-Soċjetà jidher jirċievi t-Trofew Chev. George Martin, mingħand is-Sur Norman Martin, bħala l-attivist tas-sena 2009.

> Is-Soċjetà tixtieq tirringrazzja lis-Sur Carmel Briffa għax-xogħol tiegħu b'risq is-Soċjetà tul dawn il-41 sena ta' ħidma fil-Kumitat Eżekuttiv.




GasanMamo
INSURANCE

*We're always there*

Tied Insurance Intermediary, Joseph Busuttil, FrankJoyce, Zurrieq Road, Safi SFI 1441
Tel: 21 682 095 / 27 682 095, Fax: 21 682 095, E-mail: jbs16@hotmail.com
opening hours: mornings 8.30 to 12.30 • evenings 16.00 to 19.00 • Saturday 8.30 to 12.30

Head Office: Msida Road, Gzira GZR 1405, Malta
Tel: 21 345 123 Fax: 21 345 377
insurance@gasanmamo.com | www.gasanmamo.com

GasanMamo Insurance is authorized to carry on business of Insurance regulated by the MFSA

# Kunċert
# Vokali u Strumentali
# mill-Banda Re Ġorġ V



**It-Tlieta, 10 t'Awwissu 2010 fid-9.45pm**

| | | |
|---|---|---|
| Innu | Lil Raħal Twelidi | A. Camilleri |
| Omaggio | Omaggio Al Circolo Giorgio V | D. Agius |
| Overture | Poet and Peasant | Franz Von Suppè |
| Song | You Raise Me Up<br>**Ikanta: Ludwig Galea** | Rolf Lovland and Brendon Graham |
| Sound Track | Robin Hood | Michael Kamen |
| Military March | The Thunderer | John Philip Sousa |
| Song | I'm a Believer<br>**Ikanta: Ludwig Galea** | Neil Diamond |
| Sypmhonic Suite | Pirates of the Carribean | Klaus Badelt |
| Selection | Pop Mania | Arr. J. D. Zammit |
| Song | O Surdato 'Nnamorato<br>**Ikanta: Ludwig Galea** | Arr. Luciano Apap |
| Innu Marċ | Maria Assunta | Leonard Farrugia |
| Innu | Innu tal-Banda | A. Camilleri |

**Jidderieġi:**
Mro. David Agius A. Mus. L.C.M., A. Mus. V.C.M. ( Hons.), A.L.C.M.

**Jippreżentaw:**
Chev. Carmel Bianchi u s-Sinjura Joyce Guillaumier



# Programm Festi Esterni f'ġieħ Santa Marija 2010

## Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju: BIDU TAL-KWINDIĊINA – JUM IT-TFAL

**6.00pm** Quddiesa Kantata li fiha jsiru l-preżentazzjoni u t-tberik tat-trabi u tat-tfal lill-Madonna. Iqaddes u jmexxi l-funzjoni l-Wisq Rev. Dun Nazzaren Caruana, Kappillan. Il-Funzjoni tagħlaq billi l-ġenituri jpoġġu l-fjuri u x-xema' li jkun ġabu magħhom quddiem l-Istatwa tal-Madonna. Tingħata Santa – tifkira lill-ġenituri tat-tfal li jkunu ħadu sehem fil-funzjoni.

**8.00pm** Mixgħela tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**8.00pm** Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Jieħu sehem l-aqwa talent Malti.

## MATUL IL-ĠRANET TAL-KWINDIĊINA

**8.00pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u l-Każin tas-Soċjetà.

## It-Tnejn, 9 ta' Awwissu: JUM IL-ĦRUĠ TAL-ISTATWA

**7.30pm** Toħrog l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Banda Re Gorġ V bid-daqq ta' innijiet Marjani. Tieħu sehem ukoll is-Sopran Imqabbi, is-Sinjorina Francesca Farrugia. Inħeġġu lil kulħadd sabiex wara ninġabru lkoll fil-knisja għall-funzjoni qasira.

**8.30pm** Wara l-Banda Re Gorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħti bidu għall-ewwel marċ tagħha li jibda minn fejn il-Każin.

## It-Tlieta, 10 ta' Awwissu: JUM IT-TĦEJJIJA

**8.30pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Gorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius, tagħmel marċ qasir u wara tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali fuq il-planċier taħt il-Patroċinju tal-Onorevoli Dr. Lawrence Gonzi, Prim Ministru ta' Malta. Wara jsir riċeviment għall-mistednin distinti, soċji, benefatturi u partitarji kollha.

## L-Erbgħa, 11 ta' Awwissu: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar, tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar diversi toroq fir-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## Il-Ħamis, 12 ta' Awwissu: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## Il-Ġimgħa, 13 ta' Awwissu: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Gorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda l-marċ tradizzjonali tal-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċji u partitarji flimkien ma' sorpriżi ġodda.

## Is-Sibt, 14 ta' Awwissu: LEJLET IL-FESTA

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ mat-toroq tal-Imqabba.

**8.00pm** Program Strumentali mill-Banda King's Own tal-Belt Valletta, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. John Galea.

**10.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż Żabbar, dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tesegwixxi Program Strumentali ġewwa l-pjazza tar-raħal.

## Il-Ħadd, 15 ta' Awwissu: L-GĦID TAL-ASSUNTA

**12.00pm** Il-Banda Re Gorġ V ghal darb'oħra mmexxija minn Mro. David Agius, tibda marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin ghal madwar it-toroq prinċipali tar-rahal.

**6.00pm** Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ronnie Debattista tibda marċ minn Triq San Bażilju sal-Pjazza, tidħol fiz-zuntier tal-Knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara, il-banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Farrugia ssellem l-Istatwa Titulari minn fuq il-planċier bid-daqq tal-Ave Maria u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll il-Mezzo Sopran Francesca Farrugia.

**8.45pm** Malli l-Istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro. Alfred Farrugia tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni ta' Chev. Mro. George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħu sehem il-Baritonu Piju Dalli , it-Tenur Andrew Sapiano kif ukoll il-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara taħt id-direzzjoni tas-Sinj. Josian Zammit. Wara, l-istess banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10.30pm** Wara r-ringrazzjament ġewwa l-Knisja mill-membri u ammiraturi tan-nar, il-Banda Re Ġorġ V, mmexxija minn Mro. David Agius tkompli tallegrana b'marċ qasir li jintemm quddiem il-Każin.

## Il-Ħadd, 22 ta' Awwissu: L-OTTAVA TAL-FESTA

**7.30pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja kif ukoll tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Gorġ V. Nagħlqu l-Festa ta' din is-sena b'serata ta' kant u divertiment quddiem il-Każin.






Lavur    Qoxra tal-Fil    Fireplaces

MAKSAR
Stone Decoration
1, St. Mary Garage, 12th May Street, Żebbuġ
Tel: 21 450 593 | Mob: 99 472 993







# Funzjonijiet fil-Knisja

**Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju**
**– Jum it-Tfal – Bidu tal-Kwindiċina**

**6.00pm** Preżentazzjoni tat-tfal (sa ħames snin) lill-Madonna.
**6.30pm** Quddiesa solenni, talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka. Mistiedna b'mod speċjali t-tfal.

**It-Tnejn, 2 ta' Awwissu**
**– Griżma tal-Morda**

**6.30pm** Quddiesa għall-morda u anzjani tal-parroċċa. Jiġi amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda. Imexxi Dun Trevor Fairclough
Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka.

**It-Tlieta, 3 ta' Awwissu**
**– Jum l-Għaqda tan-Nar Santa Marija**

**6.30pm** Quddiesa għall-membri tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija.
Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka.

**L-Erbgħa, 4 ta' Awwissu**
**– Jum it-Tifkira tas-Soċi u Benefatturi**

**6.30pm** Quddiesa kantata b'suffraġju għall-erwieħ tas-soċji u benefatturi mejtin minn Dun Jonathan Farrugia.
Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka.

**Il-Ħamis, 5 ta' Awwissu**
**– Jum iż-Żgħażagħ**

**6.30pm** Quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ minn Patri Joe Zahra O.P.
Talba tal-kwindiċina, Innu u Barka.

**It-Tnejn, 9 ta' Awwissu**
**– Ħruġ tal-Istatwa fuq iz-Zuntier**

**6.00pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina u Barka.
**7.30pm** Isir il-ħruġ solenni tal-istatwa ta' Santa Marija u wara jitkanta l-Innu Ave Maris Stella u l-Antifona.

**It-Tlieta, 10 ta' Awwissu – Jum il-Familji**

**6.30pm** Quddiesa tal-Kwindiċina bis-sehem tal-familji tal-parroċċa. Talba tal-Kwindiċina u Barka.

**L-Erbgħa, 11 ta' Awwissu**
**– L-Ewwel Jum tat-Tridu**

**6.30pm** Quddiesa solenni minn Patri Joe Zahra O.P. Wara, talba tal-Kwindiċina, Innu, Salve Regina, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

**Il-Ħamis, 12 ta' Awwissu**
**– It-Tieni Jum tat-Tridu**

**8.00am** Quddiesa kantata.
**6.30pm** Quddiesa solenni minn Patri Joe Zahra OP. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Awwissu**
**– It-Tielet Jum tat-Tridu**

**8.00am** Quddiesa kantata
**6.00pm** Quddiesa solenni minn Patri Joe Zahra OP. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

**Is-Sibt, 14 ta' Awwissu**
**– Lejlet il-Festa**

**8.15am** Quddiesa solenni mill-Kappillan Dun Nazzareno Caruana. Wara jitkanta t-Te Deum u l-Antifona "Beata Mater".
**6.30pm** Transulazzjoni solenni tar-relikwa, immexxija mimm Mons. Paul Vella. Wara, quddiesa kantata Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ħadd, 15 ta' Awwissu**
**– Jum il-Festa**

**7.00am, 8.00am** Quddiesa.
**9.15am** Quddiesa Konċelebrata solenni bil-Paniġierku minn Mons. Paul Vella.
**10.00am** Quddiesa (fil-Kappella ta' San Bażilju).
**11.15am** Quddiesa.
**5.00pm** Quddiesa.
**6.00pm** Għasar solenni minn Mons. Paul Vella. Salve u Litanija.
**7.15pm** Purċissjoni bl-Istatwa artistika, devota u Titulari tal-parroċċa immexxija mill-istess Ċelebrant.
**10.15pm** Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ħadd, 22 ta' Awwissu**
**– L-Ottava tal-Festa**

**6.30pm** Quddiesa, ripożizzjoni tar-relikwa, Te Deum u Barka.

Il-mużika tat-tridu, lejlet u nhar il-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Patri Salv Galea O.P.

**Sagrament tal-Qrar:**
Is-Sibt, 14 ta' Awwissu, lejlet il-Festa, ikun hawn diversi konfessuri għall-Qrar bejn it-8.30am u l-10.30am u l-4.30pm u s-6.30pm.

**Opening Hours:**

Monday
Closed

Tuesday,
Wednesday & Friday
9.00 – 12.00
15.30 – 18.00

Thursday
15.30 – 18.00

Saturday
9.00 – 18.00

- Qualified Staff
- Friendly Atmosphere
- Hair Care Products & Cosmetics
- Gift vouchers available

*With every Facial Treatment booked you get a FREE manicure (offer valid for the month of July & August 2010)*

*Beauty Treatments:*

Facials
Eyebrow Shaping
Eyebrow & Eyelash Tinting
Waxing
Electrolysis
Manicures
Makeup for all occasions
Pedicures
Nail Extensions
Nail Art
Slimming Treatment

Triq it-Tempesta,
Qrendi
Tel: 21649407, 21685081
Mob: 99840556

*Hairdressing:*

Cuts
Blow drys
Treatments
Real Hair Extensions
Lights
Perms
Straightening
Colouring
Upstyles

*Holistic Therapy:*

Aroma Massage
Swedish Massage
Hot/Cold Stone Therapy
Indian Head Massage
Legs, Hands and Foot Body points
Anti-stretchmark Massage



**vanity affair**

COME IN FOR YOUR TIME OUT!

# Jerry's Silencer Repairs



$CO_2$ Welding



**Jerry's Garage**
Siġġiewi Road, Mqabba
Tel: 21640750 Fax: 21642535 Mob: 9944 9237



## Mill-Kummissjoni Banda

# Il-Banda Re Ġorġ V Impenn fis-sena taċ-Ċentinarju

kitba tas-Sur Antoine Farrugia


Il-Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius.


Il-Banda Re Ġorġ V waqt wieħed mis-servizzi tagħha għall-festa ta' San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ tas-sena l-oħra.


Il-Banda waqt is-servizz tagħha fil-festa tal-2009 ad unur il-Madonna tal-Karmnu ġewwa ż-Żurrieq.


Wieħed mis-servizzi li l-Banda Re Ġorġ V tagħmel fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja ġewwa Ħaż-Żabbar, fis-sena 2009.

Iż-żmien itir bħal leħħa ta' berqa u għal darb'oħra ninsabu ftit ġimgħat bogħod mill-Festa tal-Patruna Santa Marija, Festa li hi tant għażiża għalina l-Imqabbin. Festa li għal din is-sena hija Festa importanti għaliex qegħdin niċċelebraw l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tal-Ewwel Soċjetà Mużikali fl-Imqabba.

Bħala Soċjetà Mużikali, il-Banda hi ċ-ċentru tal-attenzjoni fi ħdan is-Soċjetà tagħna u minn kif tistgħu taqraw iżjed 'il quddiem, l-impenji tal-Banda matul is-sena Ċentinarja mhux talli ma naqsux talli żdiedu fuq is-servizzi tas-snin preċedenti. Appena għaddiet il-festa tas-sena l-oħra, u għamilna s-servizz fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar, il-Kummissjoni Banda bdiet taħdem fuq il-programm strumentali li kien imissha tagħmel fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba. Il-programm li ġie mtella' b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Mqabba kien jikkonsisti f'mużika leġġera u tal-widna fejn l-attendenza numeruża kellha kliem ta' tifħir.

Għall-ħabta ta' Novembru, il-Kumitat flimkien mal-Kummissjoni Banda organizzaw l-ikla annwali bħala ringrazzjament lill-bandisti tal-post tas-servizz li joffru matul is-sena mingħajr ħlas. Matul din il-lejla, ġew mistiedna wkoll daqqaqa li daqqew strumenti antiki però b'mużika tal-widna li paxxiet u rrilassat lill-bandisti, lis-soċji u l-partitarji li attendew bi ħġarhom ġewwa l-Monte Kristo Estates f'Ħal Farruġ.

Appena għaddew il-festi tal-Milied, bdejna niltaqgħu għall-kunċerti biex nibdew nippreparaw għall-programm tal-festa ta' din is-sena. F'Marzu, il-Banda Re Ġorġ V ġiet mistiedna mis-Sezzjoni Żgħażagħ biex tieħu sehem fil-ftuħ tal-wirja La Semana Santa, wirja relatata mal-Ġimgħa Mqaddsa li saret avveniment annwali fil-kalendarju tas-Soċjetà. Il-programm tal-Banda kien taħt il-patroċinju ta' Mons. Lawrence Gatt. Fid-9 t'April 2010, il-Banda Re Ġorġ V Mqabba, ġiet mistiedna mill-Kummissjoni Festi Ċentinarji biex iddoqq marċi Brijużi u militari waqt attività bl-isem 9 t'April 1942 – Lejla ta' Tifkira fejn ġiet imfakkra l-ġrajja kerha tal-gwerra kif ukoll il-50 sena mill-ftuħ uffiċjali tal-koppla tal-Knisja parrokkjali kif ukoll il-50 sena mit-twaqqif mill-ġdid tal-Istatwa ta' Santa Marija li tinsab fil-pjazza tal-Knisja.

Fix-xahar ta' Mejju, il-Banda kienet impenjata ddoqq marċ brijuż mat-toroq ewlenin tal-Imqabba wara li l-Għaqda tan-Nar tal-Art fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V rebħet l-ewwel post fir-IV


SNACK BAR & PIZZERIA
& TAKE AWAY
Grills & Snacks
Appetizers
Entertainment
Amusement Games
Billiards & Snooker
WE SPECIALIZE IN
FENKATI & HORSE MEAT
LIVE SPORTS ON BIG SCREENS
THE VENUE
Blue Grotto Avenue, Żurrieq
Tel: 21642487 Mob: 79730248 / 99447883

Festival Nazzjonali tan-Nar tal-art ... Suċċess ieħor miksub fil-kullana ta' suċċessi fi ħdan is-Soċjetà.

Bħal kull familja, il-Banda tgħaddi minn mumenti feliċi u mumenti koroh. Appena konna ħerġin mill-ferħ ta' dan l-unur miksub, il-Banda tilfet element important minnha, is-Sur Joseph Zammit – katubier u klarinettist mal-Banda Re Ġorġ V sa minn tfulitu. Ġużepp, kif konna nsibuh, kien bniedem umli u ċajtier li kien iħobb ħafna l-Banda u li ħalliena nhar is-Sibt 5 ta' Ġunju 2010. Kienet ħasda għalina l-bandisti kif ukoll għas-Soċjetà u li għalkemm ma kienx joqgħod l-Imqabba qatt ma falla kunċert.

Nhar it-Tnejn 7 ta' Ġunju, il-Banda sellmitlu b'daqq ta' marċi funebri kif ukoll innijiet Marjani fuq xewqa tiegħu stess. Filwaqt li nirringrazzjawh tas-servizz li ta lill-Banda, nibagħtu l-kondoljanzi lill-familja tiegħu filwaqt li nħeġġu lill-bandisti jimxu fuq l-eżempju tiegħu.

Fix-xahar ta' Lulju, il-Banda ġiet mistiedna ddoqq fil-festi ta' San Ġużepp f'Ħal Kirkop, fil-festa ta' San Ġużepp ġewwa Ħaż-Żebbuġ kif ukoll għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq.

Matul dawn il-festi speċjali, il-Banda tagħna ser iżżid żewġ bandisti ġodda mal-element żagħżugħ li għandha. Filwaqt li nifirħulhom, nawgurawlhom kull suċċess u iktar studji fil-qasam mużikali. Hawn il-ħsieb idur fuq il-ġenituri biex iħeġġu jibagħtu lil uliedhom jitgħallmu l-arti mużikali mingħajr ħlas ġewwa l-każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Fl-istess waqt nifirħu wkoll lis-sur Manwel Zammit li s-sena l-oħra irċieva l-unur 'Bandist tas-Sena' ġentilment sponsorjat mill-Kumpanija Di Rocco Ltd.



Is-Sur Manwel Zammit li s-sena l-oħra irċieva l-unur 'Bandist tas-sena' waqt l-ikla annwali għall-Bandisti organizzata ġewwa Montekristo Estates Hal Farruġ.

Filwaqt li nagħtukom il-Festa t-Tajba, nistiednu lil kulħadd jakkumpanja lill-baned kollha speċjalment lill-Banda Re Ġorġ V matul il-ġranet tal-Festa u nistiednu lil kulħadd biex jattendi għall-programm strumentali nhar l-10 t'Awwissu li se jkun wieħed speċjali fl-okkażjoni tal-mitt sena mit-twaqqif tal-EWWEL SOĊJETÀ MUŻIKALI FL-IMQABBA.

**VIVA L-BANDA RE ĠORĠ V FI ĦDAN L-EWWEL SOĊJETÀ MUŻIKALI MQABBIJA.**

# Nifirħulhom u nawgurawlhom...

## Tliet membri fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V, jiksbu suċċess fl-istudji tagħhom



Anne-Marie Busuttil gradwat bħala Doctor in medicine and surgery



Chris Schembri Baldacchino gradwa fil-Bachelor in Education (Hons.) with Technical Design & Technology



Stephanie Farrugia gradwat fil-B.Ed (Hons.) in Primary Education

# Velton Ltd

**Għad-dilettanti tal-Festi**

**Lampi tal-Kulur u Ċari**

**15 watts u 25 watts**

**Mob: 9949 7336**





# Reborn
## BAR

Marsa Cross Road, Marsa
(Infront of Bank of Valletta Branch)

**We specialize in**
Pasta dishes, Steak dishes
& a variety of snacks

Tel 21224921

*Open on week days from 6.00 am onwards*



# Innu lil Santa Marija, Imtellgħa s-Sema

**Mużika: Chev. Mro. George Martin**
**Kliem: Patri J. M. Ghigo**

Ave Marija, bil-grazzja mimlija,
Sellimlek l-anġlu fil-milja tas-snin.
W'aħna ntennulek, uliedek imġarrba,
dejjem ħarisna u żommna safjin.

Santa Marija, bil-grazzja mimlija,
Sellimlek l-anġlu fil-milja tas-snin.
U dejjem ħarisna u żommna safjin.

Marija … Marija dejjem ħarisna
u żommna safjin.

Marija … Inti waħdek fid-dinja,
Ġejt imnissla mingħajr ħtija,
Għaliex tiled lil Ibnek,
dak li riedna mifdija.

Għal dan kont Inti magħżula,
mill-Kbir Alla, il-wisq ħanin
Dak li sewwa b'setgħetu,
sewwa ġrajjiet il-bnedmin.

Għal dan kont Inti magħżula,
mill-Kbir Alla, il-wisq ħanin
Dak li sewwa b'setgħetu,
sewwa ġrajjiet il-bnedmin.
Li sewwa ġrajjiet il-bnedmin.

Minn Alla il-wisq ħanin,
li sewwa ġrajjiet il-bnedmin.
Inti waħdek fid-dinja,
Għaliex ridt tiled lil Ibnek,
dak li riedna mifdija.

Għal dan kont Inti magħżula
mill-Kbir Alla, il-wisq ħanin,
dak li sewwa b'setgħetu,
sewwa ġrajjiet il-bnedmin.

Għall-kelma minn tiegħek,
bħal dik ta' qaddejja,
Bin Alla ġie fostna,
sirt miegħu feddejja.

Weżintu tul ħajtu, weżintu mislub,
biex jegħleb il-jasar,
tal-mewt u tad-dnub.
Weżintu tul ħajtu, weżintu mislub,
biex jegħleb il-jasar,
tal-mewt u tad-dnub.

Sellimlek l-anġlu fil-milja tas-snin.
Ave Marija, bil-grazzja mimlija,
sellimlek l-anġlu fil-milja tas-snin.
Int dejjem ħarisna u żommna safjin.

Sellimlek l-anġlu fil-milja tas-snin.
Int dejjem ħarisna u żommna safjin.
Żommna għall-kelma minn tiegħek,
bħal dik ta' qaddejja.

Bin Alla ġie fostna sirt miegħu feddejja.
Għalhekk meta tiegħek, daqqet ta' ħajtek,
daqqet is-siegħa, bdejt tgħix ħajja ġdida,
ta' glorja nixxiegħa,
u ġew l-anġli, l-anġli tas-sema
u fil-Ġenna ġew iwassluk
biex ma' Ibnek issaltan u lkoll infaħħruk.

U ġew l-anġli, l-anġli tas-sema
u fil-Ġenna ġew iwassluk
biex ma' Ibnek issaltan u lkoll infaħħruk.

Ave Marija, bil-grazzja Inti mimlija,
sellimlek l-anġlu, fil-milja minn tas-snin.
U aħna ntennulek uliedek imġarrba,
dejjem ħarisna u żommna safjin.



## Presidenti tas-Soċjetà

**Każin Soċjali Santa Marija**

| | |
|---|---|
| Paolo Caruana | 1905 – 1910 |

**Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V**

| | |
|---|---|
| Feliċ Zammit | 1910 - 1920 |
| Angelo Ghigo | 1920 - 1925 |
| Giuseppe Bugeja | 1925 - 1946 |
| Giovanni Ghigo | 1946 - 1947 |
| Giuseppe Bugeja | 1947 - 1949 |
| Giovanni Ghigo | 1949 - 1955 |
| Leonard Spiteri | 1955 - 1956 |
| Charles Sciberras | 1956 - 1962 |
| George Busuttil | 1962 - 1966 |
| Joseph Farrugia | 1966 - 1969 |
| Louis Galea | 1969 - 1973 |
| Charles Sciberras | 1973 – 1975 |
| Joseph Ghigo | 1975 - 1977 |
| George Busuttil | 1977 – 1983 |
| Leonard Farrugia | 1983 - 1984 |
| Joseph Sciberras | 1984 - 1985 |
| Joseph Farrugia | 1985 - 1990 |
| Carmel Zahra | 1990 – |

## L-Orkestra 'Santa Marija'

**Fundatur**

Giuseppe Galea

**Surmastrijiet / Diretturi**

Mro. Charles Schembri L.R.C.M.
Prof. Antonio Mamo L.R.C.M.
Prof. Paolo Carabott L.R.S.M., L.L.C.M.
Mro. Espedito Deguara A.L.C.M.
Mro. Francesco Azzopardi U.S.S.M.

## Banda Re Ġorġ V

**Surmastrijiet / Diretturi**

| | |
|---|---|
| Mro. Giuseppe Maria Barbara A. (Mus.) L.C.M. | 1947 - 1953 |
| Mro. Leonard Spiteri F.L.C.M. | 1953 - 1955 |
| Mro. George Martin A. (Mus.) L.C.M., S.M.O.S.J. | 1955 - 1991 |
| Mro. Anthony Camilleri L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M. | 1991 - 1997 |
| Mro. David Agius A. (Mus.) L.C.M., A. (Mus.) V.C.M. (Hons.) A.L.C.M. | 1997 - |



Profili

# Diretturi u Surmastrijiet

Informazzjoni miġbura mis-Sur Antoine Sciberras

## Fundatur Orkestra 'Santa Marija'

**Giuseppe Galea**

Ġużeppi Galea hu iben Mikiel u Anna xebba Mallia. Twieled l-Imqabba nhar l-10 ta' Novembru 1918 fejn għex ħajtu kollha. Ġużeppi kien idoqq il-klarinett mal-Banda Sant'Andrija ta' Ħal Luqa u wara beda jistudja l-pjanu. Dan seħħ fis-snin tletin. Ftit qabel it-tieni gwerra dinjija, Ġużeppi Galea beda jgħallem il-mużika fil-Każin Re Ġorġ V iżda kellu jieqaf ħesrem minħabba l-gwerra. F'dan iż-żmien insibuħ idoqq l-orgni tal-knisja parrokkjali sakemm inqabad suldat mar-*Royal Army Medical Corps*. Wara l-gwerra reġa' ntefa' b'ruħu w ġismu għat-tagħlim tal-mużika ġewwa l-każin sabiex fis-sena 1945 twaqqfet l-Orkestra Santa Marija.



Ċużepp Galea, Fundatur tal-Orkestra Santa Marija fis-Sena 1945.

Fl-istess żmien lil Ġużeppi Galea nsibuħ jitgħallem il-vjolinċell. Id-dedikazzjoni fil-professjoni tiegħu ta' infermier u l-imħabba altruwista għat-tixrid tal-kultura mużikali għamlu lil Ġużeppi Galea bniedem rispettat u maħbub ħafna.

Ġużeppi kien idoqq l-orgni tal-knisja, il-vjolinċell kif ukoll il-klarinett. Kien jgħallem il-mużika ġewwa l-każin u t-tagħlim tal-mużika kien jieħdu bis-serjetà ħafna. Kien il-ħin kollu impenjat u ma kinitx tgħaddi minuta waħda li ma kienx ikollu x'jagħmel. Ġużeppi kien dilettant ħafna li jarma il-presepju tal-Milied. Kien dilettant ukoll li jarma artal u kien jieħu pjaċir f'xi festa jarmah bil-lampieri u gandlieri flimkien ma' statwetti tal-appostli. Ġużeppi Galea, peress li kien infermier magħruf ġor-raħal u anke ġieli ma' barra r-raħal, ħafna nies kienu jafdaw ħafna fih. Għall-marid kien jagħmel kollox biex isabbru u jarah imfejjaq. Ġużeppi, kien raġel sinċier u twajjeb. Miet nhar it-18 ta' Jannar 1980.

(Estratt minn kitba tas-Sur Victor Galea, iben il-Fundatur mill-ktejjeb annwali tal-Festa Santa Marija 2007)

## Diretturi tal-Orkestra Santa Marija

**Mro. Charles Schembri L.R.C.M.**

Dwar is-Surmast Karmenu Schembri ftit li xejn nafu informazzjoni. Minn informazzjoni li għaddielna verbalment is-Sur Joseph Farrugia, Storiku u ex-President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba, jidher li Mro. Charles Schembri twieled nhar id-19 t'April 1919 fir-raħal tal-Marsa li sa dak iż-żmien kien għadu jifforma parti mill-Ħamrun. Wara li ta s-sehem u l-għajnuna tiegħu lis-Soċjetà meta ġiet iffurmata u mwaqqfa l-Orkestra Santa Marija, is-Surmast Schembri kien siefer lejn l-Ingilterra fis-sena 1949 sewwa sew fid-19 t'Awwissu 1949. Minn hemm kien emigra lejn l-Awstralja. Dan jista' jiġi kkonfermat ukoll għaliex sas-sena 1948, Mro. Schembri kien għadu jidher ismu fuq ir-reġistru elettorali. Mro. Charles Schembri kien iżżewweġ lil Josephine u kellhom tifla.

**Referenzi:**

Informazzjoni mgħoddija verbalment mis-Sur Joseph Farrugia.

**Prof. Antonio Mamo L.R.C.M.**

Il-Professur Antonio Mamo twieled il-Belt Valletta nhar l-10 ta'



Prof. Antonio Mamo

Mejju 1903 u ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar id-19 ta' Mejju 1960, fl-għomor ta' 57 sena. Nafu li kien vjolinista tajjeb ferm u għalliem ta' ċertu karizma. Ir-ritratt storiku li għad baqalna tal-Orkestra 'Santa Marija' kien meħud fi żmienu.

**Referenzi:**

Programm Festa Santa Marija 1995, Mqabba, paġna 111 - Kitba tas-Sur Joseph Farrugia.

### Prof. Paolo Carabott L.R.S.M., L.L.C.M.

Il-Professur Paolo Carabott kien vjolinċellista magħruf sew f'Malta kif ukoll fil-Kontinent. Twieled il-Belt Valletta nhar il-21 ta' Mejju 1906 u miet fid-19 ta' Lulju 1976, fl-għomor ta' sebgħin sena. Sa minn ċkunitu studja mużika u strument taħt missieru Mro. Paolo li kien skular tal-Professur Antonio Carri; studja l-armonija taħt it-tmexxija ta' Mro. E. Pace Inglott u żied tħarreġ fl-armonija, kontrapont, sturmentazzjoni, eċċ. taħt Mro. Carmelo Pace F.L.C.M. u Dr. T.R. Mayne. Ta' 16-il sena laħaq prim ċellista tat-Teatru Irjal u hu l-ewwel Malti Vjolinċellista li kiseb id-diploma Associate (A.L.C.M.) u Licentiate (L.L.C.M.), tal-London college of Music, diploma ta' Licentiate tar-*Royal Schools of Music* (L.R.S.M.) u l-ewwel Malti li kiseb medalja tad-deheb tal-A.L.C.M. u oħra tal-L.L.S.M. fir-Renju Unit. F'kompetizzjoni tal-*London College of Music* ħareġ l-ewwel fost il-kompetituri tal-Ingilterra. Kiteb studji mużikali tal-vjolinċell: *Sudio dell'Arco*, u *Left Hand Technique* apprezzati minn vjolinċellisi barranin u kompożizzjonijiet mużikali oħrajn. Kien surmast u direttur ta' diversi orkestri, fosthom dik 'Santa Marija'.



Prof. Paolo Carabott

**Referenzi:**

Programm Festa Santa Marija 1995, Mqabba, paġna 111 - Kitba tas-Sur Joseph Farrugia.

### Mro. Espedito Deguara A.L.C.M.

Espedito Deguara twieled iż-Żejtun fis-26 ta' Lulju tal-1904 iben Salvu, mużiċista, u Marija xebba Vella. Ġie mgħammed fit-28 ta' Lulju u mgħoti l-ismijiet ta' Espedito, Franġisku u Karmenu. It-tieni wild fost tmien aħwa u kien imur l-Iskola Primarja taż-Żejtun. Wara kompla jistudja fil-Kulleġġ tal-Frères f'Bormla. Meta kien għadu żgħir, Espedito wera mill-ewwel x'kienet sejra tkun il-karriera tiegħu u fl-1919, huwa beda jitgħallem il-klarinett mingħand missieru stess. Studja wkoll il-kurunetta u kompla jitħarreġ taħt is-Surmast Ġużè Cassar, li dak iż-żmien kien Direttur tal-Orkestra Santa Katarina taż-Żejtun. Fil-fatt kien hu li nkoraġġieh biex jagħmel kors tal-armonija, kompożizzjoni u kontrapunt. Fis-sena 1919, beda kors ta' apprentist bħala *engine fitter* fid-*Dockyard*. Fis-sena 1927 daħal bħala impjegat mar-*Royal Air Force* fejn dam sas-sena 1932. Wara kompla fl-istess xogħol mal-*Air Ministry* minn fejn irtira fis-sena 1964. Fl-10 ta' Novembru tas-sena 1931, Espedito żżewweġ lil Marija Speranza Palmier u kellhom tifel wieħed Joseph. Wara li fis-sena 1933, miet is-Surmast Ġużè Cassar, Espedito ġie maħtur bħala Direttur tal-Orkestra Santa Katarina taż-Żejtun fejn baqa' sas-sena 1948. Taħt id-direzzjoni tiegħu, l-Orkestra Santa Katarina kienet tesegwixxi programmi operistiċi u sinfoniċi fil-pjazez ta' xi rħula u servizzi reliġjużi fil-Parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żejtun kif ukoll fi knejjes oħra. Barra mill-kompożizzjoni, is-Surmast Deguara tgħallem il-pjanuforti għand is-Surmast Carmelo Pace u fis-sena 1940 ħa d-diploma ta' A.(Mus.) L.CM. minn taħt idejh.

Fis-6 ta' Marzu tal-1943, Espedito ġarrab il-mewt ta' martu Marija Esperanza. Fis-sena 1944, is-Surmast Deguara ġie maħtur Direttur tal-Orkestra Santa Katarina taż-Żurrieq wara r-riżenja tas-Surmast Ferdinandu Falzon u fl-1945 huwa kien strumentali fit-twaqqif l-Orkestra Santa Marija fil-Każin tal-Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba flimkien ma' Charles Schembri L.R.C.M., Antonio Mamo L.R.C.M. u l-Professur Pawlu Carabott. Fid-9 ta' Frar tal-1947, is-Surmast Deguara żżewweġ lil Fortunata Micallef u minn dan it-tieni żwieġ kellhom żewġt itfal, Salvinu u Doris. Is-Surmast Deguara kien awtur ta' bosta mużika sagra għall-vuċijiet u l-orgni, għall-vuċijiet u l-orkestra, fosthom innijiet, sitt *Tantum Ergos*, *Salve Regina*, *Te Deum*, *Miserere*, diversi Għosrien, Responsorji għall-Matutin tal-festa ta' Santa Katarina, u ħames Antifoni. Kiteb ukoll disa' Responsorji għall-Ġimgħa l-Kbira; erba' minnhom huma:



Mro. Espedito Deguara

***'Piange'***, ***'Astiterunt'***, ***'Jerusalem'*** u ***'Sepulto Domino'***. Ikkompona wkoll Innu Marċ **"Santa Katarina"** fuq versi miktuba minnu stess. Fis-16 ta' Ottubru tal-1978, mietet it-tieni mara tiegħu, Fortunata. Mro Espedito Deguara miet nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Jannar tal-1994 fid-dar tiegħu ġewwa Ħal Luqa fl-età ta' 89 sena.

**Referenzi:**

Programm Festa 1994 Banda Santa Katarina, Żurrieq - Kitba tas-Sur Karmenu Zerafa.

Programm Festa Santa Marija 1995, Mqabba, paġna 113 - Kitba tas-Sur Joseph Farrugia.

### Mro. Francesco Azzopardi U.S.S.M.

Is-Surmast Francesco Azzopardi kien l-aħħar sumast li minn taħtu għaddiet l-Orkestra 'Santa Marija'. Huwa twieled Ħad Dingli nhar l-20 ta' Novembru 1915 u minn informazzjoni mgħoddija minn qraba tiegħu, nafu li miet nhar il-11 ta' Lulju 1987. Nafu wkoll li kien vjolinista tajjeb u li kien kiseb diploma mużikali mill-*United States School of Music* fis-sena 1957.

**Referenzi:**

Programm Festa Santa Marija 1995, Mqabba, paġna 117 - Kitba tas-Sur Joseph Farrugia.



Mro. Francesco Azzopardi

## Surmastrijiet Diretturi tal-Banda Re Ġorġ V



Mro. Ġużeppi Maria Barbara

### Mro. Giuseppe Maria Barbara A.(Mus) L.C.M. (1947 - 1953)

Ġużeppi Barbara minn Marsaxlokk, twieled fil-1918 u beda l-karriera mużikali tiegħu fl-1935 meta daqq l-ottavin mal-Banda *Beland* taż-Żejtun. Huwa studja t-teorija għand Mro. J. Worley u taħtu għamel kors regolari tal-*Advanced Grade*. Studja armonija u kontrapont taħt Mro. Vincent Costa ta' Birkirkara u kiseb id-diploma ta' *Associate* tal-Kulleġġ Mużikali ta' Londra (A.Mus. L.C.M.).

Fl-1945, ħa taħt it-tmexxija tiegħu l-Banda *Santa Marija* ta' Ħal Għaxaq u fl-1946 organizza u kabbar il-Banda King George V tal-Imqabba. Fl-1956 ħa taħt idejh il-Banda *Holy Trinity* tal-Marsa u biha wettaq Innu tiegħu f'ġieħ it-Trinità Mqaddsa, versi tal-poeta msemmi Dun Frans Camilleri u li kien milqugħ b'tifħir mill-pubbliku u mill-ġurnali. Fl-1960 beda jidderieġi l-Banda *San Ġużepp* ta' Ħal Għaxaq.

Xogħlijiet mużikali għandu ħafna. Barra minn għadd ta' Marċi Brijużi u oħrajn funebri, għandu l-Innu grandjuż f'ġieħ Santa Marija Assunta, versi tal-Imqabbi Patri Ġiżwita Joseph Ghigo, u li ndaqq għall-ewwel darba fit-13 ta' Awwissu 1949 mill-Banda *King George V* tal-Imqabba. Dakinhar l-*Overture Odette* ndaqq ukoll għall-ewwel darba mill-istess Banda u kiseb suċċess. Għandu wkoll Fantasija għall-klarinett *in Mi Bimoll* u *Overtures*: *Persicaria* u *Madame D'Honneur*. Il-mużika tiegħu twettqet minn diversi baned. Huwa dam Surmast tal-Banda tal-Imqabba mill-1947 sa l-1950.

**Referenzi:**

Lia Carmen (1960 - ): Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja tal-Imqabba – Mqabba: Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, 1997 xvu,236p.:29.2cm ISBN 99909-68-30-6, paġna 175.



Mro. Leonard Spiteri

### Mro. Leonard Spiteri F.L.C.M. (1953 - 1955)

Leonard Spiteri twieled l-Imqabba nhar it-18 ta' Jannar 1930, iben Ġużeppi u Marija née Debattista. Attenda l-iskola primarja tal-Gvern u l-Kulleġġ De La Salle. Daħal bħala *apprentice joiner* fit-Tarzna tal-armiraljat fl-1945.

Beda jitgħallem il-mużika u d-daqq tal-oboe fil-Każin Re Ġorġ V u ddebutta mal-Okestra Santa Marija. Bandist regolari tal-Banda Re Ġorġ V mit-twaqqif tagħha fl-1947.

Fl-1953 ħadem bradella u bankun għall-istatwa tal-Madonna




Arcadia,
Gilbiena Street,
Żabbar.
Tel/Fax: 2167 7970

*We Specialize in:*
**1.** Frame Moulding in different shapes and sizes, Parquet Flooring and Wooden Skirting
**2.** Furniture Mouldings
**3.** Kitchen & Interior doors in standard measures or in desirable size
**4.** Panelling in solid Pine





All Selections can be made from a wide selection of wood
(Pine - Oak - Mahogany - Samba)

**PURCHASE DIRECTLY FROM MANUFACTURER AND SAVE MONEY**

**FREE DELIVERY**

# GĦAR LAPSI VIEW

*Bar, Restaurant & Pizzeria*

(ta' Rita)

Tel: 2164 0608 - 2168 0800
Open Daily from 10.00am onwards (Summer Time)
Mondays Closed

tar-Rużarju fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba. Din l-opra ġiet iddisinjata minnu stess bi stil kompletament ġdid għal dak li soltu naraw. Fl-istess sena ddisinja u ħadem il-bieb ta' barra tal-Każin Re Ġorġ V. Fl-1950 beda l-istudji tiegħu tal-armonija u l-kontrapont għand is-surmast Carmelo Costa u kkwalifika għad-diploma A.Mus. LCM. fl-1953. Sadattant Leonard Spiteri ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V, kariga li okkupa bejn l-1951 u l-1956. Inkuraġġit mill-ewwel suċċessi fl-istudji mużikali, iddeċieda li japprofondixxi b'iktar serjetà. Fl-1956 mar Londra u rreġistra bħala student tal-*London College of Music* u l-*Guild Hall of Music and Drama* fejn kien jattendi bħala 'evening classes student'. Fl-1957 ikkwalifika għad-diploma L.Mus. LCM. u għal F.L.C.M. fl-1962. Sa fejn hu magħruf dan kien l-ewwel Malti li studja fil-*London College of Music* u mmerita dawn iż-żewġ diplomi.

B'rabta maċ-ċentinarju Pawlin fl-1960 ikkompona 'St. Paul's Variations', mużika bbażata fuq l-għajdut antik Malti li nhar San Pawl it-temp jinbidel seba' darbiet. Din il-kompożizzjoni tibda b'tema prinċipali li tissolvi f'seba' varjazzjonijiet kollha bbażati fuq it-tema prinċipali jew l-istess armonija. 'St. Paul's Variations' ixxandret għall-ewwel darba fuq il-B.B.C. fi programm apposta fl-okkażjoni tal-festi ċentinarji ta' San Pawl fl-1960 u ndaqqet mill-pjanista Frederic Stone. Fl-1962 ġie intervistat fuq il-B.B.C. *Overseas* u f'din l-okkażjoni reġgħet indaqqet is-'St. Paul's Variations'. Meta kien għadu Londra Mro. Spiteri kkompona 'Roosevelt Scroll', kantata għall-Orkestra, baritonu u kor. Bażata fuq il-messaġġ ta' unur li dan il-President Amerikan ta lil Malta u li jinsab mal-faċċata tal-palazz presidenzjali, il-Belt Valletta. din il-kompożizzjoni tlestiet nhar il-11 ta' Novembru 1963; dak in-nhar stess li mietet Lady Roosevelt. F'Londra Mro. Spiteri kien għal tul ta' snin inkarigat minn funtana artistika mżejna bil-fjuri u dawl elettriku fuq *sprays* tal-ilma li kienet tintrama fir-*Royal Albert Hall* tul id-49 'promenade concert' organizzati mill-B.B.C..

Lura f'Malta fl-1964 kiteb innu "Lil Marija Assunta" għall-banda li tant kien ħadem għaliha - il-Banda Re Ġorġ V. Dan ir-rigal kien l-ewwel innu għall-vuċi pwerili li kellha s-Soċjetà Santa Marija għall-festa tal-parroċċa. Mill-mod kif bena din il-kompożizzjoni u l-maestrija fl-armonija, nibdew nifhmu l-abilta' ta' dan is-surmast kompożitur. Indaqq l-ewwel darba mill-Banda Re Ġorġ V minn fuq iz-zuntier fi ħruġ il-vara ta' Santa Marija min-niċċa nhar il-Ħadd 9 ta' Awwissu 1964, u kien kantat minn kor ta' xebbiet tas-Soċjetà.

Fl-istess sena ħadem bankun fejn jitpoġġa s-salib u l-lanterni tal-fratellanza tar-Rużarju u fl-istess żmien ukoll irrinova l-bieb ta' barra tal-Każin. F'Novembru 1964 ġie impjegat bħala *Full time Visiting Master* fil-mużika u l-*craft* mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fejn wara ġie stabbilit. Dam 27 sena f'dan l-impjieg sa ma rtira bl-età.

Fl-1965 ħa sehem kbir fid-dekorazzjoni tas-sala tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija. Fuq disinn tas-Sur Ġużè Galea, mir-Rabat, għamel il-forom għall-iskultura kollha tas-saqaf u wara ffurmahom u waħħalhom f'posthom.

Bejn l-1984 u l-1986 Mro. Spiteri ddisinja u ħadem in-niċċa għall-istatwa ta' San Bastjan. Din hi l-akbar xogħol fid-daqs li ħarġet minn idejh. Fuq disinn tas-Sur Frans Galea ħadem ix-xogħol tal-injam tal-pedestall waqt li l-abbozzi tal-bronż saru mid-disinjatur. Ħadem il-bażi tan-niċċa għall-Madonna tad-Duluri, li qatt ma kienet kompluta. F'dan ix-xogħol ta' min japprezza d-disinn, kostruzzjoni, il-kwalità u metodu tal-interzja li jeħodna lura għal mijiet ta' snin, xogħol li ma tantx jidher fil-knejjes ta' San Bastjan, Ħal Qormi, fejn mar jgħix meta żżewweġ lil Josephine née Borg fl-1968.

Għad li għal dawn is-snin kollha għex barra minn raħal twelidu, Mro. Leonard Spiteri għadu jħobb u jinteressa ruħu fl-Imqabba u b'mod partikulari s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**Referenzi:**
(Estratt mill-Programm Festa Santa Marija Mqabba 2003 paġna 128 - kitba tas-Sur Joseph Farrugia)

### Mro. George Martin L.Mus.V.C.M.(Hons), A.Mus.L.S.M. (1955 - 1991)

Wara Mro. Leonard Spiteri, laħaq Mro. George Martin A. (Mus), L.C.M., S.M.O.S.J. li dam Surmast mill-1956 sal-1991. Kien iħobb il-Banda daqs il-mimmi ta' għajnejh. Beda l-karriera mużikali tiegħu ta' età żgħira ħafna mal-Banda *Queen's Own* tal-Isla u billi mill-bidu nett wera li għad javvanza ħafna, il-Kumitat ta' dak iż-żmien iddeċieda li jibagħtu għal studju avvanzat taħt iċ-ċelebri Maestro Gaffarelli. Kien hawn li huwa żviluppa bħala wieħed mill-aqwa strumentalisti, fejn apparti strumenti mużikali oħrajn, huwa speċjalizza fil-French Horn.

Żmien wara huwa kompla jistudja taħt il-bravu Mro. Carmelo Pace F.L.C.M., L.R.S.M. għad-Diploma ta' *Associate of the London College of Music* fejn ħa kors intensiv fl-Armonija, Kontrapunt, Fuga,



Mro. George Martin







PRIVATE TUITION

**Mathematics & Physics**

Form 3, 4 and 5(SEC)

**Pure Mathematics**

Intermediate (MATSEC)

- **Locality:** Mqabba / Zurrieq
- **Contact:** Mr. M. Debattista
- **Phone:** 7970 7458

Strumentazzjoni, Kompożizzjoni u Storja tal-Mużika. Minbarra Surmast Direttur tal-Banda King George V, huwa kien ukoll għal żminijiet twal Surmast Direttur ta' diversi baned oħrajn bħal *San Leonardu* ta' Ħal Kirkop, *Queen's Own* tal-Isla u *Vilhen*a tal-Furjana.

Huwa dderieġa l-Banda Nazzjonali diversi drabi. Minbarra li Mro. George Martin huwa tista' tgħid wieħed mill-ewwel Maltin li ġie aċċettat membru tal-*Performing Rights Society* ta' Londra, huwa kellu wkoll l-unur kbir li l-bijografija tiegħu ġiet imdaħħla fid-*Dictionary of International Biography*, dizzjunarju li huwa awtorità.

Il-kompożizzjoni tiegħu, minbarra numru kbir ta' marċi birjużi u funebri, jinkludu erba' *Concert-Overtures*, Fantasija Mużikali, *Momente Romantique* u żewġ Innijiet grandjużi għall-Banda, Solisti u Kor, wieħed lil San Leonardu u ieħor lil Santa Marija tal-Imqabba, li mill-1966, meta żżanżan, baqa' jindaqq kull sena.

Fl-4 ta' Marzu 1974, Mro. George Martin kien onorat għall-kapaċità tiegħu fil-qasam mużikali billi nħatar Kavallier *di Grazia* tal-Ordni Sovrana ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm. Fl-1981, f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena tas-Surmast George Martin bħala Direttur tal-Banda fl-Imqabba, saru festi speċjali.

Is-Soċjetà *Santa Marija,* bħala turija ta' apprezzament, ippreżentat bandiera ġdida tal-banda li ttellgħet għall-ewwel darba fl-10 ta' Awwissu, jum li kien iddedikat lis-Surmast Martin.

Mro. George Martin miet fl-24 ta' Frar 1991 wara ħajja twila mal-Banda. Jibqa' mfakkar għall-Innu kapolavur *Lil Marija Mtellgħa s-Sema*.

**Referenzi:**

Lia Carmen (1960 - ): Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja tal-Imqabba – Mqabba: Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, 1997 xvu,236p.:29.2cm ISBN 99909-68-30-6 paġna 177.

## Mro. Anthony Camilleri L.Mus.V.C.M.(Hons), A.Mus.L.S.M. (1991 - 1997)

Maestro Anthony Camilleri jew kif magħruf fis-Soċjetà tagħna bħala Twanny, iben Nikol mis-Siġġiewi u Goachina xebba Zammit mill-Imqabba, twieled l-Imqabba fit-8 ta' Frar 1965. Huwa rċieva l-edukazzjoni ġenerali tiegħu fl-iskola tal-Gvern u ġewwa 'Mt. Carmel College' ta' Santa Venera. Wara sentejn fil-Liċeo l-Ġdid tal-Imsida, huwa daħal l-Università ta' Malta minn fejn, wara ħames snin kiseb bl-unuri l-Baċċellerat fl-Inġinerija Mekkanika (B.Mech. Eng. (Hons.)). Preżentament joqgħod l-Imqabba, miżżewweġ lil Louise xebba Camilleri miż-Żurrieq u għandhom żewġt itfal.



Mro. Anthony Camilleri

Mal-Banda tas-Soċjetà tagħna, huwa għadda mill-istadji kollha għaliex beda bħala alljiev, sar bandist meta ħareġ idoqq għall-ewwel darba fil-Festa ta' Santa Marija 1981, kien għal żmien twil delegat tal-Banda (kariga li baqa' jżomm sa qabel ma nħatar Surmast Direttur u għalliem tal-alljievi). Wara l-mewt ħesrem ta' Maestro George Martin A. (Mus) L.S.M. O.S.T.J., waqt is-seduta tal-Kumitat ta' nhar l-14 ta' Marzu 1991, ġie maħtur uffiċjalment bħala s-Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V.

Mro. Anthony Camilleri ħa l-ewwel tagħlim mużikali tiegħu mingħand l-Assistent Surmast is-Sur Leonard Farrugia. Mill-bidu nett huwa wera dik iċ-ċerta ġibda partikulari lejn l-arti mużikali iżda, l-mument importanti f'ħajtu illi qabbdu l-karriera ta' surmast kien meta ġie offrut l-'isponsorship' mill-każin tagħna sabiex jibda jmur għal-lezzjonijiet tat-teorija tal-mużika. Dan seħħ fuq insistenza tas-Sur Leonard Farrugia innifsu, li dak iż-żmien kien għadu jokkupa l-kariga ta' President.

Għaldaqstant, f'Ottubru 1983 huwa, b'sagrifiċċju personali kbir għax kien għadu kif daħal l-Università beda jattendi għall-lezzjonijiet għand Mro. Dr. Charles Zammit Ph. D., D. Mus., G.L.S.M., F.L.C.M., F.V.C.M., F.C.S.M. Cert. F.B.C.M., Hon. F.N.S.C.M., F.W.T.C., li lejh anki s-Soċjetà tagħna għandha tkun ferm grata għall-mod eċċellenti li bih ħa ħsieb iwassal it-tagħlim u l-formazzjoni mużikali neċessarja, li kienet tinkludi t-teorija tal-mużika, armonija, storja tal-mużika, kuntrapont, arranġament eċċ. Dan wasslu sabiex, wara li għadda mill-eżamijiet kollha, fil-bidu tas-sena 1991 huwa kiseb l-ewwel diploma professjonali tiegħu fl-arti mużikali bħala għalliem tat-teorija, armonija, storja tal-mużika eċċ., (A. Mus. L.S.M.) mil-'Lancashire School of Music'. Wara Mro. Camilleri kompla jistudja għall-liċenzjat L. Mus. L.S.M.

Mill-pinna mużikali tiegħu, kemm dam Assistent Surmast/ Direttur tal-Banda, doqna numru sabiħ ta' sitt marċi fosthom l-Innu Marċ Popolari 'Ġawhra Mqabbija' li hu kien ikkompona fl-1986 biex jitfakkar għeluq il-150 sena mill-miġja tal-Istatwa Artistika ta' Santa Marija fostna l-Imqabbin. Fis-sena 1991, is-sena meta Mro. Camilleri inħatar bħala Surmast/ Direttur tal-Banda Re Ġorġ V xtaq jirregala 'Innu lill-Banda' bħala turija ta' apprezzament għal dak kollu li s-Soċjetà tagħna għamlet miegħu. Fis-sena 1995 ikkompona

*Overture Religioso* bl-isem ta' *Fundatio*, xogħol revoluzzjonarju għall-Baned Maltin u Għawdxin minħabba l-fatt li, għalkemm maħdum fuq il-forma klassika tal-*Overture*, huwa xogħol iġġenerat minn funzjonijiet matermatiċi permezz ta' programmar avvanzat tal-kompjuter. Ta' min isemmi wkoll li Mro. Anthony Camilleri ikkompona wkoll l-Innu tal-Imqabba intitolat 'Innu lil Raħal Twelidi'.

Fis-sena 1996 is-Surmast Anthony Camilleri mexxa lill-Banda Re Ġorġ V fl-ewwel esperjenza tal-Banda barra minn xtutna sewwa sew ġewwa Santa Vittoria in Matenano ta' Ascoli Piceno. Dan kien il-bidu ta' Ġemellaġġ storiku li wara ġie mżejjen bl-unur prestiġġjuż mingħand l-Unjoni Ewropea 'Les Etoiles d'Or du Jumelage'. Fis-sena 2007, proprju sabiex jitfakkar għeluq il-ħmistax-il sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fi ħdan is-Soċjetà huwa ġie kkommisjonat sabiex jikkomponi diska kommemorattiva intitolata 'Qalb Żagħżugħa Waħdanija'.

**Referenzi:**
(Estratt mill-Programm tal-Festa 1991, paġna 15. Kitba tas-Sur Carmel Briffa.)

### Mro. David Agius A.Mus.L.C.M., A.Mus.V.C.M.(Hons), A.L.C.M. (1997 - )

David Agius inħatar Surmast mal-Banda Re Ġorġ V nhar it-23 ta' Marzu 1997. Beda l-karriera mużikali tiegħu mal-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar meta kellu biss 7 snin. Ħareġ idoqq għall-ewwel darba bil-klarinett fil-1982. Sentejn biss wara huwa ġie appuntat klarinett solista mal-istess banda. Matul il-karriera mużikali tiegħu, David daqq ma' għadd ta' baned Maltin u Għawdxin, fosthom il-Banda Nazzjonali. Kompla javvanza fl-istudji tiegħu, kemm fil-prattika kif ukoll fit-teorija għand diversi għalliema fosthom Mro. Ronnie Debattista u Freddie Mizzi. Dawn l-istudji wassluh biex jikseb bl-unuri d-Diplomi A. (Mus.) V.C.M. A. (Mus.) L.C.M. u l-A.L.C.M.

David Agius illum il-ġurnata huwa magħruf sewwa fil-qasam bandistiku Malti, l-aktar għall-għadd ta' marċi li kkompona fosthom il-famużi *Santos*, *Al Pacino* u *Censinos*. Fir-repertorju ta' dan is-Surmast huwa estenda biex ikkompona kompożizzjonijiet diversi fosthom fl-1999 Festive *Fantasy*, fl-2000 Id-Domma tal-Assunta, fl-2001 Kantata għal Sidtna Marija Omm tal-Grazzja u *Musical Impressions*, poema sinfonika fl-2005. Flimkien mal-Banda Re Ġorġ V, David Agius imexxi wkoll il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, li tagħha laħaq Surmast Direttur fis-sena 2000, wara li għamel numru ta' snin iservi bħala Assistent Surmast. Ilu wkoll għal diversi snin jokkupa l-kariga ta' Assistent Surmast mal-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara. Mro. David Agius iddistingwa ruħu wkoll internazzjonalment meta daqq ma' diversi baned Maltin u Għawdxin ġewwa għadd ta' pajjiżi madwar id-dinja.

Fis-sena 2005, Mro. David Agius mexxa l-Banda Re Ġorġ V waqt programm mużikali ġewwa



Mro. David Agius

t-Teatru Manoel fil-Belt Valletta. Proprju fis-sena 2007 Mro. David Agius mexxa lill-Banda Re Ġorġ V waqt Festival Internazzjonali għall-Baned ġewwa l-Provinċja ta' Ruma fl-Italja magħruf aktar bħala 'Festa del Socio' fejn anke l-Banda kellha x-xorti ddoqq ġewwa s-Sala Nervi waqt udjenza mal-Papa Benedittu XVI.

Fil-ħajja professjonali tiegħu David Agius jokkupa l-kariga ta' *Senior Broker* ma' Kumpanija tal-Assikurazzjoni. David Agius huwa miżżewweġ lil Antonella, li hi wkoll mużiċista. Huma jgħixu ġewwa r-Rabat, Malta u għandhom tlett itfal, Mayron Jose', Kieran u Quivan. Il-Kumitat, membri u bandisti tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V jifirħu lis-Surmast David Agius bħala Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V u jawgurawlu aktar snin fit-tmexxija tal-Banda, kif ukoll aktar suċċessi fil-karriera tiegħu.

**Akkademja tal-mużika ġewwa l-Każin**

Ibgħat lil uliedek jitgħallmu l-mużika b'xejn ġewwa l-Każin kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar.



Tifkiriet

# Ġużepp Zammit

Is-Sur David Zammit

Joseph, magħruf iktar bħala Ġużepp, twieled l-Imqabba fl-ewwel t'Awwissu tal-1938 minn Karmnu u Modesta Zammit bil-laqam 'tal-għoli'. Kien it-tielet wild minn ħdax aħwa ħajjin peress li erbgħa ħutu oħra mietu trabi. Attenda l-iskola primarja tal-Imqabba u wara kompla s-sekondarja fl-iskola *St. Michael*. Għamel l-eżami tad-*Dockyard* fejn daħal jaħdem bħala fitter fil-*workshop* fuq it-tornijiet iż-żgħar. Wara 40 sena ta' ħidma xejn faċli bis-sħanat fis-sajf u l-ksieħ tax-xitwa taħt soqfa tal-pjanċi u storbju kontinwu, irtira mix-xogħol b'sodisfazzjon u grad ta' mgħallem. Kien miżżewweġ lil Doris u kellu żewġ subien iżda sortunatament ħalliet din id-dinja f'età żgħira. Ftit snin wara reġa' żżewweġ lil Mary u kellhom tifel ieħor.

Bħala passatempi kellu l-istess xogħol li kien jaħdem, jiġifieri l-inġinerija, is-sajd u bla dubju l-mużika. Beda meta kellu madwar 14-il sena bid-*drums*. Kien idoqq fi grupp ta' sitta min-nies u kienu involuti fil-parteċipazzjoni tat-teatrin. Kienu jdoqqu fit-tiġijiet u fix-xalati tal-festi. Il-mużika li kienu jdoqqu kienet fuq stil *jazz*. F'dawk iż-żminijiet missieru kellu ħanut tax-xorb ġewwa l-Imqabba u ma setax jonqos li Joseph ma jagħtix sehmu flimkien ma' ħuh billi beda jdoqq il-kitarra biex jallegraw lill-klijenti li kien ikun hemm fil-ħanut. Iddeċieda li jibda jdoqq il-banda mas-Soċjetà Santa Marija u beda jitgħallem il-klarinett. Għamel snin idoqq fil-banda fejn imbagħad waqaf. X'aktarx li rtira mal-mewt tal-ewwel mara. Snin wara kien reġa' ġie kkuntatjat mill-każin ta' Santa Marija biex jerġa' jibda jdoqq. U hekk għamel għal dawn l-aħħar 27 sena fejn kien idoqq il-katuba. Għalkemm qatta' madwar 18-il sena jgħix Raħal Ġdid u 31 sena jgħix Ħaż-Żabbar, id-dover tiegħu bħala bandist dejjem għamlu. Programm jew marċ qatt ma fallieh u rari falla xi kunċert għajr dawn l-aħħar snin peress li kien kiber fl-età. Barra l-Imqabba għamel ukoll xi ftit snin idoqq mal-banda ta' San Mikiel ġewwa Ħaż-Żabbar. Meta rtira mix-xogħol u allura kellu ħafna iktar ħin liberu kien xtara *syntisizer*. Beda jitgħallmu waħdu u jekk kont tmur tard wara nofsinhar kont issibu jdoqq kanzunetti ta' żmienu. Ra li seta jgħamel iktar u ddeċieda li jikteb marċ u wara kiteb ieħor. Tant kemm kellu għal qalbu l-mużika li kull minn jafu, jista' jgħid li lil Joseph jiftakru jsaffar jew xi kanzunetta antika jew xi marċ. Nazzarda biex ngħid li iktar saffar milli tkellem f'ħajtu. Ma kienx iparla ħafna però dak li jgħid kien ikun fih x'tomgħod. Barra l-istrumenti li semmejt Joseph kien idoqq ikoll il-mandolina u l-*accordian*.

Kien bniedem li jekk titolbu pjaċir ma kienx jaf jgħid le u b'dawn il-kwalitajiet Joseph kien ammirat minn diversi nies. Però tajjeb li mhux nammirawh biss iżda nikkupjawh. Ġużepp ħalla din id-dinja nhar il-5 ta' Ġunju 2010. Il- funeral akkumpanjat mill-Banda Re Ġorġ V, sar nhar is-7 ta' Ġunju 2010, ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba.



Is-Sur Ġużepp Zammit jidher jirċievi l-unur 'Bandist tas-Sena - 1998' mingħand is-Sur Rokku Camilleri f'isem Di Rocco Ltd.


Callus
Landscaping & Gardening
• Detailed Design & Landscaping
• Automatic water irrigation
• Ponds and water falls
• Natural & artificial rocks-scaping
• Suppliers of all types of trees, palms and shrubs
• Real carpet lawns
• Garden Cleaning and Maintenance
• Pruning of Trees
• Free consultation
We can alter your garden to your likings!
'Serjo' • Triq Wied Xkora • Siggiewi
Tel: 2146 4602 | Fax: 2740 5135 | Mob: 7940 5135 • 7906 2797
E-mail: callusj@onvol.net



# F'ġieħ l-istorja

Kitba tas-Sur Giovanni Battista Farrugia
Storiku

Din is-sena qed niċċelebraw il-mitt sena tas-Soċjetà Santa Marija (1910 – 2010). Skont l-istorja, f'din id-data ġie rreġistrat l-ewwel kumitat bis-Sur Feliċ Zammit, l-ewwel President, bniedem ta' ċerta intelliġenza u li tant kien jirrispettani. Skont xi għajdut; dan kien l-ewwel kumitat rikonoxxut mill-ġustizzja. Però dan ma jfissirx li ma kiex hemm xi kwalità ta' kumitati oħra. U dan għaliex saru festi kbar qabel din id-data, kif kien qalli darba s-Sur Feliċ Zammit. Jien ġa ktibt xi ħaġa dwar dan … is-Sur Zammit kien jinteressa ruħu fl-istorja … Din hi storja twila u glorjuża li jippossedi l-Partit Santa Marija, u diżgrazzjatament għadu ma nkiteb xejn dwar dan!

Inħallu ftit l-istorja antika, u nistudjaw dan l-annu li jidher li hu annu providenzjali, [1]għall-fatt li fl-1610 ittieħdet deċiżjoni li jsiru [2]ċerti devozzjonijiet, u festi żgħar lil Santa Marija, tal-Faqqanija … li kellha devozzjoni kbira mill-akwati tagħna, li kellha wkoll xi ikoni (*ex voto*) prova tad-devozzjoni. Kien fil-1710 fi żmien il-Kappillan Dun Nerik Cuschieri li kabbar ħafna d-devozzjoni lejn l-Assunta u kompla l-bini tal-knisja. Spiċċa minn Kappillan fis-sena 1711 peress li kien mill-Imdina u fil-Katidral kienet teżisti devozzjoni kbira lejn l-Assunta. [3]Eżatt fl-1910 meta kellna lil Dun Stiefnu Zerafa li serva ta' Kappillan bejn il-1803 u 1829, kien beda l-ħsieb biex issir statwa sabiħa lil Santa Marija. Fiż-żmien dan il-Kappillan kienet teżisti Santa Marija liebsa l-ħwejjeġ. Kienu tlieta; l-istatwa ta' Satna Marija tal-Imqabba, San Nikola tas-Siġġiewi u San Lawrenz tal-Birgu!

[4]Kien fl-1910 meta kellna bħala Kappillan lil Dun Franġisku Saverju Bonanno (1906-1922), il-Partit Santa Marija kien diġà għadda minn ħafna diffikultajiet, fosthom fejn kellhom jiltaqgħu ... għax sa din id-data diġà kienu biddlu tliet postijiet. Però fost kollox f'waħda mis-seduti ta' Ġunju 1910 tnissel il-ħsieb għall-qabar tal-fidda ... mozzjoni magħmula minn Leli Zammit u ssekondata minn Salvu Balzan (Damjan) u Ġanni Zammit (Brajnek) u qabel magħhom Feliċ Zammit. Din l-idea twettqet sal-1926, meta ġie mżanżan dan il-kapolavur lil din il-maħbuba Reġina tas-Sema u l-Art, Santa Marija.

Issa wasalna għall-2010 fejn ser nirreġistraw paġna ġdida fl-istorja ta' Malta bil-miġja fostna tal-Papa Benedittu XVI. Paġna glorjuża li fiha x'wieħed jitgħallem, kif is-suċċessur ta' San Pietru, ġie jżur il-gżira ta' San Pawl, wara 1950 sena ta' Kristjaneżmu! Benedittu XVI narah strumentali biex jagħti messaġġ intelliġenti lil min għandu moħħ u qalb ta' rieda tajba, għax qiegħed jafferma ruħu bħala l-aqwa intelletwali denju tal-millenju l-ġdid. Tassew wirt ta' Kristu?! ... F'din l-epoka, brillanti fit-teknoloġija, medjokri f'oqsma oħrajn fosthom il-morali, magħmula minn kurrenti ewlenin li jorbtu ma' xulxin lajċiżmu mal-atejiżmu. Korrettezza li hi sikwit identifikata mat-telf tas-sens fundamentali, li għandu bżonn il-bniedem. Ħafna jgħaddilhom il-ħsieb – Għalfejn qiegħed ngħix? ... Min fejn tlaqt? ... Fejn sejjer? ... Hijiex biss il-ħofra l-aħħar promozzjoni, fil-qofol tad-diskorsi u l-kitba tal-Papa Benedittu XVI u allura l-lingwa t'Alla mhijiex il-lingwa tal-post, u taż-żmien li nsejħulha storja?



L-ewwel Kumitat tas-Soċjetà bl-ewwel president ikun is-Sur Feliċ Zammit (nofs).

# Tahabel Ltd

St. Catherine, John Borg Str., Żejtun ZTN 2705
Tel: 2167 3589 / 9947 0351 • Fax: 2169 2894 • E-mail: info@tahabel.com

Importers of:
All Kinds of Ropes
Chains
Hardware lems
Shading Cloths
Safety Wear
Tents
Camping Equipment
Gyzers
Heaters
Fans
Air Conditioners
Computers & Laptops
Polyplumb Water Fittings & Pipes
Key Clamps
Fishing & Trapping Nets
Wire rope
Bathroom Spares
& Much More








VALY Heaters
TESY
EVERNAL
POLYPLUMB
NOVA
GleisteinRopes

# SEABREEZE HOTEL

PRETTY BAY, BIRŻEBBUĠA

## BAR & RESTAURANT

( Fully Airconditioned )

Tel: 2165 1256, 2165 1499

**Open also to Non-Residents**
**Entertainment every Saturday Night**

Bħalma r-rota hi dejjem modernament tonda hekk hi l-verità, ogħla minn tradizzjonali, eqdem mill-epoki, iktar profonda mill-bidliet tal-istaġun? Fuq dan il-punt qiegħed jinsisti l-Papa Benedittu XVI. U għal dan, sallum dik il-kriżi kienet biss kriżi reliġjuża ... u ebda avvanz xjentifiku ma għandu s-saħħa li jweġibha u jsolviha! ... Albert Einstein ġabar kollox f'essenzjal tiegħu 'L'Unika ħaġa li tinteressani hi li nifhem il-moħħ t'Alla! Kull ħaġa oħra hi dettall!'



Il-Papa Benedittu XVI

Dnub kbir fl-epoka post moderna; is-suppervja l-għadu tal-għerf! U hawn Benedittu XVI li qiegħed ifittex li jirranġa dan l-iżbilanċ bejn dubju u ċertezza, bejn fidi f'Alla u kuraġġ fejn wieħed jgħid li ma jemminx. Dan miġbur fil-ħsieb tiegħu 'Kriżi tal-ħsieb'.

L-Ewropa, il-kontinet xiħ, donnu tilef is-sens tal-istorja, inħakem minn ħafna kriżijiet u memorji, telf tal-kultura, tal-iskop. L-imsejken kontinet tkaxkar bejn il-kburija staġjonali tax-xjenza u l-umilta' dejjiema tal-fidi! Għal dan wieħed, għandu jpoġġi għall-istudju tiegħu! … Il-Misteru l-Kbir; Is-skiet t'Alla. Għal min jemmen hu skiet ħaj u attiv.

Benedittu XVI hu vuċi unika li qiegħed ileħħen it-tama intelliġentement u biex wieħed ibaxxi rasu quddiem il-mistoqsijiet li x-xjenza ma tistax tmisshom. Din il-kriżi tal-ħsieb li ħadd ma jista' jinsa', u għal dan ħadd aktar ma kien hawn min hu impenjat sa issa fl-istorja. Benedittu fil-feħma tiegħi sab tarf il-kobba li ninsabu fiha!

"Mgħallem tajjeb għallimni ħalli nsalva'. Issa jmiss lilna li nisimgħuh bl-ikbar imħabba u rispett lejn il-proxxmu u hekk lejn Alla, inwettquh b'qalb sinċiera u bil-medjazzjoni tant meħtieġa tal-glorjuża Verġni Marija Santissma. Bejn bnedmin miżerabbli u l-Ispirtu s-Santu Alla, u hekk nifhmu l-pjan providenzjali li s-Sinjur Alla bagħtilna permezz tal-Papa Benedittu XVI u għax ikollna medjatura lil kbira ħanina Verġni Marija, li wara ħajja ta' wied tad-dmugħ, f'xi mumenti, nidhru quddiem il-Mulej b'din l-Omm ħanina fuq il-lemin u allura b'sentenza favorevoli tal-Mulej. Ngħidulha Grazzi. Grazzi għażiża Santa Marija ta' dak kollu li tgħajtna tul dawn is-snin.

**Referenzi**

[1] Loretu Vella Vol 5. P.12
[2] Dun Karm Decelis, Devozzjonijiet Marjani 1888
[3] Loretu Vella Vol 7. P.25. KILIN Knejjes u cappelli – Joe Zahra, Storicu Qormi
[4] Leli Zammit lili Personali; Feliċ żammit lili personali;
Leli Zammit kellu notamenti antiki, li ghinuni ħafna fir-riċerka bhalma kien iżomm Salvu Balzan!

**Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba**
miġbura fi ktieb ta' Carmen Lia

Ktieb utli
għall-istudenti tal-Istorja
– Rigal uniku
għal qrabatna Emigranti

Jista' jinxtara mill-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V





## Mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija

# Inkomplu Nibnu fuq is-Suċċessi

Għeżież Żgħażagħ, Soċji, u Partitarji ta' din l-Ewwel Soċjetà Imqabbija, u tal-Festa Titulari. Huwa ta' pjaċir għalina li aħna bħala kumitat taż-Żgħażagħ qegħdin inwasslu dan il-messaġġ tagħna f'din il-pubblikazzjoni ta' qabel il-festa f'ġieħ il-Padruna Universali Santa Marija. Bħalissa, kull sezzjoni fi ħdan din l-Ewwel Soċjetà Mqabbija għaddejja bi preparamenti kontinwi, u xogħol impenjattiv, sabiex niċċelebraw il-festa ċentinarja kif jixraq. Hekk kif ninsabu fuq l-għatba ta' dawn il-festi ċentinarji, huwa fil-kompitu ta' kull għaqda b'mod speċjali tagħna ż-Żgħażagħ li lkoll flimkien mal-partitarji nkomplu nibnu dawn is-suċċessi b'kisbiet oħra. Huma ż-Żgħażagħ il-pilastri tas-Soċjetà, u għalhekk irridu naħsbu f'idejat innovattivi li jkabbru isem is-Soċjetà tagħna, iżda fuq kollox, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Għid tal-Assunta. Huwa ta' pjaċir kbir għal kull partitarju li tara din **is-Sezzjoni dejjem maqgħuda, u mimlija ħeġġa**, bl-għan ewlieni jkun mingħajr dubju l-festa, li tant hi marbuta maż-żgħażagħ tagħna.

Hekk kif għaddiet il-festa tal-2009; festa memorabbli, li żgur ħa tibqa' msemmija mid-dilettanti tal-festa, il-kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ kompla jiġġedded b'numru sabiħ ta' żgħażagħ li ngħaqdu magħna għall-ewwel darba fil-kumitat bħas-Sur Sergio Falzon, is-Sinjorina Jessica Farrugia, is-Sur Adrian Micallef u s-Sur Roderick Tonna. Mill-bidu nett, kull żagħżugħ medd għonqu għax-xogħol, u flimkien fassalna **pjan ta' sena ħidma**, fejn fuq kollox il-qofol ta' dan hija l-festa grandjuża li ser niċċelebraw fi ftit jiem oħra. Minn hawnhekk nixtiequ insellmu u nirringrazzjaw lis-Sur Carlo



Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija 2010.


Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija
MQABBA
EST. 1993
tipppreżenta
L-MARĊ TAL-AĦĦAR
TRIDU
l-uniku marċ ta' briju organizzat
fl-IMQABBA
il-Ġimgħa
13 ta' Awwissu 2010
mill-10pm 'l
quddiem
Sezzjoni Żgħażagħ
est. 1993
Santa Marija
MQABBA
Mitt Sena għal-Imqabbin...
Mużika, Kultura, Suċċess
RED-X
designs
Contact: pierrebalzia@hotmail.com




# CD b'marċi ġodda
## għall-Festa taċ-Ċentinarju




Id-diska uffiċjali tas-Sena taċ-Ċentinarju
kantata minn Alison Ellul.

Sciberras tas-servizz għaqli u eżemplari tiegħu fil-kumitat taż-Żgħażagħ, fejn għal diversi snin sħaħ serva bħala l-kaptan ta' din is-sezzjoni attiva. Sena wara oħra, is-Sur Sciberras sforz l-entużjażmu u d-determinazzjoni tiegħu, dejjem żamm lis-Sezzjoni Żgħażagħ bħala l-ewwel prijorità, u llum il-ġurnata qiegħdin naraw il-frott ta' dan kollu. Nieħdu l-opportunità wkoll biex nifirħu lis-Sur Robert Ghigo, li ġie maħtur mill-kumitat biex jokkupa l-kariga ta' President; kariga li żġur se tħallilu suċċessi matul ħajtu.

Il-Kumitat irnexxielu jimla s-sena tiegħu b'attivitajiet ibbażati fuq id-diversità tal-individwu fejn is-sisien filantropiċi, soċjali, sportivi, kulturali u spiritwali tpoġġew fuq quddiem nett tal-aġenda tagħna. Jekk inħarsu x'għamlet is-Sezzjoni Żgħażagħ naraw li l-attivitajiet ma naqsu qatt, anzi **komplejna saħħaħna fuq is-snin ta' qabel**. Huwa fatt sabiħ u ta' min isemmi li din is-sena żdidna fis-soċi taż-żgħażagħ b'ammont konsiderevoli. Ta' min jgħid li kull attività li tellajna mhux biss kienet ta' livell għoli iżda kienet ukoll oriġinali għall-aħħar, **fejn l-element żagħżugħ, mimli entużjażmu u b'ħeġġa, dejjem iddomina!** Dan mhux qiegħed jingħad biss bil-kliem iżda bil-fatti; fatti li kull sena jagħtu prova ċara li s-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna hija sezzjoni attiva, kapaċi u serja mill-bidu li ġiet iffurmata.



Dehra mill-isbaħ ta' x'ħolqu ż-żgħażagħ fl-attività 'L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien'.

L-ewwel ħidma tagħna bħala kumitat kienet fis-26 ta' Settembru, 2009, fejn bl-għajnuna tal-ħabrieki s-Sur Micheal Chetcuti esebixxejna l-wirja unika għall-pajjiżna, 'La Semana Santa' f'attività organizzata mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien; 'Epoka', fit-toroq ta' Ħal Tarxien stess. Attività oħra ta' suċċess kienet il-*Pasta & Karaoke Night*, li bl-għajnuna tas-Sur Henry Farrugia, u b'organizazzjoni perfetta tagħna ż-żgħażagħ kienet ta' suċċess, fejn ilkoll ħadna pjaċir flimkien. Iż-żgħażagħ tagħna, barra li flimkien ma' żgħażagħ oħra ffurmaw il-grupp 'Youths in Action', ħadmu biex jorganizzaw 'l-Imqabba mal-Medda taż-Żmien', fit-2 t'Ottubru, 2009,fejn hawnhekk spikkat **l-oriġinalità u l-perfezzjoni** fiż-żgħażagħ Imqabbin. Minn hawhekk nixtiequ nirringrazzjaw lis-Sur Jerry Ghigo tal-għajnuna siewja li tana. Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Anzjani erġajna żammejna l-appuntament tagħna mal-Anzjani Imqabbin fir-residenza San Vinċenz De Paule, fejn ferraħnihom bil-preżenza tagħna.

Jekk inħarsu lura lejn din is-sena li għaddiet, naraw li l-attivitajiet soċjali ma naqsux! Fost id-diversi attivitajiet li saru parti mill-kalendarju tagħna nsibu d-diversi *Get-Togethers* organizzati ġewwa l-Każin għaż-żgħażagħ, b'mod speċjali fil-Milied, fil-karnival u tal-Festa b'sensiela ta' *Festa Warm Ups*. Konna ta' għajnuna wkoll għall-kumitat tas-Sezzjoni Nisa fl-organizzazzjoni ta' diversi *High teas* li jsiru ġewwa l-kazin. Fit-12 ta' Ġunju, 2010, il-kumitat organizza 'Ikla bejn il-ħbieb' f'The Vanyard', Ħaż Żebbuġ, fejn kulħadd kiel u xorob kemm ried, f'atmosfera familjari. Għat-tielet sena konsekuttiva erġajna tellajna b'suċċess kbir il-'Pasta Night & Pool Party' ġewwa t-Torri tal-Qrendi, grazzi għall-għajnuna tal-Onor. Dr. Marlene Pulliċino li offritilna t-Torri tal-Qrendi, kif ukoll tas-sur Henry Farruġia li flimkien maż-żgħażagħ ħa ħsieb it-tisjir.



Xenarju mill-isbaħ fit-Torri tal-Qrendi, fejn is-Sezzjoni Żgħażagħ organizzat il-Pasta Night & Pool Party; attività ta' suċċess.

Illum il-ġurnata l-attivitajiet




SAINT JAMES
HOSPITAL

*Because our family cares*

# TAQSIMA KURA MEDIKA IMMEDJATA

24 siegħa kuljum.
365 jum fis-sena.

Għal kura **immedjata** li jkollok bżonn, b'tobba u n-nurses professjonali li jieħdu ħsiebek f'ambjent pjaċevoli fl-aqwa Sptar privat f'Malta.

ĊEMPEL ISSA FUQ

**21 692055**





Ritratt meħud waqt il-Pasta & Karaoke Night organizzata b'ħila kbira mis-Sezzjoni Żgħażagħ.



L-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Dr. Joseph Muscat waqt żjara li għamel fil-wirja unika għall-pajjiżna 'La Semana Santa'.



Monsinjur Lawrence Gatt ibierek il-Wirja Unika għall-pajjiżna 'La Semana Santa', fil-ftuħ uffiċjali ta' din l-istess wirja nhar l-24 ta' Marzu, 2010.

Reliġjo-Kulturali saru sinonimi ferm mas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fejn erġajna tellajna b'suċċess kbir ir-raba' edizzjoni tal-wirja 'La Semana Santa' fis-swali prinċipal tal-Każin. Il-ftuħ uffiċjali ta' din il-wirja Unika u nnovattiva sar nhar l-24 ta' Marzu, 2010, bi programm strumentali mill-Banda Re Ġorġ V, taħt il-Patroċinju ta' Mons. Lawrence Gatt. Ta' min jirrimmarka l-kliem ta' tifħir li kellu l-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni Dr. Joseph Muscat waqt żjara li għamel ġewwa l-Każin, rigward **id-dettall u l-perfezzjoni** li huma mibnija dawn l-istatwi. Minn hawnhekk, nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-Sinjuri Micheal Chetcuti, lil Leonard u Nathalie Azzopardi u lil Antoine Farruġia tal-għajnuna manwali tagħhom. Fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa erġajna konna parti minn grupp orġanizzattiv fejn tellajna b'suċċess sensiela ta' eżerċizzji spiritwali għaż-żgħażagħ flimkien ma' Fr. Glenn Buhagiar, kif ukoll ipparteċipajna fl-irfiegħ tal-istatwa devota tad-Duluri. Grazzi għall-Kappillan tal-Parroċċa u għas-Sinjura Mary Cassar, erġajna tellajna għas-sitt sena konsekuttiva l-unika ġimgħa ta' tagħlim Marjan fl-Imqabba 'Il-Ġimgħa Marjana' bejn l-24 u t-28 t'April. Ma naqsitx ukoll Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla u lill-Madonna, biex naghtuhom ġieħ



Membri mis-Sezzjoni Żgħażagħ jerfgħu l-istatwa tad-Duluri waqt il-Purċissjoni mat-toroq tal-Imqabba.

# FrameMaker

*Prop: Christian Caruana*

**FOR ALL TYPES OF FRAMES**

57, Saint Catherine Street, Mqabba  Tel: 2168 3308  Mob: 99888691

# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba

Tel: 2168 3129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*

jfakkru li huma jagħmlu

**Xogħol fl-injam ta' kwalità għolja**

**PREZZIJIET MODERATI**

# Dr Lorraine Pulis

B.A. Dip. Not. Pub. LL.D.

Notary Public and Commissioner for Oaths

21, Valletta Road, Mqabba MQB 9012, Malta

Tel: (356) 2164 7456 • Mob: (356) 9986 0028

Email: lpulis@maltanet.net

Office Hours:

Monday, Tuesday, Thursday and Friday: 5.00pm – 7.00pm

or by appointment



Attendenza numeruża matul il-Ġimgħa Marjana li saret parti ntegrali fil-kalendarju tal-kult Marjan fl-Imqabba.



Is-Sur Fausto Barbara waqt il-Finali ta' 'Ċensu Farrugia Pool Tournament'.

ta' dak kollu li jagħmlu magħna ż-żgħażagħ. Iż-żgħażagħ taw is-sehem tagħhom ukoll fis-servizzi tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament u l-Fratellanza tar-Rużarju Mqaddes.

Żammejna wkoll il-kommunikazzjoni mal-bqija tal-partitarji bil-pubblikazzjoni 'It-Titular'. Ma nistax ma nsemmix iż-żjara ta' suċċess li għamel Il-President ta' Malta, Dr. Ġorġe Abela, li faħħar l-importanza taż-żgħażagħ fil-festi Maltin. Fost l-attivitajiet sportivi u rikrejattivi, bejn ix-xhur ta' Frar u Marzu, fil-Każin tagħna kien għaddej it-tournament 'Ċensu Farrugia Pool Tournament', tournament tal-billiard li ma setax ikun possibbli mingħajr l-għajnuna finanzjarja tas-Sinjuri Anthony Farrugia, Felix Galea u Lolly Briffa. Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija kienet l-unika Sezzjoni fl-Imqabba li ħadet sehem fil-Festival Nazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija li ġie organizzat mill-Kunisill Lokali tal-Imqabba u l-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija.

Minn hawnhekk nixtiequ nirringrazzjaw lilkom kollha li attendejtu bi ħġarkom u sarraftu dawn l-attivitajiet f'suċċessi assoluti. L-attendenza tagħkom tinkoraġġina biex aħna nibqgħu norganizzaw attivitajiet ta' livell għoli.

Barra minn hekk, ninsabu mpenjati bil-proġett ferm ambizzjuż tal-bini tal-estensjoni tal-każin, li grazzi għall-ħidma kontinwa tal-Kumitat Eżekuttiv, ix-xogħol mexa ġmielu, fejn fil-fatt wasal fl-aħħar irtokki finali. Apparti l-għajnuna finanzjarja tagħna b'risq din l-estensjoni, numru ta' żgħażagħ qed imiddu jdejhom għax-xogħol manwali li jirrikjedi dan il-proġett. Inkun qed nonqos jekk ma nurix l-apprezzament sinċier tas-Sezzjoni Żgħażagħ lejn diversi voluntiera oħrajn li qed jaħdmu fuq dan il-proġett, b'mod speċjali lis-Sur Peter Psaila u lis-Sur Felix Galea.

Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ qiegħed jaħdem id f'id mal-Kummissjoni Festi Ċentinarji, fejn flimkien qiegħdin norganizzaw attivitajiet uniċi u ta' livell għoli. Minn dawn, ma nistax ma nsemmix l-attività '9 t'April 1942 … Ġrajjiet l-Imqabba', fejn biddilna l-pjazza ewlenija tal-Imqabba f'atmosfera ta' żmien il-gwerra, **b'attrazzjonijiet uniċi** bħax-xelter, Ta' Kurun u l-Victory kitchen fost l-oħrajn, kif ukoll il-wirja 'Lenti fuq is-Soċjetà, li tirrigwardja l-istorja tul dawn il-mitt sena.

Fuq kollox, ma nistgħux ma nsemmux u nifirħu lill-Għaqda tan-Nar tal-Art li rebħet il-IV Festival Nazzjonali tal-logħob tan-Nar tal-Art li sar fuq il-Fosos tal-Furjana. L-Għaqda tagħna rnexxielha tegħleb tmienja mill-aqwa kmamar tan-nar f'Malta biex **bis-saħħa ta' bosta partitarji qalbiena lejn din is-Soċjetà** rebħet tlett unuri minn



Membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija mal-Unuri kollha li tippossiedi s-Soċjetà





Spettaklu kbir ta' dwal, laser u sistema elettronika ta' kanuni tal-karti bl-arja kkumpressata sinkronizzati mal-mużika, fil-Marċ tal-Aħħar Tridu.

erbgħa; dawk tal-Oriġinalità, tal-Prodotti u tal-Mekkaniżmu. Huwa ta' unur għas-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna, li l-membri tagħha ħadmu biex kisbu unur f'din is-sena hekk importanti għalina.

Tajjeb wkoll li l-ħsieb tagħna jdur fuq sħabna Mario Camilleri, Michael Ghigo, Matthew Ellul, Emmanuel u Roderick Pace li tassew **kienu u ħa jkomplu fil- ġejjieni** jkunu ta' importanza kbira fil-ħidma tagħhom b'risq l-armar għall-festa. Ma nistax ma nirringrazzjawx lill-aħwa Alex, Ivan u Sergio Falzon li flimkien ma' bosta partitarji oħra jagħtu l-massimu kollu tagħhom biex jarmaw ir-raħal kif xieraq għall-festa tat-Titular. Din is-sena nħadmet ukoll ammont konsiderovoli ta' liedna mis-Sinjuri Raymond Vella u Roderick Tonna, li ġiet iffinanzjata mill-istess kumitat.

Proprju din is-sena, is-Sezzjoni Żgħażagħ tat ukoll l-aħħar tislima tagħha lil erbgħa ulied is-Soċjetà. Minn hawn nieħu l-opportunità sabiex nuri l- apprezzament u nagħti l-kondoljanzi lill-familjari tas-Sur Joe Sciberras, is-Sur Saverio Ciantar, is-Sur Joseph Zammit u lil Dolores Farrugia mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna. Agħtihom o Mulej il-Mistrieħ ta' dejjem.

Minn dawn il-kelmtejn, nieħdu l-opportunità biex nirringrazzjaw minn qiegħ qalbna lill-benefatturi kollha tagħna għall-għajnuna finanzjarja li għoġobhom jagħtuna. Nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu nvoluti fix-xogħol li semmejna sabiex dawn l-attivitajiet ikunu suċċess. Mill-ġdid grazzi!

Illum il-ġurnata nistgħu ngħidu li wasalna fi żmien li s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija tal-Imqabba hija meqjusa bħala waħda mis-Sezzjonijiet ewlenin f'pajjiżna. Dan jista' jiġi kkostitwit ferm tajjeb mil-lat organizzattiv tul is-sena kollha kif ukoll permezz ta' dak kollu li jirrigwardja l-prodott finali li bl-għajnuna t'Ommna Marija ser inkunu naħsdu l-frott tiegħu fil-ġranet impenjattivi tal-festa, bil-qofol jintlaħaq fil-lejl tat-13 t'Awissu, sewwa sew fil-Marċ tal-Aħħar Tridu. Hawnhekk ser tkompli tispikka l-qawwa u l-importanza tal-element innovattiv waqt dan l-ispettaklu.

Għalhekk l-appell tagħna f'dawn il-jiem huwa biex nieħdu gost flimkien mingħajr ma nweġġgħu lil ħadd u ma naqgħux għal xi provokazzjoni li jista' jkun hemm. Aħna nħossuna ferm kuntenti li nagħmlu parti minn dan in-nukleu ta' żgħażagħ li flimkien qegħdin nagħmlu daqstant xogħol b'għan wieħed; l-għan li nkabbru l-Festa ta' Santa Marija, il-Festa tal-Imqabba.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd

Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabba

Viva l-Ewwel Soċjetà Mużikali ġewwa raħalna

Viva t-Titular



Iż-żgħażagħ mimlijin ħeġġa, għaqda u determinazzjoni li ta' kull sena joħolqu l-akbar briju ġewwa l-Imqabba.



# Poeżiji

Chev. Carmel Bianchi - Qormi

## Bukkett b'Mitt Warda lil Santa Marija



Inroddulek ħajr Marija
ta' kemm grazzji f'dawn is-snin
tajt lill-Banda Imqabbija
u l-imsieħba f'dal-Każin.

Palazz kbir għalik bnejnielek
sew imżejjen b'opri sbieħ
tassew lilek hekk jixraqlek
ridna lejk nuru dal-ġieħ.

Ilna mwaqqfa sew mitt sena
hawn fl-Imqabba magħrufin
wisq unuri sbieħ irbaħna
mhux ta' b'xejn aħna mfaħħrin.

Nitolbuk Patruna tagħna
bierek dejjem l-Imqabbin
u taħt ħarstek ibqa' żommna
bik żgur ngħejxu magħqudin.

13 ta' Ġunju, 2010

## Ċentinarju ta' Suċċessi għall-Każin Santa Marija

Ħajr mill-qalb Santa Marija
għall-mitt sena li mwaqqfin
tul das-snin tajniek foħrija
għaliex ħafna bik kburin.

Qed infakkru dal-mitt sena
din l-Għaqda l'għandha x'turi
għax bi storja sew imżejna
b'wisq ġieħ u rebħ t'unuri.

X'teżor fin għandna b'Marija
mhux ta' b'xejn aħna nfaħħruk
inti l-Omm kollok tjubija
taf kemm lilek inħobbuk.

Ta' l-Imqabba wkoll Patruna
x'ma nkunux bik kburija
u l-għajta toħroġ minn fommna
Viva Santa Marija.

29 ta' Ġunju, 2010

F1 CHEYENNE
AUTO MECHANIC GARAGE

REPAIRS ON ALL TYPES OF CARS • TURBO FITTING
• FULL CAR SERVICING • PRE TEST FOR VRT
• REPLACEMENT OF PETROL ENGINE TO DIESEL • BATTERIES

**Christian Mifsud**
Owner

1, Sejba Road, Mqabba ZRQ 09
Tel: 21 640684 • Mob: 79 444 420

# IVAN'S GARAGE

Siġġiewi Road, Qrendi — Tel: 2168 0006 Fax: 2161 1155







**Panel Beater & Sprayer • Repairs Insurance Claims**
**Available Underseal & Rustproofing**



# Tifkiriet

kitba tas-Sur Joseph Farrugia
ex-President tas-Soċjetà u Storiku

1. L-ewwelnett nibda biex ngħid minn fejn ġej. Ommi Rosanna, bint Ġanni Ellul u Marija née Psaila u missieri Pawlu, iben Wenzu u Marija née Sciberras, ġej minn familja kbira ħaddiema tal-barriera. In-nannu Wenzu ħalla tifkira fl-Imqabba f'għotja ta' ġebel għall-istatwi, 'Tama' u 'Karità' li hemm fuq il-fontispizju tal-knisja tagħna maqtugħa mill-barriera tiegħu f'Misraħ Sinjura. Dawn l-istatwi u magħhom l-oħra, il-'Fidi' ġew skolpiti minn Mastru Karmenu Mallia minn Ħal Qormi u twaqqfu fil-festi Ċentinarji tal-parroċċa fl-1898[1]. Anki l-istatwa ta' San Mikiel fi Triq Qormi, Marsa, ħarġet mill-istess barriera. Fil-bitha tad-dar tan-nannu Wenzu fi Triq il-Lanġasa kien hemm anġlu tal-ġebel ta' xi metru tul mindud fuq ix-xellug. Missieri jgħid li dan kien fuq il-pilastru tal-knisja. Wieħed jista' jifhem kif dan ġie għandu.



L-istatwa li tirrapreżenta l-'Karità'.

2. Wara l-festa Santa Marija 1943 bdejt it-taħriġ tal-mużika u l-vjolin fil-Każin Re Ġorġ V u kont membru tal-Orkestra Santa Marija; anke ħadt sehem mal-Orkestra Santa Katerina taż-Żurrieq. Wara x-xoljiment tal-Orkestra Santa Marija fl-1946 komplejt mal-Banda Re Ġorġ V bl-althorn. B'hekk il-Banda, sa mill-bidu, kellha kwartet tagħha, kompost minn John Borg – klarinet, Emanuel Farrugia – kornetta, Joseph Farrugia – althorn u Ġorġ Galea – ewforju. Innoċenzo Camilleri kien il-prim baxx Eb. Meta John Borg u Emanuel Farrugia emigraw Joseph Galea u Leonard Farrugia daħlu minflokhom.

3. Issa s-Soċjetà kienet aġġornat ruħha sew biex takkomoda l-Banda u fl-elezzjoni tal-kumitat ta' Marzu 1947 jien ġejt elett membru u allokat ir-rappreżentanza tal-Banda.

4. Wara ftit waslet stedina minn Kumitat immexxi mill-Professur Philip Farrugia bi tħejjija għall-



Statwa li tirrappreżenta l-'Fidi' li tinsab fuq il-fontispizju tal-Knisja tal-Imqabba.



L-istatwa li tirrappreżenta 't-Tama'.




Lapida li tfakkar il-festi ċentinarji mill-mewt ta' Mons. F. X. Caruana.

# BeautyLab

*By Ritienne Agius(N.S.T.B th)*

Tel: **21 642553** Mob: **79091799**

*Address: 12, BeautyLab, Pal Street, Mqabba*



St. Tropez Spray Tanning available



**Services offered:**
- Facials (For pigmentation, wrinkles, …)
- Body Massages(Aromatherapy, Stone Therapy, Tibet, Tuina, Indian Head …)
- Manicures/Pedicures ( removing of corns and calluses)
- Gym Massage for face (lifting)
- Reflexology Treatment
- Waxing
- Electrolysis
- Nail Art
- Nail Extensions (acrylic and gels)
- Eyelash/Eyebrow tinting
- Diet treatments and consultations
- Professional Make up for all occasions
- (weddings, special effects make up …)

# NETTA
## PETROL STATION

*Għal kull bżonn fil-karozza tiegħek, asal wasla s'għand*
*Netta Petrol Station*
*fejn għandek issib kull ħaġa li tinħtieġ.*

- SPARE PARTS U AĊĊESSORJI TA' KULL KWALITÀ TAJBA GĦAL KWALUNKWE KAROZZA.
- TYRES ĠODDA TA' KULL DAQS, GĦODOD, ŻJUT U BATTERIJI.
- COVERS GĦAL KULL TIP TA' KAROZZA.
- TISWIJA FIL-PRONT TA' TYRES B'APPARAT MODERN.
- BATTERIJI B'SENTEJN GARANZIJA: PETROL €40 - DIESEL €65

**24 Hour Service**

**Pjazza San Nikola, Siġġiewi**
**Tel: 2146 7764**

festi ċentinarji mill-mewt ta' Mons. F. X. Caruana. Din kienet l-ewwel attività tiegħi barra mill-Każin. Saru ħafna attivitajiet kommemorattivi u l-festi għalqu s-Sibt 29 ta' Novembru 1947 b'quddiesa *cantata de Requie* fil-Katidral, l-Imdina; programm mill-Banda ta' R.M.A. u kxif ta' lapida ta' tifkira fil-Barrakka ta' Fuq.

5. F'Settembru 1947 bdew il-preparamenti għat-twaqqif tal-*Malta Band Clubs Association*. Fuq stedina lis-Soċjetà mill-kumitat imwaqqaf ad hoc jien u s-Surmast J. M. Barbara attendejna għall-ewwel seduta tad-delegati u żammejt attendenza regolari għas-seduti.

6. Fuq stedina mill-Kummissjoni Festa Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien jien għamilt l-arranġamenti kollha mal-prokuratur Dun Mikiel Vella għal servizzi ta' marċ u programm mill-Banda Re Ġorġ V fil-festa ta' Marija Annunzjata nhar il-Ħadd 18 t'April 1946. Dan kien l-ewwel servizz tal-Banda barra mir-raħal wara żmien daqshekk qasir tal-Banda fil-pubbliku li serva ta' stimulu qawwi għall-banda u l-bandisti. Fil-fatt segwew servizzi oħra.

7. Fl-1957 is-Soċjetà, bi protesta, ma ħaditx sehem fil-festi esterni ta' Santa Marija; allura daħal għalihom il-kappillan. Ġara li dik is-sena kien inqalgħa nuqqas ta' ftehim serju bejn ir-reffiegħa tal-istatwa u segwentament is-sena ta' wara ġie deċiż li s-Soċjetà tastjeni milli tieħu sehem fil-festa kemm ta' barra u ta' ġewwa l-knisja. Fil-festa 1958 kollox kien jidher li miexi bil-kwiet sa ma bdiet ħierġa l-purċissjoni. Meta r-refiegħa (mhux tas-soltu) bdew ilestu l-istatwa għall-ħruġ fil-knisja qamet għagħa ta' protesta biex l-istatwa ma tintrefgħax; daħlet il-pulizija u l-festa twaqqfet hemm. Fl-1959 il-festa kienet ristretta għall-funzjonijiet reliġjużi fil-knisja biss. Din id-darba rajt id-dħul tal-istatwa fin-niċċa.

Fl-1960 ġiet espressa miegħi jekk 'fiċ-ċirkustanzi preżenti jkunx aħjar li l-istatwa ta' Santa Marija ma tkunx esposta fil-knisja matul il-ġranet tal-festa.' Fil-bidu tal-kwindiċina l-kappillan talabni nieħu l-inkarigu tal-ħruġ tal-vara min-niċċa. Din xejn ma kienet għażla ħafifa għax, waqt li bl-ebda mod ma ridt infixkel l-effett tal-protesta mis-Soċjetà ma xtaqtx nerġa' nara l-istatwa f'idejn bla esperjenza. B'għajnuna kompatibli l-istatwa ħarġet min-niċċa fil-ġurnata, ħin u espożizzjoni pubblika tas-soltu. Tajjeb ngħid li min kellu nteress ġie u ra l-andament tax-xogħol.

Issa pproponejt lill-kappillan li, biex jitħaffef il-ħruġ u d-dħul tal-istatwa fin-niċċa, ikun sew li jsir karru bir-roti *castors*. Wara li ħa pariri fuq il-prattiċità tal-proposta, il-kappillan tani l-inkarigu biex il-karru jsir. Salvu Ebejer, disinjatur Imqabbi, għamel id-disinn. Avviċinajt lid-ditta Orlando, ħaddieda minn Raħal Ġdid u Emilio offrieli li naħdem il-karru jien fil-ħanut tagħhom. Il-pjan kien li l-karru jkun lest għall-ewwel festa iżda l-*castor wheels* waslu tard. Il-karru żżanżan nhar il-Ħadd 5 t'Awwissu 1962.

Irrid nirreġistra li tul il-bini tal-karru gawdejt il-konfort tal-ispażju, l-inkuraġġiment u l-għajnuna indispensabbli tal-aħwa Emilio u Salvu Orlando. U dan ġie mgħoti gratis.


Is-Sur Salvu Ebejer disinjatur Imqabbi, li għamel id-disinn tal-karru għall-istatwa ta' Santa Marija.


Is-Sur Salvu Orlando


Is-Sur Emilio Orlando

Tajjeb inżid li l-kappillan għadda lid-Ditta Orlando ittra ta' apprezzament u rringrazzjahom għall-ġenerożità tagħhom lejn il-parroċċa tagħna. Meta ġejt għat-tieni fażi biex il-karru jidħol fin-niċċa fehimt l-implikazzjonijiet ta' x'kien meħtieġ isir. Meta qist dan fiċ-ċirkustanzi taż-żmien waqaft hemm.

8. Fi żmien xahar mill-festi f'għeluq il-50 sena tas-Soċjetà intlaħaq ftehim bejn l-awtorità tal-knisja u s-Soċjetà. Nifhem li wara diskorsi mħeġġa mill-għola awtorità taż-żewġ naħat u personalitajiet oħra mistiedna f'għeluq dawk il-festi, nhar il-Ħadd 18 ta' Settembru 1960, instab *modus vivendi* għall-ftehim. B'riżultat fl-Imqabba daħlet atmosfera ta' entużjażmu u koperazzjoni bejn il-knisja u s-Soċjetà. Fil-knisja żdiedet il-mixgħela tal-festa, il-kwadri tal-Assunta fil-kor u tal-Madonna tar-Rużarju saritilhom gula addattata. Iddisinjat u nħadmet tieqa ġdida għall-faċċata tal-knisja. Ngħid

# Marble & Granite Works

JENKINS

MARBLE & GRANITE WORKS

40, Timber Wharf, Marsa - Malta

Tel: (+356) 21 242401 • Fax: (+356) 21 227 254

Mob: 7942 6699

NOEL SCHEMBRI

REFRIGERATION

Services & Repairs of Fridges,
Airconditions & Dehumidifiers

**Mobile: 99420960**

hawn li fl-idea oriġinali s-salib tat-tieqa kellu jkun *flood lighted*. Dan l-iskop għadu ma ntlaħaqx. Meta l-iskultur Marco Montebeollo lesta l-istatwa ta' Santu Rokku mill-ħsara tal-gwerra l-kappillan wera x-xewqa li din l-istatwa tkun f'postha sal-festa. Membri tas-Soċjetà ġabuha mill-ħanut tal-iskultur fil-Marsa u poġġewha fuq il-pedestal maz-zuntier. Fil-ġranet tal-kwindiċina, wara l-benedizzjoni, beda jitkanta 'Innu lil Santa Marija' minn kor u orgni. Fil-każin qam entużjażmu ta' preparazzjoni għall-ewwel festa.

9. Fil-festa 1961 ma setgħax isir l-*overhead cable* biex narmaw il-pedestall tal-Inkurunazzjoni ħdejn il-każin. Għal sentejn sar armar temporali. Fl-1963 bl-użu ta' boma ta' 40 pied ankrata b'vent mat-turretta tal-każin ilħaqt l-iskop tal-indipendenza tas-Soċjetà inkwantu l-armar tal-pedestall.

10. Kien ilu jinħass il-bżonn li titqawwa s-sistema elettrika tal-każin l-iktar minħabba ż-żjieda tal-portiku u s-sala fit-tieni sular. Nhar is-6 ta' Ġunju 1964 inxtara l-irkoptu u dak inhar stess Nikol Ghigo mgħejjun minn Karmenu Psaila bdew ix-xogħol fuq l-installazzjoni maċ-ċinta tal-portiku fit-tieni sular. Ġużeppi Debattista, bl-esperjenza tiegħu fl-inġinerija elettrika, tana pariri siewja u għamel l-applikazzjoni għat-tibdil tas-servizz elettriku. Ix-xogħol kollu sar minn membri tas-Soċjetà u l-Każin inxtegħel kollu, barra u ġewwa, għall-ewwel darba fuq it-3 phase fl-aħħar tridu tal-festa, it-13 t'Awwissu 1964.

11. Ħaġa titlob l-oħra u fl-1965 ġejna għat-tisbiħ tas-sala. Ġie inkarigat id-disinjatur u dekoratur Ġużeppi Galea li pproġetta xogħol li jikkumplimenta sew l-arkitettura tas-sala. Hawn kellna lil Karmenu (Gejtu) Ghigo li bis-saħħa tas-sengħa tiegħu għamel xogħol mill-aqwa. Il-forom tar-ružuni, mazzettuni u gwarniċi tal-injam ħarġu minn idejn Mro. Leonard Spiteri F.L.C.M. waqt li l-induratura kienet f'idejn Karmenu Psaila. Dawn kienu l-ewlenija; mill-bqija ħafna kienu li taw sehemhom. Il-proġett tlesta u s-sala nfetħet b'riċeviment ad unur ta' żewġ saċerdoti novelli Mqabbin, Dun Karm Ghigo u Dun (illum Mons.) Joe Bugeja L.Lic. nhar il-Ħadd 8 t'Awwissu 1965 fl-okkażjoni tal-ordinazzjoni saċerdotali u l-ewwel quddiesa solenni tagħhom fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba.

12. Il-pedestall tal-Inkurunazzjoni kien għadu biż-żebgħa oriġinali ta' meta sar fl-1923 u kien jidher li għandu bżonn ta' rinovazzjoni. Fl-1967 Karmenu Ghigo ħa l-inizjattiva u żebgħu mill-ġdid. Karmenu barra li għamel xogħol tajjeb kif titlob is-sengħa żamm kemm il-kuluri u anke d-disinni li għamel Abram Gatt. L-indoratura għamilha Karmenu Psaila u anke ħa ħsieb li jsiru l-brazzi tad-dawl fuq il-pedestall u kanċell tal-ħadid madwar il-bażi tal-kolonna. Ġużeppi Camilleri għamel l-isfumar tal-iskultura u l-ismijiet tal-istatwi ħarġu mill-id żagħżugħa ta' Joe Camilleri.



Is-Sur Karmenu Psaila

13. Sas-snin sittin ma konniex użati li noħorġu programmi tal-festa. L-iktar li konna naraw kien isir fuq l-inizjattiva tal-kappillan li jippubblika f'xi gazzetta l-programm tal-festa. Każ mhux soltu kien ta' ittra fuq il-gazzetta *Times of Malta* tal-14 t'Awwissu 1967 fuq il-programm tan-nar f'Lejliet il-festa fl-Imqabba. F'kumment mill-awtorità tal-pulizija rrimarka li l-ittra kienet effettiva ħafna mat-turisti.

[1] Descrizioni Storica tal-Cnisja Parrocchiali tal-Imkabba p.20 Saċ. L. Zammit.



FIREWORKS AT MQABBA

MR. J. FARRUGIA, *President, King George V Band Club, Mqabba writes:* —

Sir, — The Organizing Committee for the feast of Santa Marija at Mqabba would like to draw the attention of the Tourist Board and Travel Agents to the artistic display of fireworks which will take place at about 10 p.m. on August 14. (today) This display will be prolonged for two hours.

The various spectacular attractions of fireworks include rockets, a drunken sailor, a bullfight, the climbing chimpanzee, Puppet on a String, and several others.

It is earnestly hoped that tourists and new residents will not miss this opportunity of seeing a unique local characteristic of a Maltese festa which is displayed every year in our village.

Yours truly,
JOSEPH FARRUGIA.

Ittra li dehret fil-ġurnal Times of Malta nhar l-14 t'Awwissu 1967.



Is-Sur Nikola Ghigo



Is-Sur Karmenu Ghigo

## Għeluq il-25 sena mill-mewt tal-Maġġur Anthony Aquilina, is-Surmast tal-Marċi Maltin (1985 – 2010)

# Il-Maġġur Anthony Aquilina

## Is-Surmast tal-Marċi Maltin

**kitba tas-Sur Victor Galea**
**Kompożitur u Awtur**



Ħamsa u għoxrin sena anniversarju
mill-mewt tal-akbar kompożitur,
qed ifakkarni, l-kalendarju
li kien ħalliena l-Maġġur.

U lanqas irrid nemmen
kif għadda daqshekk iż-żmien
kemm ġrejna ġo każini
tista' tgħid, dejjem flimkien.

Niftakar f'dawk il-mumenti
kemm kien, ta' dixxiplina
skiet perfett u attenzjoni
hekk kien il-Maġġur Aquilina.

Tisma' wieħed, jogħġbok l-ieħor
f'kelma waħda, kollha jogħġbuk
iġgħaluk li tqum minn postok
meta tismagħhom kollha jqanqluk.

Fil-bidu ta' Banda ġdida
bdew isiru l-kunċerti
il-Maġġur ħa postu bilwieqfa
u qallhom, 'Irrid narakom attenti!'

Il-marċi sallum għadhom jindaqqu
mill-baned, ma naqsu qatt
għax vera marċi ferrieħa
li jintgħoġbu, minn kulħadd.

Kemm kien iħobb, il-kumpanija
dejjem pulit, u bl-ingravata
jerħula għal ġo Lapsi
mal-ħbieb għal xi fenkata.

Aħna Maġġur fik niftakru
għax inti qiegħed, f'qalbna
u ta' dan rispett jixraqlek
li nkomplu niftakru fik, f'talbna.

Frar 2010

# Statwa ġdida ta' Santa Marija f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira

mis-Sinjura Pauline Agius Farrugia



Il-Kxif tal-istatwa sar nhar id-9 t'Awwissu 2009 mill-President tas-Soċjetà is-Sur Carmel Zahra.



L-istatwa ta' Santa Marija, xogħol l-Iskultur Lawrence Attard.

L-istatwa ta' Marija mtellgħa s-Sema li żżejjen il-faċċata ta' blokk appartamenti f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira saret mill-iskultur rinomat Malti Lawrence Attard, artist żagħżugħ li ħareġ in-natural tal-istatwa Titulari tal-Assunta meqjuma fil-Knisja Parrokkjali tagħna. Din kienet ideja tal-Familja Farrugia li tixhed l-imħabba li r-raħal tal-Imqabba għandu lejn Ommna Marija mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem.

Attard huwa artist imsemmi fil-qasam tal-iskultura fil-ġebla tal-franka partikolarment fil-qasam Ekkleżjastiku. Fost l-aktar xogħlijiet magħrufa ta' Attard insibu l-istatwi tal-ġebel fil-faċċata tal-Knisja Parrokkjali tal-Imġarr kif ukoll il-Funtana magħrufa bħala ta' Wignacourt li tinsab maġenb il-Kavallier ta' San Ġakbu fil-Belt Valletta.

L-istatwa tlestiet lejn tmiem April u tqegħdet fin-niċċa minn Attard innifsu fit-tielet ġimgħa ta' Ġunju 2009. L-istatwa inkixfet nhar is-Sibt 9 t'Awwissu 2009 mis-Sur Carmel Zahra, President attwali tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**Is-Soċjetà tixtieq tifraħ lill-Familja Farrugia għal din l-inizjattiva sabiħa**



# La Piccola

*Discount Store*

**52, Blue Grotto Avenue, Żurrieq • Tel: 21 64 28 78**

**Għall-orħos prezzijiet, affrarijiet ta' groceries, confectionery, detergents, ħobż frisk kuljum u affarijiet tal-friża.**

**Jingħataw ħafna affarijiet b'xejn max-xirjiet. U kif ukoll tittella' xirja kull ħmistax.**



Niftħu kuljum
Mit-Tnejn sal-Ħamis mill-5.30 sas-19.00
Il-Ġimgħa mill-5.30 sat-20.00
Is-Sibt mill-5.30 sal- 17.00
Il-Ħadd mill-5.30 sal-11.00

**NAGĦMLU FREE DELIVERIES**



WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!

**MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND ALL RELATED ACCESSORIES**

WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE



FABRIC GALLERY BIBAS

**YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT OUR NEW CONCEPT STORE**
**HOMPESCH ROAD, FGURA. TEL: 2169 1269**



# Tempora Muntantur (Iż-żminijiet jinbidlu)

Kitba tas-Sur Joseph Farrugia,
Ex-President tas-Soċjetà u Storiku

Dak kien żmien! Hekk ngħidu u hekk hu. Sa mill-bidu tal-eżistensa tiegħu, il-bniedem dejjem ifittex u jimxi għall-modi ta' ħajja aħjar. Meta kultant tieqaf u tagħmel riflessjoni fuq l-imgħoddi. Żmien il-ferħ tat-tfulija u l-enerġija tażżogħżija, toħroġ minn qalbek u tesklama "Eh! dak kien żmien."

F'Diċembru 2006 kelli x-xorti, wara tant snin, niltaqa' mal-kuġina tiegħi, Marija Farrugia u fost kollox ġeddidna l-memorji sbieħ ta' tfulitna fil-klassijiet tal-iskola u qaltli li għandha ritratt tal-klassi tagħna fil-bitħa tal-iskola. Ġentilment għaddietli kopja. Sewwa sew dan ir-ritratt ser jagħlaq il-75 sena li nġibed u biex niċċelebraw dan il-ġublew ħsibt nippreżentah b'tifkira lil dawk li kienu hemm u dawk li gawdew it-tfulija tagħhom f'dawk is-snin.

Imma qabel ngħid dak li niftakar f'dik l-okkażjoni xtaqt ngħati xi dettalji fuq l-iskola ta' tfuliti, is-snin 30 tas-seklu 20. L-iskola nbniet fuq tenenza tal-Gvern magħrufa bħala "Il-Ġnien tal-Kmand"[1] li aktarx kien fil-kura tal-Logutenent (Sindku) tar-raħal. Fl-1834 il-ġnien ingħata b'ċens temporanju għal 50 sena lil Dun L. Magro. Fl-1883 il-ġnien inghata bi qbiela lil Rosalia Camilleri u Marija Caruana u fl-1900 Marija Vella ħadet il-qbiela tal-ġnien. Fl-1 ta' Jannar 1901 il-gvern waqqaf il-qbiela biex jibda l-bini tal-iskola.[2] Il-binja tlestiet fl-1903, kellha sular wieħed b'żewg bibien, entratura u uffiċċju kull naħa, sitt klassijiet b'kuridur mat-tul kollu li jwasslek għal-bitħa maqsuma minn nofs bi kmamar sanitarji kull naħa. It-tfal subien u bniet kienu jieħdu l-brejk fi btieħi separati. L-għadd ta' tfal tar-raħal kien jikkompara sew mad-daqs tal-klassijiet hekk li ma kienx ikun hemm bżonn ta' xi klassi doppja. Jaqbel sew man-numru ta' klassijiet l-iskola kellha kors ta' sitt snin maqsuma l-ewwel parti ta' sentejn u t-tieni taqsima ta' erbgħa snin. L-għalliema kienu jżommu l-istess klassi għal tul ta' snin. Semmejt għalliema: nieħu l-opportunità ngħid li dak iż-żmien konna nirriferu għalihom bħala 'assistenti' u din kienet ġejja mill-fatt li s-Surmast kien meqjus bħala l-għalliem tal-iskola kollha b'għadd ta' personel jassistuh fit-tmexxija, sic: assistenti. Ta' ħames snin tibda t-tagħlim tiegħek ma' Miss Kelina Zammit fi Stage 1 b'taħriġ fuq l-alfabett u n-numri. Ma' Miss Antonia Ellul fi Stage II kellna s-somom u kotba bil-Malti u l-Ingliż. L-użu tal-lavanja ma lħaqtux. Hawn jagħlaq it-tagħlim taż-żgħar u ngħaddu għat-taqsima tal-kbar. Nibdew fi Standard I taħt is-Surmast Pawlu Mangion. Niftehmu, dak iż-żmien is-surmast barra l-amministrażżjoni tal-iskola kien imexxi klassi. Is-sena ta' wara fi Standard II bdejna s-sena skolastika mas-Sur Michael Zammit minn Ħal Safi. Wara l-ewwel simestru s-Sur Zammit mar fis-servizz ċivili u komplejna s-sena mas-sur Francis Bonello mis-Siġġiewi. Fi Standard III għadni nara lil Miss Anunziata (Lonza) Bugeja tispjega l-gradi tal-aġġettivi. Jispiċċa l-kors mas-Sur Lwiġi Zammit fi Standard IV. Ħafna tfal, l-iktar bniet, kienu jieqfu mill-iskola hawn. Biex tkompli kont trid tmur fi skola f'raħal ieħor jew waħda privata.

Niġi issa biex nikkummenta fuq ir-ritratt li jkolli ngħid uniku għal dawk iż-żminijiet. Din kienet funzjoni tal-klassi Standard II bl-



L-iskola primarja tal-Imqabba b'sular wieħed. Hajr: Is-Sur Charles Farrugia B.A. (Hons.), M.A., M.A. (Lond.), Dip. R.M. (Newcastle), Direttur Arkivji Nazzjonali.

## UV SCREEN PRINTERS

UV PRINT

*We can create your Tops from A to Z*

**Numbers (small & large) • Printed & Embroider Logos**

- ***T-Shirts***
- ***Scarves***
- ***Caps***
- ***Flags***
- ***Banners***
- ***Stickers***
- ***Pvc Cards***
- ***Clocks***
- ***Small items***

**Triq in-Nassab, Qormi**
**Tel: 2144 0815 • Fax: 2144 0832 • Mob: 9942 9798**
**E-mail: uvprint@waldonet.net.mt**

## CUTIE BOUTIQUE

Issibulna ħwejjeġ minn trabi sa kbar b'ditti rinomati bħal blue sand, sottotono, Koalarao, Alph Adventure, Pink Shadow u ħafna oħrajn. Issibulna wkoll żraben, ħwejjeġ ta' taħt bħal abanderado, nottingham, pompea mami u ħafna oħrajn.

Cutie Boutique jinsab Triq il-Pal Mqabba.
Tel: 2164 1209
*Prezzijiet fenomenali*

għalliem tagħha is-Sur Bonello li jidher fuq wara tar-ritratt. Dak iż-żmien ma konniex nużaw uniformi għall-iskola biss; il-bniet, bħala regola, kien ikollhom fardal abjad kultant imżejjen b'xi frill jew bizzilla. Il-kotba u l-pitazzi kienu jinġarru f'basket tad-drapp. Nipprova nsemmi xi tfal li jidhru fir-ritratt. Karmenu Ghigo, Karmnu Azzopardi, Innoċenzio Camilleri, Daniel Zammit, Nikola Galea u Joseph Farrugia, subien; Marija Farrugia (sid ir-ritratt), Marija Zammit, (?) Mangion, (?) Ebejer, Innoċenza (?) Psaila, bniet.

Ir-ritratt inġibed fl-ewwel ġranet ta' Frar 1935, il-klassi mqassma fuq it-taraġ tal-bitħa n-naħa tas-subien u nġibed minn Mikiel Ellul, ritrattista mill-Imqabba. L-okkażjoni kienet preżentazzjoni ta' *knitting box* lil Rose Facciol b'tifkira tal-aħħar ġurnata tagħha fl-iskola tagħna. Jippreżenta l-*momento* s-surmast attwali s-Sur Lwigi Zammit li fil-konswetudni ta' dak iż-żmien qed iżomm bastun żgħir b'sinjal t'awtorità.



Tifkira ta' funzjoni tal-klassi Standard II bl-għalliem tagħha is-Sur Bonello li jidher fuq wara tar-ritratt. Dan ir-ritratt ġie meħud fi Frar 1935 mis-Sur Mikiel Ellul. Ħajr lil Marija Farrugia.

Tajna ħarsa żgħira lura f'aspett wieħed biss. Għaddew il-ġranet, gerbu xhur u ċċelebrajna l-anniversarji: tgħallimna ħafna mal-milja tas-snin, ħadna deċiżjonijiet ta' responsabbiltà, kbirna fl-esperjenża tas-sabieħ u tqil tal-ħajja. U llum fil-maturità tal-età meta nitkellmu mit-tfulija tagħna neskalaw "Eħ! dak kien żmien."

**Riferenzi**

[1] L-Imqabba – mal-medda taż-żmien, p144.

[2] Informazzjoni mgħoddija lili mis-Sur C. Camilleri.
Nota addizzjonali: It-tenenża numru 10, Triq Santa Marija, l-Imqabba, giet użata bhala skola ghal żewg perjodi fl-1956 u 1960-1961. Informazzjoni s-Sur C. Camilleri.



Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lil

# Dr. Marse Ann Farrugia,

Konsulenta Legali tas-Soċjetà, li għadha kif ġiet appuntata Maġistrat tal-Qrati Maltin nhar it-30 ta' Lulju 2010.

# Aida Hall

Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq

**Tel: 2168 3112 - 2164 0083**



*For Receptions, Parties and all occasions*



# Stone Art Works










Old Valletta Road, Mqabba

Mob: 79730206 - 99873105



## Il-messaġġ tal-Licencee tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija

# Suċċess kontinwu

Is-Sur Joseph Camilleri

Għeżież partitarji, bħalma tafu ż-żmien ma jistenna lil ħadd u meta qiegħed nikteb dawn il-kelmtejn il-preparazzjonijiet qiegħdin fl-eqqel tagħhom. L-Għaqda tan-nar tagħna wara s-suċċess li kellna fil-festa tal-2009 eżatt wara l-festa erġajna bdejna bil-preparazzjonijiet għas-sena 2010. Immedjatament wara li nġabru l-affarijeit minn ġol-għelieqi l-Għaqda tagħna bdiet il-ħidma sfiqa tagħha fejn ġie maħruq iż-żargun biex ikun jista' jsir il-porvli. Ftit wara l-festa, l-Għaqda kienet impenjata bin-nar tal-art għall-festa ta' Lourdes li tiġi ċċelebrata ġewwa Raħal Ġdid.

L-Għaqda tagħna reġgħet ħadet sehem ġewwa Bormla fil-festa tal-Kunċizzjoni permezz tan-nar tal-ajru. F'April ta' din is-sena l-Għaqda reġgħet kienet impenjata ġewwa G'Mangia għall-festa ta' Fatima permezz tan-nar tal-art. Però dan ma kienx bizzejjed għax il-ħaddiema ta' din l-Għaqda dejjem moħħhom biex iġibu l-unuri lejn din is-Soċjetà ta' Santa Marija. Għalhekk ħadu sehem għall-festa ta' San Publiju ġewwa l-Furjana, permezz tan-nar tal-art. Dan l-ispettaklu kien fuq bażi ta' kompetizzjoni fejn l-Għaqda tagħna rebħet tlett kategoriji dik tal-oriġinalità, l-aħjar prodott u l-aħjar mekkaniżmu.

B'hekk l-Għaqda tagħna ġiet iddikjarata bħala r-rebbieħa ta' dan il-IV Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art u għalhekk iddikjarata bħala Champion ta' Malta għas-sena 2010 f'dan il-qasam. Fl-aħħar t'April 2010, l-Għaqda reġgħet kienet impenjata ġewwa l-Port il-Kbir permezz ta' spettaklu ta' nar tal-ajru sinkronizzat mal-mużika. Għalkemm dan ma kienx fuq bażi ta' kompetizzjoni bħas-soltu l-Għaqda tagħna ġiet imfaħħra għal dan l-ispettaklu li tant aħna magħrufin għalihom.

Meta qed nikteb dan l-artiklu l-Għaqda tagħna qed tipprepara bil-kbir għall-esebizzjoni oħra tan-nar tal-ajru li tiġi ċċelebrata f'Ġunju ġewwa n-Nadur Għawdex għall-festa tal-lokal. Dan semmejtulkom biex tkunu tafu bil-ħidma kbira tal-membri ta' din l-Għaqda li ma ssibx kliem biex tirringrazzjahom għax-xogħol kbir li jagħmlu għal din is-Soċjetà.

Barra minn dan l-Għaqda tagħna qed tipprepara għal spettaklu ieħor kbir li jiġi esebit fl-erbatax t'Awwissu għall-festa tant maħbuba għalina Santa Marija. Bħalma tafu l-Għaqda tagħna dejjem kienet minn tal-ewwel fejn tiġi esebita xi ħaġa ġdida f'dan il-qasam tal-pirotekknika u għalhekk inħeġġukom biex fl-erbatax t'Awwissu 2010 tkunu hawn magħna biex tieħdu gost bl-ispettakli tan-nar li hemm ippreparat. Tkunu tistgħu anke taraw dak il-kliem miktub fl-ajru li tant aħna magħrufin għalih.

Bħalma tafu kif isir is-soltu anke fit-tranżulazzjoni ser ikun hemm settijiet ta' murtali tas-sitta bil-logħob. F'kelma waħda bl-għajnuna ta' Ommna Marija Santissma żgur li min jiġi ġewwa l-Imqabba matul il-ġimgħa tal-festa ħa jkun jista' jitpaxxa biħ.

Ma nistax ma nsemmix u nfakkar lil sieħibna s-Sur Joseph Sciberras magħruf magħna bħala 'Inġierka', li ħallina bħal sajjetta fil-bnazzi aktar kmieni din is-sena. Tlifna ħabib kbir u n-nuqqas tiegħu għadu jinħass sal-lum. Joe kien wieħed minna, bniedem ċajtier u



Is-Sur Joseph Sciberras ma' sett murtali minn tiegħu.




Diversi soċji u partitarji f'ritratt ta' tifkira mehud mal-unuri kollha li rebhet is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, bhala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tar-rebh tar-IV Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art fl-24 ta' April 2010.



ħabrieki. Żgur li Joe jinsab igawdi lil Ommna Marija tas-sema, l-Omm li tant kien jgħożż u jħobb. Minn hawn nixtieq nibgħat il-kondoljanzi tiegħi lill-familjari tiegħu. Fl-istess waqt insellem ukoll lis-Sur Saverju Ciantar u lil dawk is-soċi u partitarji kollha li ħallewna tul din is-sena u nwiegħduhom li niftakru fihom fit-talb tagħna.

Din is-sena s-Soċjetà qed tiċċelebra l-mitt sena tagħha b'ħafna suċċessi li permezz ta' xogħol kbir bejn kulħadd hija mimlija b'unuri kbar fosthom il-Kampjonat Mondjali li rebħet l-Għaqda tan-nar tagħna ġewwa Ruma. Irrid ngħid grazzi lil kulħadd fosthom il-Kumitat Eżekuttiv tal-koperazzjoni kbira li dejjem wera magħna; lill-kumitat taż-żgħażagħ u l-kumitat tan-nisa.

Nirringrazzja lis-soċi u l-partitarji kollha. Biss irrid nirringrazzja wkoll lill-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-nar u anke lill-familji tagħna li tant jieħdu paċenzja bina. Grazzi wkoll tmur għall-membri tagħna tas-suċċess li ksibna flimkien permezz tal-kompetizzjoni mirbuħa minnha u għalhekk kif inhu xieraq u bħas-soltu qed inħejjulkom spettaklu ieħor kbir ta' nar tal-art għall-lejlet il-festa tal-wisq maħbuba għalina Santa Marija.

Ngħid grazzi lil dawk il-Maltin u l-Għawdxin kollha li kull sena jżuruna u nirringrazzjawhom ukoll li anke lejlet il-festa jgħinuna bil-kontribuzzjoni finanżjarja tagħhom. Għeżież partitarji, l-Għaqda tan-nar tagħna ma tistax ma tgħidx grazzi mill-qalb lill-benefatturi tant kbar tagħna s-Sur Wenzu Ellul u l-ħutu kollha magħrufin ġewwa l-Imqabba bħala 'Ta' Ketrinu' tal-għajnuna kollha li dejjem sibna minn għandhom u dejjem insibuhom qabilna biex jgħinuna.

Irrid nirringrazzja wkol lis-Sur Carmel Zahra, 'Ta' Sinna', tal-għajnuna siewja li jgħatina. Nenu kif nafuh aħna, wkoll dejjem ikun minn tal-ewwel biex jgħin lil din l-Għaqda tan-nar tagħna.

Wasalt fl-aħħar tal-messaġġ u jekk insejt lil xi ħadd żgur li mhux b'intenzjoni. Jekk inhu l-każ niskuża ruħi bil-quddiem. Irrid nirringrazzja wkoll lil dawk is-sidien tar-raba' li dejjem ħallewna nużaw ir-raba' tagħhom.

Mill-ġdid grazzi wkoll mill-qalb lill-Kumitat Eżekuttiv tal-appoġġ kontinwu li dejjem sibna mingħandhom.

Irrid nirringrazzja lill-kleru, il-korp tal-pulizija, lis-Surmast tal-Banda, kif ukoll il-Kunsill Lokali tal-koperazzjoni li sibna u dejjem insibu min-naħa tagħhom. Għeżież partitarji inħeġġiġkom biex bħas-soltu peress li l-ispejjeż qed dejjem jiżdiedu, tkunu ġenerużi fl-għotjiet finanzjarji tagħkom.

Qabel nagħlaq għeżeiż partitarji u soċi nħeġġiġkom biex kif dejjem għamilna niedħu pjaċir bil-festa tagħna u nkunu ta ' eżempju ta' kif għandha tiġi ċċelebrat il-festa tagħna mingħajr ma nweġġgħu lil ħadd sew bi kliemna u anke b'għemilna. Għażiża Santa Marija li tant int maħbuba għalina kompli ħarisna fil-kamra tan-nar u anke bierek il-familji tagħna. Aħna bħal dejjem inħobbuk u nitolbuk sabiex mis-saltna tiegħek tħarisna u żommna taħt il-mantell tiegħek. Grazzi lil kulħadd u nixtieq il-Festa t-tajba lill-Imqabbin kollha kif ukoll lill-Maltin u l-Għawdxin li jiġu jżuruna waqt il-ġimgħa tal-festa.

Nerġa' nitlob lil wisq maħbuba tagħna il-Verġni Ommna Marija Santissma biex bħalma dejjem għamlet teħlisna minn kull tiġrib. **Viva Santa Marija, Patruna tal-Univers.**






Blue Creek
BAR & RESTAURANT



*For Information and Reservations, kindly phone*
**2146 2786 or 2146 2800**



# Programm tan-Nar

**Il-Ġimgħa, 30 ta' Lulju:** ***Bidu tal-Kwindiċina***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali, tiġi sparata kaxxa nfernali u murtaletti.
**9.30pm** Ħruq tal-beraq pront u murtali tal-kulur.

**It-Tnejn, 9 ta' Awwissu:**
***Ħruġ tal-Istatwa fuq iz-zuntier***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30pm** Mal-ħruġ tal-Istatwa jsir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art.

**L-Erbgħa, 11 ta' Awwissu:** ***L-ewwel jum tat-Tridu***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-barka Sagramentali jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art.

**Il-Ħamis, 12 ta' Awwissu:** ***It-Tieni jum tat-Tridu***

Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Il-Ġimgħa, 13 ta' Awwissu:** ***It-Tielet jum tat-Tridu***

Kollox bħall-jum ta' qabel.

**Is-Sibt, 14 ta' Awwissu:** ***Lejlet il-Festa***

**9.30am** Mad-daqq tat-*Te Deum*, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30pm** Toħrog it-Translazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa nfernali u esebizzjoni kbira ta' diversi settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.45pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir ta' logħob tan-nar tal-ajru li jinkludi salut, bombi tal-lampjun, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari, sinkronizzat mal-mużika. Settijiet ta' murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur. Ix-xogħol kollu ser jinħaraq bis-sistema kompjuterizzata tal-*Fire One*.
**11.30pm** Wirja ta' logħob tan-nar tal-art oriġinali u mekkanizzat.

**Il-Ħadd, 15 ta' Awwissu:** ***L-Għid tal-Assunta***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**9.30am** Mad-daqq tal-glorja, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa nfernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjata mid-daqq tas-sirena, segwita minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**7.15pm** Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni bl-Istatwa meraviljuża u artistika ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem, jiġi sparat salut. Hekk kif l-Istatwa devota tal-Patruna tar-raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-Ave Marija, tinħaraq musketterija u kaxxa nfernali spettakolari li ser tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.
**9.30pm** Hekk kif jiġi esegwit l-*Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema*, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15pm** Ħruq ta' kaxxa infernali tal-kulur ma' tmiem il-purċissjoni. Wara, fil-knisja tingħata l-barka flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lill-Madonna.

**Il-Ħadd, 22 ta' Awwissu:** ***L-Ottava tal-Festa***

**6.00pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tinħaraq musketterija, murtali tal-bomba u murtaletti.

**Nota mill-Bord Editorjali**

Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċji u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar, kif ukoll lil kull min għen sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. J'Alla jkollhom is-sodisfazzjon shiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-nar kif ukoll waqt il-ħruq.

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija hija r-rebbieħa tal-Ewwel Edizzjoni tal-Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta li kien sar fis-sena 2006, filwaqt li sena wara ġiet inkurunata fir-rebħ tal-Kampjonat Mondjali tan-Nar organizzat ġewwa Ruma l-Italja, Caput Lucis 2007. Din is-sena l-Għaqda tan-Nar Santa Marija rebħet ukoll il-IV Edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art 2010.


St Peter's
Ironmongery
sP
St. Peters Ironmongery, Troll Street, Mqabba MQB 1240
Tel: 21 680 143 Mob: 79 499 721 Fax: 21 685 249
Prop. Joseph Farrugia
• Electrical Fittings
• Drain Pipes and Fittings
• Tile Adhesive and Grouting
• Plastering materials
• Plastic and Fibre Tanks
• Plumbing Fittings
• Cement
• Membrane
• Geysers
• LED Bulbs
• Range of Power and Hand Tools
• Crystallite and Stainless Steel Sinks and Mixers
• Various types of Ladders
• Energy Saver Lamps (SPECIAL OFFER)
• Key Cutting including Security Keys
• Safety Wear and Safety Shoes
• 5000 colours of INDOOR AND OUTDOOR PAINTS MIXED RIGHT AWAY
FREE DELIVERY
Opening Hours: Monday to Friday: 7.00 a.m. - 7.00 p.m.
Saturday: 7.00 a.m. - 1.00 p.m.


GP
GOLDEN POINT
DISCOUNT STORE
All your daily needs...
In just one Location!
Golden Point Discount Store
Mqabba Square
Contact Darren & Amanda Bonello on 27284109



# Awgurju mill-E.T. Reġina Eliżabetta II għall-okkażjoni taċ-Ċentinarju

BUCKINGHAM PALACE

21st July, 2010

Dear Mr. Zammit,

I have been asked to thank you and the Members of the Society of St. Mary and King George V Band Club Mqabba Malta for your kind letter to The Queen, sent on the occasion of the Society's Centenary which is being celebrated this year.

Her Majesty was most interested to learn about the Society and appreciates your thoughtfulness in writing as you did. In return, The Queen has asked me to convey her warm good wishes to all concerned on this most special anniversary.

Yours sincerely,

David Ryan

David Ryan
Director, Private Secretary's Office

Mr. Mario Zammit.

# RAYMOND ABDILLA

**Exporter & Importer**

**AGRICO**

## Seed and Ware Potatoes

*Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-prodotti:*

**Arinda** – Patata Bikrija li tinżera' f'Ottubru

**Picasso** – T'għajnha ħamra

**Agria** – Ta' qatgħa safra

**Stirling** – Ta' qatgħa bajda

**Diamant** – Ta' qatgħa safra

**Aladin** – Ta' qoxra ħamra

**Marfona** – Ta' qatgħa bajda

**Virgo** – Ta' qatgħa bajda

**Santè** – *(għall-esportazzjoni)*

**Alpha** – *(għall-esportazzjoni)*

**Madalene** – *(għall-esportazzjoni)*

**Erika** – *(għall-esportazzjoni)*

**Fertilizer Ġermaniż ta' l-aqwa kwalità...**

BECKMANN BB BECKMANN – Spezialdünger –

(blu) 12+12+17+2+7
(isfar) 27%
(abjad) 21%

"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi SFI 1615
Tel: 21683870 (Res.)
21436594 (Grading Station)
Mob: 9949 7980, 9944 9553, 9983 0176
E-mail: potatograding@waldonet.net.mt



# Ċelebrazzjonijiet Denji ta' Champions tan-Nar

kitba tas-Sur Antoine Sciberras

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba tifraħ li rebħet il-IV Festival tan-Nar tal-Art li sar nhar is-Sibt 24 t'April 2010 fuq il-Fosos tal-Furjana lejlet il-Festa ta' San Publiju organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Furjana. Proprju din is-sena, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba qed tiċċelebra l-mitt anniversarju mit-twaqqif tagħha bħala 'King George V Club' fl-1910 biex tiċċelebra l-Festa Titulari tal-Imqabba. Sa mit-twaqqif tagħha is-Soċjetà qatt ma ħarset lura imma baqgħet dejjem tgħolli isem is-Soċjetà, isem raħalna u fuq kollox isem Malta.

Sabiex jiġi ċċelebrat dan is-suċċess meritat, fil-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba, organizzat quddiesa ta' radd il-ħajr nhar il-Ħadd 2 ta' Mejju 2010 fil-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba iddedikata lil Santa Marija. Wara, beda marċ mat-toroq prinċipali tar-raħal mill-Banda Re Ġorġ V fi ħdan l-istess Soċjetà fejn membri tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija żammew l-unuri, ċertifikati, *shield* u t-trofew mirbuħa f'dan ir-raba' Festival tan-Nar tal-Art. Fil-fatt l-Għaqda tan-Nar Santa Marija rebħet tlett kategoriji; dak tal-oriġinalità, l-aħjar prodotti u l-aħjar mekkaniżmu. B'hekk l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba ġiet iddikjarata bħala r-rebbieħa assoluta ta' dan il-Festival Nazzjonali.

Dan il-premju jiżdied ma' diversi suċċessi oħra: premju għall-isbaħ faċċata ta' każin imżejna għaż-żminijiet tal-Milied għal erba' darbiet; L-unur prestiġġjuż mingħand l-Unjoni Ewropea 'Stilel tad-Deheb għall-Ġemellaġġi' fis-sena 1998 wara ġemellaġġ storiku li sar bejn is-snin 1996 u 1997 ma' Corpo Bandaistico Santa Vittoria in Matenano ta' Ascoli l-Italja; Premju tal-aktar Klabb tal-Banda bl-akbar numru ta' donaturi tad-demm fis-sena 2000; L-Ewwel Festival Internazzjonali ta' Malta tan-Nar tal-Ajru lura għas-sena 2006; Ir-rebħ tal-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-Nar f'Ruma 'Caput Lucis' fis-sena 2007 kif ukoll mar-rebħ tal-ewwel premju fil-kategorija ta' Presepju Ħaj fi żmien il-Milied tas-sena 2008, biex din is-Soċjetà tfakkar il-mitt sena tagħha kif jixraq.

















# Rebbieħa

## tal-IV Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art 2010





- Oriġinalità
- L-Aħjar Prodotti
- L-Aħjar Mekkaniżmu









- **We keep your project on track**
- **We deliver value in every phase**
- **We meet your deadlines**
- **We endeavour to protect our people and your interest**
- **Through our experience you can put your mind at rest**

An artistic impression of the final finished project of Fort Cambridge Development. Elbros Construction Limited have been awarded the Building Works.





Works for Fort Cambridge awarded to Elbros Construction Limited. Initial stages of construction works consist of excavation and all building works.

Elbros
CONSTRUCTION

**Elbros Construction Limited**
'Elbros', Triq l-Industrija, Kirkop KKP9042, Malta
**t:** +356 2124 9999, **f:** +356 2168 5075
**e:** info@elbros.com.mt, www.elbros.com.mt






*Jagwar Men's wear*

Carmelo Caruana, Żurrieq
2164 7761



# Pantera

## Fashion Wear

**Blue Grotto Avenue, Żurrieq**

**21647460**



# Relazzjonijiet Internazzjonali

kitba tas-Sur Antoine Sciberras

Għalkemm Banda bi storja ta' ftit aktar minn 60 sena, ġejja minn raħal żgħir bħalma hu l-Imqabba, il-Banda Re Ġorġ V irnexxielha f'dawn l-aħħar snin tibni relazzjonijiet internazzjonali ferm tajba ma' għadd ta' baned barranin, kif ukoll ma' għadd ta' mużiċisti, kompożituri u surmastrijiet barranin. Dawn ir-relazzjonijiet, li raw il-bidu tagħhom fis-sena 1992 u li komplew jikbru għall-aħħar tal-1995 permezz tal-ħidma tas-**Sur Alfred Galea**, bandist attiv tal-Banda, ċertament taw u qed ikomplu jagħtu frott tajjeb b'risq il-Banda u s-Soċjetà.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba minn dejjem ħasset il-bżonn u fehmet li m'għandiex tiba' magħluqa fil-kurituri dojoq ta' pajjiżna. Sa minn meta s-Soċjetà daħlet fid-dinja tal-informatika permezz tal-websajt uffiċjali tagħha ***www.santamarija.com*** lura għas-sena 1996, is-Soċjetà rat kif ser tkabbar ir-relazzjonijiet tagħha barra minn xtutna speċjalment ma' kompożituri, surmastrijiet, mużiċisti u baned barranin. Biss l-ewwel esperjenza fuq bażi internazzjonali tmur lura għas-sena 1992 meta s-Soċjetà kellha bħala mistiedna speċjali għall-Festa Titulari tal-Imqabba lill-membri tar-*Red Arrows* u ftit taż-żmien wara lqajna lill-ekwipaġġ tal-*Ark Royal*. Sena wara, ilqajna grupp ta' tfal minn Chernobly u grupp ta' ommijiet flimkien ma' wliedom refuġjati mill-Bosnja fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. L-akbar avveniment sar fis-sena 1996 meta l-Banda Re Ġorġ V ħarġet iddoqq għall-ewwel darba barra minn xtutna sewwasew ġewwa Ascoli Piceno, l-Italja. Din l-esperjenza ta' ġemellaġġ wasslet sabiex is-Soċjetà tagħna tiġi ppremjata bl-*Les Etoiles d'Or du Jumelage* mill-Unjoni Ewropea. Dan kollu kien il-bidu tal-ħidma internazzjonali tal-Banda tagħna, bidu mimli suċċessi kbar. Naturalment dan kien ta' kuraġġ kbir ħalli din il-ħidma tkompli. U hekk insibu għadd ġmielu ta' Baned Barranin oħrajn li żaru Malta għall-festa ta' Santa Marija. Wara l-1996, seta' jkollna fostna diversi baned, surmastrijiet u anke korijiet barranin speċjalment matul il-festa ad unur Santa Marija. Insibu li fis-sena 1997 kellna fostna l-*Corpo Bandistico Santa Vittoria in Matenano* mill-Italja filwaqt li sena wara kellna fostna il-Banda Jugend Blasorchester tal-Ġermanja (1998). Is-Soċjetà kompliet tkabbar ir-relazzjonijiet barranin billi kellna fostna l-Banda Filarmonika ta' Larissa mill-Greċja u l-Banda Kiryat mill-Iżrael bħala parti mill-festi tal-Assunta li ċċelebrajna fis-sena tal-millenju (2000). Sena wara (2001) kellna bħala banda mistiedna il-*Kfar Saba Community Concert Band* mill-Iżrael, filwaqt li f'Novembru tas-sena 2002 kien imiss il-Kor minn Iżrael, Alei Gefen.




Ritratt ta' tifkira tal-Banda Re Ġorġ V flimkien mal-Kumitat mal-wasla lura minn Santa Vittoria in Matenano fis-sena 1996.

Minbarra dawn il-relazzjonijiet ma' baned barranin, irnexxielna wkoll nibdew kuntatti ma' xi Surmastrijiet, Kompożituri u Mużiċisti barranin. Dan qiegħed iservi sabiex il-Banda tagħna, minbarra li titgħallem mill-esperjenza ta' dawn il-persuni, tirċievi għadd ta' mużika oriġinali. Uħud minn dawn **huma Salvatore Mauro (Kompożitur u Mużiċist minn Palermo, Italja), Nachmann Yariv (Kompożitur minn Kfar Saba, Iżrael), Edmond E De Mattiea (Mużiċist minn Maryland, Stati Uniti), u Arthur**


The Fruit Shop
Prop. George Attard
9th April 1942 Street, Mqabba
Tel: 21 647963 • Mobile: 7946 3151


C&G HARDWARE STORE
45, KARMENU CIANTAR STREET, MQABBA
TEL N$^{os}$: 21642167 • 99885491
• CAR + MOTTURA SECURITY KEY CUTTING SERVICE
• NAREX POWER TOOLS + HAND TOOLS
• WATER PUMPS + KITCHEN MIXERS
• ELECTRICAL WATER HEATER GEYSERS
• ALUMINIUM LADDERS + SAFETY SHOES
• GREEN SUN SHADING + CHARCOAL
• GARDEN TOOLS & FURNITURE + PICNICCOOLERS
• LARGE RANGE OF ENERGY SAVING LAMPS
• ACORN PLUMBING FITTINGS + DRAIN PIPES + WIRES
• METAL FANS + GAS HEATERS
• 10% DISCOUNT ON PAINT
• CAR ACCESSORIES
• LIQUID MEMBRAIN + CEMENT + GROUTING
• IRON BOARDS + LIQUID DETERGENTS
MOTTURA
SIGMA COATINGS
Sika
narex
Cuprinol
SILCA
HAMMERITE
METAL PAINT
CISA
WURTH
THE ASSEMBLY PROFESSIONALS

**Lehman (Mużiċist minn Maryland, Stati Uniti)**.

Wara imbagħad, fis-sena 2005 kellna bħala banda oħra barranija mistiedna għall-festa ta' Santa Marija il-*Bedford Town Band* mill-Ingilterra. Għall-festi tal-2006 kellna fostna l-Banda *St. Keverne* minn Cornwall, l-Ingilterra kif ukoll il-*Whistling World Champion* David Morris, filwaqt li fis-sena 2007 kellna fostna Surmast Amerikan minn Louisana Mro. Andy Isca kif ukoll banda oħra Ingliża għal darb'oħra minn Cornwall fl-Ingilterra, *St. Stythians Brass Band*. Il-Banda Taljana *Associazione Bandistica Cittadina di Cave*, provinċja ta' Ruma kienet il-banda barranija mistiedna tagħna matul il-Festa tas-sena 2008 wara li f'Lulju tas-sena 2007 l-Banda tagħna kienet għamlet it-tieni mawra tagħha barra minn Malta sabiex tieħu sehem fil-*Festa del Socio* li ssir ġewwa Cave stess. Ta' min isemmi wkoll li f'din il-mawra ġewwa l-Italja, il-Banda Re Ġorġ V kellha x-xorti u l-opportunità li ddoqq ġewwa s-Sala Nervi fil-Vatikan, waqt udjenza mal-Papa Benedittu XVI. F'din il-festa kienu ħadu sehem ukoll diversi baned oħra barranin kemm mill-Italja, Franza u mill-Ingilterra.


Les Etoiles d'Or du Jumelage, mirbuħ mis-Soċjetà fis-sena 1998.

Fis-snin riċenti s-Soċjetà kompliet tkabbar dawn ir-relazzjonijiet internazzjonali meta fuq inizjattiva tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ġie organizzat l-ewwel skambju kulturali fl-Imqabba ma' grupp ta' żgħażagħ Taljani minn Ciro'. Min-naħa l-oħra l-Għaqda tan-Nar Santa Marija kompliet tifrex ir-relazzjonijiet internazzjonali tagħha ma' diversi għaqdiet fl-istess settur minn pajjiżi varji fosthom l-Italja, l-Ingilterra u Spanja. Dan kollu żgur li għen sabiex il-Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba kif ukoll is-Soċjetà tagħna kibret fuq livelli internazzjonali.




transfer your fantasy into reality!
Aldo Ritchie
'Madonna ta' Pinu',
Triq il-Ħarriġiet
Mqabba ZRQ 08
Tel: 21641032
Mob: 9946 5963
e-mail: alnaca@onvol.net
Fantasy Flowers
Flowers for weddings, engagements, etc
Invitations & Souvenirs


CHIC BOUTIQUE
Fashion Fades
Style is Eternal
Women designer dresses
Casual Wear
Designer bags
Costume jewellery
Accessories
Candles
Giftware
& more
Triq Matteolo Saliba, Żurrieq (Opposite tribunal) Tel: 2164 0883

## Lenti fuq is-Soċjetà Festi Ċentinarji (1910-2010)

# Mitt Sena għall-Imqabbin

## ... Mużika, Kultura, Suċċess

Informazzjoni miġbura mis-Sur Antoine Sciberras

### 1910

- Wara li fis-sena 1905 twaqqaf il-Każin Soċjali ***Santa Maria*** li kien jieħu ħsieb jorganizza ż-żewġ festi tar-raħal, jiġifieri dik Titulari tal-Assunzjoni ta' Marija Verġni, popolarment imsejħa Santa Marija u l-festa tal-Madonna tal-Ġilju, f'laqgħa ġenerali tas-Soċjetà ġie deċiż li l-isem tas-Soċjetà Santa Marija kellu jinbidel għal ***Giorgio V***. B'hekk ġiet imwaqqfa b'mod uffiċjali s-Soċjetà bl-ewwel president ikun is-Sur Feliċ Zammit (*tar-Reġina*) li dam jokkupa din il-kariga sas-sena 1920.



- L-għanijiet prinċipali tas-Soċjetà kienu li tieħu ħsieb il-festi esterni ta' Santa Marija, it-Titular tal-Parroċċa; sabiex is-soċji jsibu fejn iqattgħu siegħa flimkien u biex tiġi mgħallma l-mużika.

### 1912

- Iżżanżan Ostensorju tal-fidda li beda jintuża għall-festa Titulari ta' Santa Marija biss. Dan kien joħroġ tliet darbiet fis-sena jiġifieri fit-Tranżulazzjoni, fil-purċissjoni ta' nhar il-festa u fl-Ottava tal-festa. Fl-1965 dan l-Ostensorju ġie mogħni b'pedestall tal-fidda mogħti minn Giuseppe Faċċiol.



### 1920 - 1923

- L-armar tal-festa ħa spinta kbira 'l quddiem. Fil-fatt saru l-istatwi tat-tnax-il appostlu, Sant'Anna u San Ġwakkin, sett ta' anġli, kif ukoll sett ta' pavaljuni.



- Fis-sena 1920, Angelo Ghigo sar it-tieni President tas-Soċjetà u dam jokkupa din il-kariga sas-sena 1925.
- Fl-1923 iżżanżan il-Pedestall il-kbir u artistiku magħruf bħala tal-Inkoronazzjoni kif ukoll bħala *il-Kolonna* fi żmien meta l-President tal-Każin kien Angelo Ghigo.

### 1925

- Fis-16 ta' Lulju 1925, fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu, Ġanni Zammit ta' Brajnek li kellu 43 sena, ġratlu diżgrazzja kerha meta kien qiegħed iħallat il-



putassa għall-logħob tan-nar tal-ajru, il-porvli sploda b'forza kbira u ferieh sewwa. Zammit miet l-Isptar tal-Furjana, is-Sibt 18 ta' Lulju 1925 fit-8.00 ta' filgħaxija aktarx minħabba li kien bela' ħafna gass. Hu kien magħruf għall-murtali tal-kulur tal-bomba magħrufa *tar-Ruġġiera*.



Ganni Zammit
(ta' Brajnek)

- Is-Sur Joseph Bugeja laħaq President tas-Soċjetà u dam jokkupa din il-kariga sas-sena 1946. Wara reġa' serva bħala President bejn is-snin 1947 u 1949.



## 1928

- Saru żewġ opri kolossali għall-Istatwa ta' Santa Marija. Il-qabar ġie mibdul għal dak eżistenti tal-fidda u saret bradella l-ġmiel tagħha. Dawn saru bl-għajnuna, bil-ħeġġa u bil-ħerqa tas-Soċjetà.
- Inħaraq għall-ewwel darba f'Malta murtal b'erba' bombi maħdum minn Ċensu d-Derek.





## 1934

- Is-Soċjetà xtrat il-każin preżenti nhar it-22 ta' Jannar fil-lokal numru 27, Pjazza tal-Knisja. Qabel dan il-post is-Soċjetà kellha s-sede tagħha biswit l-istess bini fin-numru 26. Sal-1945, in-numru tal-fond kien inbidel għal numru 41, Misraħ il-Knisja.



## 1935

- Saret pittura fuq is-saqaf tal-kamra tal-Kumitat.

## 1936



- Il-gvernatur Sir Charles Bonham Carter jagħmel żjara uffiċjali ġewwa l-każin Santa Marija, nhar is-16 ta' Ottubru.

## 1937

- Diżgrazzja għas-Soċjetà. It-Tnejn 31 ta' Mejju 1937, meta Ġużeppi Ellul (*il-Qonsru*) ta' 30 sena mill-Imqabba, Pinu Abdilla (*Ġaqġaq*) ta' 39 sena minn Ħaż-Żebbuġ u Manwel Caruana (*Tillu*) ta' 25 sena mill-Imqabba kienu qed ilestu xi nar għall-festa ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ u għal San Ġwann tax-Xewkija, Għawdex. Il-kamra tan-Nar li kienet f'Ħal Farruġ, taret qalb daħna liema bħalha.



Filippo Abdilla



Joseph Ellul



Manwel Caruana

## 1939

- Ġużeppi Galea beda jgħallem il-qari tal-mużika lill-ewwel alljievi fis-sede tas-Soċjetà King George V. Sfortunatament, iżda, huwa kellu jieqaf ħesrem minn din il-ħidma minħabba li faqqgħet il-gwerra.
- Fil-15 t'Awwissu 1939 ġrat diżgrazzja kerha meta Joseph Farrugia, tifel ta' 7 snin sab xi porvli li kienu jikkargaw il-maskli bih u li bi żball kien tħalla fil-bottegin. Ta' tifel li kien tah in-nar. Il-bottegin ħa n-nar u t-tifel bela' ħafna gass. Joseph miet dakinhar stess fis-2.30 ta' filgħaxija.



Joseph Farrugia



## 1939 - 1945

- Il-Każin serva ta' uffiċċju tal-gvern matul it-Tieni Gwerra Dinjija.
- F'dawn is-snin ġie mħaffer xelter taħt il-Każin sabiex iservi bħala kenn għall-Imqabbin fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. L-agħar attakk kien dak tad-9 t'April 1942 meta ġiet imġarrfa l-koppla tal-Knisja u l-kappellun tal-Agunija. Ġiet meqruda wkoll l-istatwa ta' Santa Marija fil-Pjazza tal-Knisja. Ras din l-istatwa għadha miżmuma fil-Każin tas-Soċjetà.
- F'dan l-istess attakk tad-9 t'April 1942 l-istatwa devota u artistika ta' Santa Marija baqgħet bla mittiefsa għajr għal għafsa żgħira fuq quddiem tal-qabar tal-fidda. Din l-għafsa għadha hemm sabiex tfakkar dan l-avveniment.



- Il-festa ta' Santa Marija tal-1942 fl-Imqabba, bħal f'ħafna parroċċi oħra, waqfet milli tiġi ċċelebrata minħabba l-biża' kbir u nuqqas ta' tama li kellu l-poplu Mqabbi.
- Fis-sena 1943 reġa' beda jsir it-taħriġ tal-mużika ġewwa l-Każin.

## 1944

- Ġużeppi Galea, b'determinazzjoni akbar reġa' beda jgħallem il-mużika bl-iskop li jwaqqaf Orkestra. Hu kien megħjun minn Carmelo Schembri, Antonio Mamo, il-Professur Pawlu Carabott, Espedito Deguara u Francesco Azzopardi, kollha surmastrijiet ċelebri u tajbin.
- Is-Soċjetà flimkien ma' diversi każini oħra offrew rigal lill-gvernatur ta' Malta Lord Gort taħt forma ta' *Sword of honour* bħala sinjal ta' gratitudni u ammirazzjoni għat-tmexxija għaqlija tiegħu.



Ġużeppi Galea

## 1945

- L-Orkestra Santa Marija tagħmel id-debutt uffiċjali tagħha nhar it-12 ta' Awissu qrib is-sede tas-Soċjetà



taħt is-surmast Espedito Deguara li ħa d-direzzjoni tal-Orkestra f'idejh wara s-surmast Anthony Mamo. L-Orkestra ġiet imwaqqfa mis-Sur Giuseppi Galea u tat it-tieni servizz tagħha proprju ġewwa l-knisja parrokkjali tal-Imqabba fil-festa tal-Madonna tar-Rużarju tal-istess sena permezz ta' mutett. Sa dakinhar ma kienet teżisti ebda soċjetà jew għaqda mużikali oħra ġewwa l-Imqabba.

## 1946

- Giovanni Ghigo laħaq President tas-Soċjetà u dam sas-sena 1947. Wara re ġie elett President bejn is-snin 1949 u 1955.

## 1947

- Is-Soċjetà ddeċidiet li l-Orkestra Santa Marija għandha tiġi trasformata f'Banda. Il-Banda Re Ġorġ V għamlet l-ewwel debutt uffiċjali fl-14 ta' Awissu taħt is-surmast Giuseppe Maria Barbara li dam sas-sena 1953.
- Bdew isiru xi diskussjonijiet u pjanti sabiex jitkabbar u jissebbaħ il-Każin.
- Giuseppe Bugeja laħaq President tas-Soċjetà u dam jokkupa din il-kariga sas-sena 1949.

## 1948



- Żjara ġewwa s-sede tas-Soċjetà mill-Arċisqof ta' Malta Mikiel Gonzi.
- Il-Banda Re Ġorġ V għamlet l-ewwel servizz tagħha barra mill-Imqabba fil-festa Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien nhar it-18 t'April 1948.
- F'laqgħa ġenerali tal-14 ta' Novembru, ġie deċiż li l-każin jitkabbar u jissebbaħ skont il-pjanta tas-Sur Ġużè D'Amato ta' Raħal Ġdid, arkitett li għamel il-pjanta tal-knisja kolossali tal-istess post fejn kien joqgħod.
- Nhar l-14 t'Awwissu 1948, il-Kappillan Dun Geraldo Mangion bierek tliet stendardi ġodda: *Imperu* rregalat minn Rokku Camilleri (*ta' Liza*), tal-*Papa* mogħti minn Spiru Schembri (*ta' Barbra*) u dak *Nazzjonali* mill-ammiraturi nisa Mqabbin.

## 1949

- Nhar it-13 t'Awissu 1949, iżżanżan l-Innu grandjuż f'ġieħ Santa Marija Assunta li nkiteb minn Patri Joseph M. Ghigo S.J., Direttur Spiritwali tas-Soċjetà.

# POLIDANO GROUP

## Excavating, Building & Engineering Contractors

**Polidano Brothers**

**Lapsi Quarry**

**Cement Mix**

**Pol Mix**

**Eagle Beams Ltd**

**MAIT**

Ħal Farruġ Road, L/O Luqa LQA 05 - Malta
Tel: (356) 2124 4520, 2124 4539, 2124 4241
Fax: (356) 2124 4200



- Matul din is-sena u fis-sena 1950, il-Każin kellu problemi finanzjarji sabiex seta' jitkabbar il-Każin. Il-ġenerożità tal-membri ma kinitx biżżejjed. Fit-28 ta' Mejju 1949 sar self ta' 400 lira sterlina mingħand Ġanni Zammit magħruf bħala *Ġakki tal-Qalqula*.
- Giovanni Ghigo reġa' ġie maħtur President tas-Soċjetà u dam jokkupa din il-kariga sas-sena 1955.

## 1950

- Il-Papa Piju XII ipproklama solennement id-Domma tal-Assunzjoni nhar l-ewwel ta' Novembru. Għal din l-okkażjoni ġew mistiedna Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr. George Borg Olivier, il-Ministru tal-Ġustizzja Dr. Joseph Cassar u l-Ministru tal-Kummerċ, Dr. Carmelo Caruana.



- Fit-18 ta' Frar 1950, sar self mingħand Ġanni Zammit (*tal-Mejlaq*) għall-ammont ta' 300 lira sterlina sabiex seta' jitkompla t-tkabbir tal-Każin.





Papa Piju XII

## 1951

- Jitlesta x-xogħol fuq it-tieni sular tal-każin li nbena kollu ġdid. Kien ġie deċiż mis-soċji li l-faċċata għandha tkun bil-kolonni.
- Issir żjara uffiċjali minn Sir Gerald Creasy, gvernatur ta' Malta, flimkien ma' Lady Creasy nhar it-3 ta' Novembru.
- Il-Banda għaddiet taħt id-direzzjoni ta' Mro. Leonard Spiteri li dam jidderieġi l-Banda sal-1956.
- Ġie rregalat lill-Banda l-istendard il-Prim tal-Banda. Dak iż-żmien l-istendard, xogħol fir-rakkmu bid-deheb, kien qam madwar €120 u nħadem mis-sorjiet tan-Nazzarenu, taż-Żejtun.
- Il-festa ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba kienet iċċelebrata b'pompa u devozzjoni kbira għaliex f'dik is-sena l-festa kellha tifsira doppja peress li kienet l-ewwel waħda minn mindu l-Papa pproklama d-Definizzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni.
- L-'Innu lil Marija Assunta' ġie esegwit għall-ewwel darba mill-Banda Re Ġorġ V fl-okkażjoni tal-ewwel Festa fuq il-Proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunzjoi mill-Papa Piju XII.
- Għall-festa ta' Santa Marija l-E.T. l-Arċisqof Mikiel Gonzi assista minn fuq it-Tron għall-Pontifikal. Wara għamel żjara fil-Każin tas-Soċjetà.

## 1952



- Tittella' l-istatwa ta' Santa Marija fuq il-każin. It-tberik tal-istatwa sar mill-E.T. Rev. Mons. Emanuel Galea, Vigarju ġenerali. Il-kumitat kien inkariga lil Eugenio Sciberras (ta' Ġanbona) biex jieħu ħsieb l-armar u jtella' l-istatwa.

## 1953

- Ġiet imwaqqfa Kumpanija Teatrali fi ħdan is-Soċjetà bl-isem *Aurora Dramatic Company*.
- Mro. Leonard Spiteri ħa f'idejh id-direzzjoni tal-Banda Re Ġorġ V u dam imexxi l-Banda sas-sena 1955.



## 1955

- Bejn is-snin 1955 u 1956, is-Soċjetà għaddiet taħt il-Presidenza ta' Leonard Spiteri.
- Il-Banda Re Ġorġ V għaddiet f'idejn is-Surmast George Martin li dam jidderieġi l-Banda sa ma miet fis-sena 1991. Jibqa' mfakkar għall-Innu kapolavur 'Lil Marija

## A QUALITY SERVICE YOU CAN RELY ON

Elmo INSURANCE




**Bellizzi Services Ltd. • Tel: Tel. 21642519 • Fax: 21689791 • bellizziservices@gmail.com**

Bellizzi Services Ltd, 86, Triq Matteolo Saliba, Zurrieq ZRQ 2021

Elmo Insurance Ltd., Head Office, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, XBX 1111, Tel: 2343 0000, Fax: 2134 5037, www.elmogroup.com

Bellizzi Services Ltd. is enrolled to carry out tied insurance intermediary activities and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry out general insurance business and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

[C]TRONiCS

Blue Grotto Avenue Zurrieq

Opening Hrs
Mon-Fri 4.00 Pm—7.00 Pm
Sat 9.00 Am—12.30 Pm

For appointments Call on
T: 21642744 M: 79478259

Go Subscriptions
Homepacks
Adsl / Tel

Repairs On Notebooks
Repairs On Pc Systems
Format / Repairs
Notebook Upgardes
Pc Upgrades
Virus Removal

## Best Prices on Pc's Notebooks & Netbooks

Asus Atx Case
Asus Mainboard
Intel Core Duo 2.7Ghz
4GB DDR 800
DVD / Card Reader
500 GB 7200
18.5 LED Monitor
Logitech Kb / Mouse
Win 7 Home Premium CD
Antivirus
Open Office

Total € 765.00





Compaq Mini 110 € 429.00
Atom N270 / 1GB / 160GB



HP CQ61 422 € 575.00
Dual Core / 2GB / 320GB
DvDrw / Webcam / Wifi



Dell Inspiron 1564 € 680.00
Core i3 330 / 3GB / 250GB
DvDrw / Webcam / Wifi

All in one Printers starting from € 80.00

Student Smartcard Accepted

Warranty 2 Years parts & Labour on all computers
Warranty on notebooks carry 2—3 years
Warranty on netbooks Carry 1 year.

Present This coupon for 25% Discount On Format & Repairs.

Parts not included.



Mtellgħa s-Sema' li kkompona fl-1963. Il-versi huma ta' Patri Joseph M. Ghigo SJ li serva bħala Direttur Spiritwali tas-Soċjetà sal-2004.

## 1956

- Charles Sciberras laħaq President tas-Soċjetà u dam jokkupa din il-kariga sas-sena 1962.

## 1957

- F'din is-sena s-Soċjetà ma ħaditx sehem fil-festi esterni ta' Santa Marija bħala protesta minħabba li dik is-sena kien hemm nuqqas ta' ftehim serju bejn ir-reffiegħa tal-istatwa.

## 1958

- Minħabba fin-nuqqas ta' ftehim li kien inqala' fis-sena ta' qabel, is-Soċjetà astjeniet milli tieħu sehem fil-festa kemm dik esterna kif ukoll ta' ġewwa l-knisja. Il-partitarji pprotestaw biex l-istatwa ma tintrefax u l-festa kienet twaqqfet hemm.

## 1959

- Il-festa kienet ristretta għall-funzjonijiet reliġjużi fil-knisja biss.

## 1960

- Għeluq il-50 sena mit-Twaqqif tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Ġiet mikxufa lapida għall-okkażjoni ġewwa s-sede tas-Soċjetà.
- Fit-18 ta' Settembru 1960 intlaħaq ftehim bejn is-Soċjetà u l-knisja fuq il-kwistjonijiet preċedenti.
- Is-Sur Joseph Ghigo rnexxielu joħloq invenzjoni fin-nar tal-art meta vvinta s-sistema ta' *universal joint*. Invenzjoni li ħolqot rivoluzzjoni sħiħa f'dan is-settur.






## 1961

- Inxtrat l-art magħrufa Ta' Sapjan mingħand Joseph Zammit sabiex jinbena l-Post tan-Nar attwali. Il-kuntratt tal-akkwist tal-art sar fil-31 ta' Jannar 1961. Għas-Soċjetà King George V dehru l-President Charles Sciberras u s-Segretarju Joseph Ghigo. Ix-xhieda kienu Ċensu u ibnu Karmnu Psaila. L-art inxtrat 50 lira sterlina.



## 1962

- Is-Soċjetà għaddiet taħt il-Presidenza ta' George Busuttil li dam sas-sena 1966.
- Fuq ħidma tas-Sur Joseph Farrugia, sar karru bir-roti biex jitħaffef il-ħruġ u d-dħul tal-istatwa ta' Santa Marija fin-niċċa. Dan il-karru ġie ddisinjat mis-Sur Salvu Ebejer, disinjatur Imqabbi u nħadem għand id-Ditta Orlando ġewwa Raħal Ġdid. Il-karru żżanżan nhar il-Ħadd 5 t'Awwissu 1962.

## 1963

- Il-Kappillan tal-Parroċċa Dun Carm Bianco bierek il-Post tan-Nar attwali nhar il-Ħadd 30 ta' April 1963. Minn dakinhar sal-lum inbnew aktar imħażen u l-post ġie attrezzat aktar għall-ħtiġijiet tal-lum.



# Carabott Jewellers

Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 2168 0760

Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days







**Rose Stationery & Gifts**

*Stationery - Accessories - Gifts - Haberdashery*
*Cell Phones - Underwear - School Bags*
*Photocopy Service in Black/Colour - Binding*
*and more ...*

*@ unbeatable prices!*

*134 Triq il-Konvoj ta' Santa Marija*
*Mqabba*
*Tel: 27023239*

## 1964

- Sar abbelliment tas-sala prinċipali tal-Każin.
- Fis-6 ta' Ġunju 1964 beda x-xogħol fuq is-sistema elettrika tal-Każin l-iktar minħabba ż-żieda tal-portiku u s-sala fit-tieni sular. Il-Każin inxtegħel kollu, barra u ġewwa, għall-ewwel darba fuq *3 phase* nhar it-13 t'Awwissu 1964.

## 1965

- Sar it-tisbieħ tas-sala u ġie nkarigat id-disinjatur u dekoratur Ġużeppi Galea li pproġetta xogħol li jikkumplimenta sew l-arkitettura tas-sala. Hawn kellna lil Karmenu Ghigo li għamel xogħol mill-aqwa. Saru forom tar-rużuni, mazzettuni u gwarniċi tal-injam minn Mro. Leonard Spiteri filwaqt li l-induratura saret minn



Karmenu Psaila. Is-sala nfetħet b'riċeviment ad unur Dun Karm Ghigo u Dun Joe Bugeja, żewġ qassisin novelli Mqabbin, nhar il-Ħadd 8 t'Awwissu 1965 fl-okkażjoni tal-ordinazzjoni saċerdotali u l-ewwel quddiesa tagħhom fl-Imqabba.



## 1966

- Sar restawr fuq il-vara mis-surmast Samwel Bugeja.
- Joseph Farrugia laħaq President tas-Soċjetà u dam imexxi s-Soċjetà sas-sena 1969.

## 1967

- Fuq inizjattiva ta' Karmenu Ghigo, saret iż-żebgħa mill-ġdid tal-Pedestall tal-Inkurunazzjoni. Dan għamel xogħol tajjeb ħafna kif titlob is-sengħa u żamm kemm il-kuluri u anke d-disinni li għamel Abram Gatt. L-induratura għamilha Karmenu Psaila li ħa ħsieb ukoll li jsiru brazzi tad-dawl fuq il-pedestall u kanċell tal-ħadid madwar il-bażi tal-kolonna. Ġużeppi Camilleri għamel l-isfumar tal-iskultura u l-ismijiet tal-istatwi għamilhom Joe Camilleri.

## 1969

- Louis Galea laħaq President tas-Soċjetà u dam imexxi s-Soċjetà sas-sena 1973.

## 1973

- Bejn is-snin 1973 u 1975, il-President tas-Soċjetà kien Charles Sciberras.
- F'din is-sena ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-Imqabba l-programm tal-festa taħt forma ta' ktejjeb.




## 1975

- Joseph Ghigo laħaq President tas-Soċjetà u dam imexxi s-Soċjetà sas-sena 1977.

## 1976

- L-Istatwa Titulari, Artistika u Devota ta' Santa Marija intrefgħet waqt il-purċissjoni, mill-fratelli tas-Sagrament lebsin il-mozzetta l-ħamra għall-ewwel darba.



## 1977

- George Busuttil reġa' ġie maħtur President tas-Soċjetà u dam jokkupa din il-kariga sas-sena 1983.

## 1981

- Saru festi speċjali f'għeluq il-25 sena tas-Surmast Kavallier George Martin A.Mus., L.C.M., O.S.T.J. bħala Direttur tal-Banda.
- Is-sala ngħatat dehra isbaħ billi ġiet retawrata u indurata bid-deheb.
- Inxraw ukoll tliet linef kbar li komplew żejnu din is-sala, illum meqjusa bħala ċentru artistiku uniku fir-raħal tal-Imqabba, għall-fatt li din hija mimlija kollha pittura tal-istess pittur il-Kav. Camilleri Cauchi.
- Iżżanżnet bandiera ġdida tal-Banda Re Ġorġ V.

## 1983

- Is-Soċjetà għaddiet taħt il-Presidenza ta' Leonard Farrugia li dam sas-sena 1984.

## 1984

- Jiġi ppubblikat għall-ewwel darba fil-forma ta' ktejjeb kif nafuh illum, il-programm annwali tas-Soċjetà għal żmien il-Festa Titulari tal-Imqabba. Fis-sena 1951 insibu li kien diġà jiġi ppubblikat fuljett ċkejken bil-programm tal-festa sabiex fis-sena 1973 ġew inklużi wkoll xi messaġġi mill-Kappillan tal-parroċċa. Wara bdew jinkitbu wkoll messaġġi mill-President tas-Soċjetà.

- Joseph Sciberras lahaq President tas-Soċjetà u dam imexxi s-Soċjetà sas-sena 1985.
- Ġiet akkwistata biċċa art li fuqha ġie mibni maħżen kbir. Il-kuntratt kien iffirmat nhar it-Tnejn 25 ta' Ġunju 1984 u l-art ġiet irregalata lis-Soċjetà mill-Familja Ghigo



## 1985

- Ċelebrazzjonijiet sabiex jitfakkru l-75 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Inkixfet lapida kommemorattiva tal-okkażjoni.
- Ġiet restawrata l-pittura fuq is-saqaf tal-kamra tal-Kumitat f'għeluq il-50 sena minn meta saret. Ir-restawr sar mis-Sur Rosario Zammit.
- Joseph Farrugia lahaq President tas-Soċjetà u dam imexxi s-Soċjetà sas-sena 1990.
- Is-Soċjetà tirbaħ l-ewwel premju flimkien ma' dak ukoll tal-oriġinalità fil-kompetizzjonijiet għall-isbaħ faċċata mżejna għal żmien il-festi tal-Milied.

## 1986

- Festi solenni li fakkru l-150 sena mill-miġja tal-Istatwa Artistika u Devota ta' Santa Marija ġewwa l-Imqabba fl-1836.
- Sar xogħol ta' induratura fuq l-Istatwa Titulari, mis-Sur Horace Farrugia tal-Imdina.
- Is-Soċjetà tirbaħ l-ewwel premju għat-tieni sena konsekuttiva fil-kompetizzjonijiet għall-isbaħ faċċata mżejna għal żmien il-festi tal-Milied.



## 1988

- Ġiet mibnija s-sala ta' ġewwa sabiex isservi għall-kunċerti tal-Banda Re Ġorġ V.



## 1990

- Issir reviżjoni tal-Istatut. L-erba' membri li ffurmaw il-kummissjoni kienu Carmel Psaila, Francis Vella, Nazzareno Sciberras u Mro. Anthony Camilleri.



- Fl-istess sena ġie deċiż li l-isem tas-Soċjetà kellu jinbidel biex ikun jista' jiġbor fih l-istorja kollha tas-Soċjetà sa mit-twaqqif tagħha. Għalhekk l-isem il-ġdid sar **Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.**
- Is-Soċjetà bdiet tirrikonoxxi l-Fergħa tan-Nisa fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija. B'hekk is-Soċjetà tagħna saret waħda minn tal-bidu f'Malta li rrikonoxxiet il-mara fil-ħajja soċjo-kulturali tas-Soċjetà.
- F'din is-sena Carmel Zahra lahaq President tas-Soċjetà u għadu jokkupa din il-kariga sal-lum.
- Is-Soċjetà tirbaħ l-ewwel premju flimkien ma' dak ukoll tal-oriġinalità għat-tielet darba, fil-kompetizzjonijiet għall-isbaħ faċċata mżejna għal żmien il-festi tal-Milied.

## 1991

- Jiżżanżnu żewġ armi ġodda fuq il-faċċata tal-każin, xogħol l-iskultur Lawrence Attard. Dawn l-armi jirrappreżentaw żewġ titli mill-Litanija tal-Madonna: 'Santa Marija' u ' Mater Inviolata'.
- Il-Banda Re Ġorġ V tgħaddi taħt it-tmexxija tas-Surmast Imqabbi Mro. Anthony Camilleri. Dan dam jokkupa din il-kariga sa Marzu tal-1997.
- Tiżżanżan statwa ġdida tal-Papa Piju XII.



## 1992

- Fl-okkażjoni ta' għeluq il-50 anniversarju mill-Konvoj ta' Santa Marija u tal-*George Cross*, saru ċelebrazzjonijiet speċjali.



• Żjara mill-Piloti tar-*Red Arrows* ghall-Festa ad unur Santa Marija.



• Delegazzjoni mis-Soċjetà kellha laqgħa mal-E.T. ir-Reġina Eliżabetta II. Dan għal fatt li s-Soċjetà tagħna permezz tal-Banda Re Ġorġ V flimkien ma' xi baned oħrajn, għandha rabta speċjali mal-familja Rjali. Ħaġa impressjonanti ferm kienet li r-Reġina qalgħet idha biex tmiss ir-rakkmu sabiħ tal-istendard il-prim tal-Banda.
• Isir il-kxif u t-tberik tal-Pedestall ta' Santa Marija ta' fuq il-każin. Wara sar il-kxif tal-pittura tal-Konvoj ta' Santa Marija mill-E.T. President ta' Malta Dr. Ċensu Tabone u tbierket mill-Vigarju ġenerali Emeritus Mons. Carmelo Xuereb. Din il-pittura tinsab fis-sala prinċipali tal-każin u hija xogħol il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi.



• Organizzata b'suċċess l-ewwel Lejla Maltija li qatt ġiet organizzata fir-raħal tagħna fejn spikka t-talent Malti, speċjalment dak lokali. Din l-attività għadha tiġi organizzata ta' kull sena.

## 1993

• Is-Soċjetà tirbaħ l-ewwel premju flimkien ma' dak ukoll tal-oriġinalità għar-raba' darba fl-istorja tagħha, fil-kompetizzjonijiet għall-isbaħ faċċata mżejna għal żmien il-festi tal-Milied wara li kienet rebħet l-istess unur fis-snin 1985, 1986 u fl-1990.



• Ħolqa ġdida fil-katina tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Isir it-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija nhar l-ewwel ta' Novembru 1993, pedina importanti sabiex iżżomm il-każin ħaj matul is-sena kollha bl-attivitajiet varji li jiġu organizzati.



• L-attivitajiet filantropiċi qatt ma naqsu milli jiġu orġanizzati mis-Soċjetà. Għal din is-sena kellna grupp ta' tfal minn Chernobyl fir-Russja u għall-okkażjoni ta' Jum l-Omm ospitajna lill-ommijiet u uliedhom mill-Bosnja li kienu jinsabu refuġjati fil-gżejjer tagħna.

## 1995

• Żjara mill-E.T. President ta' Malta Dr. Ugo Mifsud Bonnici.

## 1996

• Is-Soċjetà dejjem ħasbet sabiex timxi maż-żminijiet. Saret waħda mill-ewwel Każini tal-Baned fil-ġżejjer Maltin li addottat is-sit elettroniku tagħha fix-xibka wiesgħa ta' komunikazzjoni permezz tal-internet - www.santamarija.com. Dan is-servizz għen ħafna sabiex is-Soċjetà taghna tesplora orizzonti ġodda f'pajjiżi internazzjonali u kabbarna r-relazzjonijiet ma' diversi baned barra minn xtutna.
• Sar arkivju ġdid ġewwa s-sala tal-Banda sabiex jiġbor fih il-Mużika kollha tal-Banda Re Ġorġ V.

# Pet Care

Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba', sustanzi eċċ.
Għall-Pets, Mediċini għall-annimali kollha.
Ġwież u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,
ħniex ta' l-imperjal ta' barra u reels,
qasab, snanar u swivels u kaxxi tal-plastic tas-sajd eċċ,
lenza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful eċċ.



**Qrendi Road, Żurrieq – Tel: 2164 9727**



HAMMERITE THE METAL CARE SPECIALISTS

CISA

rolson QUALITY TOOLS

WURTH




Every thing you need under one roof.



## SUPER S IRONMONGERY



Dun Matteolo Saliba Street, Zurrieq Tel: 21 689 256



MOTTURA



**Opening Hours:**

| | | |
|---|---|---|
| Monday to Friday: | 6:30am - 1:00pm | |
| | 3:00pm - 7:00pm | |
| Saturday | 6:30am - 1:00pm | |



# EURO Caterers

Contact Person: Mario Attard

## Sales and Rental of Slush Machines & Soft Serve Machines

**Testaferrata Street, Żurrieq**
**Tel. 2164 2647 Mob. 9982 0269**
**e-mail: pulsar@nextgen.net.mt**








- Reġa' kellna fostna għat-tieni darba l-Piloti tar-*Red Arrows*.
- Saret attività filantropika kbira ġewwa l-Każin tas-Soċjetà. Grupp kbir ta' partitarji jingħaqdu sabiex jagħtu d-demm. Is-Soċjetà ġiet irregalata bi plakka kommemorattiva bħala Għaqda bl-akbar numru ta' donaturi tad-demm.
- F'din is-sena wkoll saret proposta sabiex is-Soċjetà jkollha l-qabar tagħha wkoll ġewwa ċ-ċimiterju parrokkjali. Proposta li ġiet approvata u ntlaqgħet mis-soċji waqt laqgħa ġenerali.
- Is-Soċjetà sellmet lil Nardu Farrugia, eks-President u President Onorarju f'korteo akkumpanjat mill-Banda Re Ġorġ V.
- Jiġi ppubblikat ktejjeb ġdid intitolat 'Leħen iż-Żgħażagħ' maħruġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ immirat l-aktar lejn iż-żgħażagħ li kien jinkorpora fih diversi artikli ta' interess.




- Jingħata bidu għall-ewwel parti tal-ġemellaġġ storiku li s-Soċjetà tagħna permezz tal-Banda Re Ġorġ V għamlet ma' dik Taljana ta' Santa Vittoria in Matenano ta' Ascoli Piceno.
- Tiġi organizzata għall-ewwel darba fl-Imqabba 'Fun Run' organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ b'għan filantropiku. Id-donazzjonijiet kollha li nġabru marru b'risq il-Cash for Cancer Support immexxija mis-Sinjura Marija Bugeja.

## 1997




- Is-Sinjura Carmen Lia B.Ed.(Hons.),B.A. tippubblika l-ktieb tas-Soċjetà 'Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja tal-Imqabba'. F'dan il-ktieb insibu l-istorja kollha tas-Soċjetà sa mit-twaqqif tagħha.



- Ġie mtella' kunċert sinfoniku ġewwa s-sala tal-Università, tal-Qroqq bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-50 sena minn meta l-Orkestra Santa Marija ġiet trasformata f'Banda.
- Mro. David Agius, Surmast attwali, ġie maħtur bħala Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V.
- Kien imiss it-tieni parti tal-ġemellaġġ storiku fejn din id-darba lqajna fostna għall-ewwel darba f'raħalna, banda barranija, dik ta' *Corpo Bandistico di Santa Vittoria in Matenano,* bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet għal din is-sena.
- Għall-ewwel darba f'Malta, in-nar tal-ajru ta' Lejliet il-Festa kien sinkronizzat mal-mużika u kif jaf kulħadd kien spettaklu uniku f'Malta li ħoloq rivoluzzjoni sħiħa f'dan il-qasam. Dan l-avveniment issa sar sinonimu mal-Għaqda tan-Nar Santa Marija li kompliet tkabbar isimha bħala l-pijuniera f'dan il-qasam.



# Ta' 31

Żurrieq Road, Qrendi

*Prop. Pierre Mifsud*

## Maltese Restaurant



Specialising in Maltese dishes,
like horse meat, rabbit and quails.

***A La Carte Menu also available.***

Mob: **9931 3131 • 9987 6494**

Live Football on big Screens

# Camel Brand Co. Ltd

General Merchant

**Mark Micallef – Director**



E.M.S. Stores, P. P. Mifsud Street, Żebbuġ ZBG 04 Malta
Tel: 2146 6292 • Fax: 2146 3807 • Mobile: 7942 3978
*Email: camelbrd@maltanet.net*

## 1998



- Il-Banda Jugend Blasorchester tal-Ġermanja kienet waħda mill-baned mistiedna matul il-festa.
- L-Imqabba tagħlaq 400 sena parroċċa taħt il-Patroċinju ta' Santa Marija.
- Nhar it-13 ta' Novembru, ġewwa Ferrara l-Italja, is-Soċjetà tagħna ġiet irregalata l-Unur 'Les Etoiles d'Or du Jumelage', wara l-ġemellaġġ storiku mal-Banda Taljana bejn l-1996 u l-1997. Unur uniku u prestiġġjuż mogħti mill-Unjoni Ewropea li jinsab miżmum b'għożża kbira fis-sede tas-Soċjetà.
- Kxif tal-pittura maestuża li tirrappreżenta 'Il-Madonna fil-glorja'. Xogħol l-istess pittur Għawdxi, il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi.
- Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V xtrat il-propjetà biswit l-istess sede tas-Soċjetà sabiex inkomplu nkabbru u nsebbħu l-każin tagħna.

## 2000

- Ċelebrazzjonijiet kbar ġew organizzati fl-okkażjoni tal-ġublew tad-Deheb tad-Domma tal-Assunzjoni kif ukoll l-400 sena Fratellanza tas-Sagrament. Hawn kienet reġgħet ħarġet proċessjonalment l-Istatwa Titulari ta' Santa Marija billi sar pellegrinaġġ *aux flambeuax* kif ukoll sar kunċert akkademiku ġewwa l-Knisja parrokkjali tal-Imqabba bħala parti minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet. Din kienet it-tieni darba li l-Banda daqqet ġewwa l-knisja parrokkjali wara dik tal-1945 fil-festi tal-Madonna tar-Rużarju.
- Delegazzjoni mill-Kumitat Ċentrali ħadet sehem fil-korteo li sar il-Belt Valletta fl-okkażjoni tal-festi tal-Millennju.
- Kxif ta' erba' pitturi fis-sala prinċipali tal-Każin, xogħol il-Kavallier Camilleri Cauchi. B'hekk is-sala saret ċentru artistiku uniku f'raħalna. Dawn il-pitturi li mlew is-sala kollha b'xogħol tal-istess artist, jirrappreżentaw 'il-Mużika', 'il-Letteratura', 'il-Pittura' u 'l-Iskultura'.
- Is-Soċjetà kompliet tkabbar ir-relazzjonijiet barranin billi kellna fostna l-Banda Filarmonika ta' Larissa mill-Greċja u l-Banda Kiryat mill-Iżrael bħala parti mill-festi tal-Assunta.



## 2001




- Ġiet imfakkra l-165 sena mill-miġja tal-Istatwa Titulari ġewwa l-parroċċa tagħna.
- Ħarġet ukoll l-ewwel Diska Kumpatta (Cd) ta' marċi brijużi mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija - Ċelebrità.
- Il-Kfar Saba Community Concert Band mill-Iżrael tkun il-banda barranija mistiedna għall-festi ta' din is-sena.

## 2002

- Fl-10 ta' Novembru kellna fostna Kor minn Iżrael, Alei Gefen, li tellgħa kunċert vokali ġewwa s-sala prinċipali tal-Każin. B'hekk komplejna kabbarna r-relazzjonijiet diversi li s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V għandha ma' Surmastrijiet, Kompożituri kif ukoll baned barranin.



- Tiżżanżan imrewħa kbira bil-pittura tal-Madonna sabiex tintuża waqt il-briju tal-marċi. Xogħol is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.

## 2003

- Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet mal-MEPA sabiex joħorġu l-permessi neċessarji ħalli jkun jista' jinbeda x-xogħol fil-propjetà l-ġdida tas-Soċjetà. Id-disinn tal-pjanti saru mis-Sur Omar Caruana, u d-disinn tal-faċċata



# G. Camilleri Petrol Station

CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS

PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS

**CAR WASH**

**FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS**

**TEL/FAX: 2164 1647 Tel: 2164 7235**

# HORACE ENTERPRISES LTD.



**Trophies &**
**Sports Goods**
**Importer &**
**Wholesaler**

Tel: 2169 6302, Mob: 9942 0346,
Fax: 2169 3397
174, Triq Raymond Caruana, Gudja
E-mail: horaceenltd@link.net.mt



# Alessio's Old Cottage

## Sub Post Office

**Triq il-Parroċċa, Mqabba Tel: 2168 3292**

**Ħinijiet tal-ftuħ:**

**Mit-Tnejn sas-Sibt:**
***7.30am - 12.00pm***
***4.00pm - 7.00pm***

**Ħdud u Festi:**
***6.30am - 12.00pm***

***Issibu dak kollu li teħtieġu: Stationery, Kartolini, rigali, videos, CDs, cassettes films, Hi-Fi u toys, rigali, kif ukoll ħwejjeġ u żraben tat-tfal, nisa u irgiel u servizz ta' ritratti tal-passaport***

sar mid-disinjatur Vince Centorino taħt is-superviżjoni tal-Perit Dr. Edwin Mintoff.



- Wara l-mewt ta' Patri Joeph Ghigo SJ fix-xahar ta' Lulju, li serva bħala Direttur Spiritwali, is-Soċjetà għażlet lil Fr. Joseph Zahra O.P. bħala d-Direttur Spiritwali ġdid.
- Għall-ewwel darba fl-Imqabba ħadu sehem abbatini bniet tul il-purċissjoni ta' Santa Marija.
- L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ħadet sehem fl-ewwel Festival ta' Malta tan-Nar li ġie organizzat mill-Awtorità ta' Malta tat-Turiżmu ġewwa l-Port il-Kbir. Din l-Għaqda li tant hija sinonima ma' logħob tan-nar għadha tieħu sehem f'dan il-Festival ta' kull sena.

## 2004



- Żjara mill-E.T. President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami fl-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba.
- Il-Banda Re Ġorġ V ħadet sehem f'marċ matul it-toroq prinċipali tar-raħal bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum l-Imqabba organizzati mill-Kunsill Lokali.
- Wara li fl-2002 iżżanżnet l-imrewħa unika ġo raħalna, kien imiss li tiżżanżan Bandalora kbira bil-pittura tal-Madonna Mtellgħa s-Sema, sabiex inkomplu nkabbru l-briju tal-festa.
- Ġie armat il-planċier il-ġdid li ser jilqa' lill-Banda Re Ġorġ V matul il-ġranet tal-Festa quddiem il-Każin tas-Soċjetà.




- Ġie organizzat b'suċċess l-ewwel *Mqabba Song Festival* ġewwa raħalna.

## 2005

- Tiġi organizzata għall-ewwel darba Ġimgħa Marjana, ġimgħa ta' tagħlim fuq il-Madonna, organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.





- Tinkixef irħama kommemorattiva mal-bini fejn bdew jiltaqgħu l-ewwel membri tas-Soċjetà lura għas-sena 1905.
- Jinkixfu tliet pitturi dekorattivi oħra fuq is-saqaf tas-sala ewlenija tal-Każin. Xogħol il-Kavallier Camilleri Cauchi.



- Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tagħlaq 100 sena sa mill-ewwel formazzjoni tagħha fl-1905, qabel ma sar it-twaqqif uffiċjali ħames snin wara kif ukoll tagħlaq 60 sena bħala Għaqda Mużikali, l-ewwel Soċjetà Mużikali ġewwa l-Imqabba. L-Orkestra Santa Marija għamlet id-debutt tagħha nhar it-12 t'Awissu 1945 bit-tieni servizz tagħha jkun programm strumentali ġewwa l-Knisja parrokkjali tal-Imqabba bħala parti mill-festi ad unur Ommna tas-Sema taħt it-titolu minn tar-Rużarju.
- Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tellgħet kunċert fis-Sala Robert Samut, il-Furjana.
- Kellna fostna banda oħra barranija din id-darba *Bedford Town Band* mill-Ingilterra proprju matul il-ġimgħa tal-Festa ad unur Santa Marija Mtellgħa s-Sema.
- Kunċert Sinfoniku mill-Banda Re Ġorġ V ġewwa t-Teatru Manwel, il-Belt Valletta għall-festa ta' Santa Ċeċilja, nhar il-15 ta' Novembru 2005 taħt il-patroċinju tal-E.T. President ta' Malta, Dr. Edward Fenech Adami.



- Għall-ewwel darba ġewwa l-Imqabba,


ULTIMATE PHYSIQUE MALTA
FITNESS CENTRE
MQABBA BYPASS
SUPPORTED BY:
URBAN JUNGLE
URBAN SPORTS
99807624
WWW.ULTIMATEPHYSIQUEMALTA.COM


CRUNCHY
CARROT
FRUIT AND VEGETABLES
QUALITY FRUIT, VEGETABLES and MORE....
Free daily home deliveries
Mon-fri:7am-12 / 3.30pm-6pm
Sat:7am-1pm
Franka str , Mqabba
27845036
79537179
mycrunchycarrot@gmail.com
Find us on Facebook

tfal u trabi ġew ippreżentati quddiem Santa Marija meqjuma fl-Imqabba.



- Is-Soċjetà tiġi mistiedna għal riċeviment fuq il-Bastiment HMS Illustrious matul il-laqgħat tar-rappreżentanti tal-pajjiżi tal-Commonwealth.



- L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tigi mistiedna toffri spettaklu ta' nar sinkronizzat mal-mużika ġewwa Għajn Tuffieħa bħala għeluq ta' ċena offruta mill-ET Reġina Eliżabetta II lir-rappreżentanti taċ-CHOGM.



- L-Għaqda tan-Nar Santa Marija toffri żewġ spettakli ta' nar ġewwa l-Port il-Kbir bħala parti minn konferenza privata ta' Thomas Cook.
- Ingħata bidu għall-ewwel skambju kulturali ġewwa l-Imqabba, organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ permezz tal-Programm Youth tal-Unjoni Ewropea li sar ma' żgħażagħ Taljani minn Ciro'.

## 2006

- L-Għaqda Santa Marija tiġi kkumissjonata toffri spettaklu ta' nar tal-art ġewwa n-Nadur Għawdex bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-25 sena tal-Federazzjoni tal-Bliet Ewropej tal-Karnival (FECC).




- Jiġi ppubblikat ktejjeb ġdid intitolat 'It-Titular' maħruġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ immirat l-aktar lejn dan is-settur wara li fis-snin preċedenti kien jiġi ppubblikat ktejjeb ieħor bl-isem ta' 'Leħen iż-Żgħażagħ'.




- L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tieħu sehem fl-Ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta li ġie organizzat għall-ewwel darba fuq livell ta' kompetizzjoni. L-Għaqda ħarġet bl-unuri kollha meta rebħet dan l-ewwel Festival wara li kkompetiet ma' erba' fabbriki tan-nar oħra dawk ta' Ħal Lija, Santa Marija tal-Mosta, mill-Portugall u mill-Ingilterra.



- Tiżżanżan statwa għal Triq Karmenu Ciantar, dik ta' San Ġwann il-Battista, xogħol is-Sur Aaron Camilleri Cauchi, iffinanzjata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.



- Banda oħra mill-Ingilterra sewwa sew St. Keverne Town Brass Band minn Cornwall tkun il-mistiedna speċjali għall-festi ad unur Santa Marija. Kellna fostna attrazzjoni internazzjonali oħra dik ta' David Morris il-'World Whistling Champion'.
- Saret it-tieni parti tal-iskambju kulturali organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ li kellu l-bidu tiegħu fis-sena 2005.
- Is-Sezzjoni Żgħażagħ torganizza għall-ewwel darba fl-Imqabba Presepju Ħaj ġewwa l-Bini tal-Isptar il-Qadim.

## 2007

- Tiġi organizzata għall-ewwel darba ġewwa l-Imqabba wirja oriġinali ta' vari ta' Spanja – La Semana Santa mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. Il-ftuħ ta' din il-wirja sar mill-E.T. Arċisqof ta' Malta Mons. Pawlu Cremona OP li kien għadu kif ħa l-pussess tiegħu ftit xhur qabel. Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija kienet strumentali



# SPEND 'N' SAVE

**discount supermarket**

115, St Catherine Str.
Żurrieq Tel: 2168 9878




*Fejn il-mara tad-dar*
*issib minn kollox u fl-istess ħin*
*tiffranka l-flus u toħroġ sodisfatta*

Offerta Speċjali:

Offerti Speċjali u ħafna prodotti b'xejn jingħataw ma' kull €15 li tonfoq u aktar ma tonfoq aktar tieħu rigali.

Ħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa
6.00pm – 7.00pm Sibt 6.00am – 6.30pm

sabiex issir l-ewwel vista pastorali tal-Arċisqof ġewwa l-Imqabba.

- F'Lulju, il-Banda Re Ġorġ V ħarġet għat-tieni darba barra xtutna wara li ġiet mistiedna tieħu sehem fil-Festa del Socio li tiġi ċċelebrata ġewwa Cave, Ruma. F'dan il-Festival ta' baned ħadu sehem ukoll baned mill-Ingilterra, minn Franza u mill-Italja.



- Il-Banda Re Ġorġ V ddoqq għall-ewwel darba ġewwa sala Nervi ġewwa l-Vatikan waqt udjenza mal-Papa Benedittu XVI.
- F'Awwissu l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tiġi mistiedna tieħu sehem fil-Kampjonat Mondjali tan-Nar li jiġi organizzat kull sena ġewwa Valmontone, provinċja ta' Ruma, l-Italja. L-Għaqda kkompetiet ma' seba' fabbriki tan-nar; mill-Italja, Spanja, Slovenja, Spanja, Ġappun, Ċina u mill-Ingilterra. L-Għaqda tan-Nar ġiet iddikjarata bħala r-rebbieħa ta' Caput Lucis 2007 b'punteġġ ta' 9.75 segwiti mill-Ingilterra u minn Spanja rispettivament.




- Is-Soċjetà tkompli tkabbar ir-relazzjonijiet internazzjonali tagħha meta għall-festa ta' din is-sena kellna fostna lil Dr. Andy Isca, kompożitur Amerikan kif ukoll il-Banda Ingliża St. Stythians minn Cornwall.



- Jiżżanżnu sett qniepen għall-Banda Re Ġorġ V ġentilment mogħtija mill-Fergħa Nisa tas-Soċjetà.
- Jiżżanżnu żewġ umbrelluni kollha pittura għall-briju ta' waqt il-marċi kif ukoll statwa oħra ta' San Ġużepp xogħol l-istess Aaron Camilleri Cauchi,





għal darb'oħra mħallsa mis-Sezzjoni Żgħażagħ.



- Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija torganizza għat-tieni sena konsekuttiva l-Presepju Ħaj ġewwa l-Bini tal-Isptar il-Qadim u tiġi klassifikata fl-ewwel post f'din il-kategorija fil-kompetizzjonijiet tal-Milied.

## 2008

- L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ġiet mistiedna toffri spettaklu ta' nar ġewwa l-Port il-Kbir bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tad-dħul tal-Ewro. Hawn spikkaw ħafna d-disinni forma tal-€. Żewġ spettakli oħra ta' nar ġew ikkummissjonati f'żewġ attivitajiet privati.
- Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tieħu sehem f'korteo akkumpanjat mill-Banda sabiex issellem lill-W. Rev. Dun Karm Ghigo, qassis Imqabbi u benefattur tas-Soċjetà.



- Festi kbar sabiex infakkru l-ewwel anniversarju mir-rebħ ta' *Caput Lucis*, kif ukoll l-għaxar anniversarju mill-għoti tal-unur uniku *Les Etoiles D'Or du Jumelage* u l-15-il sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.
- Jispikkaw elementi ġodda fl-ispettaklu tal-logħob tan-nar tal-ajru fosthom ħruq ta' forom mill-art, disinni forma ta' *nome di maria* u tas-simbolu tal-mużika kif ukoll imrewħa taqleb il-kulur.
- Sorpriża 2008, sorpriża oħra mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija bħala tifkira tal-15-il sena anniversarju mit-twaqqif tagħha. Pittura artistika li tinfetaħ ġo kwadru kbir kollu skultura, b'sistema ta' makkinarju u pompi tal-arja sabiex il-pittura titla' kaxxa waħda wara

l-oħra. Għall-ewwel darba fl-Imqabba ġie organizzat spettaklu ta' dawl u *laser show* akkumpanjati ma' kanuni tal-arja li jisparaw il-karti kollox sinkronizzat mal-mużika.




- Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tieħu sehem fil-festi ad unur is-Saċerdot Novell Dun Jonathan Farrugia li laħaq saċerdot wara nuqqas ta' 43 sena. Il-Banda Re Ġorġ V akkumpanjat lil Dun Jonathan Farrugia f'mixja mir-residenza privata tiegħu sal-Knsija fejn saret l-ewwel quddiesa tiegħu.
- Ikollna fostna l-kumpanija 26th Frame li għoġobhom jiffilmjaw partijiet tal-Festa li dehru fil-programm "X'Festa Kellna" fuq l-istazzjon nazzjonali TVM.
- Banda oħra barranija mistiedna għall-festa ta' din is-sena, l-Associazione Bandistica Citta' di Cave mill-provinċja ta' Ruma ġewwa l-Italja.



- Wara li ħarġu l-permessi meħtieġa għall-estensjoni tal-każin, beda x-xogħol fuq it-twaqqigħ u l-iskavar tal-propjetà tal-estensjoni tal-Każin. Il-kuntrattur magħżul wara l-evalwazzjoni tal-offerti kien Zahra Limited. Ix-xogħol beda fix-xahar ta' Ottubru 2008.



## 2009

- Għall-ewwel darba fl-Imqabba ġie organizzat Ċenaklu Ħaj fis-sotteran tal-Każin kif ukoll f'parti mix-xelter tal-Każin. Din l-attività ġiet organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.



- F'laqgħa ġenerali ġie deċiż li s-Soċjetà għandha tiġi rreġistrata bħala NGO (Organizzazzjoni Mhux Governattiva) skont il-liġijiet ġodda tal-pajjiż.
- Ġiet approvata mozzjoni sabiex is-Soċjetà tkun tista' tagħmel self mill-Bank b'referenza għall-proġett tal-estensjoni tal-Każin.



- Mozzjoni oħra li ġiet approvata kienet li l-Kumitat Eżekuttiv kellu jinbidillu t-terminu tiegħu mhux aktar wara sentejn imma wara tliet snin.
- Għall-ewwel darba fl-istorja tar-raħal, iż-żewġ baned Imqabbin daqqew flimkien f'attività mtellgħa mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba intitolata 'Mal-Medda taż-Żmien'.

## 2010

- Imniedi uffiċjalment il-logo li jfakkar il-100 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorg V tal-Imqabba lura għas-sena 1910. Il-logo magħżul: Mitt Sena għall-Imqabbin ... Mużika, Kultura, Suċċess.
- Fil-21 ta' Frar, saret żjara fil-Każin mill-E.T. President ta' Malta Dr. George Abela.
- Lejla ta' Tifkira intitolata '9 t'April 1942 ... Ġrajjiet l-Imqabba' sabiex flimkien fakkarna l-50 sena mill-ftuħ





mill-ġdid tal-koppla tal-Knisja kif ukoll il-50 sena tal-Istatwa ta' Santa Marija tal-Pjazza wara li dawn ġew imġarrfa fl-attakki tal-gwerra nhar id-9 t'April 1942. F'din l-attività ġie miftuħ għall-ewwel darba għall-pubbliku x-xelter tal-Każin, sa issa l-uniku xelter aċċessibbli fir-raħal.



- L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba ħadet sehem fir-IV Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art li ġie organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Furjana nhar is-Sibt 24 t'April 2010. L-Għaqda tan-Nar ġiet iddikjarata bħala rebbieħa ta' dan il-festival wara li rebħet tliet kategoriji: l-aħjar prodotti, l-aħjar mekkaniżmu u l-oriġinalità.
- Fis-7 ta' Ġunju, il-Banda Re Ġorġ V takkumpanja f'korteo ta' wieħed mill-membri tagħha, is-Sur Ġużepp Zammit.
- Ċelebrazzjonijiet kbar huma mfassla għal matul is-sena kollha sabiex niċċelebraw il-mitt sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V bil-qofol ikun il-ġimgħa tal-Festa Titulari ad unur Santa Marija. Din is-sena wkoll ser jiġi inawgurat il-proġett ambizzjuż, dak tal-estensjoni tal-Każin.



- L-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija ġiet għal darb'oħra mnaddfa kompletament mis-Sur Horace Farrugia.

Fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa.

SHARP EDGE TIPPED TOOLS

**Sharp Edge**
Tipped Tools

"For that fine cut!"

A44, Industrial Estate, Marsa LQA06, Malta
email: sharpedge@itt.net.mt • tel: 2122 4409 • fax: 2123 8055

REA
CERAMICS LTD

# Suppliers & Manufacturers of Bathroom Fittings

*Għall-orħos prezzijiet fis-suq*

76, Birżebbuġa Street, Birżebbuġa
• Tel: 2165 1583 • Mob: 7965 8539
E-mail: acholdings@camline.net.mt
• www.reaceramics.com

# 60 Sena ilu ... Il-mixja lejn id-Domma tal-Assunzjoni

Kitba tas-Sur Antoine Siberras

Il-Knisja mill-eqdem żminijiet kienet temmen u tgħallem li Ommna Marija Santissma, wara li temmet il-ħajja tagħHa fuq l-art, ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. L-ewwel talba kenet saret lill-Papa Klement XII (1730-1740), sabiex jiddefinixxi solennement id-Domma tal-Assunzjoni. Meta tqanqlet il-kwistjoni biex jiġi defenit il-konċepiment Immakulat ta' Marija, l-insara ħassew li ma' dan il-privileġġ t'Omm Alla kellu jiġi magħqud il-privileġġ l-ieħor tagħHa tat-tlugħ fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Fil-Konċilju Vatikan I (1869-1870), kienet ġiet diskussa il-proklamazzjoni tal-Assunzjoni bħala domma. Biss il-Konċilju ma rnexxielux jispiċċa d-deliberazzjonijiet tiegħu u għalhekk kellu jaġġorna dawn id-diskussjonijiet. Fl-1 ta' Mejju 1946, il-Papa Piju XII bl-ittra 'Dieparae Virginis', talab informazzjoni lill-Isqfijiet kollha dwar il-qima lejn l-Assunzjoni ta' Marija fuq l-opinjoni tagħhom u dik pubblika b'referenza partikulari dwar id-definizzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni. Sa Ġunju 1947 kważi l-Isqfijiet kollha kienu diġà wieġbu b'entużjażmu kbir favur id-definizzjoni. F'dan l-istess żmien kienet saret petizzjoni madwar id-dinja kollha favur din id-defenizzjoni li għaliha wieġbu aktar minn 8 miljun ruħ.



Il-Papa Piju XII

Kien tassew xieraq u t'unur għall-għejjer Maltin li l-ewwel ħidma favur id-Domma tal-Assunzjoni ta' Marija Santissma ħarġet mill-Isqfijiet tagħna. Kien nhar il-Hadd, 30 ta' Ottubru 1932, li l-Isqof Dom Mawru Caruana, O.S.B., fil-festa ta' Kristu Re fuq il-fosos tal-Furjana, għamel din ir-riżoluzzjoni: 'Malta Kattolicissima, miġbura bl-eluf madwar l-Isqof tagħha, b'qima lil Kristu Re titlob lill-Missier u Mgħallem, l-infallibilta' ta' kull min jemmen li jogħġbu jwettaq it-twemmin tagħhom ta' bosta mijiet ta' snin, billi jiddefinixxu bħala Domma tal-fidi l-Assunzjoni ta' Marija Santissma fis-sema. Ġrajja oħra, f'mument opportun, kienet nhar it-13 ta' Diċembru 1932 waqt il-proklamazzjoni fil-Bażilka tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. L-Isqof t'Għawdex, Mons. Mikiel Gonzi, f'ismu, f'isem il-kleru u l-poplu li nġabar bl-eluf għaċ-ċelebrazzjoni, bagħat telegramma, b'talba lill-Papa Piju XI biex jgħoġbu jiprokklama l-Assunzjoni ta' Marija fis-sema b'Domma tal-Fidi Kattolika. Wara snin ta' nkwiet bejn in-nazzjonijiet, issa bdiet isseħ paċi relattiva u kien f'dawn iż-żminijiet li movimenti Kattoliċi madwar id-dinja kollha bdew ħidma ntensiva għad-Domma tal-Assunzjoni.

Fil-festa ta' Santa Marija nhar il-15 ta' Awissu 1950, il-ġurnal tal-Vatikan 'Osservatore Romano' ta l-aħbar tant mixtieqa: 'Il-Qdusija Tiegħu, il-Papa ser jiddefenixxi u jipproklama nfallibilment fil-festa tal-Qaddisin kollha (nhar l-1 ta' Novembru), id-duttrina tal-Assunzjoni ta' Marija Santissma fis-sema.' Billi kien mistenni li jkun hemm għadd kbir ta' pellegrini għaċ-ċerimonja tal-proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni, il-Papa ddispona li l-attività ssir fil-Pjazza San Pietru, nhar l-Erbgħa, 1 ta' Novembru 1950, filgħodu. Il-Pontifikal Solenni tal-Papa sar immedjatament wara, fil-Bażilika ta' San Pietru.

**O Madonna ieqaf magħna**
**U ħarisna mis-smewwiet**
**Bierek lilna u ħidmietna**
**Begħidna dejjem mill-inkwiet.**




# BOV SMS Notification Service

## keeping **in touch** with your accounts

The SMS Notification service provides accurate updates of your account activities throughout the day wherever you are.

To apply, log on to our BOV 24x7 Internet Banking, visit one of our branches or our website www.bov.com where you can view the complete list of services available.

www.bov.com 2131 2020

Terms and conditions apply.

*Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta*

BOV

Bank of Valletta

*your Success, our Goal*

# Leħen il-Fratellanzi tas-Ssmu. Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes

Kitba tas-Sur Antoine Farrugia u s-Sur Paul Gauci,
Retturi tal-Fratellanza tas-Ssmu. Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes rispettivament

L-istorja tal-Fratellanzi tas-Ssmu. Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes ġewwa r-raħal tagħna twieldu u tkattru flimkien matul l-400 sena tal-istorja tagħhom. Qiegħed ngħid hekk għaliex dawn iż-żewġ fratellanzi ewlenin fl-Imqabba ġew imwaqqfa bejn l-1598 u l-1600 sewwasew meta l-Imqabba saret parroċċa taħt it-titlu tal-Assunzjoni.



Il-fratellanza tas-SSmu. Sagrament fil-Festa ta' Santa Marija.

Sa mill-bidu tal-eżistenza tagħhom, dawn iż-żewġ fratellanzi dejjem ħadmu bla heda biex ikunu strumentali kemm fi ħtiġijiet spiritwali kif ukoll fi ħtiġijiet materjali fejn l-għajnuna lejn ħutna inqas ixxurtjati minna qatt ma naqset. Matul din is-sena s-Sur Paul Gauci u jiena ħdimna qatiegħ fejn jidħol ix-xogħol tal-fratellanzi. Barra li konna ta' sostenn għal fratelli li diġà kienu msieħbin magħna avviċinawna iktar irġiel u żgħażagħ fejn urew il-ħeġġa li jissieħbu magħna fil-fratellanzi. Dan jagħtina sodisfazzjon u iktar ħeġġa biex inkomplu naħdmu kemm spiritwalment kif ukoll materjalment.

Matul is-sena li għaddiet, nhar l-14 t'Awwissu 2009, il-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament organizzat t-Traslazzjoni Solenni tar-Relikwja ta' Santa Marija li kienet ġiet relegata lill-parroċċa mill-Monsinjuri Ghigo. L-għada l-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes ħadu sehem fil-purċissjoni ta' Santa Marija Patruna tal-Imqabba. Kif jibda dieħel Settembru, il-Fratellanza tar-Rużarju Mqaddes bdiet tipprepara għall-festa tal-Madonna tar-Rużarju li hija l-protettriċi tal-istess fratellanza. Għal din il-festa ħadet ukoll sehem il-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament. Eżatt wara l-purċissjoni, l-fratelli kellhom bibita ta' rikonoxximent għas-servizz li jagħtu minn qalbhom lill-fratellanzi fil-parroċċa tagħna. F'Diċembru ż-żewġ fratellanzi taw is-sehem tagħhom fil-purċissjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni li ssir ġewwa raħalna.

Ta' min isemmi li l-Fratellanza tas-Ssmu. Sagrament ħadet sehem ukoll fil-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm li fiha nfakkru d-dħul solenni ta' Sidna Ġesù f'Ġerusalemm. Fl-Għid il-Kbir il-fratellanzi organizzaw siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat u fil-għaxija attendiet għall-funzjonijiet ġewwa l-Knisja fl-okkażjoni tal-Kwaranturi Mqaddsa. It-tlieta fuq l-Għid il-Kbir, il-fratellanzi ħadu sehem fil-purċissjoni ta' għeluq il-Kwaranturi li spiċċat bil-barka sagramentali ħdejn il-Kappella tad-Duluri u s-Sagrament tqiegħed għall-qima perpetwa.

Wara li għadda l-Għid il-Kbir, il-Fratellanzi ġew mistiedna jattendu għall-Ġimgħa Marjana li organizzaw s-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija ġewwa l-Kappella ta' San Bażilju. Kienu laqgħat interessanti fuq il-ħajja u l-virtujiet tal-Madonna. Il-Fratellanza tas-Ssmu. Sagrament, nhar is-6 ta' Ġunju 2010, organizzat il-festa propja tagħha; il-Festa tal-Ġisem Imqaddes ta' Ġesù jew kif inhi magħrufa bħala *Corpus Christi*. F'din il-purċissjoni ħadu sehem ukoll il-Fratellanzi tar-Rużarju Mqaddes u tal-Immakulata Kunċizzjoni. Wara l-purċissjoni l-fratelli kellhom bibita b'rikonoxximent tas-servizzi li jagħtu lill-fratellanzi fil-parroċċa tagħna.

Bħalma qegħdin taraw, l-attività hija ħajja s-sena kollha. Barra minnhekk qegħdin isiru xi proġetti oħra li għandhom x'jaqsmu mall-fratellanzi. Infatti nagħmlu ukoll appell lil dawk li jixtiequ jissieħbu magħna biex ikellmu lil Paul Gauci jew lili Antoine Farrugia jew lil xi membru tal-fratellanzi. Minn qalbna nirringrazzjaw lill-fratelli kollha li jirrikoru u jagħtu s-servizz tagħhom matul is-sena u niftakru ukoll f'dawk illi ġew qabilna u li llum m'għadhomx magħna biex nitolbu għalihom u niftakru fix-xogħol u l-affarijiet prezzjużi li ħallewlna.



Il-fratellanza tar-Rużarju Mqaddes.



Hi x'inhi l-okazzjoni li jista' jkollok
minn Tieg ghal Maghmudija
Tfittex imkien izjed.
Ahna ghandna fost l-ahjar prezzijiet
b'servizz mill-aqwa

Cemplilna halli tara inti stess !!!



ChasBayPhotography
Zurrieq
Tel: 7990 6460 - 2122 5953
email: chasbayphotography@gmail.com
website: www.chasbayphotography.com



# ALL YOU NEED
# DAILY SHOP

***Bakery and Confectionery***
***by Gormina Bakery***

**Free Delivery Qrendi and Mqabba**

*Qrendi Parish Square (next to the church)*

**Almond Pie, Trifle, Cassatella Siciliana**
**ORDERS ACCEPTED**

| | | |
|---|---|---|
| Open | Monday – Sat | 5.00 - 12.00 |
| | | 16.00 - 19.30 |
| | Sunday | 5.00 - 13.00 |

Mob: 7980 3848



# Xhieda ta' 300 sena devozzjoni lejn San Pawl fl-Imqabba

**Dun Jonathan Farrugia**
B.A. (Hons.), B.A. T. & H. S., S.Th.B. S.Th.L.

Wara li s-sena l-oħra l-Knisja madwar id-dinja kollha ċċelebrat l-2000 sena mit-twelid ta' San Pawl, din is-sena l-Knisja f'Pajjiżna qed tiċċelebra l-1950 sena minn mindu l-appostlu tal-ġnus wasal f'Malta fi triqtu lejn Ruma. Huwa xieraq għalhekk, li f'din l-okkażjoni speċjali nfittxu li nsiru nafu xi ftit aktar dwar dan il-qaddis kbir, li flimkien ma' Marija Assunta huwa patrun ta' Malta; u ma' dan it-tagħrif dwaru nanalizzaw ftit id-devozzjoni li kellhom missirijietna l-Imqabbin lejh.

## Pawlu ta' Tarsu: minn persekutur għal appostlu

Il-ftit li nafu dwar il-ħajja ta' San Pawl qabel il-ġrajja fit-triq ta' Damasku ġej minn dak li jikteb hu stess fl-ittri tiegħu u minn xi kliem li jgħid fil-ktieb tal-Atti tal-Appostli. Nafu li kien ċittadin Ruman (Atti 22, 26-28) imwieled f'Tarsu (Atti 21, 39) minn familja mit-tribù ta' Benjamin (Fil. 3, 5) u li meta kien żgħir tgħallem is-sengħa tal-ħjata tat-tined (Atti 18, 3). Nafu wkoll li ta' età żgħira kien mar Ġerusalemm jitgħallem il-Liġi Lhudija mingħand Gamaljel (Atti 22, 3) u li kien fost l-aħjar studenti. Kellu żewġ ismijiet: Sawl u Pawlu, l-ewwel wieħed kien b'referenza għall-ewwel sultan tal-Lhud, Sawl, li kien ukoll mit-tribù ta' Benjamin; it-tieni isem kien l-isem Latin li kien ikollu kull ċittadin Ruman. Il-fatt li minn wara l-konverżjoni ma jissejjaħx aktar Sawlu, imma biss Pawlu, huwa wieħed mis-sinjali tal-'ħajja ġdida' li kien beda, kif ukoll l-għażla tiegħu li jkun eqreb lejn il-pagani milli lejn il-Lhud.

Mir-rakkont tal-martirju ta' San Stiefnu, li seħħ lejn is-sena 39 w.K. nafu li Sawlu kien żagħżugħ (Atti 7, 59). Skont it-tradizzjoni Lhudija żagħżugħ huwa raġel ta' bejn għoxrin u erbgħin sena, għalhekk, ladarba nifhmu li Pawlu miet lejn is-sena 67 w.K. l-istudjużi tal-Bibbja jaħsbu li fi żmien il-mewt ta' Stiefnu, Pawlu kellu madwar tletin sena, b'hekk id-data tat-twelid tiegħu hija maħsuba li kienet lejn is-sena 9 w.K.

Ir-raġuni li huwa stess jagħti għala kien jippersegwita l-insara hija minħabba l-imħabba li kellu lejn il-fidi Lhudija, li kienet qed tirriskja li tiġi mtebbgħa u meqruda minħabba l-innovazzjoni tal-Fidi nisranija (Fil 3, 6). Iżda fi triqtu lejn Damasku Pawlu kellu esperjenza mistika li fiha ltaqa' ma' Kristu (Atti 9, 1-19; Gal 1, 12-15). Wara li tgħammed u tfejjaq mill-għama li ġarrab fil-viżjoni, Pawlu beda jxandar lil Ġesù Kristu bħala iben Alla, u għal xi żmien mar fl-Għarabja biex jimmedita aktar fuq il-Kotba Mqaddsa (Gal 1, 17). Minn hemm beda l-inkwiet mal-Lhud li ppruvaw iħaġġruh kemm-il darba.

Huwa fittex li jiltaqa' mal-Appostli, imma minn dawk ra biss lil Pietru (Gal 1, 18). Mill-kuntatt li kellu mal-kap tal-Appostli minn dak iż-żmien 'il quddiem, ġie deċiż li Pawlu jwassal il-Bxara t-Tajba lill-pagani waqt li Pietru jkompli l-ħidma tiegħu fost il-Lhud. Minn hemm Pawlu beda t-tliet vjaġġi missjunarji l-kbar tiegħu, li saru bejn is-snin 45-57 w.K. Matul dawn il-vjaġġi nistgħu ngħidu li Pawlu, flimkien mal-assistenti tiegħu Ġwanni Marku u Barnaba, dar il-Lvant nofsani kollu, mill-Greċja sal-Afrika ta' fuq kif ukoll il-pajjiżi kollha ta' madwar l-art ta' Iżrael.

Wara dawn il-vjaġġi, li kollha spiċċaw f'Ġerusalemm fejn hu kien jagħti kont lill-Knisja ta' xogħlu, huwa ġie arrestat mil-Lhud li akkużawh li daħħal il-pagani fit-Tempju. Bħala ċittadin Ruman Pawlu appella li jidher quddiem Ċesri, u għalhekk intbagħat priġunier lejn Ruma. Matul dan il-vjaġġ Pawlu nnawfraġa Malta. Wara li wasal Ruma, nafu li kellu post mikri u li fih seta' jilqa' lin-nies biex jgħallimhom bla tfixkil (Atti 28, 30-31). Il-ktieb tal-Atti tal-Appostli jispiċċa hemm. Minn dak iż-żmien ma nafux fiċ-ċert x'ġara; nafu xi episodji żgħar li jissemmew fl-ittri privati li hu bagħat lil Filemon, lil Titu u lil Timotju. Nafu li minn Ruma nħeles għax lil Filemon jgħidlu li sejjer jarah. Jissemmew xi vjaġġi żgħar li għamel wara li telaq minn Ruma, fost dawn hemm min jaħseb li mar anke sa Spanja, kif kien wera l-ħsieb li jagħmel fl-ittra lir-Rumani (Rum 15, 24. 28). Fl-ewwel ittra lil Timotju (1 Tim 3, 14-15) hu jsemmi li kellu jmur fl-Asja u meta kien hemm b'xi mod seħħ l-aħħar arrest tiegħu ġewwa Efesu, għax fit-tieni ittra lil Timotju jitolbu jingħaqad miegħu u biex iġiblu miegħu xi affarijiet li kien ħalla warajh u li kellu bżonn.

Minn hemm intbagħat Ruma fejn ħa l-martirju fl-aħħar snin tal-imperu ta' Neruni. Il-post tal-martirju huwa Aquæ Salviæ, illum magħruf bħala Tre Fontane għax skont it-tradizzjoni ras San Pawl qabżet tliet darbiet fuq l-art qabel waqfet u mill-postijiet fejn misset ħarġu tliet għejun ta' ilma. Ġismu huwa midfun fejn illum hemm il-Bażilka ta' San Pawl 'il barra mill-ħitan ta' Ruma.

Il-Knisja Universali tfakkar żewġ festi f'ġieħ dan il-qaddis kbir: il-konverżjoni tiegħu nhar il-25 ta' Jannar, xahar eżatt wara l-Milied b'mod li turi ċar ir-rabta bejn it-twelid ġdid ta' Pawlu u t-twelid ta' Kristu, u t-tifkira tal-martirju tiegħu nhar id-29 ta' Ġunju. Din tal-aħħar hija s-solennità tal-martirju ta' San Pietru wkoll, għalhekk dan huwa sinjal ieħor tal-kobor ta' Pawlu li jitqabbel ma' Pietru, il-kap tal-Knisja. Il-Knisja f'Malta, imbagħad, tiċċelebra s-solennità nazzjonali tan-Nawfraġju fl-10 ta' Frar, jum li fih titfakkar ukoll il-miġja tal-Kristjaneżmu f'Pajjiżna. F'din is-solennità u f'dik tal-Assunzjoni tal-Madonna l-insara Maltin kollha huma obligati jieħdu sehem fil-quddiesa peress li huma l-festi nazzjonali tal-Patruni ta' Pajjiżna u tal-Arċidjoċesi tagħna.

## San Pawl fl-Imqabba

Bħalma għedna San Pawl huwa l-Patrun ta' Malta u dan huwa ġustifikat minn żewġ fatti:

1. huwa grazzi għal Pawlu li l-Maltin daħlu f'kuntatt għall-ewwel darba mal-Fidi nisranija, u
2. il-knisja katidrali ta' Malta, omm il-parroċċi kollha ta' din il-Gżira, hija ddedikata lil San Pawl.

Minkejja li apparti l-Imdina f'Malta nsibu biss tliet parroċċi oħra ddedikati lil San Pawl (ir-Rabat, Ħal Safi, u waħda mill-parroċċi tal-Belt Valletta), huwa diffiċli mmens li ma ssibx xi artal jew kwadru ddedikat lil dan il-qaddis fil-knejjes l-aktar antiki ta' Pajjiżna. U l-Imqabba mhix eċċezzjoni. Fil-fatt fil-knisja parrokkjali ta' Marija Assunta nsibu artal b'tema Pawlina (għax il-pittura proprjament tirrappreżenta l-konsagrazzjoni ta' Publju) li għandu bħala soprakwadru x-xena ta' San Pawl ifarfar il-lifgħa fin-nar. Barra minn dan insibu wkoll żewġ statwi fit-toroq ta' raħalna li jirrappreżentaw lil dan il-qaddis u statwa żgħira mis-sett tal-appostli li jintramaw fuq l-artal maġġur fil-ġranet tal-festi.

Skont il-kitbiet ta' Dun Lawrenz Zammit, storiku Mqabbi li kien l-ewwel wieħed li ġabar u ppubblika l-istorja tal-knisja u tal-opri li fiha, l-artal iddedikat lil San Pawl twaqqaf fl-1710,[1] u kien l-aħħar artal li ħa t-titlu minn fost dawk kollha li hemm fil-knisja. L-eqdem żewġ artali li kienu jinsabu fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba kienu tal-Assunta u tal-Lunzjata, li kienu t-titulari taż-żewġ kappelli li ngħaqdu flimkien biex saru knisja waħda aktar kbira. Meta l-knejjes ingħaqdu żdiedu l-artali tar-Rużarju, tal-Madonna tas-Sokkors (li mbagħad sar tal-Immakulata fil-knisja l-ġdida), tal-Agunija, tal-Viżitazzjoni u tal-Ispirtu s-Santu. Madwar dawn il-knejjes imbagħad inbniet il-knisja tal-lum, li peress li kienet akbar, setgħet iddaħħal żewġ artali oħra fil-kursija. Skont il-viżta pastorali tal-Isqof Cocco Palmieri (5 ta' Mejju 1686) nafu li l-kwadri tal-Assunta (dak iż-żmien kien hemm tnejn: it-titular tal-kor kif ukoll ieħor li mbagħad beda jissejjaħ tal-Inkurunazzjoni) u tar-Rużarju kienu f'posthom fil-knisja l-ġdida li kienet qed tinbena.[2] Fl-1693 nafu li l-kor, il-koppla u l-kappelluni kienu lesti, bil-kwadri rispettivi tagħhom f'posthom, waqt li tal-Viżitazzjoni u tal-Ispirtu s-Santu (li dak iż-żmien kienu għadhom l-antiki, wieħed jinsab fis-sagristija u l-ieħor fis-sala fejn jintrefa' l-armar tal-knisja) kienu għadhom fil-knisja l-qadima.[3] L-istess isqof għamel viżta pastorali fl-1699 li minnha nafu li l-knisja l-ġdida kienet lesta. Iż-żewġ altari l-ġodda, li eventwalment saru ta' San Antnin u ta' San Pawl ma jissemmewx. Dan ifisser li l-post għalihom kien imħejji (ladabra l-bini tal-knisja kien lest) imma kienu għadhom ma ngħatawx it-titlu. Fil-fatt dak ta' San Antnin ħa l-isem fl-1703, grazzi għall-benefatturi Maria u Antonia Agius li l-arma tagħhom għadha tidher skulturata fil-prospettiva tal-artal, waqt li dak ta' San Pawl tħallas mill-poplu tal-Imqabba fl-1710,[4] eżattament tliet mitt sena ilu.

Forsi mhix kumbinazzjoni li dik is-sena ħabtet l-1650 sena mill-miġja ta' San Pawl f'Malta. Nassumi li dan l-artal bil-kwadru tiegħu kien speċi ta' 'monument Pawlin' fil-knisja tal-Imqabba biex jimmarka dan l-anniversarju. Minkejja li m'hemm xejn dokumentat, hemm żewġ punti li jwassluni għal din l-ipoteżi:

- L-ewwel nett hemm il-fatt li fil-knisja kien hemm artal li kien ilu aktar minn għaxar snin bla titlu, probabbilment għax ma nqala' ħadd li kien lest li jħallas biex isirlu kwadru u biex fuqu jibda jitqaddes il-quddies. Dan probabbilment wassal biex il-kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Enriku Cuschieri, ried isib xi skuża biex dan l-artal ma jibqax battal. Waslet sena anniversarja u għalhekk ħeġġeġ lill-poplu biex kulħadd jagħti xi ħaġa żgħira biex l-artal il-vojt jinbidel f'sinjal ta' qima lejn il-patrun ta' Malta li 1650 sena qabel ġab il-Fidi nisranija f'Pajjiżna. Inżommu f'moħħna li skont Dun Lawrenz Zammit l-artal sar *a spejjeż tal-poplu*.



- It-tieni (u din hija purament ipoteżi estetika li tista' tkun żbaljata): jekk ninnutaw sewwa dan huwa l-uniku artal fil-knisja tagħna li ma fih l-ebda referenza Marjana fih. Ħamsa mill-artali tal-knisja huma marbutin ma' episodji mill-ħajja tal-Madonna (it-Tnissil, il-Viżitazzjoni, l-Assunzjoni u l-Inkurunazzjoni) jew ma' xi devozzjoni (tar-Rużarju). Tlett artali oħra, minkejja li m'humiex strettament 'marjani', jippreżentaw il-figura tal-Madonna b'mod prominenti (l-Agunija, Pentekoste u l-Madonna ma' San Gejtanu u San Antnin). Dan ta' San Pawl huwa *sui generis*, qisu m'għandu xejn x'jaqsam mal-bqija tal-knisja. Kważi nistgħu ngħidu li 'jistona'. Dan ikompli jsaħħaħ il-possibilità li tpoġġa hemm għal raġuni speċifika ħafna, u d-data ta' meta tpoġġa kif ukoll il-fatt li tħallas mill-poplu kollu, jagħtuna x'nifhmu li din ir-raġuni kienet l-anniversarju Pawlin.

Kien x'kien il-każ, dan l-altar bil-kwadru sabiħ tiegħu għadna nistgħu ngawduh illum, għalkemm niddubita kemm nies jagħtu każu.

Mill-viżti pastorali li saru wara nafu xi ftit jew wisq l-attività li kienet marbuta ma' dan l-artal. L-isqof Alpheran de Bussan li żar il-knisja fl-1745, sab dan l-artal fi stat tajjeb ħafna u jgħid li kellu dak kollu li kien meħtieġ għall-kult liturġiku. Kellu wkoll lampier jixgħel quddiemu. Fuqu kienu jiġu ċċelebrati żewġ festi, waħda fil-21 ta' Jannar f'ġieħ San Publju u l-oħra fl-10 ta' Frar f'jum is-solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl. Kull sena, fis-26 ta' Awissu, fuq dan l-artal kienet issir tifkira b'suffraġju ta' Dun Enrico Cuschieri, il-kappillan li fi żmienu sar dan l-artal. Din it-tifkira kienet issir b'quddiesa kantata bil-kant tal-libera, bit-tberik tal-qabar, bid-daqq tal-qniepen u bil-mixgħela ta' erba' xemgħat fuq dan l-artal. Barra din tas-26 ta' Awwissu kienu wkoll jiġu offruti tlett quddisiet oħra għal ruħ Dun Enrico Cuschieri u dawn kienu jsiru waħda fil-festa ta' San Publju, oħra fil-konverżjoni ta' San Pawl u oħra fis-solennità tan-nawfraġju.

Il-prokuratur tal-Veneranda Lampade kien jieħu ħsieb dan l-artal kif ukoll iċ-ċelebrazzjoni ta' tliet quddisiet li kienu jsiru permezz ta' legat imħolli minn Tereża Cuschieri fl-atti tan-nutar Injazju Debono tal-25 ta' Lulju 1726. Dawn kienu jiġu ċċelebrati waħda fil-festa tal-Lunzjata, oħra fil-festa tal-Viżitazzjoni u oħra fil-festa ta' Santa Marija.[5]

Il-pittura tiegħu, li hija xogħol tajjeb ta' artist mhux magħruf, imma li jfakkar ix-xogħol ta' Michele Busuttil li kien attiv fis-seklu XVIII, tirrappreżenta l-konsagrazzjoni ta' Publju bħala l-ewwel isqof Malti.



Eżatt fiċ-ċentru tal-pittura jidhru l-buqari taż-żjut li jintużaw fil-konsgrazzjoni ta' isqof. Tiddomina fuqhom hemm il-figura ta' San Pawl, b'id fuq ras Publju li jinsab għarkubbtejh quddiemu, u b'id l-oħra jżomm ix-xabla, simbolu tal-martirju li kellu jieħu 'l quddiem. Pawlu liebes ilbies bil-kuluri li mdorrijin narawh: libsa ħadra u mantell aħmar. Publju mill-banda l-oħra liebes ilbies liturġiku: kamżu abjad flimkien ma' stola u kappa lewn id-deheb. Kull wieħed minn dawn il-persunaġġi għandu tliet figuri warajh. Publju għandu raġel iżomm ktieb li donnu qed juri lil San Pawl minnfejn għandu jaqra – dan forsi li hu San Luqa, li s-soltu jkun rappreżentat bi ktieb jew b'ikona f'idu –, imbagħad hemm żagħżugħ qed iżomm il-baklu u ħjiel ta' raġel ieħor qed iħares. Pawlu għandu warajh żewġt irġiel oħra jitkellmu bejniethom u persunaġġ liebes elmu tal-gwerra u ilbies partikulari, li nassumi li hu ċ-ċenturjun Ruman, qiegħed iżomm bastun f'idejh. Imbagħad quddiem Pawlu hemm tfajjel għarkubbtejh iżomm fuq platt il-mitra. Ix-xena tidher qed isseħħ ġo kamra ta' xi palazz, quddiem tieqa jew terazzin li minnu jidher pajsaġġ bis-siġar. Fil-parti ta' fuq, imbagħad, ix-xena donnha tinfetaħ għas-sema, b'xi anġli qed iħarsu ferħanin lejn dak li qed jiġri. Dan il-partikular jidher f'żewġ pitturi oħra li jinsabu fil-knisja tagħna: il-pittura tal-Viżitazzjoni u dik li xi dabra kienet is-sottokwadru ta' dan l-istess artal: il-Madonna tal-Karmnu.[6]

Minkejja li dal-kwadru fih ħafna żbalji (bħal ngħidu aħna l-istil tal-ilbies ta' Publju li ma bediex jintuża hekk qabel il-medjuevu, kif ukoll il-mitra u l-baklu, l-użu tal-ktieb liturġiku li minnu qed jaqra San Pawl u l-ilbies militari taċ-ċenturjun), madanakollu huwa kwadru li fih armonija stilistika sabiħa ħafna, b'uċuħ u figuri mpittrin b'mod verament sabiħ.

Jekk il-kwadru huwa sabiħ, l-istess u aktar nistgħu ngħidu għal dak li hemm madwaru. Il-kwadru jinsab ġo gwarniċun tal-ġebel skulturat u fuq kull naħa għandu kolonna mnaqqxa fi stil sempliċi. Fil-parti t'isfel ta' kull kolonna hemm imnaqqxa fil-ġebel l-arma ta' San Publju: mitra bi ħjiel ta' palma warajha. M'hemmx artali oħra fil-knisja tagħna li jġibu l-arma mal-kolonni. Mal-faċċata tal-bażi li fuqha hemm iserrħu l-kolonni hemm imnaqqxa l-arma ta' San Pawl: is-sejf b'lifgħa mdawra miegħu. Aktar 'l isfel hemm disinn ieħor bil-weraq, iż-żigarelli u l-boċċi. Fin-naħa ta' fuq tal-kwadru mbagħad hemm disinn simettriku b'erba' fjuri differenti fuq kull naħa b'kerubin fin-nofs. L-iskultura hija tassew fina u fost l-isbaħ li nsibu fil-knisja.

Fuq dawn, ġo gwarniċun ieħor



# Cassar Florist

**(taz-zizzu)**

***For your Wedding Flowers, Holy Communion, Head Dresses, Engagement Parties, funerals, bouquets for feasts, Wedding Invitations, Souvenirs, Tulle & Accessories for all occasions***



5% discount on total wedding flowers, souvenirs & invitations

**Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq (near Aida Hall)**
**Tel: 2164 0501 / 9946 7457 / 9989 7385**

*Il-familja Cassar tixtieq il-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha!*

tal-ġebel hemm pittura żgħira, li tidher li hija xogħol l-istess artist, li turi l-mument drammatiku meta San Pawl ifarfar il-lifgħa fin-nar (avolja n-nar ma jidhirx!). Madwar il-figura ta' Pawlu jidhru bosta nies iħarsu mistagħġba, fosthom anke ċ-ċenturjun li jidher ukoll fil-kwadru l-kbir. Fiċ-ċentru tal-pittura jidher il-ġifen qed jitfarrak mal-blat waqt li fin-naħa ta' fuq jidher anġlu żgħir itir b'xabla jew virga f'idu.

Il-mensa tal-altar hija tal-irħam aħdar skur u fin-nofs tagħha hemm medaljun bl-arma ta' San Pawl. Matul il-ġranet tal-festa din titgħatta b'ventartal tal-injam indurat bis-simbolu tal-Madonna rrakmat bid-debeb fuq il-lama.[7] B'xorti ħażina, u dan huwa ta' għajb kbir għalina, fil-ġranet tal-festa dan l-artal jibqa' bil-gandlieri ta' kuljum għax m'għandux gandlieri tal-metall abjad biex jintużaw fl-okkażjonijiet speċjali tal-parroċċa tagħna, bħalma huwa l-każ tal-altar ta'quddiemu kif ukoll tal-artal tal-Assunta, l-aktar artal importanti tal-knisja wara l-maġġur.

Ix-xbieha pawlina l-oħra li nsibu fil-knisja hija l-istatwa minn sett ta' sitta li jintramaw fuq l-artal maġġur fil-festi tal-parroċċa. Din l-istatwa hija tal-kartapesta u saret mal-oħrajn matul is-seklu XIX – dan nafuh għax f'ritratt tal-knisja armata għall-festa tal-1896 is-sett jidher armat fuq l-artal. Fil-bidu tas-seklu XX kien sar sett ta' tnax-il appostlu, fosthom statwa ta' San Pawl, li kien iżejjen l-artal maġġur fil-festa ta' Santa Marija biss, iżda dan inqered fil-gwerra. Is-sett l-antik li għadu jintuża qiegħed fi bżonn serju ta' restawr.

## In-niċeċ ta' San Pawl fl-Imqabba

Fir-raħal tagħna nsibu żewġ niċeċ iddedikatati lil dan il-Patrun tagħna l-Maltin. Interessanti li t-tnejn jinsabu fit-truf tal-raħal.

Forsi l-aktar waħda magħrufa hija dik li tinsab fil-bini ta' wara d-daħla għall-katakombi tal-Mentna. Id-dar li magħha tinsab hija ferm antika, imma dan ma jfissirx neċessarjament li n-niċċa hija antika daqsha. Id-disinn huwa sempliċi, b'żewġ pilastri qed iserrħu fuq pavaljun tal-ġebel bin-niċċa bejniethom. Fuq dawn imbagħad hemm gwarniċ żgħir ieħor. L-istatwa, li mhix ta' xi ġmiel kbir, tinsab fuq pedestall kwadru u turi lil San Pawl wieqaf b'id merfugħa u bl-oħra jżomm ktieb miftuħ u xabla. Jingħad li din saret lejn tmiem is-seklu XIX minn raġel mir-Rabat u ħabib tiegħu li kienu jiġu jaħdmu l-għelieqi ta' dawk l-inħawi.[8] Fl-imgħoddi kellha ċerta devozzjoni u fil-fatt fl-10 ta' Frar kienet tiżżejjen. Sa madwar ħmistax-il sena ilu kienet għadha fuq il-ġebla, imbagħad ingħatat il-kulur.

L-istatwa l-oħra ta' San Pawl li nsibu fl-Imqabba tinsab fit-tarf tax-



xaqliba l-oħra tar-raħal, appuntu f'kantuniera tal-palazz anness mat-Torri Vincenti, li nbena fl-1726 mill-Prijur Orfeo de Vincenzo.[9] Mhux magħruf jekk l-istatwa tpoġġietx hemm meta nbena l-kumpless, li oriġinarjament kien iservi bħala każin tan-nies tal-Ordni.[10] Li hu żgur hu li n-niċċa hija ftit kbira għall-istatwa ta' ġo fiha, għalhekk jista' jkun li kien hemm il-ħsieb li titpoġġa statwa ikbar, jew inkella li fil-fatt kien hemm statwa ikbar imma mbagħad inbidlet. Mill-fdalijiet taż-żebgħa li hemm fuqha nafu li din l-istatwa fl-imgħoddi kienet miżbugħa: il-libsa ta' San Pawl kienet ħadra waqt li l-mant kien aħmar skur. Ma jidher li hemm l-ebda fdalijiet ta' żebgħa fuq ir-ras. Hija statwa artistika aktar mill-oħra li tinsab qrib il-katakombi, iżda tidher li ġarrbet ħafna ħsarat minħabba t-temp u minħabba atti vandali. L-id l-imgħollija tal-qaddis hija nieqsa u jingħad li tkissret minn sparatura ta' kaċċatur lejn il-bidu tas-seklu għoxrin.[11] In-niċċa hija eleganti ħafna u fiha disinn ta' arzella fin-naħa ta' fuq – dan id-disinn jidher tajjeb ħafna peress li l-istatwa ma tgħattihx minħabba li hi kemmxejn żgħira għad-daqs tan-niċċa. Taħtha hemm irħama li tgħid li fl-20 ta' Novembru 1894 l-Isqof Pietru Pace ta 40 jum indulġenza lil min jgħid xi talb quddiem ix-xbieha. Il-grampun li għad hemm jidher ftit 'l isfel min-niċċa jixhed li fl-imgħoddi kien hemm fanal quddiemha, b'hekk nistgħu ngħidu li xi devozzjoni kienet tgawdi wkoll.

## Għeluq

Din kienet ħarsa ħafifa lejn id-devozzjoni pawlina f'raħalna. Minn dan kollu li semmejna, żgur li l-aktar importanti huwa l-artal fil-knisja parrokkjali tal-Assunta li jixhed li kienet ix-xewqa tal-poplu li fl-aktar post qaddis u għażiż għalihom idaħħlu wkoll tifkira tal-qaddis, li flimkien ma' Marija Assunta, huwa Patrun tal-Maltin.

**Riferenzi**

1 Lawrenz Zammit, *Decrizioni storica tal-cnisia tal Imkabba*, Malta 1927, 18.

2 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, *Visitationes Pastorales Vol. XXIV* (Davide Cocco Palmieri 1686), 4031, f. 236r, f.240v.

3 Arkivju Arċiveskovili ta' Malta, *Visitationes Pastorales Vol. XXV* (Davide Cocco Palmieri 1693), 4032, f.110v.

4 Zammit, ibid.

5 Tony Terrible, *Il-knisja parrokkjali ta' Santa Marija fl-Imqabba*, manuskritt f.12.

6 Dan il-kwadru żgħir iżda ferm sabiħ illum jinsab fis-sagristija l-qadima.

7 Dal-ventartal, li għandu rakkmu sempliċi imma sabiħ ħafna, għandu wkoll bżonn ta' restawr għax fih jidhru partijiet fejn id-deheb tqaxxar u partijiet oħrajn fejn l-injam inbarax jew ixxaqqaq.

8 Gionvanni Farrugia, *Storja tan-niċeċ fl-Imqabba*, Malta 1999, 39.

9 Alfie Gaullaumier, *Bliet u rħula Maltin* vol ii, Malta 1987, 537.

10 ibid. Dan nifhmuh ukoll mil-lapida li hemm imwaħħla mat-torri li tiddiskrevih bħala post ta' pjaċir u tifkira.

11 Farrugia, 41.

WÜRTH




**WÜRTH LIMITED, WÜRTH HOUSE, Triq il-Masgar, Qormi QRM 3217, Malta.**
Tel: (356) 2149 4604, (356) 2144 3035 Fax: (356) 2144 1081
E-mail: sales@wuerth-malta.com
Web: www.wuerth.com.mt

TECHWOOD INTERNATIONAL LTD

Triq Anthony John Coleiro,
Tal-Ħandaq QRM 4000 - Malta
Tel: 2144 1671 • Fax: 2144 1672

Factory N, Industrial Estate,
Xewkija XWK 3000 - Gozo, Malta
Tel: 2155 6818 • Fax: 2155 3526
E-mail: techwood@fastnet.net.mt

TECHWOOD INTERNATIONAL LTD

# Presidenti li mexxew is-Soċjetà

Informazzjoni miġbura mis-Sur Antoine Sciberras

## Paolo Caruana (1905 - 1910)

Pawlu Caruana magħruf bħala tal-*Ave Maria* twieled l-Imqabba fis-16 ta' Awwissu 1867 bin Giuseppe u Gabriella xebba Ellul. Kien mgħammed mill-Kappillan Franġisk Vella. Il-parrini tiegħu tawh l-ismijiet ta' *Paulus, Marianus, Emanuel* u *Innocentius*. Pawlu żżewweġ lil Caterina (sive Kekina) xebba Caruana.

Pawlu kien ġej minn familja tat-tajjeb għax kienu bin-negozju tal-bhejjem. Il-ġenituri tiegħu ġieli ħallsu għal xi opri li saru fil-Knisja Parokkjali tal-Imqabba. Fl-1913 insibu li l-altar tal-Viżitazzjoni ta' Marija Verġni kien irħamat spejjeż ta' Giuseppe u Gabriela née Ellul.

Pawlu Caruana kien spiss jinnegozja ma' pajjiżi barranin. Mhux l-ewwel darba li flimkien ma' ħutu u martu Kekina kien isiefer għal skop ta' kummerċ.

Paola Sciberras, residenti l-Imqabba, tirrakkonta storja li semgħet mingħand il-kunjata tagħha Carmena Sciberras li darba waqt li Pawlu kien jinsab it-Tuneżija flimkien ma' ħuh, aktarx Karmnu, inqabad priġunier. Kienu mbagħad bis-saħħa ta' xi Tuneżini fqar li meta kienu Malta kien ħenn għalihom u ħallihom jieklu l-karmus, li huwa ngħata l-libertà.



Insibuh askritt fis-Sodalità tal-Agonizzanti fl-20 ta' Frar 1917. Insibu wkoll lil Pawlu Caruana President taċ-Ċirkolu *San Giuseppe*, imbagħad ta' *Santa Maria*, u fl-1911 taċ-Ċirkolu *Pio X* u baqa' President ta' dan il-Każin sal-1914.

Pawlu Caruana miet fl-Imqabba l-Erbgħa 28 ta' Frar 1917 fl-età ta' 50 sena.

Wara l-mewt tiegħu, martu Caterina żżewġet lil Giuseppe Zammit, ħu s-saċerdot Imqabbi Dun Innocenzo Zammit.

**Referenzi:**
Lia Carmen (1960 - ): Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja tal-Imqabba – Mqabba: Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, 1997 xvi,236p.:29.2cm ISBN 99909-68-30-6 paġna 16.

## Feliċ Zammit (1910 - 1920)

Feliċ Zammit kien jiġi iben il-benestant Nikola (in-Naxxari) u Theresa née Sapiano (bint l-arluġġar Mikielanġ Sapiano). Kien ukoll jiġi minn Dun Alfons Caruana. In-nannu ta' Feliċ kien Innocenzo Zammit (in-Naxxari) li kien għamel spejjeż tiegħu l-Istatwa tal-Madonna tal-Ġilju fil-1876.



Feliċ Zammit kien mar jistudja barra minn Malta biex jilħaq qassis però ma kienx kompla l-kors.

Huwa laħaq President tal-Każin Giorgio V fis-sena 1910 u baqa' President sal-1920 meta mbagħad għal ftit taż-żmien bħala President sar Mikiel Ellul (Sherjam). Ta' min jgħid li dak iż-żmien, il-presidenti tal-każini kienu jkunu nies ta' kultura u magħżula minn fost l-aqwa nies tar-raħal.

Feliċ Zammit kellu wkoll inklinazzjoni Stricklandjana u kien ukoll jagħmel il-meetings fl-Imqabba bl-intenzjoni li joħroġ għall-elezzjoni mal-Partit ta' Lord Gerald Strickland.

**Referenzi:**
Lia Carmen (1960 - ): Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja tal-Imqabba – Mqabba: Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, 1997 xvi,236p.:29.2cm ISBN 99909-68-30-6 paġna 51 u 63.

Zneiber

Professional Caterers
with the
Personal Touch

Confectionery





134, Triq il-Karmnu, Luqa

***Tel: 2180 3999***

***Mob: 9988 3692***

SCICLUNA FLORIST

*Garden Centre*

***Specializes in:***

*Flower Arrangements for Weddings,*
*Holy Communion etc.*
*Souvenirs for every occasion, Artificial Flower*
*and Tulle,*
*Fresh Plants and Fruit Trees.*

**Bronja Street, Żurrieq – Tel: 2164 9621**

## Angelo Ghigo (1920 - 1925)

Angelo Ghigo twieled l-imqabba fis-6 ta' Ġunju 1898, iben Pawlu u Francesca née Mifsud, it-tieni wild fost ħutu Marija Assunta, Giovanni Battista, Marija Assunta u Gabriel. Fi tfulitu attenda l-ikola primarja tal-Imqabba u wara s-Seminarju Minuri fil-Furjana. L-ewwel ħidma tas-Sur Angelo Ghigo kienet ta' piżatur f'pitakli. Fl-1918 daħal skrivan fil-H.M. Dockyard minn fejn fl-1922 ġie trasferit fl-Uffiċċju Meterjoloġiku li kien għadu kif beda jopera f'Malta. Għall-istorja, dan l-uffiċċju kien amministrat mir-Royal Air Force b'kumpliment ta' Senior Officer u żewġ Forecasters. Beda jopera fi Schembri House Pieta' u ġie trasferit fl-1927 għal St. John's Cavalier Valletta. Fl-1947 mar fl-ajruport ta' Ħal Luqa u beda jitmexxa minn uffiċjal ċivili. Fil-gwerra bejn l-1939 u l-1945, fl-assena tal-kap, is-Sur Ghigo kien jerfa' r-responsabbilta' tal-uffiċċju. Angelo Ghigo nħatar Meteoroligal Adminstrative Officer fis-6 ta' Marzu 1957 biex ikun l-ewwel Malti f'dak il-grad li baqa' jżomm sa ma rtira bl-età fl-1962. F'età żgħira, ġie maħtur President tas-Soċjetà Santa Marija tal-Imqabba, kariga li okkupa bejn l-1920 u l-1925.

F'żogħżitu studja l-mużika u d-daqq tal-orgni. Nafu li kienu jinġabru tfal fid-dar t'oħtu Assunta fi Triq il-Parroċċa u fuq l-armonju



kien jgħallimhom innijiet biex jitkantaw mal-banda fuq il-palk waqt il-Purċissjoni fil-Festa ta' Santa Marija. Serva ta' organista fil-parroċċi tal-Imqabba, Bormla u bejn l-1931 u l-1940 fil-Furjana; fi żmien meta Mqabbi ieħor, Mons. Angelo Ghigo D.D. kien Arċipriet.

Iżżewweġ lil Margerita née Buttiġieġ fl-1923 u kellhom ħamest itfal: Grace, Jane, Dun Manwel, Ġemma u Lina. Fl-1923 l-Arċisqof Mauro Caruana appuntah għalliem tal-Ingliż u l-Ġejografija u serva fis-Seminarju Minuri bejn l-1923 – 1946 u l-1969 – 1976 u fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi mill-1946 - 1969. Għallem l-Ingliż lin-novizzi tal-Patrijiet Franġiskani Minuri u Franġiskani Kapuċċini.

Bejn l-1978 u l-1983, Angelo Ghigo kiteb għadd ta' poeżiji li ġew ippubblikati f'Ġunju tal-1983 bit-titlu 'Il-Linfa l-Qadima'. Din kienet l-aħħar attività pubblika tiegħu għaliex nhar il-5 ta' Diċembru 1983, il-Mulej għoġbu jgħajjatlu għall-premju misthoqq tal-paċi fil-mistrieħ. Ħabb ħafna lil Alla, lill-Madonna u l-familja. Rispettat minn kull min kien jafu. Żgur li Marija Assunta mill-glorja tas-sema semgħet it-talba fil-poeżija tiegħu 'Lil Ommi Marija'.

**Referenzi:**
Programm Festa Santa Marija 1996; Angelo Ghigo 1893-1983, paġna 95 kitba tas-Sur Joseph Farrugia.

## Giuseppe Bugeja (1925 - 1946) u (1947 - 1949)

Giuseppe Bugeja twieled l-Imqabba nhar it-22 ta' Diċembru 1896 iben Mastru Salv u Marija née Farrugia. Is-sur Joseph Bugeja kien ikkwalifikat fil-Bookkeeping u Typewriting u mgħejjun bil-lingwi li tgħallem, kien *Manager* dehen tal-grad fl-ufficcju tiegħu. Bil-personalità li kellu kien midħla ta' ħafna nies professjonisti u oħrajn. Permezz tal-kuntatti li kellu tista' tgħid li kien jaf lil kulħadd.

Joseph Bugeja kellu intuwizzjoni biex jindividwa l-potenzjal ta' kull membru u kien jgħinu jiżviluppah għall-benefiċċju tas-Soċjetà kif ukoll li jagħraf b'kelma perswasiva kif iżomm il-Kumitat u s-Soċjetà magħqudin. Kien bniedem integru u altruwista tant li meta l-gernatur Sir Charles Bonham Carter spiċċa minn żjara fil-każin, staqsa lis-Sur Joseph Bugeja għal xi rakkomandazzjoni. Ix-xewqa tiegħu kienet ċara għaliex talab telefon pubbliku wara esperjenza personali li kellu. Sa dak iż-żmien l-uniku telefon pubbliku kien jinsab fl-għassa tal-pulizija li mhux dejjem kienet tkun miftuħa. B'hekk dan it-telefon pubbliku kien provvidenzjali u akkomoda sew lil kulħadd.

Fis-sena 1934, insibu li Giuseppe Bugeja kien strumentali fl-akkwist tal-fond tal-Każin Re Ġorġ V meta refa' r-responsabbilta' tax-xiri u tal-kuntratt u għadda s-sit għal sede tas-Soċjetà Dan l-akkwist kien pass ta' prevenzjoni għaqlija biex is-Soċjetà tiġi kkonsolidata b'sede propjetà tagħha.

Matul il-gwerra, l-attività tal-festi waqfet għal kollox. F'dak iż-żmien, meta l-Inġinier Ingliż Mr. Cyril C. Mavity kien inkarigat mill-Air Raid Shelter Construction ta' Malta, is-Sur Bugeja ġie appuntat Area Officer – Shelter Construction għar-raħal tal-Imqabba. Fil-fatt is-Sur Bugeja kien responsabbli mill-pagi tal-ħaddiema u *accounts* tax-xogħol kollu li sar fix-xelters tal-Imqabba. Il-Każin Re Ġorġ V serva ta' uffiċċju għalhekk.

Joseph Bugeja żżewweġ lil



Carmela Gauci, bint Baskal u Margherita née Facciol, nhar l-24 t'Ottubru 1937. Il-festin sar fil-Każin Re Ġorġ V; kienet l-ewwel okkażjoni ta' din ix-xorta li saret hemm. Kellhom familja eżemplari b'erbat itfal; Mary, Re. Fr. Joe B.A.,Lic.D. Charlie u Terry. Fl-1972, Joseph Bugeja mar joqgħod Santa Luċija ma' ibnu Fr. Joe meta kien kappillan hemm. Joseph Bugeja għadda għall-ħajja ta' dejjem fis-sena 1987 fil-Parroċċa ta' Stella Maris, tas-Sliema, meta ibnu Fr. Joe kien Kappillan.

**Referenzi:**

Programm Festa Santa Marija 1999; Joseph Bugeja (1896-1987), paġna 25 kitba tas-Sur Joseph Farrugia.
Programm Festa Santa Marija 2000; Trijunvirat Amminsitrattiv, paġna 25 kitba tas-Sur Joseph Farrugia.



## Giovanni Ghigo (1946 - 1947) u (1949-1955)

Ġanni Ghigo twieled l-Imqabba fl-1901, iben Nikola u Ġużeppina mwielda Caruana. Wara li ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-iskola tal-Imqabba, Ġanni għadda għal klassijiet ogħla fl-iskola taż-Żurrieq. Attenda skola preparatorja għall-eżami tad-Dockyard immexxija minn Mr. McKay f'Bormla. Għadda mill-eżami tad-Dockyard u għamel apprendistat ta' shipwright. Ġanni ħaddan is-sengħa b'entużjażmu u dan kien providenzjali għas-Soċjetà.

Wara l-ewwel gwerra dinjija, bdiet tinħass fost is-soċji x-xewqa li jiżdied sostanzjalment l-armar tal-festa. Ir-responsabbilta' tal-kostruzzjoni waqgħet fuq Ġanni Ghigo li ħa ħsieb jordna d-disinji. Hu kien intefa' b'ruħu u ġismu fuq ix-xogħol tal-armar. Wara li l-ewwel inhadmu l-pedestalli ta' Sant'Anna u San Ġwakkin, kien imiss dawk tal-appostli, tal-anġli fi Triq il-Parroċċa u tad-dawl. Wara dan kollu ħarġet l-idea li ssir statwa tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna. Ġanni Ghigo kien talab disinn lill-magħruf Abram Gatt li kien ukoll superjur tiegħu fit-tarzna. Hekk twieled il-pedestall kapolavur magħruf aktar bħala l-'Kolonna'.

Ġanni Ghigo żżewweġ lil Marija Stella xebba Mallia fl-1925 u kellhom ħames ulied; Dun Joseph Ghigo S.J. Lic. Phil, Lic. Theol. B.Sc. Econ. (Lond), Attilio, Karmenu, Piju u Vince. Fis-sena 1934 mar joqgħod Raħal Ġdid iżda matul il-gwerra ġie joqgħod l-Imqabba fl-istess dar li kellu qabel. Wara Ġanni reġa' mar joqgħod Raħal Ġdid iżda regolarment kien imur il-każin bir-rota, xemx u xita, nhar ta' Ħadd, festi u meta kien ikun hemm bżonn. Inħatar president fis-sena 1949 u baqa' fil-kariga sal-1953 meta rtira minħabba saħħtu. L-aħħar ħidma imperattiva tiegħu kienet l-idea tat-tkabbir tal-każin fl-1946. Il-bini li kien jikkonsisti f'sala fl-ewwel sular u kolonnar fil-portiku beda meta Ġanni kien għadu President tas-Soċjetà. Hu kellu s-sodisfazzjon li jara l-portiku u s-sala prinċipali lesti għall-festi kbar li għamlet is-Soċjetà fl-okkażjoni tad-defenizzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni.

**Referenzi:**

Programm Festa Santa Marija 2000; Trijunvirat Amministrattiv, paġna 29 kitba tas-Sur' Joseph Farrugia.

## Leonard Spiteri (1955 - 1956)

Leonard Spiteri twieled l-Imqabba nhar it-18 ta' Jannar 1930, iben Ġużeppi u Marija née Debattista. Attenda l-iskola primarja tal-Gvern u l-Kulleġġ De La Salle. Daħal bħala 'apprentice joiner' fit-Tarzna tal-armiraljat fl-1945.

Beda jitgħallem il-mużika u d-daqq tal-oboe fil-każin Re Ġorġ V u ddebutta mal-Okestra Santa Marija. Bandist regolari tal-Banda Re Ġorġ V mit-twaqqif tagħha fl-1947.

Fl-1953 ħadem bradella u bankun għall-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fil-knisja parrokkjali tal-Imqabba. Din l-opra ġiet iddisinjata minnu stess bi stil kompletament ġdid għal dak li soltu naraw. Fl-istess sena ddisinja u ħadem il-bieb ta' barra tal-każin Re Ġorġ V. Fl-1950 beda l-istudji tiegħu tal-armonija u l-kontrapont għand is-surmast Carmelo Costa u kkwalifika għad-diploma A.Mus. LCM. fl-1953. Sadattant Leonard Spiteri ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda Re Ġorġ V, kariga li okkupa bejn l-1951 u l-1956. Inkuraġġit mill-ewwel suċċessi fl-istudji mużikali, iddeċieda li japprofondixxi b'iktar serjetà. Fl-1956 mar Londra u rreġistra bħala student tal-*London College of Music* u l-*Guild Hall of Music and Drama* fejn kien jattendi bħala 'evening classes student'. Fl-1957 ikkwalifika għad-diploma L.Mus. LCM. u għal F.L.C.M. fl-1962. Sa fejn hu magħruf dan kien l-ewwel Malti li studja fil-*London College of Music* u mmerita dawn iż-żewġ diplomi.



Lura f'Malta fl-1964 kiteb innu "Lil Marija Assunta" għall-banda li tant kien ħadem għaliha - il-Banda Re Ġorġ V. Dan ir-rigal kien l-ewwel innu għall-vuċi pwerili li kellha s-Soċjetà Santa Marija għall-festa tal-parroċċa. Mill-mod kif bena din il-kompożizzjoni u l-maestrija fl-armonija, nibdew nifhmu l-abilta' ta' dan is-surmast kompożitur. Indaqq l-ewwel darba mill-Banda Re Ġorġ V minn fuq iz-zuntier fi ħruġ il-vara ta' Santa Marija min-niċċa nhar il-Ħadd 9 ta' Awissu 1964, u kien kantat minn kor ta' xebbiet tas-Soċjetà.

Fl-istess sena ħadem bankun fejn jitpoġġa s-salib u l-lanterni tal-fratellanza tar-Rużarju u fl-istess żmien ukoll irrinova l-bieb ta' barra tal-każin. F'Novembru 1964 ġie impjegat bħala *Full time Visiting Master* fil-mużika u l-*craft* mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fejn wara ġie stabbilit. Dam 27 sena f'dan l-impjieg sa ma rtira bl-età.

Fl-1965 kellu sehem kbir fid-dekorazzjoni tas-sala tal-każin tas-Soċjetà Santa Marija. Fuq disinn tas-Sur Ġużè Galea, mir-Rabat, għamel il-forom għall-iskultura kollha tas-saqaf u wara ffurmahom u waħħalhom f'posthom. Mhux possibbli nelenkaw l-kontribut tiegħu, madanakollu biżżejjed ngħidu li kien moħħ prinċipali wara x-xogħol.

Bejn l-1984 u l-1986 Mro. Spiteri ddisinja u ħadem in-niċċa għall-istatwa ta' San Bastjan. Din hi l-akbar xogħol fid-daqs li ħarġet minn idejh. Fuq disinn tas-Sur Frans Galea ħadem ix-xogħol tal-injam tal-pedestall waqt li l-abbozzi tal-bronż saru mid-disinjatur. Ħadem ukoll il-bażi tan-niċċa għall-Madonna tad-Duluri, li qatt ma kienet kompluta. F'dan ix-xogħol ta' min japprezza d-disinn, kostruzzjoni, il-kwalità u metodu tal-interzja li jeħodna lura għal mijiet ta' snin, xogħol li ma tantx jidher fil-knejjes ta' San Bastjan, Ħal Qormi, fejn mar jgħix meta żżewweġ lil Josephine née Borg fl-1968.

Għad li għal dawn is-snin kollha għex barra minn raħal twelidu, Mro. Leonard Spiteri għadu jħobb u jinteressa ruħu fl-Imqabba u b'mod partikulari fis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**Referenzi:**
Estratt mill-Programm Festa Santa Marija Mqabba 2003 paġna 128 - kitba tas-Sur Joseph Farrugia.



## Charles Sciberras (1956 - 1962)

Chev. Charles Sciberras O.S.J. twieled f'Ottubru tas-sena 1938. Studja fil-Kulleġġ ta' St. Michael u wara kompla bl-istudji tiegħu fl-Università ta' Malta.

Ħadem bħala għalliem u aktar tard ħadem ukoll mas-Servizzi Ċivili. Chev. Charles Sciberras O.S.J. kellu diversi karigi f'għaqdiet differenti fosthom fis-Segretarjat Ħaddiema mal-Partit Nazzjonalista, fl-Assoċjazzjoni Libertas kif ukoll fil-Malta Football Association. Kien ukoll *referee* tal-football fis-snin sittin u sebgħinijiet.

Bejn is-snin 1956 u 1962 ġie maħtur bħala President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba. Chev. Charles Sciberras O.S.J. kien ukoll ikkontesta l-elezzjonijiet ġenerali tal-1987 u tal-1992. Imbagħad f'Marzu tas-sena 1994 kien maħtur bħala l-ewwel Sindku ta' San Ġiljan. Chev. Charles Sciberras O.S.J. kien miżżewweġ lil Yvonne u kellhom żewġ subien, il-W.Rev. Kanonku Etienne u Owen.

Miet nhar il-Ħamis 4 ta' Settembru 2008 fl-età ta' 69 sena. Il-funeral tiegħu sar fil-Knisja Parrokkjali tal-Karmnu ġewwa l-Balluta u d-difna saret fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.

## George Busuttil (1962 - 1966) u (1977 - 1983)

George Busuttil twieled l-Imqabba fit-30 t'Ottubru 1942 bin Anthony u Rita née Ciantar. Studja fl-iskola primarja tal-Imqabba u wara kompla fil-Lyceum u l-Kulleġġ tal-Għalliema. Ħadem bħala għalliem fl-iskejjel Primarji u Sekondarji u rtira bħala Assistant Surmast tal-Junior Lyceum.

Iżżewweġ lil Mary née Mifsud u kellhom tlett itfal. Wara l-mewt ta' martu Mary, iżżewweġ lil Lukky née Farrugia u mar joqgħod iż-Żurrieq.

Kien attiv fil-Każin Santa Marija bħala membru tal-Kumitat fejn serva wkoll ta' President bejn is-snin 1962 u 1966 kif ukoll bejn il-1977 u 1983..

Bħala passatemp ewlieni kellu l-attivitajiet sportivi fejn ikkwalifika wkoll bħala kowċ fl-1972. Ikkowċja diversi timijiet tal-futbol u fost l-unuri rebaħ kien hemm il-kampjonat tal-għola Diviżjoni tal-futbol Malti ma' Hibernians FC fis-sena 1976 biex wara rebaħ l-istess titlu ma' Valletta fl-1990. Proprju minn din is-sena George ser ikun qed joffri l-għajnuna tiegħu ukoll



# Lorraine's Beauty Clinic



**Triq il-Madonna tal-Gilju,**
**Mqabba**

Your skin deserves the best. Offering customized facial and body treatments. Specializing in body massage, Slimming programmes with Ultratone and Spa Wraps;
Electrolysis and waxing.

*For all treatments please book in advance.*

***Tel: 2168 9785 / 2164 1263***
***Mob: 9945 0647***

# JV Plastering

SCAFFOLDING
GĦALL-KIRI

**Għal kull tip ta' xogħol fuq il-fil, tibjid, tikħil, kisi u restawr fuq l-antik**

Mob: **9924 4807** jew **9986 1751**

ma' Mqabba FC Youth Nursery b'risq it-tfal Imqabbin.

Għandu għal qalbu ħafna x-xogħol fil-Volontarjat. Fil-preżent jagħti sehem fl-organizzazzjoni tal-purċissjoni tal-Festa. Attwalment George huwa attiv ma' Aġenzija tal-ivjaġġar.



## Joseph Farrugia (1966 - 1969)

Joseph Farrugia twieled l-Imqabba fl-1926, iben Pawlu u Rosanna *née* Ellul. Attenda l-iskola primarja tal-Gvern sas-*6th Standard*, skola preparatorja għall-eżami tad-dħul fit-Tarzna tal-Armiraljat, fejn beda jaħdem fl-1943. Huwa tħarreġ u ħadem fl-inġinerija mekkanika sal-1958, u kompla jaħdem mas-Servizzi Ingliżi fuq xogħol klerikali sal-1978. Fl-1979 beda jaħdem mal-Gvern bħala skrivan u fl-1987 irtira bl-età fil-grad ta' Executive Officer mal-Università ta' Malta.

Fl-1943 huwa beda jattendi għat-tagħlim tal-mużika fil-Każin Santa Marija u kien idoqq il-vjolin mal-Orkestra Santa Marija. Fl-1946 assoċja ruħu mal-Banda Re Ġorġ V sal-1951. Bejn l-1966 u l-2006 kien membru tal-Kappella Frankie Diacono, fejn kien idoqq il-vjolin.

Bejn l-1947 u l-1951 kien membru tal-Kumitat tas-Soċjetà Santa Marija, rappreżentant tal-Banda Re Ġorġ V fil-Kumitat u Delegat fil-*Malta Band Clubs Association*. Ġie elett membru fl-ewwel Kumitat maħtur wara l-ftehim bejn is-Soċjetà u l-Knisja tal-Imqabba tal-10 t'Ottubru 1960 u maħtur kaxxier tal-Kumitat Festa Santa Marija. Huwa baqa' jokkupa dawn il-karigi sal-1966. Bejn l-1966 u l-1969 ġie maħtur President tas-Soċjetà King George V Band Club.

Joseph Farrugia ikkompona dawn l-innijiet u marċi:

1961 – *Innu lil Santa Marija*
1994 – *Innu lil Marija Assunta*
1995 – Marc – *Lill-Fundatur Ġużeppi Galea*
1997 – Marċ – *Lil Raħal Twelidi*

Huwa ppubblika wkoll għadd ta' profili ta' persuni Mqabbin u diversi artikoli oħra relatati mal-Imqabba u Ħal Qormi.

Joseph Farrugia huwa miżżewweġ lil Margaret *née* Mangion u għandhom tlett itfal.

## Louis Galea (1969 - 1973)

Louis Galea twieled fis-sena 1948, iben il-Fundatur tal-Banda Re Ġorġ V Ġużeppi Galea.

Fis-sena 1966 Louis Galea ġie maħtur bħala President tal-'Students Catholic Guild' fl-Università ta' Malta. Sentejn wara eżattament fis-sena 1968, bħala student kien wieħed mill-organizzaturi ewlenin tal-kampanja 'Djar għall-Maltin'.

Fis-sena 1971, ikkontesta għall-ewwel darba l-Elezzjoni Ġenerali, biss ma kienx ġie elett. Inħatar bħala president tas-Soċjetà fis-sena 1969 fejn dam f'din il-kariga sas-sena 1973. Huwa ġie maħtur bħala wieħed mill-Presidenti Onorarji tas-Soċjetà. Sa mis-sena 1976 Dr. Louis Galea dejjem kien elett fl-Elezzjonijiet Ġenerali u eventwalment serva bħala l-ewwel, Shadow Minister għas-Servizzi Soċjali u Xogħol, wara ġie maħtur Ministru tal-Politika Soċjali fis-sena 1987. Fis-sena 1992 ġie mogħti t-tmexxija tal-Ministeru tal-Intern u Żvilupp Soċjali u fis-sena 1995 Ministru għall-Iżvilupp Soċjali. Bejn l-1998 u l-2003 Louis Galea serva bħala Ministru tal-Edukazzjoni u ħadem favur l-iżvilupp tal-potenzjal tal-Poplu Malti fl-oqsma tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ Kultura u Sport u kien ikopri wkoll l-oqsma tat-taħriġ tul il-ħajja, politika dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija, Libreriji u Arkivji.

Fis-sena 2008, l-Onorevoli Dr. Louis Galea ġie maħtur bħala Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Parlament filwaqt li fis-sena 2010 ġie nnominat sabiex iservi fil-Qrati tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea.



## Charles Sciberras (1973 - 1975)

It-Tabib Carmel M. Sciberras twieled l-Imqabba fit-28 ta' Settembru 1951, iben Giovanni Sciberras u Vincenza née Sciberras.

Ħa l-edukazzjoni primarja fl-iskola tal-Gvern fl-Imqabba u dik



Planning a party?

**PISCOPO'S CASH & CARRY**

can provide you with all your needs

Small pizza, sausage rolls, ice cream, stuffed olives, beers and minerals, juices, Panini, Gateaux, napkins, balloons, disposable plates and much much more!

All items at a discounted price!!

**Triq Erba' Mwieżeb**
**St. Paul's Bay SPB 06**
**Tel: 2157 0265, 2157 0375**

**Digital Arena**

**Computer centre**

Blue Grotto Avenue, Zurrieq
Tel: 21641762 Mob:79707072
e-mail: info@digitalarena.com.mt
**www.digitalarena.com.mt**




***Sales,***
***Repairs,***
***Upgrades***
***& More.....***

**Where Quality Counts**

sekondarja fil-Liċeo l-Ħamrun. Kompla l-istudju tax-Xjenza fil-Junior College tal-Università ta' Malta. Wara, għamel xi żmien jgħallem l-Matematika fil-Kulleġġ Dumnikan St. Albert the Great. Fl-1972 beda l-istudju tal-Mediċina u temm dan l-istudju b'suċċess fl-1977 meta ħa l-lawrija tad-Dottorat fil-Mediċina. Minħabba s-sitwazzjoni prevalenti ta' dak iż-żmien fil-kamp mediku, kellu jmur l-Ingilterra biex ikompli jipprattika l-Mediċina fejn ħadem f'diversi sptarijiet u wara sar Speċjalista fil-Mediċina tal-Familja. Fl-1983 irritorna bil-familja f'Malta u beda jaħdem bħala Tabib fil-Kura Primarja fid-Dipartiment tas-Saħħa u bħala Tabib tal-Familja f'raħal twelidu l-Imqabba kif ukoll l-Qrendi u Ħaż-Żebbuġ, il-post fejn joqgħod. Fl-1992 ingħaqad mal-Korp tal-Pulizija bħala Tabib Ewlieni tal-Korp u llum jokkupa l-grad ta' Supredentent fl-istess Korp.

Sa minn ċkunitu kien attiv ħafna fil-ħajja soċjali Mqabbija u kien membru ta' diversi għaqdiet Imqabbin. Kien ħabrieki ħafna fil-kamp taż-żgħażagħ u kien wieħed miż-żgħażagħ pijunieri li ħabirku ħafna u meddew idejhom biex infetaħ il-Youth Centre.

Sa miż-żogħżija beda jinvolvi ruħu fit-treġija tas-Soċjetà ta' Santa Marija billi daħal fil-Kumitat tal-istess Każin. Fl-1973 inħatar President tal-istess Soċjetà Santa Marija. Wara tliet snin, minħabba raġunijiet ta' studju, irreżenja minn din il-Kariga. Il-bidu tas-snin sebgħin kienu diffiċli ħafna għas-Soċjetà kemm mil-lat lokali kif ukoll minn dak governattiv. Il-President kien biddel l-istruttura tal-fuljett tal-programm tal-Festa billi żied n-numru ta' paġni miktuba. Din kienet xi ħaġa innovattiva li saret għall-ewwel darba fil-festi Maltin kollha. Inbidlet ukoll iz-zokklatura tal-faċċata tal-Każin u nbidel d-drapp tal-Istandard Malti. Sar ukoll ir-restawr tal-armar eżistenti. Iżda l-akbar opra għall-Festa ta' Santa Marija saret proprju fil-Knisja Parrokkjali meta b'ħidma u kooperazzjoni sħiħa mal-Kappillan tkabbru u nbidel il-post ta' fejn jintramaw iż-żewġ linef kbar li jinxtegħlu biss f'Santa Marija. Saru anke l-linef żgħar li wkoll jintramaw biss f'Santa Marija. Ma' dawn żdiedu żewġ linef oħra biex jakkumpanjaw lil dawk li qabel kienu jintramaw fil-kappelluni u li jinxtgħelu fil-festi prinċipali tal-Parroċċa.

Dr. Sciberras baqa' sal-lum attiv fis-Soċjetà u sena wara l-oħra jagħti l-kontribut tiegħu għall-Festa ta' Santa Marija.

Huwa miżżewweġ lil Valerie née Abela Medici, għandu erba' ulied u joqgħod Ħaż-Żebbuġ.

## Joseph Ghigo (1975 - 1977)

Is-Sur Ġużepp Ghigo ilu midħla tal-każin sa mill-1935. Dik is-sena saret festa ad unur l-għeluq il-25 sena tar-Re Ġorġ V fuq it-tron tal-Ingilterra. Kienu saru festi kbar. Il-każin kien armat bil-bandalori mal-pilastri. Ġużepp qatt qabel ma kien ra dawk l-affarijiet u allura kienu dawn li ressquh pass pass lejn il-każin, u l-impressjoni baqgħet f'moħħu.

Ġużepp kien dilettant kbir tal-logħob tan-nar tal-art, u moħħu kien dejjem għaddej, jaħseb kif jista' joħloq xi ħaġa ġdida, u li tkun l-ewwel ġol-Imqabba, u kif ukoll forsi ġo Malta. Kien xogħol li jirrikjedi ħafna ħsieb. Żewġ innovazzjonijiet li ħarġu mingħand Ġużepp kien proprju l-*universal joint* kif ukoll il-famuż arloġġ replika ta' dak tal-Knisja parrokkjali li kien saħansitra jdoqq it-tokki.

Il-ġibda għall-każin u għall-festa kienu l-kaġun li ta ruħu u saħħtu għal dak l-iskop. L-ewwel kien gie elett bħala segretarju u saħansitra wara bħala President tas-Soċjetà bejn is-snin 1975 u 1977, għax il-partitarji kienu jaraw fih bniedem ħabrieki, onest u patrijott kbir lejn il-każin.

Ġużepp Ghigo flimkien ma' ħutu Kola u l-mibki Dun Karm huma benefatturi tas-Soċjetà. Fis-snin tmenin għaddew biċċa art lis-Soċjetà fejn illum jinsab wieħed mill-imħażen.

## Leonard Farrugia (1983 - 1984)

Leonard Farrugia bla dubju jibqa' mfakkar fi ħdan is-Soċjetà tagħna bħala wieħed mill-pijunieri ewlenin li ħadem bla heda sabiex is-Soċjetà tagħna tibqa miexja 'l quddiem fil-qasam mużikali. Nardu, kif kien l-aktar magħruf magħna, serva bħala bandist tista' tgħid sa mill-ewwel snin tal-banda, u baqa' sa ftit żmien qabel ħalliena. Żgur li Nardu ma waqafx idoqq għax ried hu. Ċertament kienet saħħtu li waqqfitu. Dan kienet tixhdu l-bixra mdejqa ta' wiċċu kull meta kien jisma' l-banda waqt il-kunċert u hu ma setax idoqq. Nardu kien ukoll Assistent Surmast tal-Banda Re Ġorġ V, u mexxa għal ħafna snin





# COMPUTER BARGAINS

**Computer Systems**
**Laptops • Upgrades**
**Repairs • Accessories**
**Peripherals & Networking**

***Andrè Cassar*** *( Director)*

**Triq tal-Maħżnier, Luqa LQA 04 - Malta**
**Tel/Fax: 21667999 • Mob: 9945 3187 • E-mail: compbargains@onvol.net**
**Opening Hours: Mon to Sat: 9.00am - 1.00pm • Mon to Fri: 4.00pm - 7.00pm**





# Dolceria Croce Bonaci

We are the originals

Over 100 years Experience
*(Prop. Charles Bonaci)*

**Dolceria:**
32, St. Ursula Street,
Valletta
Tel/Fax: 2122 5924

**Shop:**
24D, St. John Street,
Valletta.
Tel: 2124 7933

l-iskola tal-mużika tas-Soċjetà tagħna.

Leonard, jew aħjar kif l-aktar konna nafuh, Nardu, twieled nhar is-26 ta' Lulju 1931 u kien iben Joseph u Marija Reġina, xebba Scicluna. Iżżewweġ lil martu Mansi nhar is-6 ta' Novembru 1956. Kellhom erbat itfal: Joseph, Gina, Mario u Susan. Ħadem għal aktar minn 30 sena mad-Dipartiment tal-Posta. Kien raġel iddedikat ferm lejn il-familja tant li kien lest jagħmel kull sagrifiċċju meħtieġ. Wara ġurnata xogħol il-Posta kont tarah jibqa' sejjer ikompli jaħdem xi xogħol fil-ġebel u mbagħad filgħaxija jmur idoqq f'xi tieġ.

Tgħallem idoqq il-Kurunetta fil-Ħamrun għand Mro. Twanny Chircop, li jiġi ħu t-tenur ta' fama mondjali, Oreste. Matul il-karriera mużikali tiegħu tista' tgħid li daqq mal-baned kollha Maltin. Kien ukoll imfittex biex idoqq mal-orkestra fil-knejjes. Fil-Ġimgħa l-Kbira, ġeneralment kien idoqq ġewwa Ħal-Għaxaq u ż-Żejtun. Jiem ta' impenn mużikali għal Nardu kienu jkunu żgur dawk tal-Karnival. Allegra wkoll ħafna nies waqt għadd ta' tiġijiet, flimkien mal-orkestri ta' Jimmy Dowling u Julio Tanti. Però l-aktar għal qalb Nardu kienet bla dubju l-Banda Re Ġorġ V u warajha l-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, fejn għamel ħafna snin idoqq Kurunetta Solista. Il-mużika kien jeħodha b' serjetà kbira. Daqq saħansitra barra minn Malta, ġewwa l-Awstralja fost l-emigranti Maltin. L-arti u l-mużika kienu ġo qalb Nardu.

Fi ħdan is-Soċjetà tista' tgħid involva ruħu f'kull qasam. Kien fil-kumitat fejn serva anke bħala President u aktar tard President Onorarju. Fiż-żogħżija tiegħu kien membru tal-għaqda tan-nar. Kien ukoll jagħmel parti attiva mal-grupp tejatrali Aurora. Min jaf kemm daqq il-kurunetta waqt it-teatrin u min jaf kemm organizza kompetizzjonijiet tal-kant ġewwa s-sala prinċipali tal-każin.

Però l-aktar ħaġa għal qalbu fis-Soċjetà kienet bla dubju l-Banda: it-tieni familja tiegħu kienet tista' tgħid li hi l-Banda. Nardu regolarment kien jisħaq li: "Il-Każin huwa tal-Banda. Għalhekk fil-Każin il-mużika għandu jkollha l-ewwel prijorità. Il-Banda għandha tkun is-Sinsla tas-Soċjetà". Nardu sal-aħħar mumenti ta' ħajtu kien jemmen li: "Jekk għandek għal qalbek il-ġid tas-Soċjetà ridt tibni pedament sod għall-Banda, permezz tat-tagħlim kontinwu u r-rispett tal-bandisti tal-post". Kien spiss jgħid: "Daqs kemm iħoss bandist tal-post għall-banda tiegħu, ma jista' jħoss l-ebda bandist iehor li jkun qed jiġi maqlugħ bil-flus". Nardu kien jaf dan mill-esperjenza tiegħu mal-Baned. Bandist tal-post mgħallem sew mużikalment iżda li jkollu fil-vini tiegħu jiġri d-demm ta' Mqabbi ġej minn familja li dejjem kienet qrib il-każin u l-festa ta' Santa Marija tagħmel id-differenza kollha. Nardu dejjem saħaq li l-Banda tkun mibnija madwar l-element Imqabbi. Fit-trufijiet dejjem ried li jkun hemm Bandisti Mqabbin !!

Nardu ħadem ħafna biex il-banda tibqa' ħajja b'mod speċjali wara li ħafna mill-bandisti emigraw fis-snin sittin. Kien jemmen ħafna fit-tagħlim u nistgħu ngħidu li fis-Soċjetà żera ċertu mħabba u fl-istess ħin dixxiplina sabiex dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Banda jittieħed bl-akbar serjetà. Minbarra dan, kellu wkoll pinna mużikali tajba u l-melodiji li kien juża fil-marċi li kkompona kienu tiegħu biss! Jekk l-Innu Marċ "Marija Assunta" huwa t-timbru ta' Nardu bħala kompożitur tal-Marċi tal-widna, il-Marċ Funebri tiegħu "Tislima" juri s-sensittività mużikali kbira li kellu.

Nardu baqa' jħobb il-Banda sal-aħħar nifs ta' ħajtu. Minħabba saħħtu kellu kontra qalbu jieqaf idoqq. Però xorta waħda baqa' jinżel il-każin għall-kunċert. Ma kienx joqgħod mingħajr ma' jara kif inhi sejra l-banda. Kien ħa gost ħafna meta sar jaf li l-banda kienet ser issiefer l-Italja. Ma kellux ix-xorti li jakkumpanjana l-Italja għax miet ftit xhur biss qabel morna ndoqqu l-Italja. Kien ikun żgur sodisfazzjon kbir għal Nardu kieku kellu jara l-Banda tagħmel dak is-suċċess kbir Internazzjonali f'Lulju tal-1996. Min jaf kemm kien jifraħ, u bir-raġun jitkabbar, li kieku fl-1998 kien għadu magħna meta primarjament bis-saħħa tal-Banda li hu tant ħabb, is-Soċjetà tagħna kisbet l-unur prestiġġjuż u uniku, Les Etoiles d'Or du Jumelage. Mhux ta' b'xejn li t-tifkiriet ta' dan l-unur illum jinsabu ġewwa l-Każin fis-Sala tal-Kunċerti tal-Banda, merfugħa ħdejn il-Kurunetta li Nardu daqq għal ħafna snin mal-Banda Re Ġorġ V.

Ħajr għall-informazzjoni: Sinjura Mansi Farrugia (mart Nardu) kif ukoll Inġ. Mro. Anthony Camilleri.

## Joseph Sciberras (1984 - 1985)

Is-Sur Joseph Sciberras twieled l-Imqabba nhar il-5 ta' Awwissu 1948, iben Giovanni Sciberras u Vincenza Sciberras.

Ħa l-edukazzjoni primarja fl-iskola primarja tal-Imqabba u dik sekondarja fil-Kulleġġ De La Salle, Kottonera. Kompla jistudja s-sengħa ta' mekkanik u daħal jaħdem fis-settur privat mal-Kumpanija Malta Rubber (Dowty) bħala Maintenance Mechanic. Fl-1976 ingħaqad fil-Korp tal-Pulizija u laħaq il-grad ta' Surġent. Għamel xi żmien jaħdem bħala self-employed f'diversi setturi u wara



# Nick's Agriculture

## Supplier of Agricultural and Gardening Products + Others

• Plant Protection Products •
• Fertilizers •
• Irrigation Fittings • Pots •
• Peat and Potting Compost •
• Drip Irrigation Systems •
• Pet Foods and Other •

**Mons. Mikiel Azzopardi Street,**
**Siġġiewi**
**Tel: 2146 5869**

reġa' ngħaqad mal-Korp. Fl-1994 reġa' beda jaħdem speċjalment bħala stallatur tad-dawl u ilma. Illum huwa pensjonant.

Il-Festa minn dejjem kienet għal qalbu, tant li għamel xi żmien jaħdem fid-delizzju tan-nar. Is-sehem tiegħu fil-festa baqa' dejjem jikber sabiex fl-1984 sar President tas-Soċjetà. Kellu viżjoni twila tant li għalkemm kellu ħafna oppożizzjoni minn xi partitarji, irnexxielu jaqta' d-drawwa tal-ħruq tas-sfafar u gassijiet li kienu jsiru fil-marċi brijużi. B'hekk il-Banda kellha ħafna aktar sehem f'dawn il-marċi. Din kienet ukoll xi ħaġa ġdida għall-Festi Maltin u li nbdiet mis-Soċjetà tagħna - ferm qabel ma ttieħdet l-istess deċiżjoni mill-awtorijiet governattivi. Ħa ħsieb li jkabbar il-programm tal-festa billi fl-1984 inħareġ għall-ewwel darba f'forma ta' ktieb. Sar ukoll ir-rifornimenti tal-bar kif ukoll saret iz-zokklatura tal-irħam fl-entrata tal-Każin.

Baqa' jipparteċipa fil-ħidma tas-Soċjetà billi għal bosta drabi kien membru attiv f'diversi Kumitati Ċentrali.

Huwa miżżewweġ lil Ġorġina née Camilleri u għandu tlett itfal u joqgħod l-Imqabba.

## Joseph Farrugia (1985 - 1990)

Is-Sur Joe Farrugia magħuf bħala l-Farell twieled iż-Żurrieq fis-26 t'Ottubru 1956. għex għal diversi snin l-Imqabba u llum il-ġurnata joqgħod f'Ħal Tarxien. Sa minn età żgħira beda jaħdem fin-negozju, f'liema qasam illum għandu esperjenza kbira.

Is-Sur Joe Farrugia hu bniedem sportiv ħafna u sa minn ċkunitu kien attiv fil-futbol, fejn lagħab ma' Mqabba F.C. u aktar tard ma' Ħamrun Spartans u St. Patrick F.C. Fil-karriera sportiva tiegħu, Joe Farrugia ċċelebra mumenti sbieħ ma' sħabu tat-tim, fosthom promozzjonijiet u esperjenza ma tintesiex meta Mqabba F.C. rnexxielhom jitilgħu mit-tielet diviżjoni għall-Premier bi 43 logħba mhix megħluba.



Wara l-esperjenzi tiegħu bħala pleyer, Joe Farrugia beda jinvolvi ruħu fil-festi, b'kollaborazzjoni mal-każini tal-banda li dejjem sabu l-għajnuna tiegħu. Joe kien ukoll inħatar President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba fis-sena 1985. Dam jokkupa din il-kariga sas-sena 1990. Joe kien ukoll involut f'diversi għaqdiet oħra b'mod regolari.

Joe Farrugia huwa miżżewweġ lil Nicolina u għandu tlett ulied, Philip, David u Annette. Sa minn età iżgħar Joe kellu wkoll interess fil-politika. Kien fis-snin disgħin meta ġie mħajjar sabiex joħroġ għall-politika mal-Partit Laburista. Fis-sena 1996 kien elett Membru Parlamentari u kien jifforma parti minn Gvern Laburista. Għal numru ta' snin, Joe kien ukoll kontributur regolari fuq il-ġurnali lokali.

## Carmel Zahra (1990 - )

Is-Sur Carmel Zahra twieled l-Imqabba nhar is-26 ta' Ottubru, iben Joseph Zahra u M'Grace née Zammit.

Ħa l-edukazzjoni primarja fl-iskola primarja tal-Imqabba u dik sekondarja fit-Technical Institute Paola. Minn età żgħira beda jaħdem fl-industrija tal-ġebel, l-ewwel bħala impjegat ma' missieru u wara bħala self-employed fl-istess industrija tiegħu. Fl-1984 għamel xi żmien qasir jaħdem bix-xarabank, sabiex wara sar importatur tal-inġenji użati kif ukoll daħal fl-industrija tal-bini u artijiet. Fl-1998 sar Direttur Maniġerjali tas-sala tat-tiġijiet Palazzo Nobile u llum huwa pensjonant.

Minn żogħżitu kellu ħerqa kbira għall-Festa u wara xi żmien jgħin fid-delizzju tan-nar, xtaq li jkollu ħidma aktar diretta fis-Soċjetà. Għalhekk fl-1986 sar membru fil-Kumitat Ċentrali u bejn l-1988 ul-1990 okkupa l-kariga ta' Segretarju tas-Soċjetà. Fl-1990 nħatar bħala President u żgur li qatt ma għaddielu minn moħħu li din il-kariga kienet ser tkun waħda dejjiema. Tant li sal-lum għadu jokkupa din l-kariga mingħajr ebda interruzzjoni.

Għandu esperjenza kbira fil-bini u għalhekk żgur li ma jistax jonqos li l-Presidenza tiegħu ma tkunx karatterizzata minn programm sħiħ ta' tibdil strutturali fil-Sede tas-Soċjetà kif ukoll embelliment tal-istess Każin. Saru ħafna proġetti, fosthom it-tibdil tat-taraġ ewlieni biex dan sar tal-granit, il-bini tat-tieni maħżen u s-sala ta' fuqu, ir-restawr tas-Sala Prinċipali u t-twettiq tal-proġett tal-pitturi varji u maestużi li jsebbħu lil din is-sala – il-Konvoj, Maria Regina, l-Arti u oħrajn. Ingħata l-bidu għall-bini tal-planċier u saru diversi tkabbir tal-armar u statwi ġodda li jkomplu jkabbru u jsebbħu l-Festa ta' Santa Marija. Impossibbli li ssemmi kull ma sar matul dawn l-għoxrin sena. Imma l-akbar monument li ser jitħalla huwa l-estensjoni tal-Każin, ħolma li ilha tberren fil-moħħ tal-



*Panel Beating • Spray Painting*

**Lawrence Grixti**

# DEMSWEET

**Garage**

Sejba Road, Mqabba

Mob: 9945 5636

Tel: 2164 2992

GRAF FAI Auto Parts

**do not waste your time going around stop at**

QH

WÜRTH

Gates

# MAŻINI

**AUTOPARTS & ACCESSORIES**

Valeo

ICER

Japanparts

FERODO AISIN MONROE

**where you will find**

**everything under one roof**

*More brands available...*

Qrendi Road, Żurrieq (Ħdejn l-Armerija) ZRQ 04. Tel / Fax: 21 642465

President u li din is-sena ser issir realtà, proprju rigal sabiħ għall-Festi Ċentinarji.

Saru diversi żjarat minn ħafna personalitajiet distinti fosthom Presidenti ta' Malta, Prim Ministri u Politikanti distinti, Arċisqfijiet ta' Malta u Isqfijiet oħra, Ambaxxaturi u nies oħra prominenti fil-ħajja Maltija kif ukoll barranija. Kien hemm ukoll laqgħat mal-Familja Rjali Ingliża. Avveniment importanti kien il-ġemellaġġ li sar mal-Corpo Bandistico ta' Santa Vittoria in Matenano ta' Ascoli Piceno, l-Italja, li wassal għar-rebħ tal-Unur prestiġġjuż ta' Les Etoilles d'Or du Jumelage. Fis-sena 2007 il-Banda Re Ġorġ V kellha x-xorti li ddoqq għall-ewwel darba ġewwa s-sala Nervi quddiem udjenza mal-Papa Benedittu XVI.

Twieldu diversi fergħat fis-Soċjetà, fosthom il-Fergħa tan-Nisa, is-Sezzjoni Żgħażagħ, l-Għaqda tal-Armar. Tkabbret l-Għaqda tan-Nar. Dan kollu wassal għal diversi rebħ ta' Unuri minn dawn l-għaqdiet diversi, kemm fuq livell Nazzjonali kif ukoll dak Internazzjonali. Dan kollu kien strumentali biex is-Soċjetà Santa Marija tpoġġiet fi klassi ta' Soċjetajiet kbar Maltin.

Huwa miżżeweġ lil Mary née Sciberras, għandu tlett itfal joqgħod fil-limiti tas-Siġġiewi.

# Is-Sena taċ-Ċentinarju 1910 - 2010




# Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V

## ... l-Ewwel Soċjetà Mużikali fl-Imqabba



# PRIVATE TUITION

English

Matsec Intermediate – May 2011

Contact 27015559 / 99436806



MED LENS
OPTICAL CLINIC

Sliema Road, Gżira GZR 1635
Tel: 2131 5730

5, New Street, Luqa LQA 1559
Tel: 2167 3238

**EYE SPECIALIST IN ATTENDANCE**

Beretta SPORT

fcuk vision

Montana CLAUDE MONTANA

GIVENCHY PARIS

ANTOINE BOURGEOIS PARIS

**OPTICIANS SUNGLASSES CONTACT LENSES SPECTACLES**

***We supply full range of contact lenses, tinting and anti-reflective coats, hard coating to reduce scratching, photochromatic lenses & Bifocals.***



**High - Scorers: The Shooter's answer to better vision**



**Latest fashion spectacle frames**






Nispeċjalizzaw fil-Pasta, Steaks, Chickens u anke laħam taż-żiemel

# BAR & RESTAURANT

*St. Thomas Road, Luqa*
*Tel: 2180 0243*

Inservu kull kwalità ta'ikel bi prezzijiet moderati.



## 50 Sena ilu ...

# Il-Universal Joint

## Rivoluzzjoni fil-logħob tan-Nar tal-Art

Kitba tas-Sur Antoine Sciberras

L-Imqabba sa minn dejjem kienet magħrufa madwar il-gżejjer Maltin għal-logħob tan-nar kemm dak tal-ajru kif ukoll tal-art magħruf aktar bħala ġiġġifogu. Filfatt huma diversi x-xogħol tan-nar li jafu l-oriġini tagħhom lir-raħal ta-Imqabba. Illum ser insemmu biss invenzjoni li saret fis-sena 1960 mis-Sur Ġużepp Ghigo magħruf magħna bħala n-'Naqxi'. Sas-sena 1959 il-logħob tan-nar tal-art kien jikkonsisti biss fi ċrieki li jiffurmaw disinni permezz ta' gassijiet u funtani tal-kulur. Kien fil-festa ta' Santa Marija tal-Imqabba tas-sena 1960 meta saret l-ewwel raddiena li kienet tikkonsisti f'sitt ċrieki fuq id-dawra ta' barra u sitt pastizzi fuq ġewwa li permezz tal-*universal joint* daru flimkien u ffurmaw disinni li qatt qabel ma kienu dehru f'Malta.



L-ewwel xogħol ta' nar tal-art maħdum bil-universal joint li saret ġewwa Malta mis-Sur Ġużepp Ghigo fis-sena 1960.

Minn dak iż-żmien '1 hawn is-sengħa f'dan is-settur kompliet tikber ma' Malta kollha. Nistgħu nghidu li dan ix-xogħol ħoloq rivoluzzjoni sħiħa f'dan il-qasam għaliex permezz tal-*universal joint* bdew isiru diversi disinni ġodda u varji li għadna naraw sal-ġurnata tal-lum fil-festi Maltin.

*Il-Kumitat Eżekuttiv jirringrazzja lill-membri kollha tal-Għaqda tan-nar Santa Marija.*









Now on!
SALE

JB
DEPARTMENT
STORES

Open all day!
Iklin - Fgura - Hamrun
T: 23314301/3 W:www.jbstores.com

# Xbihat tal-Assunta fil-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ, Għawdex

informazzjoni miġbura mis-Sur Mario Fenech

Il-Knisja Arċipretali tal-Assunta tar-raħal taż-Żebbuġ, Għawdex hija waħda unika fil-gżejjer Maltin. Dan għall-fatt li din il-Knisja hija miksija b'irħam fin imsejjaħ 'onice' li ġie misjub kollu mil-limiti ta' din l-istess parroċċa. Minbarra l-ħitan miksija b'dan it-tip ta' rħam, fil-Knisja hemm ukoll l-Altar Mejda, l-Battisteru, is-Sedji, Konfessinarji, urni u razzi li bosta minnhom ġew maħduma mill-marmista Ronnie Pisani minn dan it-tip ta' rħam. Ma' dawn l-opri mhux tas-soltu fl-istess Knisja hemm il-kwadru titulari ta' fuq l-altar tal-kor u l-istatwa titulari tal-Assunta.

Fil-kwadru titulari li sar minn artist mhux magħruf, naraw ix-xbieha tal-Madonna qiegħda tiġi nkurunata mit-Trinità Qaddisa.



Il-Kwadru Titulari li kien sar fi żmien il-Kappillan Dun Franġisk Vella.

Il-figura tal-Madonna narawha għarkuprejha fuq sħab abjad imdawwar minn numru ta' anġli li qegħdin iwasslu lill-Madonna lejn is-sema. Il-ħarsa fuq wiċċ il-Madonna hija waħa ta' serenità, ħlewwa u qdusija. Xi ftit inferjuri f'dik li hija espressjoni, l-uċuħ tal-Missier u l-Iben li qed iżommu l-kuruna ftit 'il fuq minn ras il-Madonna.

Fil-parti ta' fuq tal-kwadru l-Ispirtu s-Santu fil-forma ta' ħamiema bajda. Fil-parti t'isfel tal-kwadru erba' anġli żgħar jerfgħu il-kuruna tal-fjuri, simbolu tat-tifħir li jixraq għal din ix-xena fejn il-Madonna tidħer dieħla fis-sema.

Il-kwadru kien sar fi żmien il-Kappillan Dun Franġisk Vella li għex bejn is-sena 1869 u s-sena 1744. Kien mexxa l-parroċċa bejn is-sena 1689 u s-sena 1743. Ġie solennement inkurunat b'kuruna tad-deheb mill-Isqof t'Għawdex Mons. Nikol Cauchi nhar it-18 t'Awwissu tas-sena 1980. Madwar ras il-figura tal-Madonna tpoġġew ukoll tnax-il stilla tad-deheb. Kemm il-kuruna kif ukoll dan l-istellarju nġabru minn fost il-poplu tar-raħal bil-ħidma tal-Arċipriet Dun Alwiġ Vella.

L-istatwa titulari tal-Assunta kienet inġiebet minn Marsilja fi Franza mingħand id-ditta 'Gallard Est Fils' fis-sena 1863. Hadem biex inġiebet din l-istatwa fir-raħal, il-Kappillan Dun Ġwann Camilleri li kien mexxa din il-parroċċa għal sentejn biss, bejn is-sena 1863 u s-sena 1865. Din kienet l-ewwel statwa titulari li nġiebet mingħand din id-ditta u tant kienet intgħoġbot li wara kienu ġew ordnati diversi statwi titulari għall-knejjes oħrajn f'Għawdex.

Il-poplu tar-raħal taż-Żebbuġ għandu wisq għal qalbu dawn iż-żewġ opri, tant li kull sena fl-ewwel Ħadd ta' fuq il-15 t'Awwissu ssir festa xierqa f'ġieħ Marija Assunta. Matul il-jiem tal-festa wieħed ikun jista' jżur ir-raħal taż-Żebbuġ u jammira dawn iż-żewġ opri sagri li jżejnu lil din il-Knisja flimkien ma' opri oħra li saru matul is-snin kollha li ilha mwaqqfa din il-parroċċa taħt il-ħarsien tal-Assunta.



L-Istatwa Titulari tal-Assunta meqjuma ġewwa ż-Żebbuġ, Għawdex.

# Trafficstone..
## ..for kitchen tops



Does not stain
Heat & scratch resistant
Available in many colours
Modern, stylish

Only available at:

FRANCESCO FENECH
MOSTA - 2143 4555

## 2000 – 2010

# Mqabba F.C. Youth Nursery

### 10 Snin ta' ħidma – 'For the Good of The Young'

jikteb is-Sur Gilbert Camilleri
Segretarju

Nibda billi f'isem il-kumitat tal-Mqabba F.C. Youth Nursery nirringrazzja lill-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Santa Marija kif ukoll lill-Bord Editorjali ta' dan il-programm talli għoġobhom jagħtuna din il-paġna sabiex inkomplunwasslul-messaġġtagħna, propju fil-programm tas-sena li fiha s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V qiegħda tiċċelebra l-mitt sena mit-twaqqf tagħha. Nieħu din l-opportunità sabiex f'isem il-Kumitat tal-Mqabba F.C. Youth Nursery nirrikonoxxi l-ħidma li s-Soċjetà Santa Marija għamlet matul dawn is-snin u l-kontribut li tagħat lejn il-kultura u l-identità ta' dan ir-raħal tant għażiż għalina.

Għall-Mqabba F.C. Youth Nursery,is-sena2010hijawkollsena memorabbli għaliex fiha, qiegħdin niċċelebraw l-għaxar anniversarju min meta s-Sur Joe Farruġia avviċina lil Head Coach preżenti, is-Sur Mark Bondin u għarfu bil-ħsieb li tiġi iffurmata l-Mqabba F.C. Youth Nursery. Is-Sur Bondin irnexxilu jgħaqqad grupp ta' 20 tifel kollha mill-Imqabba u beda jħarriġhom il-logħba sabiħa tal-futbol. Għalkemm dan il-bidu ma kienx faċli is-Sur Bondin emmen li dan il-grupp seta' jikber u jwassal sabiex ir-raħal tagħna jkollu football nursery li sservi ta' mudell għal-diversi nurseries oħrajn. Il-persevaranza tas-Sur Bondin ħalliet il-frott mistenni u llum, għaxar snin wara, l-Mqabba F.C.Youth Nusery tħarreġ 150 tifel u żagħżugħ mill-Imqabba u rħula oħra. L-etajiet ta' dawn it-tfal u żgħażagħ ivarjaw min 4 snin sa 19-il sena. Dan jirrikjedi qafas organizzattiv sabiex jiġi organizzat kemm it-taħrig kif ukoll il-partiti kompetittivi li n-Nursery tipparteċipa fihom. It-tfal u ż-żgħażagħ huma mqassma f'kategoriji varji uħud minnhom stabbiliti mill-UEFA u kull kategorija għandha l-kowċ rispettiv tagħha, taħt is-superviżjoni tal-*Head Coach*, is-Sur Mark Bondin. Dan l-impenn mil-lat tekniku matul l-istaġun li għadda ħalla r-riżultati mixtieqa meta l-goalkeeper tal-Under 17 tan-nursery, Brandon Debono, fl-età ta' 15-il sena, għamel id-debutt mat-tim tal-kbar tal-Mqabba F.C. fir-rebħa ta' 1-0 kontra Balzan Youths nhar it-Tnejn 3 ta' Mejju 2010. Dan jixhed il-qabża li saret f'dawn l-għaxar snin fuq livell tekniku.

Biss, matul dawn is-snin in-Nursery ma kibritx biss fuq livell tekniku iżda wkoll mil-lat amministrattiv. In-Nursery hija mmexxija minn Kumitat ħabrieki li jaħdem bla waqfien sabiex jassigura



Dehra ġenerali tal-grawnds sintetiċi tal-Imqabba F.C.




Nhar l-24 ta' Jannar 2010 l-E.T. President ta' Malta Dr. George Abela għamel żjara lill-Mqabba F.C. Y.N.




Ritratt ta' tifkira fil-ftuħ tal-istaġun 2009/2010.



Pasta Night organizzata ġewwa s-sala tal-Iskola tal-Imqabba.

li l-operat tan-Nursery isostni l-attivitajiet u l-parteċipazjoni tan-Nursery f'avvenimenti u laqgħat organizzati mill-*Youth Football Association(YFA)* u l-*Malta Football Association* (MFA) li magħhom in-Nursery hija affiljata. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil dawk li qiegħdin iservu fil-Kumitat preżenti kif ukoll lil dawk kollha li tul dawn l-għaxar snin servew fil-Kumitat tan-Nursery jew taw kontribut lejn din l-organizzazzjoni tant għażiża għalina. Il-ħidma ta' dawn in-nies kollha ssarfet f'numru sabiħ ta' tfal u żgħażagħ li jattendu għat-taħriġ man-Nursery kif ukoll għall-immodernizzar tal-faċilitajiet tan-Nursery fejn ġie nstallat turf sintetiku fil-grawnd ewlieni u ġew mibnija kmamar ġodda li llum qiegħdin iservu bħala *Dressing Rooms, Equipment Room* u Uffiċċju għall-amministrazzjoni. Iżda sabiex nagħmlu din is-sena iktar memorabbli kif ukoll sabiex intejbu l-kommunikazzjoni ma' dawk kollha interessati fin-Nursery saret websajt li fiha wieħed isib l-informazzjoni kollha relatata mal-Mqabba F.C. Youth Nursery. L-indirizz ta' din il-websajt huwa *www.mqabbafcyn.org*.

Apparti l-aspetti tekniċi u amministrattivi, il-kumitat irrikonoxxa r-responsibbilità li n-Nursery għandha lejn it-tfal, il-ġenituri kif ukoll lejn il-komunità li tagħmel parti minnha. Għal dan il-għan ġie ffurmat is-sotto-kumitat tal-ġenituri li hu kkordinat mis-segretarju tan-Nursery. L-għan ta' dan il-kumitat huwa li jassigura li jkun hemm kuntatt kontiwu bejn il-ġenituri u l-kumitat amministrattiv, kif ukoll sabiex jorganizza attivitajiet soċjali u kommunitarji. Matul l-aħħar staġun dan is-sotto-kumitat organizza diversi attivitajiet bħal *Pasta Night*, *Barbecues*, il-*Party* tal-Milied tat-tfal, kif ukoll ġew organizzati *football festivals* li l-għan aħħari tagħhom kien li jinġabru fondi għall-*Malta Community Chest Fund*. Dawn il-fondi ġew ippreżentati lill-E.T. il-President ta' Malta Dr George Abela waqt iż-żjara li għamel ġewwa l-grawnds tan-Nursery fl-okkażjoni taż-żjara tiegħu fl-Imqabba nhar il-Ħadd 24 ta' Jannar 2010. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika kif ukoll lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba talli għamlu din iż-żjara possibli. Attività oħra bi skop komunitarju kienet il-parteċipazzjoni tan-Nursery fil-maratona tal-futbol, sabiex jinġabru fondi b'risq *Puttinu Cares*, li saret nhar il-Ħadd 25 t'April 2010 ġewwa l-Marsa *Sports Grounds*. In-Nursery ipparteċipat bil-kategoriji kollha fejn kien hemm atmosfera sabiħa li ħarġet il-karatteristika tan-Nursery bħala familja waħda.

Iżda kull suċċess ikun inutli




L-Imqabba F.C. Y.N. tieħu sehem fl-attivitajiet b'risq Puttinu Cares.



L-ewwel training camp li ġie organizzat ġewwa Ta' Qali.



Brandon Debono, goalkeeper tal-U17 li għamel id-debutt tiegħu mal-Mqabba F.C. nhar it-3 ta' Mejju 2010.

jekk ma jibqax sostenut. Għalhekk fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju hekk importanti għan-Nursery ser jiġu organizzati diversi attivitajiet sabiex inkomplu nfakkru dan it-tragward memorabbli. Fix-xhur tas-sajf ġiet organizzata it-*3 in One Summer School* fejn tfal subien u bniet attendew għal sessjonijiet ta' taħriġ u eżerċizzju fiżiku intenzjonati sabiex inħajru iktar t-tfal lejn il-logħba sabiħa tal-futbol kif ukoll lejn l-isport inġenerali. Permezz ta' din is-*Summer School* ħabbarna il-motto il-ġdid tan-Nursery li huwa *FOR THE GOOD OF THE YOUNG*. Iżda sal-aħħar tal-2010 hemm ippjanati attivitajiet oħrajn intenzjonati li jkomplu jfakkru dan l-anniversarju memorabbli. Fost dawn l-attivitajiet hemm: *Football Festivals* f'Ottubru kif ukoll riċeviment f'Diċembru. Dawn l-attivitajiet ser ikomplu jikkumplimentaw il-ħidma tan-Nursery li ġimgħa wara ġimgħa, matul l-istaġun li ġej, ser tipprovdi sessjoniijiet ta' taħriġ għal 150 tifel u tifla f'ambjent edukattiv, sigur u divertenti fejn l-iżvilupp komplet tat-tfal huwa l-ewwel priorità. Sadanittant il-Kumitat jixtieq javża li qiegħdin jintlaqaw applikazzjonijiet mingħand il-ġenituri li jixtiequ jiktbu lit-tfal tagħhom sabiex jattendu it-taħrig fl-istaġun 2010-2011. Għal aktar infomrazzjoni tistaw tikkuntatjaw lill-Head Coach is-sur Mark Bondin fuq 79051404 jew fuq *headcoach@mqabbafcyn.org*.

Aktar informazzjoni fuq in-nursery tista' tinkiseb min fuq il-websajt *www.mqabbafcyn.org* jew permezz ta' email fuq *info@mqabbafcyn.org*.

Fl-aħħarnett nieħu din l-opportunità sabiex nawgura lill-Imqabbin kollha l-Festa t-tajba sabiex flimkien ingawdu dawn il-ġranet tas-sena li huma tant mistennija.

MQABBA F.C. 1957

*Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tirringrazzja u turi l-apprezzament tagħha lejn il-kumitat u l-istaff tekniku kollu ta' Mqabba Football Club Youth Nursery għax-xogħol siewi li qed tagħmel mat-tfal u ż-żgħażagħ tar-raħal tagħna.*

Mqabba FC Youth Nursery tixtieq tavża li qiegħda tilqa' l-applikazzjonijiet mingħand il-ġenituri ta' tfal li huma mħajra li jingħaqdu man-nursery tagħna. Qegħdin naċċettaw tfal minn ħames snin (5) 'il fuq. Min hu interessat jista' jikkuntattja lis-Sur Mark Bondin fuq in-numru 7905 1404. L-applikazzjonijiet jibqgħu jintlaqgħu matul l-istaġun kollu.

**Għal dawn l-aħħar snin, Mqabba FC Youth Nursery qiegħda tgawdi minn faċilitajiet ġodda fosthom grawnd sintetiku li jifforma parti mill-kumpless ta' Mqabba Football Club.**

TROCADERO
Pastizzeria & Confectionery

Tel: 2164 7233

**Triq San Bażilju,**
**Mqabba**
*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna ukoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**

POWER WAGON GARAGE

**V.R.T. Station**
Triq ta' Kandja, Siġġiewi
***Victor Attard***

*Tel: 2146 6111 Tel/Fax: 2146 2635*
*Mobile: 9949 8736*

Primavera caterers

***CATERERS FOR ALL OCCASIONS***

*SCHOOL STREET, TARXIEN*
*TEL: 2182 6226, 2167 7098 FAX: 2167 6891*



## 100 sena minn mindu George Saxe-Coburg und Gotha inħatar re tal-Imperu Britanniku

# Ir-Re Ġorġ V tal-Ingilterra

Dun Jonathan Farrugia

### Minn isimijiet Maltin għal ismijiet Ingliżi

Din is-sena s-Soċjetà tagħna qed tfakkar l-ewwel ċentinarju minn mindu nbidel l-isem tal-eqdem każin fl-Imqabba bi storja kontinwa marbuta mal-festa tal-patruna tar-raħal tagħna – minn *Circolo Santa Maria* (li kien każin miftuħ għal kulħadd bla distinzjoni ta' partiti) għal *Circolo Giorgio V*[1] (li 'l quddiem beda jkollu sehem attiv fil-manifestazzjoni esterna tal-festa titulari). Ir-raġuni ewlenija għalfejn inbidel l-isem kien għax fl-1910 miet ir-re Edward VII tal-Ingilterra u l-Imperu Brittanniku u floku nħatar ibnu George, u l-mexxejja tal-każin dehrilhom li kienet tkun ħaġa xierqa li isem is-soċjetà jinbidel għal dak tar-re il-ġdid. Mhux kulħadd qabel ma din il-proposta, imma xorta għaddiet. Din il-bidla fl-isem, flimkien ma xi nuqqas ta' qbil ieħor rigward in-nar li kien jinħaraq fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju, kienet ir-raġuni għala sena wara twaqqaf il-każin *Circolo Pio X*,[2] li bidel ismu għal *The Lily Club* fl-1939 u li llum iġib l-isem tas-*Soċjetá Mużikali Madonna tal-Ġilju*.



York Cottage

Il-fenomenu ta' bdil fl-isem ta' każin jew tal-banda biex jitfakkru renjanti Ingliżi mhux wieħed esklussiv għall-Imqabba, fil-fatt insibu każini b'ismijiet simili:

- fil-Belt Valletta (fejn il-*Banda La Stella*, mwaqqfa fl-1874 bidlet isimha għal *La Nazionale* u *La Nazionale Vincitrice* sakemm ħadet l-isem ta' *His Royal Highness The Prince of Wales Band* fl-**1885** u mbagħad *The King's Own Band* fl-**1901**[3]),
- fil-Birgu (l-*Għaqda Filarmonika Prince of Wales*, li oriġinarjament fl-1891 kien jisimha *Għaqda Filarmonika Vittoriosa* u wara bidlet l-isem għal *Għaqda Filarmonika Duke of York* fl-**1895** sakemm ħadet l-isem li għandha llum fl-**1901**[4]),
- f'Senglea (il-*Banda La Vincitrice*, imwaqqfa fl-1871 kienet bidlet isimha għal *Queen's Own Band* fl-**1903**[5] u baqgħet b'dan l-isem sal-2003 meta l-banda ssemmiet *Marija Bambina*. Dan l-isem inżamm sal-2006 meta l-banda reġgħet ħadet l-isem oriġinali



L-istemma rjali tar-Re Ġorġ V.



L-Imperial Crown Of India maħduma fl-1911.




# BRIAN & JAMES GREEN

**FUNERAL SERVICE**

*Irrikorru*

30, Main Street, Żurrieq Tel: 2164 2738

Rustica, Massabielle Street, Qrendi Tel: 2164 2508 – 9949 7959

"Green", St. Catherine Street, Qrendi Tel: 2164 7791 – 9949 4880

ta' *La Vincitrice*, kif għadha msemmija sal-lum[6]),
- f'Birkirkara (is-*Soċjetà Filarmonika Duke of Connaught* imsemmija hekk mill-**1903** wara li oriġinarjament fl-1865 kien jisimha *Società Filarmonica Santa Elena* u wara li bidlet isimha għal *Società Filarmonica di Birkirkara* fl-1880, għal *Società Filarmonica l'Alleanza* fl-1889 u lura għal *Societá Filarmonica Santa Elena* fl-1897[7]),
- fiż-Żurrieq (fejn il-*Filarmonica del Zurrico*, li fl-1893 bidlet isimha għal *La Concordia* u fl-1905 għal *Filarmonica La Stella* sakemm fl-**1908** inbidel definittivament l-isem għal *Banda Queen Victoria*[8]).

Mhux se nidħol fil-mertu dwar kienx ġest tajjeb jew le, iżda middati jidher li dan il-bdil fl-ismijiet kien moda fl-aħħar snin tas-seklu XIX u fl-ewwel snin tas-seklu XX. Fl-opinjoni tiegħi isem il-każin għandu jkollu isem il-festa li jirrappreżenta,[9] imma fl-imgħoddi n-nies kienu jaħsbuha mod ieħor.

Minkejja l-intriċċi tal-imgħoddi f'din l-okkażjoni tajjeb li naraw ftit min kien dan il-persunaġġ li f'ġieħu ssemmiet is-Soċjetà li sal-lum għandha rabta mal-festa tal-Patruna tal-parroċċa u r-raħal tagħna.

## Ħajjet il-prinċep George

George Frederick Ernest Albert mill-*House of Saxe-Coburg und Gotha*, familja oriġinarjament Ġermaniża li tħalltet mal-familja rjali Ingliża, twieled fit-3 ta' Ġunju 1865 f'Marlborough House ġewwa Londra. Kien it-tieni tifel fil-familja.

Missieru kien Edward, il-Pinċep ta' Wales, l-eredi għat-tron tal-Ingilterra billi kien l-iben il-kbir tar-Reġina Victoria, u ommu kienet il-prinċipessa Alexandra, bint ir-Re Christian IX tad-Danimarka. Tgħammed fid-9 ta' Lulju ġewwa l-kappella tal-kastell ta' Windsor mill-arċisqof ta' Canterbury (il-mexxej tal-knisja Anglikana) Charles Thomas Longley.


Il-prinċep George fl-1870

Matul tfulitu u żogħżitu George tħarreġ bħala baħri fuq il-vapur *HMS Bacchante*, fejn żar ħafna kolonji Ngliżi fil-Karibew, fl-Afrika t'isfel u fl-Awstralja. Żar ukoll Norfolk, Virginia, l-Amerka t'isfel, il-Mediterran, l-Eġittu u l-Lvant imbiegħed, fejn fil-Ġappun għamel *tattoo* ta' dragun fuq driegħu.

Wara dan il-prinċep George għadda diversi snin f'Malta fejn kien taħt it-tmexxija ta' zijuh, il-prinċep Alfred, duka ta' Edinburgh. F'Malta George beda jħobb lill-prinċipessa Marie ta' Edinburgh, iżda l-istorja ma' komplietx minħabba li ommijiethom ma kienux jaqblu.

Peress li George kien it-tieni iben tal-prinċep Edward, ftit kienu


Ir-Re George V fl-1923.

jaħsbu li qatt kellu ċ-ċans isir hu r-re tal-Ingilterra. Iżda ġara li ħuh il-kbir miet fl-1891 bil-*pneumonia* sitt ġimgħat wara li kien tgħarras mal-prinċipessa Victoria Mary ta' Teck, għalhekk huwa sar l-eredi għat-tmexxija tal-Imperu Brittanniku wara missieru. Matul iż-żmien tal-luttu, George u Victoria Mary bdew iħobbu lil xulxin u għalhekk iżżewġu fis-6 ta' Lulju 1893 fil-kappella rjali ta' St James Palace ġewwa Londra.

Kien żwieġ feliċi ħafna u l-ittri li George kien jibgħat lil martu meta kien ikun imsiefer, li għadhom jeżistu, juru l-imħabba kbira li kien hemm bejn din il-koppja.

Meta, wara l-mewt ta' ħuh, hu kellu jitlaq il-karriera navali, ir-reġina Victoria għamlitu Duka ta' York peress li sar l-eredi għat-tron. Hu u martu għexu għal ħafna żmien f'York Cottage, dar relattivament żgħira fl-artijiet ta' missieru, fejn ħajjithom aktar kienet tixbah dik ta' familja komuni milli ta' koppja rjali. Kemm George kif ukoll martu, kienu jippreferu l-ħajja sempliċi milli l-ħajja sofistikata tal-palazzi rjali. Fost il-passatempi favoriti tiegħu kien hemm il-kaċċa u l-filatelija. Kellhom ħames subien u George kien magħruf bħala missier dixxiplinat li kien inissel rispett (u kultant biża') f'uliedu.

Fit-22 ta' Jannar 1901 mietet ir-Reġina Victoria u għalhekk missier George sar ir-re tal-Ingilterra. Minn dak iż-żmien beda jissejjaħ *His Royal Highness the Duke of Cornwall and York*. Dik is-sena hu u martu daru l-Imperu Brittanniku fejn, fost l-oħrajn, inawguraw l-ewwel parlament Awstraljan.

Minn dik is-sena sal-1910 ir-re Edward VII kien idaħħal lil ibnu f'diversi affarijiet kunfidenzjali tar-renju bil-għan li jippreparah għal meta jilħaq re floku. George, min-naħa tiegħu, ħa interess kbir f'dan u kien iħobb jikkonsulta ma' martu li minnha dejjem sab fiha għajnuna kbira.

Fl-1906 mar l-Indja, fejn ħadem bis-sħiħ kontra r-razziżmu li kien jiddegrada lin-nies tal-post, u insista

li l-Indjani jkunu involuti aktar fil-gvern ta' pajjiżhom.

## L-Imperu Brittanniku f'idejn ir-re George V

Fis-6 ta' Mejju 1910 r-re Edward VII miet u b'hekk George sar ir-re l-ġdid tal-Ingilterra u l-imperatur tal-Imperu Ingliż. Minn dak iż-żmien martu bidlet isimha minn Victoria Mary għal Mary għax *Queen Victoria Mary* deher twil wisq u ma dehrilhomx kien xieraq li tieħu l-isem *Queen Victoria* peress li r-reġina Victoria, waħda mill-aqwa rġejjen tal-Ingilterra kienet ilha biss disa' snin mejta. B'hekk kienet tiffirma u tissemma bħala *Queen Mary*.



Il-pittura uffiċjali tal-inkurunazzjoni tar-Re George V fl-1911.

L-inkurunazzjoni tal-koppja rjali saret f'Westminster Abbey fil-11 ta' Ġunju 1911, u kienet okkażjoni ta' festi kbar fl-Imperu Ingliż kollu, anke f'Malta. Aktar tard dik is-sena, ir-re u r-reġina marru l-Indja għad-*Delhi Durbar*. L-Indja dak iż-żmien kienet kolonja Ingliża, għalhekk ir-re tal-Ingilterra kien isir l-Imperatur tal-Indja. Is-soltu l-familja rjali kienet tibgħat rappreżentanti li jieħdu sehem fiċ-ċerimonja fejn ir-re tal-Ingilterra jiġi mħabbar bħala l-imperatur il-ġdid, waqt li fil-fatt ir-re ma kienx ikun hemm. George u Mary kienu l-unika koppja rjali li qatt attendew għal din iċ-ċerimonja, għalhekk peress li l-koppja rjali kienet preżenti, iċ-ċelebrazzjonijiet kienu l-aqwa li qatt saru. F'dik l-okkażjoni George libes għall-ewwel u l-unika darba l-*Imperial Crown of India*, maħduma apposta għal dik l-okkażjoni peress li skont liġi antika l-*crown jewels* ma jistgħux joħorġu mill-Ingilterra. Din il-kuruna fiha 6,100 djamant fosthom il-*Kohinoor Diamond* (li kienet l-ikbar djamant fid-dinja), bosta żmeraldi, żafiri u rubini. L-ebda renjant Ingliż ma reġa' libes din il-kuruna wara u llum tinsab konservata mat-teżori tal-kuruna Ingliża ft-Torri ta' Londra. Waqt din iċ-ċerimonja r-re George bidel il-kapital tal-Indja minn Calcutta għal Delhi.

Wara l-entużjażmu tal-inkurunazzjoni, George beda l-ħajja iebsa bħala mexxej ta' Imperu enormi u bħala re ta' pajjiż li kien għaddej minn ħafna problemi. L-ewwel kien hemm il-problema dwar il-liġi tal-finanzi peress li kien hemm nuqqas ta' qbil fil-*House of Lords*, li wassal biex lil dawn tneħħitilhom il-possibilità li jwaqqfu milli tgħaddi liġi relatata mal-flus. Wara nqala l-inkwiet fl-Irlanda u kien hemm il-biża' li tqum xi gwerra ċivili f'dak il-pajjiż. Ftit ġranet wara li bdew in-neguzjati biex jintlaħaq ftehim dwar l-awtonomija tal-Irlanda faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija.

Is-sitwazzjoni ma kinitx faċli għall-koppja rjali. L-għadu ewlieni tal-Ingilterra kienet il-Ġermanja. Il-Kaiser Wilhelm II kien il-kuġin tar-re waqt li r-reġina kienet dixxendenti




Bolla tal-Kanada tal-1930.

tal-familja rjali Ġermaniża ta' Württemberg. Biex jiġi evitat ħafna nkwiet politiku r-re George ħa deċiżjoni drastika li jneħħi l-ismijiet familjari u t-titli Ġermaniżi li kellu u jibdilhom f'isem Ingliż. B'hekk hu u l-familja kollha tiegħu ma baqgħux kunjomhom Saxe-Coburg und Gotha, imma minn dak iż-żmien 'il quddiem saru Windsor. B'hekk George sar l-ewwel renjant Ingliż mill-*House of Windsor* li sal-lum għadha tokkupa t-tron Ingliż. Barra minn hekk il-qraba tal-familja rjali li ġġieldu favur il-Ġermanja ġew maqtugħin u tilfu kull dritt għat-tron kif ukoll id-dritt li jgħidu li huma parti mill-familja rjali Ingliża.

Hekk kif spiċċat il-gwerra, fl-1917, ġie inkwiet ieħor – ir-rivoluzzjoni Russa. It-Tsar tar-Russja, Nicholas II, kien prim kuġin tar-re George. Il-gvern Ingliż offra l-ospitalità lill-familja rjali Russa, imma l-familja rjali Ingliża beżgħet li dan seta' jwassal ir-rivoluzzjoni ġewwa l-Ingilterra, b'hekk taħt pressjoni mis-segretarju tiegħu Lord Stamfordham, ir-Re George kellu jġiegħel il-gvern jirtira l-offerta. Sar pjan sigriet ta' salvataġġ iżda dan ma rnexxiex għax il-familja rjali Russa nqatlet fl-1918 wara sena miżmumin bħala ostaġġi. L-unika li rnexxielha ssalva kienet l-imperatriċi Maria Feodorovna, omm it-Tsar Nicholas II u oħt Alexandra ir-reġina-omm tal-Ingilterra (omm George). Din għaddiet xi ġranet f'Malta wara li ħarbet mill-Krimea u mbagħad marret Londra sakemm marret tgħix fid-Danimarka sakemm mietet fl-1928.

Wara dan kollu miet ibnu ż-żgħir, John.

Fis-snin ta' wara l-gwerra nqalgħu ħafna rivoluzzjonijiet li raw it-tmiem tal-monarkiji fil-Ġermanja, fi Spanja, fil-Greċja u fl-Awstrija – li lkoll kienu qraba tal-




Il-firma tar-Re Ġorġ V

familja rjali Ingliża. George ħadem bis-sħiħ biex it-traġedja li seħħet fir-Russja ma terġax isseħħ u fejn seta' daħħal lir-renjanti deposti lura fl-Ingilterra.

L-inkwiet fl-Irlanda kompla u fl-1922 l-Irlanda nqasmet fi tnejn: parti li hija indipendenti u parti oħra li għadha suġġetta għall-kuruna Ingliża.

Fl-1926 ir-re George għadda liġi li biha l-kolonji Ingliżi setgħu jiżvilluppaw bħala komunitajiet awtonomi fejn l-ebda waħda ma kienet inqas importanti mill-oħra. Dan kien dak li eventwalment wassal għall-indipendenza ta' ħafna stati, fosthom anke Malta.

Fl-1932 dan ir-re beda t-tradizzjoni li għadha ħajja sal-lum li nhar il-Milied jagħti messaġġ fuq radju Ingliż. Sakemm kellu l-ġublew tal-fidda, fl-1935, kien sar re maħbub ħafna mill-poplu Ingliż kollu.

Fl-aħħar snin ta' ħajtu r-relazzjoni bejnu u bejn ibnu l-kbir Edward, l-eredi għat-tron, marret lura ħafna, l-aktar minħabba li dan kien imdaħħal f'ħafna stejjer ta' mħabba u relazzjonijiet sesswali ma' nisa miżżewġin. L-iben favorit tiegħu kien it-tieni wieħed, Albert u bint dan, Elizabeth (li kien isejħilha Lilibeth) kienet il-mimmi ta' għajnejh. Fid-djarji tiegħu kien kiteb li jittama li ibnu l-kbir qatt ma jkollu tfal sabiex it-tron eventwalment jgħaddi għand Albert u Elizabeth.



Monument tar-re f'Westminster.

Saħħet ir-re kienet bdiet sejra lura mill-ewwel gwerra dinjija, meta kien korra serjament. It-tipjip li kien ipejjep wassal biex kellu problemi fil-pulmuni, speċjalment fl-1928 meta għamel ħafna xhur marid bil-bronkite u qatt ma fieq minnha għal kollox. Fl-aħħar sena ta' ħajtu, wara li ċċelebra l-ġublew tal-fidda, spiss kellu jieħu l-ossiġnu minn magna.

Fil-15 ta' Jannar 1936 ir-re intefa' fis-sodda għax ħaseb li għandu riħ. Fil-fatt kien attakk qawwi tal-kumplikazzjonijiet li kellu fil-pulmun. Għadda ħamest ijiem spiss jintilef minn sensih sakemm, skont id-djarju tat-tabib tiegħu Lord Dawson of Penn, dan stess tah injezzjoni letali ta' kokaina u morfina biex jeħles lill-familja rjali minn aktar taqtigħ-il qalb u biex il-mewt tar-re (li seħħet fil-23:55) tkun tista' titħabbar fl-edizzjoni tal-għada fil-għodu tal-ġurnal *The Times*, peress li l-aħħar aħbarijiet kienu jidħlu f'nofs il-lejl.

Fatt kurjuż hu li meta s-salma tar-re kienet qed tittieħed f'korteo lejn Westminister Hall, il-kuruna waqgħet minn fuq it-tebut. Ibnu l-kbir, ir-Edward VIII, raha taqa' u staqsa jekk dan kienx ifisser sinjal ħażin għar-renju tiegħu. Fil-fatt Edward abdika t-tron f'inqas minn sena, bla ma biss kien għadu ġie inkurunat, għax ried jiżżewweġ mara ddivorzjata, ħaġa li kienet projbita mill-knisja Anglikana dak iż-żmien u kontra l-fehma tal-familja rjali. It-tron, għalhekk, għadda għand ħuh Albert (li ħa l-isem ta' George VI) u eventwalment għand bintu Elizabeth, li għadha reġina sal-lum. B'hekk ix-xewqa tar-re George V inqatgħet.

Lejliet il-funeral tiegħu, li sar fid-29 ta' Jannar 1936, l-erba' ulied li kellu ħajjin, Edward, Albert, Henry u George, għamlu l-velja madwar it-tebut tiegħu u din baqgħet magħrufa bħal *the Vigil of the Princes*, ħaġa li ġiet ripetuta darba biss, fl-2002 meta mietet omm ir-reġina Elizabeth.

ST. NICHOLAS
FISH SHOP



**For all kind of Fresh & Frozen Fish**
**Triq John Debattista, Siġġiewi**
**Tel: 2146 4367 • Mob: 7905 7501**
Tues, Wed, Thur, Fri: 7.00am – 12.00pm, 4.00pm – 7.00pm
Sat: 7.00am – 12.00pm
Free Delivery

Smina
POULTRY PRODUCTS
QUALITY GUARANTEED

**San Dawtar,**
**Fawwara Road, Siġġiewi**
**Tel: 2146 6180**
**2146 5922**
**Mobile: 7979 1210**
**Free Delivery**
Fresh Poultry Products

# Mobiltech

**Prop. John W. Cutajar**

## *Auto Electric Service*

**Valletta Road, Żurrieq ZRQ 06**
**Tel: (+356) 2164 0466 – Fax: (+356) 2164 7052 – Mob: 7949 8465**
**E-mail: mobiltech@global.net.mt**




Munita kommemorattiva tal-inkurunazzjoni

Wara mewtu saru diversi monumenti u statwi f'ġieħu madwar l-Imperu Ingliż (fosthom hemm ukoll il-bust li jinżamm fis-sala tal-banda tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V), bħala sinjal ta' qima u rispett lejn dan ir-re li tant ħabb lil pajjiżu li ma ddejjaqx jitneżża' mit-titli u l-unuri tal-istat għadu biex ikun ta' eżempju għall-poplu tiegħu u li ma ddejjaqx jagħti s-saħħa lill-popli tal-artijiet li kien imexxi.

Kien għaxar snin wara mewtu, fl-20 ta' Ottubru 1946,[10] li l-kumitat tal-King George V Club tal-Imqabba ddeċieda li jsemmi l-banda l-ġdida ffurmata mill-Orkestra Santa Marija bl-isem tiegħu, kif għanda sal-lum: il-Banda Re Ġorġ V

[1] Robert Mifsud-Bonnici, *Ġrajja ta' Baned f'Malta u* Għawdex, Malta 1956, 98; *100 sena... ta' storja, mużika u suċċess kontinwu*, Programm tal-festa ta' Santa Marija, l-Imqabba 2005, 29; Carmen Lia, *Il-100 anniversarju mill-formazzjoni tal-Każin Soċjali Santa Marija*, Programm tal-festa ta' Santa Marija, l-Imqabba 2005, 49.

[2] Charles Farrugia, *Tal-Ġilju: il-banda u s-soċjetá fl-Imqabba*, Malta 1995, 29.

[3] Joseph Portelli, *Is-Soċjetà u l-Banda Ċittadina "King's Own"* minn *L-istorja tal-każini tal-baned ta' Malta u Għawdex* i, Malta 1997, 17-19.

[4] Gerald Cacciattolo, *Għaqda Filarmonika "Prince of Wales"*, minn *L-istorja tal-każini tal-baned ta' Malta u Għawdex* i, Malta 1997, 55-58.

[5] Anthony Pavia – Joseph DeGiorgio, *Għaqda Mużikali "Queen's Own"*, minn *L-istorja tal-każini tal-baned ta' Malta u Għawdex* i, Malta 1997, 68.

[6] Fabian Mangion, *Soċjetà Filarmonika "La Vincitrice" Senglea A.D. 1871. Ġabra ta' punti storiċi dwar din l-għaqda mużikali fil-Belt Senglea* (manuskritt mhux ippubblikat aġġornat fl-2009).

[7] Charles Debono, *Każin S. Liena Soċjetá Filarmonika "Duke of Connaught"*, *L-istorja tal-każini tal-baned ta' Malta u Għawdex* i, Malta 1997, 285-287.

[8] Alfred Camilleri, *Ġrajjiet is-Soċjetá Karmelitana u Banda Queen Victoria Żurrieq*, Malta 2006, 10-24.

[9] Kien pass għaqli meta fl-1990 inbidel l-isem tal-każin minn *Għaqda Mużikali Re Ġorġ V* għal *Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*, b'hekk reġa' ddaħħal l-isem tal-Madonna fl-isem tal-każin u reġgħet saret konnessjoni mal-każin li kien twaqqaf fl-1905. Hija ħasra, iżda, li s-Soċjetá baqgħet iġġib id-data 1910 bħala d-data tal-fondazzjoni meta fir-realtá għandha tkun 1905. Pass għaqli simili sar mis-*Soċjetá Mużikali tal-Ġilju* li emendat l-isem għal *Soċjetá Mużikali Madonna tal-Ġilju* fl-2000 wara reviżjoni fl-istatut li bdiet fl-1997 (Simon Grech, *Riforma fl-istatut tas-Soċjetá Mużikali tal-Ġilju*, Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju, l-Imqabba 1997, 91; *L-arma l-ġdida tas-Soċjetà*, Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju, l-Imqabba 2000, 29).

[10] Carmen Lia, *60 sena mid-debutt tal-Orkestra Santa Marija fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija*, Programm tal-festa ta' Santa Marija, l-Imqabba 2005, 41.



**Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-jiem tal-Festa nersqu aktar lejn is-sagramenti**

*ħalli jkollna fina l-veru paċi u ferħ f'qalbna, kif tixtieq Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.*



# Il-Pustier ta' Santa Marija

Leġġenda tas-Sur Giovanni Battista Farrugia
Storiku Mqabbi

Darba, qalli storja,
Il-ħabib tiegħi, Mons. Sapjan,
Ma nafx, jekk qrahiex,
minn xi ktieb bit-Taljan;

Attent, b'widnejja,
Miftuħa sew;
Kelma, kelma ġo moħħi nżomm,
Fejn konna, silenzju, kien hemm ġew;

Din poeżija,
Irrid nagħmilha;
U attenzjoni,
Irrid nagħtiha;

Santa Marija,
Reġina tas-Sena u l-Art;
Li għal isimha,
Jirtgħod l-infern, is-Sema u l-Art;

Din ir-Reġina,
Kif fis-Sema, ġiet inkurunata;
U b'kuruna, ta' Reġina,
Omm  u Immakulata;

Hi, kellha tagħmel xi ħatriet,
Pustier ħatret, wieħed mill-anġli;
Biex l-ittri, li mid-dinja tirċievi,
Jwassalhom għandha, missjoni li kellu jaqdi;

Ittri, bil-kwantità,
Bdew jaslu, lil din ir-Reġina;
Kienu ħafna,
biex, jagħtuha Qima;

Oħrajn b'xi,
ilmenti tal-ħajja;
Kbar u żgħar,
Lil din, ir-Reġina Ħanina;

L-imbierek, Anġlu Pustier,
Darba, kurżità ġietu;
Fetaħ, xi ftit ittri,
Bla ħafna ħin ma jieħu;

X'ħin dan,
Beda jaqra;
Waħda, wara l-oħra,
Sab ilmenti, ta' nies foqra;

Inkella waħda,
Laqqgħani, ma' ġuvni;
jew oħra;
Fejjaqli, l-maħbuba ommi;

U hekk jibqgħu, sejrin,
B'kull difett, tal-bnedmin;
Għax il-ħajja, hekk toffri,
Lil kburin, u lid-dħulin;

L-anġlu, nduna,
Li sar il-ħin;
U waqaf, jiftaħ,
L-imberkin, ittri tal-bnedmin;

Il-Pustier ħaseb, iddispjaċut!
U qal, 'Dawn ilemti biss għandhom;
Ħadd ma qal,
'Tini, grazzja, niġi ħdejkom!'

Però l-iktar, waħda
Importanti qabżitlu miskin;
Għax, ħoss, ... sema',
U beda jagħlaqhom, fil-ħin;

Malajr, għand ir-Reġina Santa Marija
Gozz, qabadhom;
U bil-ħeffa,
Quddiemha, mar bihom;

L-Anġlu Pustier, ma ġenbha,
Mar jgħina, tiftaħhom;
U r-Reġina, Sana Marija, bi tbissima,
Waħda, waħda, ... bdiet taqrahom;

F'ħin minnhom, tiftaħ,
Waħda, ta' tifel ċkejken;
Li missieru, kien,
Mejjet dan l-imsejken;

Qabżitilha demgħa,
Minn għajnejha;
Lill-anġlu qalet,
'Kemm nixtiequ qiegħed ħdejja';

L-ittra li tgħid hekk,
'Għażiża Ommi, Santa Marija;
Għamel li nsir, nixbaħ 'l Ibnek Ġesù,
Biex ħdejkom niġi, intikom foħrija;

Santa Marija, qalet lill-Pustier
'Jaħasra, kemm hu gustuż;
Din il-grazzja, irrid nagħtih,
Fil-ħin, l-iktar bżonnjuż;

Għax ħniena ġabli!
U rrid, nibqa' insegwih;
Biex insib, ħin tajjeb,
U l-grazzja, nagħtih';

Hawn, spiċċat l-istorja
Tal-maħbub, Mons. Sapjan;
Li dejjem, għadu f'moħħi,
Hu, u Toni s-Sagristan;

Tħares lejn l-istatwa,
U tħossha, issaħħrek;
U fl-ikbar imħabba,
Ta' Omm ħanina, tfakkrek;

Ejja ma nħallux,
Lil qlubna, iebsin;
Ħalli darba, ningħaqdu,
Mar-Reġina, tal-Qaddisin.

# Bħalma l-Madonna telgħet is-Sema bir-ruħ u l-ġisem

## Hekk aħna li nsalvaw, għad immorru s-Sema bir-ruħ u l-ġisem

kitba tas-Sur Joe Chetcuti

Forsi xi ħadd jistaqsi u jgħid: Imma aħna l-bnedmin dgħajfa u midinbin nistgħu nipparagunaw ruħna mal-Verġni Marija fit-tlugħ tagħha fis-sema bir-ruħ u l-ġisem? Qabel xejn ngħidu li huwa tagħlim tal-Knisja Kattolika li meta din id-dinja, kif nafuha aħna tispiċċa u l-aħħar bniedem imut, il-bnedmin kollha minn Adam sal-aħħar bniedem jiltaqgħu f'post bir-ruħ u l-ġisem sabiex l-Imħallef Etern jagħmel ħaqq minnhom. Dan fil-fatt inkunu ngħidu illi meta nirreċitaw il-Kredu u ntennu: Nemmen fil-qawwa mill-imwiet. Għad jiġi jum illi aħna d-devoti ta' Marija, l-istess bħalha nitgħollew lejn is-sema bir-ruħ u l-ġisem, imma l-ġisem tagħna ma jkunx iżjed debboli mimli imperfezzjonijiet, tqil u marradi, imma jkun ġisem glorjuż ħafif illi jgħaddi minn kullimkien bħal li kieku mhux ġisem. Ikun l-istess bħalma huwa l-ġisem tal-Madonna issa li hija fis-sema.

Le f'dik li hija glorja u setgħa ma nistgħux nipparagunaw lilna nfusna mal-Madonna fl-Assunzjoni tagħna fis-sema wara l-ġudizzju Universali. Il-merti personali tagħna huma żgħar wisq u l-merti tal-Madonna kienu kbar wisq. Hekk qalilha l-Anġlu Gabriel meta kellimha fit-tħabbira tiegħu ġewwa Nazzaret. 'Int mimlija bil-grazzja' qalilha l-Anġlu u 'mbierka int fost in-nisa kollha', anzi nistgħu ngħidu li l-Madonna mhux biss hija mimlija bil-grazzja imma fawwara ta' grazzja u minħabba din il-milja ta' grazzja, aħna msejkna bnedmin nistgħu nikkummentaw xi ftit tal-merti għas-sema. Il-Verġni Marija, li tkun għalina 'Bieb tas-Sema' u port tas-Salvazzjoni għenitna biex insalvaw kif ukoll illi tkun magħna u tifraħ meta binha Ġesù jaċċettana biex nidħlu ngawduh fis-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Issa kif nafu bil-qawwa mill-imwiet kif ngħidu fil-Kredu? Kristu stess qalilna li maljar wara d-dieqa ta' dak iż-żmien, ix-xemx tiddallam u l-qamar ma jagħtix dawlu, il-kwiekeb jaqgħu mis-sema – imbagħad jidher fis-sema s-sinjal ta' Bin il-Bniedem, u jaraw lil Bin il-Bniedem ġej fuq is-sħab tas-sema b'setgħa u sebħ kbir. U jibgħat l-anġli tiegħu bi tromba li żżarżar bil-qawwa u jisimgħu l-maħturin mill-erbat irjieħ minn tarf tas-sema.



Ġesù jkompli jitkellem fuq jum il-ħaqq u jgħid: Meta jiġi Bin il-Bniedem fil-glorja kollha tiegħu u l-anġli kollha miegħu, jinġemgħu quddiemu l-bnedmin kollha tal-art u jifridhom minn xulxin bħalma



ragħaj jifred il-ħrief mill-gidien. Biex inkunu devoti ta' Marija bis-serjetà, il-festi esterni m'humiex biżżejjed. Il-banda, il-ħruq tan-nar, it-tiżjin fit-toroq, il-kant tal-innijiet jistgħu jgħinu ħafna imma l-importanti huwa l-ispiritwal. Il-Madonna tgħinna sabiex inkunu n-naħa tal-lemin tagħha meta l-ġisem jerġa' jingħaqad ma' ruħna u dan iseħħ jekk f'ħajjitna nagħmlu biss dak li jrid binha Ġesù u hi stess. Għaldaqstant Marija mhux biss tkun parti mill-ħajja tagħna, imma l-ħajja tagħna kollha kemm hi. Għad-devoti nsara, il-festa tal-Assunta, Santa Marija, ma għandhiex tkun biss fil-15 ta' Awwissu, imma tkun kuljum, lejl u nhar is-sena kollha. San Bernard ma kellu l-ebda dubju

# J. Cutajar

SMOKING ARTICLES

46, Springvale,
Triq il-Madonna tal-Ġilju
Mqabba
Tel: 21689653 Mob: 7949 5354

*For all your smoking needs*

J. Cutajar
SMOKING ARTICLES

# ELECTROCARE

25, Valletta Road, Kirkop.
Tel: 21640654, Mobile: 9947 7755



**T.V. Retailer including**
**Plasma & LCD TV's of major brands:**
**Panasonic, Samsung, etc** **Retailer of** **Satellite systems, Hi Fi systems, Home Theatre sound systems, car stereos, speakers and Digital cameras**

***We specialise in***
***TV repairs and Satellite systems***

***Treatments Available:***
- Relaxing Anti-Wrinkle Facials
- Deep Cleansing Facials
- Eyelash/Brow Tinting
- Electrolysis
- Waxing
- Make-up
- Manicure and Pedicure

**Lillian Camilleri**
*Beauty Therapist*
C.I.B.T.A.C.
Diploma B.A.B.T.A.C.

**10, Triq il-Mitħna, Mqabba**
**Tel: 2168 3214 Mob: 9942 6054**



fuq dan u mingħajr tlaqliq qal: Ma hemm ħadd fis-sema li ma kienx devot ta' Marija u ma hemm ħadd fl-infern illi kien devot ta' Marija. San Bonaventura fl-innu ta' tifħir lil Madonna, jgħid hekk: Omm kbira tal-Majestà Divina – Omm illi tajt verament lid-dinja s-Sultan tas-sema, int is-sellum tas-Saltna u tal-glorja ta' hena. Inti tant u tant qawwija li tindaħal bejn Alla u l-bnedmin. Inti l-Avukata ħanina tal-fqar u r-refuġju tal-midinbin. Inti s-salvazzjoni ta' min jitolbok port ta' dawk illi sejrin jegħrqu u int li twassal il-ġusti għall-glorja.

Mela t-tlugħ ta' Marija fis-sema bir-ruħ u l-ġisem għandu jkun tama tagħna sabiex aħna, la darba salvi nkomplu bir-ruħ u l-ġisem inkantaw it-tifħir lilha għall-eternità kollha, bil-menti u bil-vuċi tagħna. Imbagħad għall-għejxien tagħna f'din id-dinja nitolbu lill-Madonna sabiex tindenja ruħha li żżommna meħlusin minn kull dnub. Iva, lil Verġni Marija nittamaw u kemm jista' jkun lilha nimitaw sabiex bħalma hi tinsab fil-glorja ta' dejjem bir-ruħ u l-ġisem, aħna wkoll għall-ġurnata waħda nithennew fil-glorja ta' dejjem bir-ruħ u l-ġisem. **Viva Santa Marija.**







Dan il-ktejjeb
huwa aċċessibli
fuq il-websajt uffiċjali
tas-Soċjetà
**www.santamarija.com**

# Mohhok Mistrieh??

**Din tista' tkun darek**

Biex tkun mohhok mistrieh cempel lil Alberta ghal parir professjonali b'xejn.
Video Cameras tas-sigurta' | Alarms tas-sigurta' | Panic Alarms | Intercoms



Alberta
San Gwakkin Road, Mriehel BKR 3000
Tel : (+356) 2144 3538
info@alberta.com.mt
www.alberta.com.mt

alberta
FIRE • SAFETY • SECURITY

**Dan l-Innu ġie esegwit għall-ewwel darba mill-Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba fl-1951, fl-okkażjoni tal-ewwel Festa fuq il-Proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni mill-Papa Piju XII nhar l-ewwel ta' Novembru 1950.**

# Innu lil Marija Assunta

Kitba: Rev. Patri J.M. Ghigo S.J.



(Rit.) Ħallina ntennulek, Marija
Din il-għanja li ssawret mas-snin,
Irridu ngħallmuha 'l uliedna
Biex biha jsellmulek kull ħin!

Int għextha ġo qalbek
Il-ħajja tal-Fidwa,
U qalbek intgħasret
F'demm Ibnek Mislub,
Ghalhekk qomt sabiħa
Mir-raqda tal-qabar,
Rebbieħa bħal Ibnek
Mill-mewt u mid-dnub.

(Rit.) Ħallina ntennulek …

Miksija bid-dija
Li żżernaq fil-Ġenna,
Imdawwra mill-anġli
Għannejja tas-Sliem,
Titwieżen fuq sħaba,
Bħas-silġ bajdanija,
Int tlajt ġewwa d-difa
Tas-sema bla tmiem.

(Rit.) Ħallina ntennulek …

Id-dinja Bik tifraħ,
Tissieħeb mal-anġli,
Biex tqiegħed fuq rasek
Kuruna ta' ġieħ,
U lilek issellem,
Omm Alla, Sultana,
Mogħnija bis-setgħa
Ta' Drieghu rebbieħ.

(Rit.) Ħallina ntennulek ...

Nihil Obstat.
Die Aprilis, 1949.
P. Alfonusus M. Camilleri, O.F.M.
Cens. Theol.

# SHOE SHINE FOOTWEAR

**Mr & Mrs CARUANA**





*FOOTWEAR & LEATHER GOODS*

SHOE SHINE, Carmelo Caruana Street, Żurrieq ŻRQ 04
Phone: 2168 5241 • Fax: 2164 9381 • Mob: 9982 1932
E-mail: didiego@melita.com

# Di DIEGO *Lifestyle*

**Clothing & Footwear**

**Di Diego, 113, Blue Grotto Avenue, Zurrieq**
**Tel: 2164 9381, 2168 5241 Fax: 2164 9381 Mob: 9982 1932 E-mail: didiego@melita.com**

# MOVIE LAND

**70, Zurrieq Rd., Safi**
**Tel:** 21642460 **Mobile:** 79861743
**Email:** movieland@melita.com

SPECIAL OFFERS

NINTENDO DS



- FANTASTIC offer on DS LITE
- Up to 100-game package
- Different colours available
- NINTENDO WII also available

**11.3" DVD/TV Portable**

Includes:
Digital & Analogue TV Tuner, DVB-T Recorder, DIVX / MPEG4, Games, 11.3" LCD screen, USB/MMC, VGA input, Remote, Car adaptor, Anti-shock, Multi-region + FREE CARRY BAG





PSP PS3



- PSP 3000 & GO models
- Including GAMES bundles
- Sony PS3

PLAYSTATION 3

**DVD Rentals**
- Attractive prices, GREAT SELECTION

**Photocopy Service**
- Unbeatable quality - Full Colour, B&W
- Print from digital media - CD/USB/MMC
- Business cards, bookmarks, posters, etc.

**Repair Centre**
- GUARANTEE issued on most repairs

**Mobile Phones**
- Latest models, accessories, repairs

**Authorised Resellers**

melita
- Apply for all MELITA services
- TV, Internet, Telephony, Mobile
- Pay all your Melita bills

**Other Services:**
- Mobile phones & accessories
- Hi-Fi, Digital Cameras, MP3/4's
- Home Cinema systems, Car Hi-Fi
- PC, Laptop & other accessories
- VHS to DVD conversions



**LCD Tv's:**
ORION, PANASONIC,
& other QUALITY Brands
at FANTASTIC prizes!!
All sizes available!!



# Minn fejn se jgħaddi l-marċ

Ghal darba oħra permezz ta’ din il-paġna se nagħtu ftit dettalji rigward ir-rotot u tagħrif iehor fuq il-baned mistiedna. Din is-sena se jkollna sitt baned mistiedna għall-Festa Titulari ta’ Santa Marija. Però qabel ma nagħtukom aktar dettalji, nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nheġġukom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba matul il-jiem tal-Festa. Għalhekk dan li ġej huwa program fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi:

## It-Tnejn, 9 ta’ Awwissu

***Ħruġ tal-Istatwa fuq iz-zuntier***

**7.30pm** Wara Ii tilqa’ I-Istatwa artistika u devota ta’ Ommna Marija Assunta bi programm ta’ innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja, il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta’ Mro. David Agius, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b’marċi brijużi. II-marċ jgħaddi hekk; Triq il-Parroċċa, id-Duluri, il-Madonna tal-Ġilju, l-Aħwa Ghigo, il-Barumbara, il-Madonna tal-Ġilju, il-Missjoni ż-Żgħira, is-Sejba, il-Ġublew tad-Djamanti, iż-Żurrieq, it-Torba, L-Ispnar, il-Familja Brincati, Kirkop, il-Mentna, il-Konvoj, il-Ġublew tad-Djamanti, Santa Katerina, il-Pal, it-Troll, il-Mitħna, Santa Katerina, Santa Marija, iċ-Ċavi, San Innoċenzju, Santa Katerina għal Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem iI-Każin.

## It-Tlieta, 10 ta’ Awwissu

***Jum il-Banda***

**8.15pm** Imiss jerġa’ lill-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha, Mro. David Agius, tagħmel il-marċ trijonfali li jibda minn ħdejn il-Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin. Wara l-Banda tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali u annwali tagħha.

## L-Erbgħa, 11 ta’ Awwissu

***L-Ewwel Jum tat-Tridu***

**8.15pm** II-Banda San Ġużepp ta’ Ħal Kirkop taħt id-direzzjoni ta’ Mro. Brian Cassar tagħmel marċ Ii jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej: Triq San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, il-Qattara, il-Konvoj ta’ Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, il-Konvoj ta’ Santa Marija, Xandru Farrugia, M.A. Caruana, il-Ħajt tal-Matla, Kirkop, in-Nazzarenu, Dun Gerald Mangion, Mikiel Zammit, Kirkop, il-Katakombi, Dun Gerald Mangion, Triq iI-Konvoj ta’ Santa Marija, il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, il-Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem il-Każin.

## Il-Ħamis, 12 ta’ Awwissu

***It-Tieni Jum tat-Tridu***

**8.15pm** Il-Banda Sant’Elena ta’ Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta’ Mro. Joseph Vella, tagħmel





# MARCON'S
## HAIR SALON

**Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba**






**Opening Hours:**
Tue-Fri: 09.00am–06.00pm
Sat: 08.00am–07.00pm
*Monday closed*

**Tel: 27602437 Mob: 79602437**







marċ li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana b'sett marċi brijużi fit-toroq li ġejjin: Triq il-Ġilju, l-Aħwa Ghigo, Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Saljatura, Qrendi, Santa Katerina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, Santa Katerina, iI-Kileb, Mikielanġ Sapiano, iI-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza quddiem iI-Każin.

## Il-Ġimgħa, 13 ta' Awwissu

***It-Tielet Jum tat-Tridu***

**8.30pm** II-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius, tagħmel iI-marċ tradizzjonali tagħha fost il-briju kbir u l-ispettaklu li ħejjew għalina s-Sezzjoni Żgħażagħ. Il.-marċ jibda minn quddiem il.Każin u jkompli hekk kif ġej: Triq San Bażilju, Valletta, il.Fjuri, il-Parroċċa mit-tarf, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin.

## Is-Sibt, 14 ta' Awwissu

***Lejliet il-Festa***

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ minn Triq il-Pal, Troll, Sejba, Santa Katarina sal-pjazza.

**8.00pm** Il-Banda King's Own tal-Belt Valletta taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Galea tesegwixxi programm strumentali quddiem il-Każin u wara tagħmel marċ.

**10.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' programm strumentali quddiem il-Każin.

## Il-Ħadd, 15 ta' Awwissu

***L-Għid tal-Assunta***

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. D. Agius, A.Mus.V.C.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu li jibda minn quddiem iI-Każin u jkompli għal Triq il-Ġilju, Xriek, Santa Katerina, Santa Marija, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, Santa Katerina, San Bażilju, il-Lanġasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, għall-Pjazza quddiem il-Każin.

**6.00pm** Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ taħt it-tmexxija ta' Mro. Ronnie Debattista, tibda marċ minn Triq San Bażilju, Valletta, il-Parroċċa għall-pjazza. Tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Istatwa artistika ta' Santa Marija
b'innijiet Marjani. Wara. il-Banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** II-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M flimkien mas-Soprana Francesca Farrugia isellem lill-Istatwa bl-Ave Marija.

**8.45pm** Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M.. tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi ex-Surmast Chev. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo SJ. Ikantaw it-Tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Piju Dalli, fIimkien mal-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara mmexxi Josian Zammit. Wara. bis-sehem ta' I-istess Kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro. Leonard Farrugia. L-istess Banda tkompli bil-Program Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq tal-Ave Maria.

**10.30pm** Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-Knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà, il-Banda Re Ġorġ V, tagħlaq il-Festa b'marċ qasir li jintemm quddiem il-Każin.

## Festa ta' Santa Marija – 2009

# Rendikont Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja

### Dħul

| | |
|---|---|
| Ġbir bl-*envelopes* fid-djar | **€ 3,864.20** |
| Ġbir fil-knisja | **906.00** |
| Kaxxa quddiem l-istatwa | **117.00** |
| Total | **€ 4,887.20** |

### Ħruġ

| | |
|---|---|
| Żbilanċ mis-sena 2008 | **€ 1,513.29** |
| Ċelebranti u trasport | **475.00** |
| Orkestra, u vuċijiet | **1,995.00** |
| Daqq ta' qniepen | **140.00** |
| Dawl fil-faċċata, koppla u kampnar | **2,243.16** |
| Servizzi ta' kappi u kurċifiss | **150.00** |
| Fjuri u *envelopes* | **120.00** |
| **Total** | **€ 6,636.45** |
| **Żbilanċ għas-sena 2009** | **€ 1,749.25** |



Dehra tal-Pjazza tal-Imqabba qabel it-Tieni Gwerra Dinjija.



# E&L Enterprises

• **Blasting** • **Galvanizing**

• **Industrial Spray Painting Services**

**tel:** 2180 9777 **mobile:** 7945 2724

Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
Palazz Santa Marija, Pjazza tal-Knisja, Mqabba
www.santamarija.com

**Les Etoiles d'Or du Jumelage - 1998 • Rebbieħa tal-Ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta - 2006**
**Rebbieħa Assoluti tal-Kampjonat Mondjali tan-Nar Caput Lucis, Ruma - 2007 • IV Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art - 2010**